SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

18 ta' Settembru 2024*

"Kompetizzjoni – Abbuż minn pożizzjoni dominanti – Suq taċ-ċipep baseband UMTS – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE – Prezzijiet predatorji – Kompetenza tal-awtur tal-att – Drittijiet tad-difiża – Definizzjoni tas-suq rilevanti – Pożizzjoni dominanti – Abbuż – Rikostruzzjoni tal-prezzijiet – Determinazzjoni tal-ispejjeż ta' riferiment – Analiżi prezzijiet-spejjeż – Assenza ta' rekwiżit li tintwera l-eżistenza ta' effetti konkreti – Intenzjoni ta' esklużjoni ta' kompetitur – Ġustifikazzjoni oġġettiva – Kalkolu tal-ammont tal-multa – Linji gwida għall-kalkolu tal-ammont tal-multi tal-2006 – Valur tal-bejgħ – Ammont addizzjonali – Ġurisdizzjoni sħiħa"

Fil-Kawża T-671/19,

Qualcomm, Inc., stabbilita f'San Diego, California (l-Istati Uniti), irrappreżentata minn M. Davilla, M. Pinto de Lemos Fermiano Rato, M. English u A. Kontosakou, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. van Vliet, G. Conte, M. Farley u C. Urraca Caviedes, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Nvidia Corp., irrappreżentata minn M. Dolmans, avukat, P. Stuart, barrister-at-law u W. Lin, solicitor,

intervenjenti,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża),

komposta minn D. Spielmann, President tal-Awla, V. Valančius, R. Mastroianni (Relatur), I. Gâlea u T. Tóth, Imħallfin,

Reġistratur: M. Zwozdziak-Carbonne, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara s-seduta tat-13 sal-15 ta' Marzu 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Qualcomm Inc., titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5361 final tat-18 ta' Lulju 2019 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39711 – Qualcomm (predazzjoni [prezzijiet predatorji]) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata") jew, fin-nuqqas ta' dan, it-tneħħija jew it-tnaqqis tal-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqha fl-imsemmija deċiżjoni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

Il-kuntest tal-kawża

2 Qualcomm hija kumpannija Amerikana maħluqa fl-1985, li topera fil-qasam tat-teknoloġija ċellulari u mingħajr fili. Hija teżerċita l-attivitajiet tagħha prinċipalment permezz ta' Qualcomm CDMA Technologies (iktar 'il quddiem "QCT") u ta' Qualcomm Technology Licensing. QCT hija żviluppatur u fornitur, b'mod partikolari, ta' ċipep baseband, ta' tip ta' semikonduttur u ta' softwer tas-sistema bbażata fuq aċċess multiplu permezz ta' distribuzzjoni bil-kodiċi [Code Division Multiple Access] (CDMA), aċċess multiplu permezz tad-distribuzzjoni ortogonali tal-frekwenza [Orthogonal Frequency-Division Multiple Access] (OFDMA) u teknoloġiji oħra użati prinċipalment għall-komunikazzjonijiet tal-vuċi u tad-data. Iċ-ċipep ta' Qualcomm jinbiegħu (u s-software tas-sistema tagħha jingħata b'liċenzja) lil impriżi li jużawhom f'telefons ċellulari, tablets, laptops, moduli tad-data u prodotti elettroniċi tal-konsumatur oħra. Qualcomm Technology Licensing tamministra l-programm ta' liċenzjar tal-proprjetà intellettwali ta' Qualcomm, prinċipalment billi tagħti liċenzji lill-fornituri ta' apparat mobbli.

3 Apparat mobbli bħal telefons ċellulari, tablets u apparat konness ieħor li jeħtieġ konnettività mobbli mal-internet b'rati għolja permezz ta' networks tat-telekomunikazzjonijiet ċellulari mobbli.

4 Il-komponent essenzjali li jipprovdi konnettività mobbli f'apparat huwa l-proċessur baseband li jiżgura l-funzjonalità tal-ipproċessar tas-sinjali skont il-protokolli ta' komunikazzjoni deskritti mill-istandards ċellulari. Il-proċessuri baseband jistgħu jiġu integrati direttament fl-apparat mobbli, bħal smartphones, jew f'moduli esterni li min-naħa tagħhom jiġu integrati f'apparat. Tali proċessur huwa magħmul minn materjal semikonduttur (bħas-silikonu) u ppakkjat f'ċippa msejħa "ċippa baseband".

5 Minbarra l-proċessur baseband, ċerti tipi ta' apparat mobbli jeħtieġu proċessur tal-applikazzjoni, użat għall-ġestjoni tas-sistema operattiva u tal-applikazzjonijiet bħall-messaġġi, in-navigazzjoni fuq l-internet, l-immaġni u l-logħob. Dan il-proċessur tal-applikazzjoni jista' jiġi pprovdut bħala prodott awtonomu, ippakkjat f'ċippa separata, jew jiġi integrat mal-proċessur baseband fi ħdan l-istess ċippa. B'hekk, iċ-ċipep baseband jistgħu jinqasmu fi:

– ċipep baseband awtonomi (imsejħa wkoll "ċipep baseband slim" jew "modems slim"), meta ma jkun inkluż l-ebda proċessur tal-applikazzjoni;

– ċipep baseband integrati, meta ċ-ċipep baseband jiġu integrati mal-proċessur tal-applikazzjoni.

6 Indipendentement mill-preżenza ta' proċessur tal-applikazzjoni, proċessur baseband huwa ġeneralment ikkombinat ma' żewġ elementi addizzjonali sabiex jikkompleta l-funzjonalità tiegħu, jiġifieri ċ-ċirkwit integrat ta' komunikazzjoni bir-radju, imsejjaħ ukoll "trażmettituri-riċevituri RF", u ċ-ċirkwit integrat tal-ġestjoni tal-enerġija. Dawn it-tliet elementi (proċessur baseband, trażmettituri-riċevituri RF u ċ-ċirkwit integrat tal-ġestjoni tal-enerġija) huma neċessarji għall-konnettività mobbli u ġeneralment jinxtraw mingħand l-istess fornitur, jew flimkien jew separatament.

7 Iċ-ċipep baseband ġeneralment jinbiegħu lil fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali, li jinkorporawhom f'apparat li juża konnettività mobbli, bħal Apple, HTC Corporation, Huawei Technologies Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Huawei"), LG Corp., Nokia Corporation, Samsung Group (iktar 'il quddiem "Samsung") u ZTE Corporation.

8 Mill-2009 sal-2011, l-apparat mobbli li jinkorporaw ċipep baseband setgħu jinġabru f'żewġ kategoriji kbar. Minn naħa, it-telefons ċellulari (ta' tipi differenti, li jvarjaw minn dawk li jipprovdu biss funzjonalitajiet bażiċi, bħas-servizzi tal-vuċi, sa smartphones) u, min-naħa l-oħra, l-apparat MBB, jiġifieri l-apparat li jipprovdi konnettività differenti minn dik tat-telefons ċellulari, ġeneralment mingħajr servizzi bil-vuċi (pereżempju tablets, kards tad-data bħal USB stick b'aċċess ċellulari, routers bla fili li jaħdmu fuq MiFI jew laptops).

9 Diversi apparat MBB, bħall-kards tad-data, kellhom it-tendenza li jużaw prinċipalment modems slim, peress li dawn ma kienu jeħtieġu ebda funzjonalità ta' pproċessar, iżda biss konnettività, u s-suq tal-imsemmi apparat, b'mod partikolari dak tal-apparat kompatibbli mal-istandards ta' komunikazzjoni tat-tielet ġenerazzjoni (3G) ibbażati fuq it-teknoloġija "Universal Mobile Telecommunications System" (UMTS), kien kunsiderevolment iżgħar minn dak tat-telefons ċellulari.

10 Kif ġie indikat fil-punt 4 iktar 'il fuq, sabiex tiġi pprovduta konnettività, ċippa broadband għandha tuża wieħed mill-istandards ta' komunikazzjoni. Oriġinarjament, l-istandards ta' komunikazzjoni tal-ewwel ġenerazzjoni (1G), jiġifieri l-istandards ta' komunikazzjoni analogi, u l-istandards ta' komunikazzjoni tat-tieni ġenerazzjoni (2G) li ssostitwixxewhom, jiġifieri l-istandards ta' komunikazzjoni diġitali, kienu jipprovdu biss komunikazzjonijiet bil-vuċi. Sussegwentement, l-istandard żviluppat għall-istandards ta' komunikazzjoni 2G, jiġifieri l-"Global System for Mobile Communication" (GSM) ġie estiż sabiex ikopri l-għola rati u t-trasport ta' data skont il-metodu "pakkett", permezz tal-estensjonijiet "General Packet Radio Services" (GPRS) u "Enhanced Data rates for GSM Evolution" (EDGE).

11 L-istandards ta' komunikazzjoni 3G, ibbażati fuq it-teknoloġija UMTS, jiġifieri teknoloġija ta' komunikazzjoni mingħajr fili u mobbli, kienu jippermettu fil-bidu tal-eżistenza tagħhom (madwar is-sena 2000) li jipproċessaw rati ta' data sa 0.348 Megabits kull sekonda (Mbps), li ma kienx biżżejjed sabiex jippermetti l-funzjonament tal-applikazzjonijiet tipikament b'rati għolja, bħan-navigazzjoni kompleta fuq l-internet u x-xandir vidjo streaming. Żviluppi ulterjuri saħħew il-kapaċità ta' trażmissjoni tad-data tal-imsemmija standards ta' komunikazzjoni. It-teknoloġija "High Speed Packet Access" (HSPA) ippermettiet l-ipproċessar ta' rati ta' data sa 14 Mbps, sussegwentement it-teknoloġija "Evolved High Speed Packet Access" (HSPA +) ippermettiet l-ipproċessar ta' rati ta' data sa 28 Mbps u saħansitra 42 Mbps.

12 Bħala prinċipju, iċ-ċipep li jiġġestixxu t-teknoloġija UMTS (iktar 'il quddiem iċ-"ċipep UMTS") kienu jsostnu wkoll l-istandard estiż GSM/EDGE, inizjalment ottimizzat għat-telefonija bil-vuċi. Ir-raġuni għal dan hija li l-imsemmi standard estiż kien dejjem indispensabbli għat-telefons ċellulari, għaliex għall-parti l-kbira tal-operaturi ta' network mobbli, il-GSM kien għad għandu rwol importanti fil-qasam tal-kopertura u tal-kapaċità. Fil-fatt, dan l-istandard estiż seta' jkun utli għall-apparat MBB, minkejja li ma jistax jipprovdi konnettività broadband. Fil-fatt, bis-saħħa tal-mezz ta' konnettività bażika tiegħu, il-GSM kien jippermetti li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz fil-każ ta' lakuni fil-kopertura tan-network li juża t-teknoloġija UMTS.

13 Mill-aħħar tas-sena 2008, tfaċċat it-teknoloġija "Long Term Evolution" (LTE). L-ewwel ċipep li kienu jiġġestixxuha kienu esklużivament kompatibbli ma' din it-teknoloġija, u dan kien jipprekludi l-użu prattiku tagħhom minħabba li n-numru ta' networks li jużaw l-imsemmija teknoloġija kien limitat. Progressivament, il-fornituri l-kbar taċ-ċipep baseband żviluppaw ċipep li jiġġestixxu kemm it-teknoloġiji UMTS kif ukoll it-teknoloġiji LTE, fejn l-ewwel ċipep kienu kummerċjalment disponibbli fl-2011 jew fl-2012. It-teknoloġiji UMTS u LTE ġew żviluppati b'mod parallel biex itejbu l-prestazzjoni u l-interoperabbiltà.

Il-proċedura amministrattiva

14 Fit-30 ta' Ġunju 2009, Icera Inc. ressqet ilment kontra Qualcomm quddiem il-Kummissjoni Ewropea, li hija sussegwentement issostitwixxiet bil-verżjoni riveduta u aġġornata tat-8 ta' April 2010 (iktar 'il quddiem l-"ilment"), li abbażi tiegħu l-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni tagħha.

15 Fl-2012, l-intervenjenti, Nvidia Corp., li kienet xtrat lil Icera f'Mejju 2011, ipprovdiet informazzjoni addizzjonali, li ġiet inkluża fl-ilment u li tat lok għal allegazzjonijiet ta' prezzijiet predatorji kontra Qualcomm.

16 Bejn Ġunju 2010 u Lulju 2015, il-Kummissjoni bagħtet diversi talbiet għal informazzjoni lil Qualcomm, lil Icera jew lil Nvidia u lil atturi oħra fis-settur taċ-ċipep baseband. B'mod partikolari, hija bagħtet lil Qualcomm, l-ewwel nett, talba għal informazzjoni tas-7 ta' Ġunju 2010, adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), it-tieni nett, talba għal informazzjoni tat-3 ta' Novembru 2011, adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tal-imsemmi regolament, it-tielet nett, talba għal informazzjoni tal-10 ta' Lulju 2013, adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) ta' dan l-istess regolament, ir-raba' nett, talba għal informazzjoni tat-13 ta' Frar 2014, adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) u (2) tal-istess regolament, il-ħames nett, talba għal informazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2014, adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 18(3) tal-istess regolament u, fl-aħħar nett, talba mehmuża għal

informazzjoni tal-14 ta' Jannar 2015, peress li din wkoll ġiet adottata fil-Każ AT.40220 – Qualcomm (Pagamenti ta' Esklużività). Id-deċiżjoni finali f'dak il-każ kienet is-suġġett ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm — Pagamenti ta' Esklużività), T-235/18, EU:T:2022:358).

17 Fis-16 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni fetħet, abbażi tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-[Artikoli 101 u 102] TFUE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3 p. 81), proċedura kontra Qualcomm fil-Każ AT.39711 – Qualcomm (predazzjoni [prezzijiet predatorji]). Dik il-proċedura kienet tikkonċerna allegat abbuż minn Qualcomm tal-pożizzjoni dominanti tagħha fil-forma ta' prezzijiet predatorji fis-suq taċ-ċipep UMTS.

18 Fit-8 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni adottat, abbażi tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 773/2004, dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lil Qualcomm (iktar 'il quddiem id-"DO").

19 Bejn Diċembru 2015 u Lulju 2016, Qualcomm kisbet aċċess għall-fajl.

20 B'mod partikolari, permezz ta' ittra tat-18 ta' April 2016, Qualcomm talbet lill-uffiċjal tas-seduta, konformement mal-Artikolu 3(7) u mal-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea 2011/695/UE tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' riferiment tal-uffiċjal tas-seduta f'ċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU 2011, L 275, p. 29), aċċess addizzjonali għal ċerti elementi tal-fajl. Wara eżami mill-ġdid imwettaq mill-uffiċjal tas-seduta, Qualcomm ingħatat verżjonijiet iktar kompleti tal-fajl.

21 Fil-15 ta' Awwissu 2016, Qualcomm bagħtet it-tweġiba tagħha għad-DO (iktar 'il quddiem it-"tweġiba għad-DO"), li fiha ċaħdet il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni.

22 Fl-10 ta' Novembru 2016, inżamm smigħ fuq applikazzjoni ta' Qualcomm.

23 Wara dan is-smigħ, il-Kummissjoni ħadet passi investigattivi oħra u bagħtet, bejn l-2017 u l-2019, talbiet ġodda għal informazzjoni kemm lil Qualcomm kif ukoll lil atturi oħra fis-settur taċ-ċipep baseband.

24 B'mod partikolari, fit-30 ta' Jannar 2017, il-Kummissjoni bagħtet lil Qualcomm talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, li għaliha ma ngħatat l-ebda tweġiba mir-rikorrenti. Fil-31 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Qualcomm talba għal informazzjoni permezz ta' deċiżjoni abbażi tal-Artikolu 18(3) tal-imsemmi regolament.

25 Fit-13 ta' Ġunju 2017, Qualcomm ippreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2017. Hija ressqet ukoll talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE, intiża, prinċipalment, għas-sospensjoni tal-imsemmija deċiżjoni jew, sussidjarjament, għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji f'dan ir-rigward. Permezz ta' digriet tat-12 ta' Lulju 2017, Qualcomm u Qualcomm Europe (T-371/17 R, mhux ippubblikat, EU:T:2017:485), il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal sospensjoni u, permezz ta' sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232), il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. L-appell ta' Qualcomm intiż għall-annullament ta' dik is-sentenza ġie miċħud fl-intier tiegħu mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 2021, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (C-466/19 P, EU:C:2021:76).

26 Fl-10 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni bagħtet, abbażi tal-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003, talba ġdida għal informazzjoni lil Qualcomm.

27 Fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni adottat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali (iktar 'il quddiem id-"DOA") indirizzata lil Qualcomm, li fiha ġie allegat terminu iktar limitat ta' predazzjoni u li fiha ntuża metodu rivedut sabiex twettaq paragun tal-prezzijiet u tal-ispejjeż ta' Qualcomm relatati mal-bejgħ allegatament predatorju kkonċernat.

28 Bejn il-31 ta' Lulju u t-28 ta' Settembru 2018, Qualcomm kisbet l-aċċess għad-dokumenti inklużi fil-fajl tal-Kummissjoni wara l-adozzjoni tad-DO tat-8 ta' Diċembru 2015.

29 Fit-22 ta' Ottubru 2018, Qualcomm bagħtet tweġiba għad-DOA (iktar 'il quddiem it-"tweġiba għad-DOA"), li fiha kkontestat il-konklużjonijiet preliminari tal-Kummissjoni esposti fid-DO u kkompletati mid-DOA.

30 Fl-10 ta' Jannar 2019, inżamm smigħ ieħor fuq applikazzjoni ta' Qualcomm.

31 Fil-5 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni indirizzat lill-Qualcomm talba għal informazzjoni abbażi tal-Artikolu 18(1) u (2) tar-Regolament Nru 1/2003.

32 Fit-22 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni bagħtet lil Qualcomm ittra ta' espożizzjoni tal-fatti (iktar 'il quddiem l-"IeF"), li l-għan tagħha kien, skont il-Kummissjoni, l-ewwel nett, li Qualcomm tirċievi kjarifiki dwar ċerti elementi esposti fid-DOA, li din tal-aħħar kienet ikkontestat fit-tweġiba għad-DOA, it-tieni nett, li Qualcomm tiġi informata bi provi li kienu diġà jeżistu li ma kinux ġew espressament invokati fid-DO u fid-DOA, iżda li, wara analiżi addizzjonali tal-fajl, setgħu kienu rilevanti sabiex jissostanzjaw il-konklużjonijiet preliminari tad-DO, kif ikkompletati mid-DOA, u, it-tielet nett, li Qualcomm tiġi informata b'ċerti aġġornamenti limitati tal-analiżi prezzijiet-spejjeż magħmula fid-DOA. Mal-IeF kien hemm annessi dokumenti oħra li ma kinux ġew preċedentement ipprovduti lil Qualcomm.

33 Fl-24 ta' Marzu u fil-25 ta' April 2019, Qualcomm ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-IeF.

34 Fit-18 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kkontestata.

Il-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata

Il-prodotti konċernati

35 Wara li rrifjutat l-oġġezzjonijiet ta' Qualcomm dwar l-allegati irregolaritajiet proċedurali li jaffettwaw il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni pprovdiet deskrizzjoni dettaljata tal-kuntest li fih kienu joperaw Qualcomm u l-kompetituri tagħha, inkluża Icera, fil-qasam tat-teknoloġija u tal-proprjetà intellettwali. B'mod partikolari, hija indikat li l-prodotti kkonċernati mill-investigazzjoni tagħha kienu ċipep UMTS, jiġifieri ċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A ta' Qualcomm, li kienu, fiż-żmien tal-allegat ksur, f'kompetizzjoni maċ-ċipep UMTS ta' Icera, b'mod partikolari maċ-ċipep ICE8040, ICE8042 u ICE8060.

36 Skont il-Kummissjoni, dawn il-prodotti kollha kienu jikkostitwixxu ċipep baseband awtonomi li jsostnu l-konnettività tad-data b'veloċità ta' konnessjoni li tvarja l-isfel minn 7.2/14.4 Mbps sa 28 Mbps bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Ġunju 2011 (iktar 'il quddiem il-"perijodu rilevanti").

B'mod partikolari, iċ-ċippa MDM8200 kienet l-ewwel ċippa baseband awtonoma ta' Qualcomm intiża għall-apparat MBB u li tiġġestixxi t-teknoloġija HSPA +, b'veloċitajiet ta' konnessjoni li jvarjaw l-isfel sa 28 Mbps. Din ġiet ikkummerċjalizzata għall-ewwel darba f'Mejju 2009 u waslet fi tmiem il-ħajja kummerċjali tagħha fit-30 ta' Marzu 2011. Sadanittant, din ġiet progressivament issostitwita, mill-2010, biċ-ċippa MDM8200A, bil-verżjoni mtejba tagħha, li setgħet ukoll issostni, wara l-implimentazzjoni ta' bidliet żgħar, il-funzjonalità vokali. Bħaċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A, iċ-ċippa MDM6200 kienet prinċipalment intiża għal applikazzjonijiet ta' traffiku ta' data. Din kienet issostni mingħajr bżonn ta' modifiki t-teknoloġija HSPA +, b'veloċità ta' konnessjoni li tvarja 'lisfel sa 14.4 Mbps, kif ukoll il-funzjonalità vokali. Ipprovduta fi kwantitajiet limitati b'effett mit-tieni trimestru tal-2010, hija nbiegħet fi kwantitajiet ikbar b'effett mill-2011 u baqgħet tiġi kkummerċjalizzata minn tal-inqas sal-aħħar tas-sena 2017.

37 Iċ-ċippa Icera ICE8040, jew Espresso-300, kienet ukoll ċippa baseband awtonoma, maħruġa f'Ottubru 2008. Din setgħet, għall-ewwel, issostni veloċità massima ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel ta' 10 Mbps u, minħabba l-karatteristiċi tagħha, din setgħet faċilment tibbenefika minn titjib u minn moderazzjonijiet permezz ta' softwer, b'mod partikolari sabiex iġġib b'mod progressiv il-veloċità tagħha ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel sa 21 Mbps. Iċ-ċippa ICE8042, jew Espresso-302, kienet varjant imtejjeb taċ-ċippa ICE8040, maħruġa kummerċjalment f'Diċembru 2009 b'veloċità ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel sa 14.4 Mbps, li żdiedet f'Marzu 2010 biex tilħaq 21 Mbps bis-saħħa ta' aġġornamenti permezz ta' softwer. Icera kienet tbigħ verżjoni ddeklassifikata ta' din iċ-ċippa, jiġifieri ċ-ċippa Espresso-302-1, li setgħet tipprovdi biss veloċità ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel sa massimu ta' 7.2 Mbps, lil ZTE. Fl-aħħar nett, iċ-ċippa ICE8060, jew Espresso-400, imħabbra f'Ottubru 2010, kienet tibbenefika mill-arkitettura modem iddefinita mis-softwer ta' Icera u minn veloċità ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel li setgħet tilħaq 28 Mbps. Kienet offruta wkoll verżjoni ddeklassifikata ta' din iċ-ċippa, jiġifieri ċ-ċippa E-400-1, li kienet tilħaq veloċità massima ta' konnessjoni li tvarja 'l isfel ta' 7.2 Mbps.

Is-suq rilevanti

38 Il-Kummissjoni ddefinixxiet is-suq rilevanti għall-prodotti kkonċernati bħala li huwa s-suq "liberu" taċ-ċipep baseband awtonomi u integrati, kompatibbli mat-teknoloġija UMTS (iktar 'il quddiem is-"suq taċ-ċipep UMTS"). Hija waslet għal din il-konklużjoni billi ħadet inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, kemm is-sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra kif ukoll l-assenza ta' restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati mill-manifatturi taċ-ċipep baseband vertikalment integrati. Minn perspettiva ġeografika, dan is-suq ġie ddefinit bħala ta' daqs dinji.

Il-pożizzjoni dominanti

39 Il-Kummissjoni kkonstatat, abbażi tal-elementi segwenti, li Qualcomm kellha pożizzjoni dominanti fis-suq taċ-ċipep UMTS fuq livell dinji, u dan minn tal-inqas bejn l-1 ta' Jannar 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011.

40 L-ewwel nett, Qualcomm kellha, matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011, sehem mis-suq ta' madwar 60 % fis-suq rilevanti.

41 It-tieni nett, fis-suq rilevanti kienu jeżistu diversi ostakoli għad-dħul u għall-espansjoni, bħall-ħtieġa li jiġu implimentati investimenti inizjali kunsiderevoli fil-qasam tar-riċerka u tal-iżvilupp (R&Ż) għat-tfassil ta' ċipep UMTS, kif ukoll diversi ostakoli marbuta mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' Qualcomm, fosthom in-network ta' retroċessjoni tagħha.

42 It-tielet nett, is-saħħa kummerċjali tal-klijenti, xerrejja taċ-ċipep ta' Qualcomm, ma setgħetx taffettwa l-pożizzjoni dominanti ta' din tal-aħħar matul il-perijodu rilevanti.

L-abbuż minn pożizzjoni dominanti

43 Il-Kummissjoni qieset li Qualcomm kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi pprovdiet, matul il-perijodu rilevanti, ċerti kwantitajiet ta' tlieta miċ-ċipep UMTS tagħha, jiġifieri ċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A, lil tnejn mill-klijenti prinċipali tagħha, jiġifieri Huawei u ZTE, bi prezzijiet inqas mill-ispejjeż tagħha, bl-għan li telimina lil Icera, il-kompetitriċi prinċipali tagħha f'dak iż-żmien fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS.

44 Skont il-Kummissjoni, billi tillimita t-tkabbir ta' Icera fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, li kien, dak iż-żmien, kompost kważi esklużivament minn ċipep użati fl-apparat MBB b'rati għolja, Qualcomm kellha l-intenzjoni li tipprekludi lil din l-impriża, żgħira u finanzjarjament limitata, milli tilħaq ir-reputazzjoni u d-daqs neċessarju sabiex tikkontesta l-pożizzjoni dominanti tagħha f'dan is-suq, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-potenzjal ta' tkabbir mistenni tal-imsemmi segment minħabba t-tixrid globali dejjem jikber tal-apparat mobbli msejjaħ "smart". Il-Kummissjoni qieset li Qualcomm għalhekk kellha l-intenzjoni li ċċaħħad lill-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali fuq dan is-segment minn sors alternattiv ta' ċipep għat-telefons ċellulari tagħhom, u b'dan il-mod li tnaqqas l-għażla għall-konsumaturi.

45 Bħala elementi prinċipali tal-konklużjonijiet tagħha l-Kummissjoni identifikat il-fatturi li ġejjin.

46 Il-prattiki tariffarji ta' Qualcomm seħħew f'kuntest fejn Icera kienet qiegħda ssaħħaħ il-preżenza tagħha fis-suq taċ-ċipep UMTS bħala fornitriċi vijabbli ta' ċipep UMTS, u dan kien jirrappreżenta theddida dejjem ikbar għall-attività ta' Qualcomm. Sabiex tiżgura li l-attività ta' Icera ma tilħaqx daqs kritiku li jhedded il-pożizzjoni tagħha f'dan is-suq, Qualcomm ħadet miżuri preventivi fil-forma tal-għoti ta' konċessjonijiet tariffarji mmirati lil tnejn mill-klijenti tagħha ta' importanza strateġika, jiġifieri Huawei u ZTE. Fil-fatt, hija kkunsidrat li l-prospetti ta' żvilupp ta' Icera kienu jiddependu mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li tistabbilixxi relazzjonijiet kummerċjali ma' dawn iż-żewġ impriżi. L-azzjonijiet preventivi ta' Qualcomm kienu bbażati fuq strateġija "b'diversi ċipep" li kienet tinvolvi t-tliet ċipep tagħha f'kompetizzjoni maċ-ċipep l-iktar avvanzati ta' Icera u kienet intiża, b'mod partikolari, sabiex tipproteġi l-pożizzjoni tagħha fis-suq fis-settur b'rati għolja taċ-ċipep intiżi għat-telefons ċellulari, suq li fih Icera kienet qiegħda tippjana li tidħol wara li tiżgura l-preżenza tagħha fis-segment taċ-ċipep intiżi għall-apparat MBB b'rati għolja.

47 Skont il-Kummissjoni, l-analiżi tal-prezzijiet applikati minn Qualcomm fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE u tal-ispejjeż ta' Qualcomm għall-manifattura taċ-ċipep tagħha kienet turi li Qualcomm kienet biegħet ċerti kwantitajiet ta' ċipep bi prezz inferjuri għall-ispejjeż inkrementali medji tagħha fuq żmien twil (iktar 'il quddiem il-"LRAIC") u, fi kwalunkwe każ, bi prezz inqas mill-ispejjeż totali medji tagħha (iktar 'il quddiem l-"ATC"), kif ukoll kwantità limitata taċ-ċipep MDM6200 bi prezzijiet inferjuri għall-ispejjeż varjabbli medji tagħha (iktar 'il quddiem l-"AVC").

Ir-riżultati tal-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa kienu kkorroborati minn provi fil-forma ta' dokumenti interni u kontemporanji ta' Qualcomm, li juru l-intenzjoni ta' din tal-aħħar li teskludi lil Icera.

– *L-assenza ta' ġustifikazzjoni*

48 Il-Kummissjoni qieset li Qualcomm ma kinitx iġġustifikat oġġettivament b'mod validu jew iddefendiet b'mod effettiv l-imġiba tagħha.

– *Il-ksur uniku u kontinwu*

49 Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-bejgħ predatorju ta' Qualcomm lil Huawei u lil ZTE kien jikkostitwixxi, ikkunsidrat flimkien, ksur uniku u kontinwu li jestendi għat-tul kollu tal-perijodu rilevanti.

– *Il-kompetenza tal-Kummissjoni*

50 Il-Kummissjoni tikkunsidra li għandha l-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 19, p. 146) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), għall-ksur imwettaq minn Qualcomm, peress li dan twettaq u jista' jkollu effetti sostanzjali, immedjati u prevedibbli fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u peress li dan affettwa b'mod sinjifikattiv il-kummerċ bejn l-Istati Membri u bejn il-partijiet kontraenti għaż-ŻEE.

– *Is-sanzjoni*

51 Minkejja li, fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, il-ksur imwettaq minn Qualcomm kien intemm, il-Kummissjoni xorta waħda ordnat lil din tal-aħħar li tastjeni kemm milli tirrepeti l-aġir deskritt fl-imsemmija deċiżjoni kif ukoll milli twettaq kull att jew aġir li jkollu għan jew effett identiku jew ekwivalenti għal dak ta' dan l-aġir.

52 Il-multa imposta fuq Qualcomm għall-ksur, ikkalkolata mill-Kummissjoni abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C210/2, p. 2) (iktar 'il quddiem il-"Linji gwida tal-2006"), tammonta għal EUR 242 042 000.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

Il-proċedura

53 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

54 Il-Kummissjoni talbet żewġ estensjonijiet tat-terminu għall-preżentata tar-risposta, rispettivament fl-4 ta' Frar u fl-24 ta' Marzu 2020, fid-dawl tat-tul tar-rikors u tan-numru ta' dokumenti annessi. Dawn l-estensjonijiet ingħatawlha.

55 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Marzu 2020, Nvidia talbet li tintervjeni f'din il-proċedura insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. It-talba għal intervent ġiet innotifikata lill-partijiet prinċipali, konformement mal-Artikolu 144(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Il-partijiet prinċipali ma qajmux oġġezzjonijiet fir-rigward tagħha.

56 Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat ir-risposta tagħha fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

57 Fis-6 ta' Lulju 2020, ir-rikorrenti talbet estensjoni tat-terminu għall-preżentata tar-replika, fid-dawl tat-tul tar-risposta u tan-numru ta' dokumenti annessi. Din l-estensjoni ngħatatilha.

58 Fil-5 ta' Ottubru 2020, ir-rikorrenti ppreżentat ir-replika tagħha fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

59 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Ottubru 2020, wara li kisbu diversi estensjonijiet tat-terminu, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni talbu, abbażi tal-Artikolu 144(2) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura, it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' ċerta informazzjoni li tinsab fir-rikors u f'uħud mill-annessi tiegħu. L-imsemmija partijiet ippreżentaw verżjoni komuni mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti.

60 Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni talbet estensjoni tat-terminu għall-preżentata tal-kontroreplika, fid-dawl tat-tul tar-replika u tan-numru ta' dokumenti annessi. Din l-estensjoni ngħatatilha.

61 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni talbet it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' ċerta informazzjoni li tinsab fir-risposta. Fl-istess data, bi qbil mar-rikorrenti, il-Kummissjoni ppreżentat verżjoni komuni mhux kunfidenzjali tar-risposta u tal-annessi tagħha.

62 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2020, ir-rikorrenti talbet it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' ċerta informazzjoni li tinsab kemm fir-risposta u fl-annessi tagħha kif ukoll fid-dokumenti proċedurali kkomunikati lir-Reġistru matul il-perijodu ta' bejn it-30 ta' Ġunju u l-5 ta' Ottubru 2020.

63 Permezz ta' digriet tal-25 ta' Novembru 2020, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (T-671/19, mhux ippubblikat), il-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali ordna li Nvidia tiġi awtorizzata tintervjeni u rriżervat id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

64 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Diċembru 2020 u fit-18 ta' Jannar 2021, Nvidia ressqet eċċezzjonijiet fir-rigward tat-talbiet għal trattament kunfidenzjali li jirrigwardaw ir-rikors, ir-risposta u ċerti annessi.

65 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni talbet it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' ċerta informazzjoni li tinsab fir-replika u fl-Anness C.8 tagħha.

66 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-22 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti talbet it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' ċerta informazzjoni li tinsab kemm fir-replika u fl-annessi tagħha kif ukoll fid-dokumenti proċedurali kkomunikati lir-Reġistru matul il-perijodu ta' bejn il-5 ta' Ottubru u d-9 ta' Diċembru 2020. Fl-istess data, il-partijiet prinċipali ppreżentaw verżjoni komuni mhux kunfidenzjali tar-replika u tal-annessi tagħha.

67 Fil-21 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-kontroreplika fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

68 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Frar 2021, wara li kisbet estensjoni tat-terminu, il-Kummissjoni talbet it-trattament kunfidenzjali, fir-rigward ta' Nvidia, ta' ċerta informazzjoni li tinsab fil-kontroreplika. Fl-istess data, bi qbil mar-rikorrenti, il-Kummissjoni ppreżentat verżjoni komuni mhux kunfidenzjali tal-kontroreplika u tal-anness tagħha.

69 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' Frar 2021, wara li kisbet estensjoni tat-terminu, ir-rikorrenti talbet it-trattament kunfidenzjali fir-rigward ta' Nvidia ta' informazzjoni oħra li tinsab kemm fil-kontroreplika u fl-anness tagħha kif ukoll fid-dokumenti proċedurali kkomunikati lir-Reġistru matul il-perijodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2020 u l-10 ta' Frar 2021.

70 Permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju 2021, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (T-671/19, mhux ippubblikat, EU:T:2021:502), il-President tal-Ħames Awla laqa' t-talbiet għal trattament kunfidenzjali li jirrigwardaw ċerta informazzjoni riprodotta kemm fir-rikors u fl-Annessi A.1 u A.29 tiegħu kif ukoll fir-risposta u ċaħad it-talbiet simili li jirrigwardaw id-dokumenti proċedurali l-oħra. Għaldaqstant, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ngħataw terminu sabiex jikkomunikaw verżjonijiet ġodda mhux kunfidenzjali ta' ċerti annessi tal-proċess. Fis-16 u fis-17 ta' Settembru 2021, wara li kisbu proroga tat-terminu, il-partijiet prinċipali ppreżentaw verżjoni komuni mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti.

71 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Ottubru 2021, Nvidia ppreżentat nota ta' intervent.

72 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni indikat li hija ma kellhiex osservazzjonijiet x'tagħmel fir-rigward tan-nota ta' intervent.

73 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti ppreżentat osservazzjonijiet dwar in-nota ta' intervent.

74 Il-fażi bil-miktub tal-proċedura ngħalqet fid-29 ta' Novembru 2021.

75 Fit-8 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti talbet li tinstema' waqt seduta għas-sottomissjonijiet orali.

76 Fuq proposta tal-Ħames Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat l-kawża quddiem il-Ħames Awla Estiża.

77 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Imħallef Relatriċi ġiet assenjata lill-Ewwel Awla Estiża, li lilha, konsegwentement, ġiet assenjata din il-kawża.

78 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura.

79 Fit-2 ta' Diċembru 2022, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-partijiet prinċipali jwieġbu ċerti mistoqsijiet. Ir-rikorrenti wieġbet dawn il-mistoqsijiet fis-16 ta' Diċembru 2022. Il-Kummissjoni, wara li kisbet estensjoni tat-terminu stabbilit sabiex tippreżenta t-tweġibiet tagħha, wieġbet fis-16 ta' Jannar 2023.

80 Fuq talba tal-partijiet prinċipali, it-terminu stabbilit għat-tressiq tat-talbiet għal trattament kunfidenzjali tat-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali ġie estiż. Fl-aħħar lok, id-data tal-31 ta' Jannar 2023 ġiet stabbilita bħala d-data li fiha kellhom jiġu ppreżentati verżjonijiet komuni mhux kunfidenzjali ta' dawn it-tweġibiet, din id-data ġiet osservata.

81 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Frar 2023, wara li kisbet estensjoni tat-terminu, Nvidia qajmet eċċezzjonijiet fir-rigward ta' dawn it-talbiet għal trattament kunfidenzjali li jirrigwardaw it-tweġibiet tal-partijiet prinċipali għal-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali.

82 Rapport għas-seduta ġie kkomunikat lill-partijiet u kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet dwar dan id-dokument fis-27 ta' Jannar 2023 u fis-16 ta' Frar 2023 rispettivament. Il-Qorti Ġenerali ħadet nota ta' dawn l-osservazzjonijiet.

83 Permezz ta' digriet tat-8 ta' Marzu 2023, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (T-671/19, mhux ippubblikat, EU:T:2023:125), il-President tal-Ewwel Awla Estiża laqa' wħud mit-talbiet għal trattament kunfidenzjali li jirrigwardaw informazzjoni riprodotta fit-tweġibiet tal-partijiet prinċipali għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali u ċaħad oħrajn. Għaldaqstant, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni ngħataw terminu sabiex jikkomunikaw verżjonijiet ġodda mhux kunfidenzjali tal-imsemmija tweġibiet. Fl-10 ta' Marzu 2023, il-partijiet prinċipali ppreżentaw verżjoni komuni mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti.

84 Minħabba impediment ta' Membru tal-Ewwel Awla Estiża, il-President tal-imsemmija Awla ħatar imħallef ieħor sabiex jikkompleta din l-Awla.

85 Il-proċedura orali ngħalqet wara s-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 Peress li Membru tal-Awla ma setax jattendi għad-deliberazzjoni wara li l-mandat tiegħu skada fis-27 ta' Settembru 2023, id-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tkomplew mit-tliet Imħallfin li ffirmaw din is-sentenza, konformement mal-Artikolu 22 u mal-Artikolu 24(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

It-talbiet tal-partijiet

86 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata;

– "tannulla jew, sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment l-ammont tal-multa imposta";

– tordna miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżuri istruttorji intiżi sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tikkonferma li l-istanzi fejn informazzjoni tħalliet barra, li jinsabu f'ċerti dokumenti tal-fajl huma tabilħaqq ibbażati fuq pretensjonijiet solidi ta' sigriet professjonali u li tinforma b'dan lil Qualcomm jew li tikseb l-imsemmija dokumenti sabiex teżamina l-validità tat-talbiet tal-intervenjenti;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

87 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lil Qualcomm għall-ispejjeż.

88 Nvidia titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lil Qualcomm għall-ispejjeż.

Id-dritt

89 Preliminarjament, hekk kif ġie indikat fil-punti 59, 61 u 62 iktar 'il fuq, il-partijiet prinċipali talbu l-ommissjoni fil-konfront ta' Nvidia u, konsegwentement, fil-konfront tal-pubbliku, ta' ċerta informazzjoni li tinsab fin-noti tagħhom u f'dokumenti proċedurali oħra. Nvidia ressqet eċċezzjonijiet fir-rigward tat-talbiet għal trattament kunfidenzjali ta' ċerta informazzjoni. Permezz ta' digrieti tat-22 ta' Lulju 2021, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (T-671/19, mhux ippubblikat, EU:T:2021:502), u tat-8 ta' Marzu 2023, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (T-671/19, mhux ippubblikat, EU:T:2023:125), il-presidenti, rispettivament, tal-Ħames u tal-Ewwel Awla Estiża laqgħu wħud mit-talbiet għal trattament kunfidenzjali u ċaħdu oħrajn.

90 Meta parti tressaq talba skont l-Artikolu 144(2) tar-Regoli tal-Proċedura, huwa, bħala prinċipju, il-President għandu jiddeċiedi biss fuq id-dokumenti u fuq l-informazzjoni li l-kunfidenzjalità tagħhom hija kkontestata (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet tas-26 ta' Jannar 2018, FV vs Il-Kunsill, T-750/16, mhux ippubblikat, EU:T:2018:59, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Madankollu, minkejja l-assenza ta' kontestazzjoni, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi prekluża milli tiċħad talbiet għal trattament kunfidenzjali sa fejn dawn jirrigwardaw data li n-natura pubblika tagħha tirriżulta manifestament mill-elementi tal-proċess jew li n-natura kunfidenzjali tagħha ssir, minħabba l-iżvelar ta' elementi oħra tal-proċess, manifestament obsoleta (digriet tal-15 ta' Settembru 2016, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-827/14, mhux ippubblikat, EU:T:2016:545, punt 46). Għalhekk, f'ċerti ċirkustanzi, hija tista' tiddeċiedi li tagħti deċiżjoni dwar l-aspetti mhux ikkontestati ta' talba għal trattament kunfidenzjali (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-11 ta' April 2019, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni, T-612/17, mhux ippubblikat, EU:T:2019:250, punt 16).

92 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, informazzjoni li kienet kunfidenzjali, iżda li hija ta' ħames snin jew iktar għandha, għal din ir-raġuni, titqies bħala storika u tiġi kkomunikata lill-partijiet l-oħra, sakemm, b'mod eċċezzjonali, il-parti li titlob iż-żamma tal-kunfidenzjalità tagħha ma turix li, minkejja l-età tagħha, din l-informazzjoni għadha tikkostitwixxi sigrieti essenzjali, b'mod partikolari industrijali jew kummerċjali, li l-iżvelar tagħhom jikkawżalha preġudizzju jew jippreġudika lit-terz ikkonċernat (ara d-digriet tal-11 ta' April 2019, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni, T-612/17, mhux ippubblikat, EU:T:2019:250, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

93 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura, għandha tirrikonċilja l-prinċipju ta' pubbliċità tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u mad-dritt għall-protezzjoni tas-sigriet professjonali, billi tieħu inkunsiderazzjoni wkoll id-dritt tal-pubbliku li jkollu aċċess

konformament mal-prinċipji elenkati fl-Artikolu 15 TFUE, għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, Broughton vs Eurojust, T-87/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:464, punt 49).

94 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma tirredattax, fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tas-sentenza, ċerta informazzjoni msemmija fit-talbiet tal-partijiet prinċipali li l-kunfidenzjalità tagħha ma ġietx ikkontestata minn Nvidia. Fil-fatt, parti minn din id-data setgħet tiġi dedotta mill-kontenut ta' partijiet oħra ta' din is-sentenza u għalhekk taqa' taħt id-dominju pubbliku. Ċerta data hija data storika li ż-żamma tan-natura kunfidenzjali tagħha għal iktar minn deċennju iktar tard ma hijiex iġġustifikata b'mod xieraq. Fl-aħħar nett, ċerta data oħra tipprovdi preċiżazzjonijiet fattwali dwar l-aġir li kien is-suġġett tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni. Jekk din id-data jkollha tiġi redatta dan jaffettwa l-abbiltà tal-pubbliku li jifhem is-sentenza tal-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2022, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, T-799/17, EU:T:2022:48, punt 82).

95 Insostenn tat-talba għal annullament tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħmistax-il motiv.

– l-ewwel motiv, ibbażat fuq irregolaritajiet proċedurali;

– it-tieni motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-suq rilevanti u l-pożizzjoni dominanti tagħha matul il-perijodu rilevanti;

– it-tielet motiv, ibbażat fuq "żball ta' liġi li jirriżulta min-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni legali t-tajba";

– ir-raba' motiv, ibbażat fuq in-"natura illoġika u mhux sostnuta minn provi tat-'teorija tal-predazzjoni'";

– il-ħames motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda r-rikostruzzjoni tal-prezzijiet hekk imsejħa "effettivament imħallsa";

– is-sitt motiv, ibbażat fuq l-"allokazzjoni żbaljata tal-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti";

– is-seba' motiv, ibbażat fuq l-"assenza ta' riferiment xieraq fil-qasam tal-ispejjeż ta' riferiment";

– it-tmien motiv, ibbażat fuq in-"natura manifestament żbaljata tal-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa";

– id-disa' motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni li tgħid li l-prezzijiet li hija pprattikat eskludew lil Icera u kkawżaw dannu lill-konsumaturi;

– l-għaxar motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, fuq nuqqas ta' motivazzjoni kif ukoll fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tar-rikorrenti kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera;

– il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-ġustifikazzjoni oġġettiva li hija ressqet;

– it-tnax-il motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti;

– It-tlettax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", fuq assenza ta' bażi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda t-tul tal-ksur;

– l-erbatax-il motiv, ibbażat fuq in-natura "manifestament żbaljata" tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-impożizzjoni u l-kalkolu tal-multa;

– il-ħmistax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tirrikonoxxi l-kompetenza tal-Kummissjoni u l-effett fuq il-kummerċ.

96 Dawn il-motivi ser jiġu eżaminati iktar 'il quddiem fl-ordni segwita mir-rikorrenti, bl-eċċezzjoni tat-tielet, tar-raba' u tat-tmien motiv li huma bbażati fuq, jew jirriproduċu b'mod iktar sintetiku, ċerti argumenti indirizzati, b'mod partikolari, fil-kuntest tas-sitt, tas-seba' u tad-disa' sal-ħdax-il motiv u li, konsegwentement, ser jiġu ttrattati wara dan l-aħħar motiv.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq irregolaritajiet proċedurali

97 L-ewwel motiv huwa kompost minn żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba sa fejn il-Kummissjoni naqset milli twettaq investigazzjoni fil-fond, oġġettiva u diliġenti. It-tieni parti hija bbażata fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, sa fejn il-Kummissjoni ma żvelatx lir-rikorrenti provi rilevanti għad-difiża tagħha.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

98 L-ewwel parti, hija komposta minn tliet ilmenti. L-ewwel ilment huwa bbażat fuq it-tul eċċessiv tal-investigazzjoni. It-tieni lment huwa bbażat fuq in-natura insuffiċjentement kompleta u preċiża tal-fajl. It-tielet ilment huwa bbażat fuq investigazzjoni *di parte*.

– *Osservazzjonijiet preliminari*

99 L-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), jissanċixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba u jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali u ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni Ewropea. L-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta, ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-14 ta' Diċembru 2007 (ĠU 2007, C 303, p. 17), jipprečiżaw li l-Artikolu 41 ta' din tal-aħħar huwa bbażat fuq l-eżistenza tal-Unjoni bħala unjoni tad-dritt li l-karatteristiċi tagħha ġew żviluppati mill-ġurisprudenza li stabbilixxiet l-amministrazzjoni tajba bħala prinċipju ġenerali tad-dritt (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Transavia Airlines vs Il-Kummissjoni, T-591/15, EU:T:2018:946, punt 37 (mhux ippubblikata)).

100 Skont il-ġurisprudenza dwar il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, fil-każijiet fejn, bħal f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkollhom setgħa ta' evalwazzjoni, l-osservanza tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi għandha importanza ħafna iktar fundamentali. Dawn il-garanziji jinkludu, b'mod partikolari, l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, bir-reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ ineżami (sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München, C-269/90, Ġabra, EU:C:1991:438, punt 14; tat-13 ta' Diċembru 2018 Transavia Airlines vs Il-Kummissjoni, T-591/15, EU:T:2018:946, punt 38 (mhux ippubblikata), u d-digriet tas-17 ta' Jannar 2022, Car-Master 2 vs Il-Kummissjoni, T-743/20, mhux ippubblikat, EU:T:2022:33, punt 66).

– *Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq it-tul eċċessiv tal-investigazzjoni*

101 Ir-rikorrenti ssostni li t-tul tal-investigazzjoni, ta' għaxar snin, huwa eċċessiv u juri, b'mod partikolari, nuqqas ta' diliġenza min-naħa tal-Kummissjoni.

102 Skont ir-rikorrenti, minħabba t-tul tal-investigazzjoni, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha korrettament. B'mod partikolari, hija tinvoka bidliet fil-kompożizzjoni tat-team tal-Kummissjoni inkarigata mill-investigazzjoni, talba għal informazzjoni mibgħuta tmien snin wara l-preżentazzjoni tal-ilment, talbiet ta' kjarifika fir-rigward ta' dokumenti li kienu diġà għal diversi snin fil-pussess tal-Kummissjoni u l-bdil tal-portata tal-investigazzjoni meta din kienet diġà fi stadju avvanzat ħafna. Hija tenfasizza wkoll li l-mogħdija ta' żmien ċajpret il-memorja tal-fatti, kemm min-naħa tagħha kif ukoll min-naħa ta' Huawei u ta' ZTE, li għal din ir-raġuni ma kinux f'pożizzjoni li jwieġbu ċerti mistoqsijiet xi drabi kruċjali tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, hija tikkontesta li l-kumplessità tal-każ setgħet tiġġustifika dan it-tul u tkompli tesponi li hija dejjem ikkooperat b'mod sħiħ mal-Kummissjoni.

103 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

104 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-osservanza ta' terminu raġonevoli fit-tmexxija tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-osservanza tiegħu hija żgurata mill-qrati tal-Unjoni (ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni, C-452/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:829, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 In-natura raġonevoli ta' kull fażi tal-proċedura għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi rispettivi ta' kull każ u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-kuntest tiegħu, tal-mod kif jaġixxu l-partijiet matul il-proċedura, tal-interess li għandhom id-diversi impriżi kkonċernati u tal-livell ta' kumplessità tiegħu (sentenza tal-20 ta' April 1999, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, T-305/94 sa T-307/94, T-313/94 sa T-316/94, T-318/94, T-325/94, T-328/94, T-329/94 u T-335/94, EU:T:1999:80, punt 126).

106 Barra minn hekk, fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni tista' tagħti lok għal żewġ perijodi suċċessivi, li kull wieħed minnhom għandu loġika interna rispettiva. L-ewwel perijodu, li jestendi sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jibda mid-data li fiha l-Kummissjoni, billi tagħmel użu mis-setgħat li ngħatawlha mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tieħu miżuri li jinvolvu l-kritika li twettaq ksur u għandu jippermetti lil din tal-aħħar li tieħu pożizzjoni dwar l-orjentament tal-proċedura. It-tieni perijodu, imbagħad, jestendi mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet sal-adozzjoni tad-deċiżjoni finali. Dan il-perijodu għandu

jippermetti lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni definittiva dwar il-ksur allegat (sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni, C-105/04 P, EU:C:2006:592, punt 38).

107 Minn naħa, meta l-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli kellu impatt eventwali fuq l-eżitu tal-proċedura, tali ksur ikun ta' natura li jwassal għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata Ara, f'dak is-sens is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni, C-113/04 P, EU:C:2006:593, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

108 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li, fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, in-nuqqas li jiġi osservat it-terminu raġonevoli jista' jikkostitwixxi raġuni għal annullament biss fil-każijiet ta' deċiżjonijiet li jikkonstataw ksur u bil-kundizzjoni li jkun ġie stabbilit li l-ksur tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli ppreġudika d-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati. Minbarra f'dan il-każ speċifiku, in-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li tingħata deċiżjoni f'terminu raġonevoli ma għandu ebda impatt fuq il-validità tal-proċedura amministrattiva skont ir-Regolament Nru 1/2003 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 2006, Nederlandse Federatieve Vereniging voor de Groothandel op Elektrotechnisch Gebied vs Il-Kummissjoni (C-105/04 P, EU:C:2006:592, punti 42 u 43).

109 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, bejn il-preżentazzjoni tal-ilment u meta ntbagħtet id-DO, għadda perijodu ta' żmien ta' iktar minn sitt snin. Madankollu, kif ġie indikat fil-punt 15 iktar 'il fuq, kien biss f'nofs is-sena 2012, jiġifieri tliet snin wara l-imsemmija preżentazzjoni, li l-lanjant għamel l-ewwel allegazzjonijiet ta' prezzijiet predatorji u li l-Kummissjoni setgħet tibda l-investigazzjoni tagħha dwar l-aġir inkriminat. Minn dan jirriżulta li l-ewwel fażi tal-proċedura amministrattiva damet iktar minn sitt snin wara din il-preżentazzjoni, iżda biss ftit iktar minn tliet snin wara li l-lanjant għamel l-ewwel allegazzjonijiet ta' predazzjoni.

110 It-tieni fażi tal-proċedura amministrattiva, li testendi mid-data ta' meta ġiet irċevuta d-DO sal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata fit-18 ta' Lulju 2019, damet, min-naħa tagħha, madwar tliet snin u nofs.

111 Madankollu, ikkunsidrat fl-intier tiegħu, mill-ewwel allegazzjonijiet ta' predazzjoni, it-tul tal-investigazzjoni, jiġifieri madwar seba' snin, ma huwiex eċċessiv, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rispettivi tal-każ u, b'mod partikolari, tal-kumplessità tiegħu.

112 Fil-fatt, kif osservat il-Qorti Ġenerali meta ddeċidiet dwar ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2017, il-prattika allegata f'dan il-każ ħtieġet analiżi kumplessi ta' ħafna data, li l-parti l-kbira tagħha kienet aċċessibbli biss għar-rikorrenti, sabiex terġa' tiġi kkostitwita l-istruttura tal-prezzijiet-spejjeż bil-għan li jiġi vverifikat jekk kinux jeżistu prezzijiet predatorji jew le. Barra minn hekk, dan l-eżerċizzju rriżulta ħafna iktar kumpless peress li kien jirrigwarda prodotti komposti (sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni, T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232, punt 125).

113 Minn naħa, kif jirriżulta mir-rikors, ir-rikorrenti pprovdiet lill-Kummissjoni iktar minn 31 000 dokument bi tweġiba għal tmien talbiet għal informazzjoni, xi drabi segwiti minn talbiet għal kjarifika ulterjuri. Il-Kummissjoni organizzat ukoll diversi laqgħat u diversi konverżazzjonijiet telefoniċi, kemm mar-rikorrenti kif ukoll mal-lanjanti u ma' terzi. Barra minn hekk, mill-punt 3 tad-Deċiżjoni kkontestata, li jfakkar id-diversi stadji tal-proċedura amministrattiva, jirriżulta li l-Kummissjoni qatt ma baqgħet inattiva matul l-investigazzjoni. Fl-aħħar nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imsemmija deċiżjoni tinkludi analiżi li hija kemm kumplessa

kif ukoll iddettaljata tal-aġir allegat u l-fatt li l-Kummissjoni għamlet ħilitha sabiex tirrispondi għad-diversi argumenti mqajma mir-rikorrenti matul l-imsemmija proċedura, fl-osservanza tad-drittijiet tad-difiża ta' din tal-aħħar.

114 Min-naħa l-oħra, l-aġir tal-partijiet matul il-proċedura amministrattiva kellu impatt fuq it-tul tal-imsemmija proċedura. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li kien biss tliet snin wara li ressqet l-ilment li l-lanjanti, għall-ewwel darba, invokat allegazzjonijiet ta' predazzjoni. Fir-rigward tar-rikorrenti, hija, qabel kollox, użat għal disa' darbiet is-servizzi tal-uffiċjal tas-seduta sabiex isolvi kwistjonijiet dwar l-aċċess għall-fajl, imbagħad hija talbet diversi estensjonijiet tat-terminu, il-posponiment ta' smigħ u ż-żamma ta' smigħ addizzjonali. Fl-aħħar nett, billi ppreżentat rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2017, u sussegwentement appell mis-sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232), li ċaħdet dak ir-rikors, ir-rikorrenti ma setgħetx ma tkunx taf li dan kien neċessarjament sejjer itawwal l-investigazzjoni.

115 Għaldaqstant, peress li t-tul tal-investigazzjoni ma huwiex eċċessiv, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala infondat.

116 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jitqies li t-tul tal-investigazzjoni jista' jitqies bħala eċċessiv, ir-rikorrenti ma turix kif dan seta' kellu effett negattiv fuq il-possibbiltajiet tagħha ta' difiża.

117 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif sempliċi bidliet, fi ħdan il-Kummissjoni, tal-persunal inkarigat mill-investigazzjoni fil-livelli ġerarkiċi kollha setgħu affettwaw ir-rigorożità, l-eżattezza, l-istabbiltà u l-portata tal-investigazzjoni jew id-drittijiet tad-difiża tagħha.

118 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dokument ippreżentat f'Diċembru 2013 li fir-rigward tiegħu l-Kummissjoni talbet kjarifiki biss f'Jannar 2017, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni d-dmir ġenerali ta' prudenza li kull impriża jew kull assoċjazzjoni ta' impriżi għandhom, dmir li jimponilhom l-obbligu li jiżguraw il-konservazzjoni tajba, fil-kotba jew fl-arkivji tagħhom, tal-elementi li jippermettu li l-attivitajiet tagħhom jiġu ntraċċati mill-ġdid, sabiex, b'mod partikolari, ikollhom il-provi neċessarji fil-każ ta' azzjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi. Għalhekk, peress li r-rikorrenti kienet is-suġġett ta' talbiet għal informazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 18(2) u (3) tar-Regolament Nru 1/2003, mis-7 ta' Ġunju 2010, hija kellha, tal-inqas sa minn din id-data, taġixxi b'diliġenza ikbar u tieħu l-miżuri utli kollha sabiex tippreżerva l-provi li hija seta' raġonevolment ikollha għad-dispożizzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni, T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232, punt 136 u l-ġurisprudenza ċċitata).

119 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni spjegat li, għalkemm l-investigazzjoni kienet żviluppat matul il-proċedura amministrattiva, dan kien preċiżament sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet u l-argumenti mressqa mir-rikorrenti, bi tweġiba b'mod partikolari, għad-DO u għad-DOA, ħaġa li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' din tal-aħħar, turi l-Kummissjoni kienet osservat b'mod sħiħ d-drittijiet tad-difiża tal-istess rikorrenti.

120 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ma tippreċiżax kif il-fatt li Huawei u ZTE ma setgħux jipprovdu ċerti spjegazzjonijiet mitluba mill-Kummissjoni, relatati mal-pagamenti tal-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti (iktar 'il quddiem il-"ħlasijiet NRE"), kien marbut mal-mogħdija taż-żmien. Fi

kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni eżaminat jekk, billi kkonċediet tali pagamenti lil Huawei u lil ZTE, ir-rikorrenti kellhiex l-intenzjoni li tagħti lil dawn iż-żewġ klijenti tnaqqis fil-prezzijiet, b'tali mod li dan huwa element suġġettiv, u għalhekk estranju għal dawn iż-żewġ kumpanniji, li għalhekk ma setgħu jipproduċu ebda element sinjifikattiv li jiskaġuna favur ir-rikorrenti. Dan huwa barra minn hekk ikkonfermat mill-fatt li, hekk kif jirriżulta mill-eżami tas-sitt motiv, il-Kummissjoni pprovat dan l-element billi bbażat ruħha fuq numru ta' provi konkordanti minbarra x-xhieda ta' dawn iż-żewġ impriżi.

121 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, anki jekk kellu jitqies li dan l-ilment huwa fondat, dan ma jistax iwassal, f'dan il-każ, għall-konstatazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti li jwassal għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

– *Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-natura insuffiċjentement kompleta u preċiża tal-fajl*

122 Ir-rikorrenti ssostni li, billi naqset milli tiġbor ċerta informazzjoni li potenzjalment tiskaġuna, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tħejji fajl komplet u preċiż. Hija tqis li dan huwa nuqqas, muri mit-tliet eżempji li ġejjin. Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda mistoqsija lil Huawei u lil ZTE dwar impjegat ta' Qualcomm, minkejja li dan l-impjegat huwa l-awtur ta' numru kbir ta' dokumenti li fuqhom hija tibbaża ruħha. Fit-tieni lok, Huawei u ZTE ma kinux f'pożizzjoni li jwieġbu b'mod sinjifikattiv għal talba għal informazzjoni dwar il-pagamenti NRE, minkejja li dawn huma essenzjali. Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni tatha aċċess għal ċerti dokumenti li minnhom kienet tħalliet barra ħafna informazzjoni, mingħajr ma vverifikat jekk ir-raġunijiet ta' kunfidenzjalità invokati mil-lanjanti, li kienet il-persuna li ppreżentathom, kinux fondati jew le, filwaqt li tali dokumenti setgħu jinkludu elementi li potenzjalment jiskaġunaw.

123 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

124 Skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-Kummissjoni li għandha, bħala prinċipju, tevalwa jekk informazzjoni hijiex neċessarja fil-kuntest ta' investigazzjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara, s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, GEA Group vs Il-Kummissjoni, T-45/10, mhux ippubblikata, EU:T:2015:507, punt 311 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, sa fejn, billi tikkritika, fil-kuntest ta' din il-parti, lill-Kummissjoni talli ma ppruvatx tikseb informazzjoni probabbilment skaġunanti, ir-rikorrenti tinvoka wkoll il-garanzija tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' din il-parti, tali garanzija ma timponix fuq il-Kummissjoni l-obbligu li twettaq investigazzjonijiet addizzjonali, meta hija tqis li l-investigazzjoni tal-kawża kienet suffiċjenti (sentenzi tas-16 ta' Mejju 1984, Eisen und Metall vs Il-Kummissjoni, 9/83, EU:C:1984:177, punt 32, u tal-11 ta' Marzu 1999, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, T-141/94, EU:T:1999:48, punt 110).

125 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' dokumenti li potenzjalment jiskaġunaw u l-punt li l-Kummissjoni ma ppruvatx tiksibhom, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-impriża kkonċernata għandha turi li hija setgħet tuża tali dokumenti għad-difiża tagħha, fis-sens li, li kieku hija setgħet tużahom matul il-proċedura amministrattiva, hija kienet tkun tista' tinvoka elementi li ma jaqblux mal-konklużjonijiet misluta sa dan l-istadju mill-Kummissjoni u għalhekk setgħet tinfluwenza, b'xi mod jew ieħor, l-evalwazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar fid-deċiżjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 97).

126 Minn dan jirriżulta li l-impriża kkonċernata għandha tistabbilixxi, minn naħa, li hija ma kellhiex aċċess għal ċerti provi li jiskaġunaw, u, min-naħa l-oħra, li hija setgħet tużahom għad-difiża tagħha (sentenzi tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 24, u tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 98).

127 F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma tispjegax ir-raġunijiet li għalihom il-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat li l-investigazzjoni tal-każ kienet suffiċjenti u kif l-informazzjoni potenzjalment skaġunanti li l-Kummissjoni naqset milli tiġbor, inklużi t-tliet eżempji li hija ssemmi, setgħet tintuża għad-difiża tagħha fis-sens li, li kieku hija setgħet tużaha matul il-proċedura amministrattiva, hija kienet tkun tista' b'xi mod tinfluwenza l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata. Fi kwalunkwe każ, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 124 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tkompli l-investigazzjoni sabiex tiġbor kull element li potenzjalment jiskaġuna, meta hija tqis li l-investigazzjoni ta' każ kienet suffiċjenti.

128 B'mod partikolari, fir-rigward tal-impjegat tagħha li huwa l-awtur ta' diversi dokumenti li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif it-tweġibiet għal eventwali mistoqsijiet magħmula dwarha mill-Kummissjoni lil terzi setgħu jkunu ta' xi importanza għall-investigazzjoni tal-fajl jew kif setgħu b'xi mod jintużaw sabiex tiġi żgurata d-difiża tagħha jew kif seta' jkollhom xi influwenza fuq l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni. Fil-fatt, għalkemm il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq uħud mill-imsemmija dokumenti, prinċipalment sabiex turi l-eżistenza ta' pjan ta' esklużjoni ta' Icera, hija bbażat ruħha wkoll fuq provi oħra deċiżivi, li hija qieset suffiċjenti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ma tispjegax kif terz seta' kien f'pożizzjoni aħjar minnha sabiex jipprovdi provi li jikkonfutaw ir-rwol ta' dan l-impjegat jew l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tad-dokumenti inkwistjoni.

129 Bl-istess mod, anki jekk jitqies li Huawei u ZTE ma setgħux iwieġbu b'mod sinjifikattiv għal talba għal informazzjoni dwar il-pagamenti NRE, minkejja li kienet essenzjali, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ma kellhiex bżonn dawn it-tweġibiet, peress li f'dan ir-rigward hija bbażat ruħha fuq numru ta' provi konkordanti, hekk kif dan jirriżulta mill-eżami tas-sitt motiv. Għaldaqstant, kien mingħajr ma wettqet żball manifest li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra li l-investigazzjoni tal-każ kienet suffiċjenti.

130 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-aċċess tagħha għal dokumenti li minnhom kienet tħalliet barra ħafna informazzjoni, li setgħu potenzjalment jinkludu elementi li jiskaġunaw, ir-rikorrenti ma tikkontestax li din l-informazzjoni kienet ikkunsidrata mil-lanjanti, li pprovdietha, bħala li hija suġġetta għas-sigriet professjonali u li l-Kummissjoni stess ma kellhiex verżjonijiet mhux redatti. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni setgħet raġonevolment tikkunsidra li hija kellha biżżejjed elementi oħra sabiex tmexxi l-investigazzjoni, mingħajr ma kellha għalfejn titlob lil-lanjanti tipprovdilha verżjonijiet aktar kompleti tad-dokumenti li hija kienet ippreżentat.

131 Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tar-rikorrenti sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tikkonferma jekk id-diversi istanzi fejn informazzjoni tħalliet barra, li jinsabu fid-dokumenti ID 1112-00146, 1112-00148, 1112-00150, 1112-00151, 1112-00154, 1112-00185, 1112-00218, 1112-00196, 1112-00229 u 1294 humiex ibbażati fuq pretensjonijiet solidi tas-sigriet professjonali u sabiex tinformaha jew tikseb l-imsemmija preżentazzjonijiet sabiex teżamina l-validità tat-talbiet ta' Nvidia għandha wkoll tiġi miċħuda.

132 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq investigazzjoni di parte*

133 Ir-rikorrenti tqis li d-Deċiżjoni kkontestata hija r-riżultat ta' investigazzjoni *di parte*, li wasslet għal ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u, inċidentalment, tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, tal-prinċipju *in dubio pro reo* kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u li tippreġudika d-drittijiet tad-difiża tagħha.

134 Insostenn ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti tressaq tliet argumenti.

135 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni allegatament ma eżaminatx b'imparzjalità sħiħa l-argumenti u l-provi prodotti mir-rikorrenti fit-tweġiba għad-DO u waqt is-smigħ. Għall-kuntrarju, hija wettqet "sajd għall-informazzjoni" interminabbli, billi ħarġet diversi talbiet għal informazzjoni li taw lok għall-ġbir ta' ħafna data. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni kkontestata tinkludi differenzi kunsiderevoli u elementi ġodda meta mqabbla mad-DOA u mal-IeF, li min-naħa tagħhom huma differenti mid-DO. F'dan ir-rigward fl-Anness A.11 tar-rikors ir-rikorrenti tressaq lista ta' eżempji ta' dawn id-differenzi.

136 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fid-Deċiżjoni kkontestata, ċerti elementi li jiskaġunaw trażmessi minn Huawei, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-ħlasijiet NRE.

137 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ltaqgħet mal-lanjanti sabiex tiddiskuti kwistjonijiet marbuta mas-smigħ relatat mad-DOA, fl-assenza tal-uffiċjal tas-seduta u minkejja li dan il-qasam jaqa' taħt il-kompetenza ta' dan tal-aħħar, u dan iqajjem mistoqsijiet serji dwar l-integrità tagħha u dwar in-newtralità tagħha.

138 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

139 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li kull persuna li hija s-suġġett ta' proċeduri amministrattivi għandha d-dritt li l-kawżi tagħha jiġu ttrattati b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-2 ta' Frar 2022, Scania *et* vs Il-Kummissjoni T-799/17, EU:T:2022:48, punt 145 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, għandu madankollu jiġi kkonstatat li ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti ma jippermetti li jiġi stabbilit li l-Kummissjoni ma offrietx il-garanziji kollha sabiex teskludi kull dubju leġittimu fir-rigward tal-imparzjalità tagħha fl-investigazzjoni.

140 F'dak li jirrigwarda, qabelxejn, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-ħruġ mill-Kummissjoni ta' diversi talbiet għal informazzjoni li taw lok għall-ġbir ta' ammont kbir ta' data, għandu jitfakkar li, skont kliem il-premessa 23 tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha fl-Unjoni kollha s-setgħa li teżiġi l-informazzjoni li hija neċessarja, b'mod partikolari, sabiex tidentifika l-użu abbużiv minn pożizzjoni dominanti pprojbit mill-Artikolu 102 TFUE. Barra minn hekk, mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li, sabiex twettaq il-kompiti assenjati lilha minn dan ir-regolament, il-Kummissjoni tista', permezz ta' sempliċi talba jew permezz ta' deċiżjoni, titlob lill-impriżi u lill-assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu "l-informazzjoni kollha neċessarja".

141 Fid-dawl tas-setgħa ta' investigazzjoni u ta' verifika wiesgħa tal-Kummissjoni, hija din tal-aħħar li għandha tevalwa l-ħtieġa tal-informazzjoni li hija titlob mingħand l-impriżi kkonċernati. F'dak li jirrigwarda l-istħarriġ li l-Qorti Ġenerali teżerċita fuq din l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' "informazzjoni neċessarja"

għandu jiġi interpretat skont l-għanijiet li fid-dawl tagħhom il-Kummissjoni ngħatat is-setgħat ta' investigazzjoni inkwistjoni. Għalhekk, il-ħtieġa ta' korrelazzjoni bejn it-talba għal informazzjoni u l-ksur preżunt hija ssodisfatta kemm-il darba, f'dan l-istadju tal-proċedura, l-imsemmija talba tista' leġittimament titqies li għandha rabta mal-ksur preżunt, fis-sens li l-Kummissjoni tista' b'mod raġonevoli tqis li l-ksib ta' informazzjoni ser jgħinha fid-determinazzjoni tal-eżistenza tal-ksur allegat (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014, Holcim (Deutschland) u Holcim vs Il-Kummissjoni, T-293/11, mhux ippubblikata, EU:T:2014:127, punt 110 u l-ġurisprudenza ċċitata).

142 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-każ inkwistjoni, mill-punt 128 tas-sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232) jirriżulta li, wara li r-rikorrenti ppreżentat rikors għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-31 ta' Marzu 2017, il-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni mmexxija mill-Kummissjoni kien ta' natura li jiġġustifika l-provvista ta' numru kunsiderevoli ta' informazzjoni.

143 Barra minn hekk, kif enfasizzat ukoll il-Qorti Ġenerali fil-punt 201 tas-sentenza tad-9 ta' April 2019, Qualcomm u Qualcomm Europe vs Il-Kummissjoni (T-371/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:232), huwa preċiżament sabiex tipprepara d-deċiżjoni finali tagħha dwar l-eżistenza eventwali ta' ksur tal-Artikolu 102 TFUE bid-diliġenza kollha meħtieġa u sabiex tieħu din id-deċiżjoni abbażi tal-informazzjoni kollha li jista' jkollha effett fuqha li l-Kummissjoni kellha dritt tadotta l-imsemmija deċiżjoni. L-istess raġunament japplika b'analoġija għat-talbiet l-oħra għal informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, mingħajr ma jkun hemm lok li wieħed jinterpreta tali talbiet bħala "sajd għall-informazzjoni". Fil-fatt, minn naħa, nuqqas ta' imparzjalità, matul l-investigazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni fil-konfront tar-rikorrenti ma jistax jiġi dedott b'mod astratt mill-eżistenza tal-marġni ta' evalwazzjoni li l-Kummissjoni għandha fil-mod kif tmexxi l-imsemmija investigazzjoni u, min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma pproduċietx elementi li jippermettu li jintwera b'mod konkret li dawn it-talbiet l-oħra għal informazzjoni setgħu jiġu spjegati biss minn tali nuqqas ta' imparzjalità.

144 F'dak li jirrigwarda, wara dan, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq id-differenzi li jeżistu bejn id-DO, id-DOA, l-IeF u d-Deċiżjoni kkontestata, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li matul il-proċedura amministrattiva l-impriża kkonċernata tkun ingħatat il-possibbiltà li tesponi b'mod utli l-opinjoni tagħha kemm dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll dwar id-dokumenti invokati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2013, SNIA vs Il-Kummissjoni, C-448/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:801, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-25 ta' Marzu 2021, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-152/19 P, EU:C:2021:238, punt 106).

145 Dan ir-rekwiżit huwa osservat meta d-deċiżjoni finali ma tallegax li l-persuni kkonċernati wettqu ksur differenti minn dak imsemmi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u tieħu inkunsiderazzjoni biss il-fatti li fuqhom il-persuni kkonċernati kellhom l-opportunità jagħtu spjegazzjonijiet (sentenzi tal-24 ta' Mejju 2012, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, T-111/08, EU:T:2012:260, punt 266; tat-18 ta' Ġunju 2013, ICF vs Il-Kummissjoni, T-406/08, EU:T:2013:322, punt 117, u tat-13 ta' Diċembru 2018, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-851/14, EU:T:2018:929, punt 180).

146 Madankollu, l-indikazzjoni tal-elementi essenzjali li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tista' ssir b'mod sommarju u d-deċiżjoni ma għandhiex neċessarjament tkun kopja tal-imsemmija dikjarazzjoni, peress li din id-dikjarazzjoni tikkostitwixxi dokument preparatorju li l-evalwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jinsabu fiha huma ta' natura purament provviżorja (sentenza tas-17 ta' Novembru 1987, British American Tobacco u Reynolds Industries vs Il-Kummissjoni, 142/84 u 156/84, EU:C:1987:490, punt 70; ara, ukoll, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2013, SNIA vs Il-Kummissjoni, C-448/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:801, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Mejju 2012, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, T-111/08, EU:T:2012:260, punt 267). Għalhekk, żidiet għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet huma wkoll ammissibbli fid-dawl tar-risposta tal-partijiet, fejn l-argumenti mressqa fiha juru li dawn setgħu effettivament jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom. Il-Kummissjoni tista' wkoll, fid-dawl tal-proċeduri amministrattivi, tirrevedi jew iżżid argumenti ta' fatt jew ta' liġi insostenn tal-oġġezzjonijiet li hija tagħmel (sentenza tad-9 ta' Settembru 2011, Alliance One International vs Il-Kummissjoni, T-25/06, EU:T:2011:442, punt 181). Konsegwentement, sakemm tiġi adottata deċiżjoni finali, il-Kummissjoni tista', fid-dawl, b'mod partikolari, tal-osservazzjonijiet bil-miktub jew orali tal-partijiet, jew tirrinunzja għal ċerti oġġezzjonijiet jew anki għall-oġġezzjonijiet kollha li tkun inizjalment ifformulat fil-konfront tagħhom u tbiddel, b'dan il-mod, il-pożizzjoni tagħha favurihom, jew inkella, bil-kontra ta' dan, tiddeċiedi li żżid oġġezzjonijiet ġodda, sakemm tagħti lill-impriżi kkonċernati l-possibbiltà li jesponu l-perspettiva tagħhom dwar dan is-suġġett (ara s-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

147 F'dan il-każ, manifestazzjoni tan-nuqqas ta' imparzjalità, matul l-investigazzjoni, min-naħa tal-Kummissjoni fil-konfront tar-rikorrenti ma jistax jiġi dedott b'mod astratt mill-eżistenza ta' differenzi bejn id-DO, id-DOA, l-IeF u d-Deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma pproduċietx elementi li jippermettu li jintwera b'mod konkret li dawn id-differenzi setgħu jiġu spjegati biss minn tali nuqqas ta' imparzjalità.

148 Min-naħa l-oħra għandu jiġi eżaminat jekk, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażatx ruħha fuq oġġezzjonijiet jew provi ġodda li jinkriminaw lir-rikorrenti, li fir-rigward tagħhom din tal-aħħar ma kellhiex l-opportunità li tesponi l-perspettiva tagħha matul il-proċedura amministrattiva.

149 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tillimita ruħha li tiddikjara, b'mod ġenerali, li d-Deċiżjoni kkontestata tinkludi differenzi kunsiderevoli u elementi ġodda li ma jinsabux fl-argumenti mressqa fid-DOA u fl-IeF, u tillimita ruħha li tiċċita f'nota ta' qiegħ il-paġna, xi premessi tal-imsemmija deċiżjoni u li tagħmel riferiment għall-Anness A.11 tar-rikors.

150 Anki fil-każ fejn dawn l-elementi tabilħaqq jikkostitwixxu elementi ġodda, li ma jinsabux mid-dokumenti proċedurali preċedenti, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif dawn l-elementi jikkostitwixxu oġġezzjonijiet jew provi ġodda li jinkriminawha li fir-rigward tagħhom hija ma kellhiex l-opportunità li tesponi l-perspettiva tagħha, u mhux is-sempliċi teħid inkunsiderazzjoni, fid-Deċiżjoni kkontestata, tal-osservazzjonijiet li l-Kummissjoni tkun irċeviet, inkluż min-naħa tal-istess rikorrenti.

151 Hekk kif dan jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 146 iktar 'il fuq, id-Deċiżjoni kkontestata ma għandhiex tkun kopja tad-DO, tad-DOA jew tal-IeF, preċiżament għaliex il-Kummissjoni hija obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet matul il-proċedura amministrattiva. Billi tillimita ruħha li tistabbilixxi lista ta'

differenzi bejn l-imsemmija deċiżjoni u d-dokumenti proċedurali preċedenti, mingħajr ma tispjega iktar fil-fond la l-eżitu, kontriha, li dawn id-differenzi jista' jkollhom fuq ir-raġunament legali tal-Kummissjoni u fuq il-klassifikazzjoni tal-fatti u lanqas b'liema mod il-portata tal-aġir ikkritikat kienet, minħabba f'dan, inbidlet, ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet investigazzjoni *di parte*.

152 Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ltaqgħet mal-lanjanti sabiex tiddiskuti kwistjonijiet marbuta mas-smigħ relatat mad-DOA, fl-assenza tal-uffiċjal tas-seduta u minkejja li din il-kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza ta' dan tal-aħħar, dan la jippermetti li tiġi kkontestata l-integrità tal-Kummissjoni u lanqas il-kapaċità tagħha li tittratta l-każ inkwistjoni b'mod newtrali u oġġettiv. Barra minn hekk ir-rikorrenti lanqas ma turi kif tali laqgħa setgħet taffettwa d-drittijiet tad-difiża tagħha, iktar u iktar peress li xejn ma kien jipprekludiha, jekk hija kienet tqis li dan kien neċessarju, milli titlob lill-uffiċjal tas-seduta għal laqgħa ekwivalenti.

153 Dan l-ilment għandu għalhekk jiġi miċħud.

154 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet

155 Din il-parti hija msejsa fuq żewġ ilmenti. L-ewwel ilment huwa bbażat fuq aċċess insuffiċjenti għall-fajl. It-tieni lment huwa bbażat, essenzjalment, fuq il-kontenut insuffiċjenti tal-fajl trażmess.

– *Osservazzjonijiet preliminari*

156 Id-drittijiet tad-difiża huma drittijiet fundamentali li jiffurmaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-osservanza tagħhom għandha tiġi ggarantita mill-Qorti Ġenerali u mill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Solvay vs Il-Kummissjoni, C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 52).

157 Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea li huwa applikabbli meta l-amministrazzjoni tipproponi li tadotta, fil-konfront ta' persuna, att li jikkawżalha preġudizzju (sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Il-Kummissjoni vs United Parcel Service, C-265/17 P, EU:C:2019:23, punt 28).

158 Dan il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni huwa sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) u (b) tal-Karta (sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-152/19 P, EU:C:2021:238, punt 105).

159 Fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeżiġi li kull destinatarju ta' deċiżjoni li tikkonstata li huwa wettaq ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni għandu jkun tqiegħed f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, li jesponi b'mod utli l-perspettiva tiegħu dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi li bihom huwa akkużat kif ukoll dwar id-dokumenti użati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza ta' tali ksur, hekk kif dan jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 144 iktar 'il fuq.

160 Skont il-ġurisprudenza tabilħaqq stabbilita, ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura amministrattiva inkwistjoni biss jekk, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din il-proċedura setgħet twassal għal riżultat differenti. Rikorrent li jinvoka l-ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu ma jistax jiġi suġġett għall-obbligu li juri li l-kontenut tad-deċiżjoni tal-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata kien ikun differenti, iżda biss li juri li tali ipoteżi ma hijiex totalment eskluża (ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punti 105 u 106 u l-ġurisprudenza ċċitata), peress li l-imsemmija parti setgħet tiżgura aħjar id-difiża tagħha fl-assenza tal-irregolarità proċedurali (sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, C-194/99 P, EU:C:2003:527, punt 31; tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill, C-141/08 P, EU:C:2009:598, punt 94, u tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-827/14, EU:T:2018:930, punt 129).

161 Tali evalwazzjoni għandha titwettaq skont iċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi speċifiċi ta' kull każ (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 107).

– *Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-aċċess insuffiċjenti għall-fajl*

162 Ir-rikorrenti ssostni li hija kellha aċċess għall-fajl biss wara l-adozzjoni tad-DO u tad-DOA, u dan wara li hija kellha tressaq talbiet repetuti f'dan is-sens. Hija tallega wkoll li hija kellha tiddedika "ammont mhux raġonevoli ta' żmien u riżorsi sproporzjonati" għall-konsultazzjoni ta' ċerti dokumenti, li kkostitwixxa "distrazzjoni inutli u dannuża" u li kellu impatt negattiv fuq il-kapaċità tagħha li tiddefendi ruħha.

163 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

164 Id-dritt ta' aċċess għall-fajl, li huwa korollarju tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, għalhekk jimplika li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà li teżamina d-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża tagħha. Dawn jinkludu kemm id-dokumenti li jinkriminaw kif ukoll dawk li jiskaġunaw, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jinvolvu sigriet tan-negozju ta' impriżi oħra, tad-dokumenti interni tal-Kumissjoni u ta' informazzjoni kunfidenzjali oħra (sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 68, u tat-12 ta' Lulju 2011, Toshiba vs Il-Kummissjoni, T-113/07, EU:T:2011:343, punt 41).

165 F'dan il-każ, fl-ewwel lok ir-rikorrenti tilmenta li kellha tinsisti mal-Kummissjoni sabiex tikseb l-aċċess għad-dokumenti li jinsabu fil-fajl, u dan wassal sabiex hija taħli l-ħin u titlef il-memorja tal-fatti u, għaldaqstant, dan kellu impatt negattiv fuq id-difiża tagħha.

166 Issa, l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq it-tul tal-proċedura amministrattiva u l-konsegwenzi ta' dan it-tul fuq il-possibbiltajiet ta' difiża tagħha għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 116 sa 121 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti ssostni li kien biss b'mod tardiv li hija ngħatat aċċess għall-fajl, huwa paċifiku li hija tabilħaqq kellha aċċess għall-fajl matul il-proċedura amministrattiva u li hija setgħet tieħu inkunsiderazzjoni d-dokumenti li kien jinsabu fih fl-organizzazzjoni tad-difiża tagħha. Għalhekk, anki jekk jitqies li r-rikorrenti ma kellhiex immedjatament aċċess għall-fajl tagħha, xorta jibqa' l-fatt li hija ma tipprovax li dan l-aċċess kien tardiv u li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew miksura, b'tali mod li dan l-argument għandu jiġi miċħud.

167 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-allegat aċċess insuffiċjenti għall-fajl, għandu jiġi osservat, hekk kif dan jirriżulta mill-premessi 45 u 46 tad-Deċiżjoni kkontestata, li ma humiex ikkontestati mir-rikorrenti, li, f'dak li jirrigwarda d-DO, ir-rikorrenti stess irrikonoxxiet li l-kwistjonijiet kollha ta' aċċess għall-fajl kienu ġew solvuti qabel ma hija ppreżentat it-tweġiba għad-DO u li, f'dak li jirrigwarda d-DOA, hija ma kinitx użat il-possibbiltà, offruta lilha mill-Kummissjoni, li tikkompleta t-tweġiba għad-DOA wara li kellha aċċess għal verżjoni mhux kunfidenzjali riveduta ta' ċerti dokumenti tal-fajl, b'tali mod li hija ma tistax validament tallega li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew affettwati.

168 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq il-kontenut insuffiċjenti tal-fajl trażmess*

169 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni naqset milli tosserva l-obbligu tagħha li tieħu noti ddettaljati tal-laqgħat, tal-konverżazzjonijiet telefoniċi u tal-intervisti, formali jew informali, kollha magħmula bil-għan li tinġabar informazzjoni dwar is-suġġett ta' investigazzjoni, u li tipprovdilha b'mod utli dawn in-noti.

170 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni naqset milli tieħu noti dwar seba' konferenzi telefoniċi u dwar ħames laqgħat magħha. B'konsegwenza ta' dan il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tuża, sussegwentement, dawn in-noti, li x'aktarx kienu jinkludu elementi li jiskaġunaw.

171 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li ċerti noti dwar laqgħat jew konferenzi telefoniċi ma' terzi ġew mibgħuta lilha, mill-Kummissjoni, b'mod tardiv ħafna, xi drabi diversi snin wara li dawn il-laqgħat kienu seħħew.

172 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni bagħtitilha noti qosra wisq dwar ċerti konferenzi telefoniċi ma' terzi, jiġifieri konferenza telefonika ma' Huawei u seba' konferenzi telefoniċi mal-lanjanti, li ma ppermettewliex tifhem l-informazzjoni li kienet ġiet skambjata matulhom.

173 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

174 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jawtorizza lill-Kummissjoni tintervista lil kull persuna fiżika jew ġuridika li taċċetta li tiġi intervistata għall-finijiet tal-ġbir ta' informazzjoni relatata mas-suġġett ta' investigazzjoni, u dan għat-twettiq tal-kompiti assenjati lilha minn dan ir-regolament.

175 Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 773/2004, il-Kummissjoni tista' tirreġistra fi kwalunkwe forma d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-persuni intervistati fil-kuntest ta' intervista mwettqa abbażi tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 1/2003. L-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 773/2004 jippreċiża wkoll li tali intervista tista' titwettaq bi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, inkluż bit-telefon jew b'mezzi elettroniċi.

176 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li twettaq intervista abbażi tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 1/2003, hija għandha l-obbligu li tirrekordja din l-intervista fl-intier tagħha, bla ħsara għall-għażla mogħtija lilha fir-rigward tal-forma ta' din ir-reġistrazzjoni. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tirreġistra, fil-forma tal-għażla tagħha, kull intervista mwettqa minnha, abbażi tal-imsemmi

artikolu, bil-għan li tiġbor informazzjoni dwar is-suġġett ta' investigazzjoni min-naħa tagħha (sentenzi tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 90 u 91, u tad-9 ta' Marzu 2023, Les Mousquetaires u ITM Entreprises vs Il-Kummissjoni, C-682/20 P, EU:C:2023:170, punt 89).

177 Għal dan il-għan, ma huwiex biżżejjed li l-Kummissjoni tiġbor fil-qosor is-suġġetti diskussi matul l-intervista. Hija għandha tkun f'pożizzjoni li tipprovdi indikazzjoni dwar il-kontenut tad-diskussjonijiet li seħħew matul l-intervista, b'mod partikolari dwar in-natura tal-informazzjoni pprovduta matulha fir-rigward tas-suġġetti diskussi (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm – Pagamenti ta' Esklużività), T-235/18, EU:T:2022:358, punt 190, ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 91 u 92).

178 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-kuntatti li seħħew bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti nnifisha matul il-proċedura amministrattiva, din tal-aħħar tilmenta dwar l-assenza fil-fajl ta' noti dwar seba' konferenzi telefoniċi u ħames laqgħat.

179 Issa, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif, jekk kien hemm irregolarità proċedurali, id-drittijiet tad-difiża tagħha setgħu ġew affettwati, billi turi li hija setgħet tiżgura aħjar id-difiża tagħha li kieku l-Kummissjoni ħadet noti dwar il-kuntatti tagħha mar-rikorrenti. Fil-fatt, peress li dawn il-laqgħat seħħew bejn il-Kummissjoni u r-rikorrenti nnifisha, din tal-aħħar kellha għalhekk għarfien sħiħ tal-kontenut tagħhom u tas-suġġetti li kienu ġew diskussi mal-Kummissjoni. Għaldaqstant, hija kienet effettivament f'pożizzjoni li tuża, sabiex tiżgura aħjar id-difiża tagħha, kull element li jiskaġuna li seta' potenzjalment ġie diskuss matul dawn il-kuntatti. Barra minn hekk, f'każ bħal dan, wieħed jista' jassumi li r-rikorrenti ħadet il-prekawzjoni li tibgħat hija stess lill-Kummissjoni sommarju tal-kuntatt inkwistjoni, sabiex tħalli rekord bil-miktub ta' kull element li jiskaġuna potenzjali fil-fajl.

180 Fit-tieni lok, fir-rigward ta' ċerti noti dwar laqgħat jew konferenzi telefoniċi ma' terzi, ir-rikorrenti tilmenta dwar il-fatt li hija kellha aċċess għalihom biss tardivament, u dan ippreġudika d-drittijiet tad-difiża tagħha.

181 F'dan ir-rigward, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk il-laqgħat u l-intervisti telefoniċi inkwistjoni jikkostitwixxux "intervisti" fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 1/2003, li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tirreġistra, kwistjoni li r-rikorrenti lanqas biss ma tipprova turi, ma huwiex ikkontestat li din tal-aħħar kellha aċċess għan-noti relatati magħhom fil-31 ta' Lulju u fis-27 ta' Awwissu 2018, jiġifieri eżatt wara li l-Kummissjoni bagħtet id-DOA.

182 Issa, għalkemm huwa lamentabbli li l-aċċess għan-noti dwar il-laqgħat u dwar il-konferenzi telefoniċi inkwistjoni effettivament ingħata ħafna żmien wara ż-żamma tal-imsemmija laqgħat u konferenzi telefoniċi, xorta jibqa' l-fatt li r-rikorrenti wieġbet għad-DOA fit-22 ta' Ottubru 2018, jiġifieri diversi ġimgħat wara li rċeviet l-imsemmija noti, u dan tagħha biżżejjed żmien sabiex teżaminahom, tislet minnhom kull element potenzjalment skaġunanti u tinvokahom fl-imsemmija tweġiba.

183 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li għandha ssir distinzjoni bejn iċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami u ċ-ċirkustanzi li huma s-suġġett tal-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm — Pagamenti ta' Esklużività) (T-235/18, EU:T:2022:358), li fiha l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2018) 240 final

tal-24 ta' Jannar 2018 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40220 – Qualcomm (Pagamenti ta' Esklużività)), b'mod partikolari minħabba l-mod tardiv li bih il-Kummissjoni bagħtet ċerti noti dwar intervisti ma' terzi.

184 Għalhekk, mill-punti 168 u 169 tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm — Pagamenti ta' Esklużività) (T-235/18, EU:T:2022:358), jirriżulta li, fil-kawża li tat lok għall-imsemmija sentenza, il-Kummissjoni ma kienet bagħtet, matul il-proċedura amministrattiva, lil Qualcomm ebda informazzjoni la dwar l-eżistenza u lanqas dwar il-kontenut ta' ċerti intervisti ma' terzi u li kien biss wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni C (2018) 240 final li hija bagħtet tali noti, fejn uħud minnhom kienu saħansitra ġew ipprovduti matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, b'risposta għal miżuri istruttorji ordnati minn din tal-aħħar.

185 Barra minn hekk, ma huwiex ikkontestat li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm — Pagamenti ta' Esklużività) (T-235/18, EU:T:2022:358), kuntrarjament għall-kawża preżenti, Qualcomm ma kellhiex aċċess għal dawn in-noti matul il-proċedura amministrattiva u għalhekk ma setgħetx tesponi l-perspettiva tagħha fir-rigward tagħhom jew tuża eventwali elementi li jiskaġunaw li kienu jinsabu fihom sabiex tiddefendi ruħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tinkriminaha bil-pagamenti ta' esklużività. Dawn iċ-ċirkustanzi deċiżivi, li wasslu sabiex il-Qorti Ġenerali tannulla d-Deċiżjoni C (2018) 240 final, jikkostitwixxu differenza fundamentali mill-kawża preżenti.

186 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti ma wrietx li d-drittijiet tad-difiża tagħha ġew ippreġudikati minħabba l-fatt li l-Kummissjoni bagħtitilha relattivament tard in-noti dwar il-laqgħat u l-konferenzi telefoniċi inkwistjoni. L-argument tar-rikorrenti bbażat fuq in-natura tardiva tat-trażmissjoni, mill-Kummissjoni, tal-imsemmija noti għandu għalhekk jiġi miċħud.

187 Fit-tielet lok, fir-rigward ta' ċerti noti dwar konferenzi telefoniċi ma' terzi, jiġifieri konferenza telefonika ma' Huawei u seba' konferenzi telefoniċi mal-lanjant, ir-rikorrenti tilmenta li dwar huma ta' natura qasira wisq.

188 F'dan ir-rigward, matul is-seduta, il-Kummissjoni rrikonoxxiet, minn naħa, li tal-inqas uħud mill-konferenzi telefoniċi li għalihom tirreferi r-rikorrenti setgħu effettivament jiġu kklassifikati bħala "intervisti" fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 1/2003 u, min-naħa l-oħra, li hija ma kinitx wettqet reġistrazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li n-noti dwar dawn l-intervisti, kif riprodotti fl-Anness A.9 tar-rikors, huma sommarji wisq sabiex jikkumpensaw għal din l-assenza ta' reġistrazzjoni.

189 F'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu minn tali irregolarità proċedurali, hemm lok li jiġi ddeterminat jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' liġi speċifiċi ta' din il-kawża, ir-rikorrenti wrietx b'mod suffiċjenti li hija kienet tkun tista' tiżgura d-difiża tagħha aħjar li kieku tali irregolarità ma seħħitx. Fil-fatt, fl-assenza ta' tali prova, din l-irregolarità ma tistax twassal għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

190 Meta l-impriża kkonċernata jkollha indizji probatorji fir-rigward kemm tal-awturi kif ukoll tan-natura u tal-kontenut tad-dokumenti li ma jkunux ġew żvelati lilha, hija għandha tistabbilixxi li l-elementi tal-fajl li għalihom hija inġustament ma kellhiex aċċess, irrispettivament minn jekk dawn humiex inkriminanti jew skaġunanti, setgħu jkunu utli għad-difiża tagħha (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Solvay vs Il-Kummissjoni, C-110/10 P, EU:C:2011:257, punt 37).

191 Jekk prova inkriminanti ma tkunx ġiet żvelata lilha, huwa biżżejjed li l-impriża kkonċernata turi li l-proċedura amministrattiva setgħet twassal għal riżultat differenti li kieku din il-prova kellha tiġi eskluża, sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuqha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punti 71 u 73, u tat-12 ta' Lulju 2011, Toshiba vs Il-Kummissjoni T-113/07, EU:T:2011:343, punt 46).

192 Jekk l-impriża kkonċernata ma tkunx ingħatat aċċess għal prova li tiskaġuna, hija għandha tistabbilixxi li hija kienet tkun tista' tuża din il-prova għad-difiża tagħha, fis-sens li, li kieku hija setgħet tużaha matul il-proċedura amministrattiva, hija kienet tkun tista' tinvoka elementi li ma jaqblux mal-konklużjonijiet misluta f'dan l-istadju mill-Kummissjoni u għalhekk kienet tkun tista' tinfluwenza, b'xi mod, l-evalwazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar fid-deċiżjoni tagħha (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

193 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti baqgħet ma stabbilixxietx li, fl-assenza tal-irregolarità proċedurali kkonstatata, hija kienet tkun tista' tiżgura aħjar id-difiża tagħha.

194 B'mod partikolari, minkejja l-fatt li kollox meqjus kien possibbli li, min-noti trażmessi mill-Kummissjoni, jiġi dedott il-kontenut tal-intervisti inkwistjoni u, għaldaqstant, li tiġi dedotta l-eventwali eżistenza ta' elementi li hija setgħet tuża sabiex tiddefendi ruħha, ir-rikorrenti ma ressqet ebda argument iddettaljat li jippermetti li jinftiehem b'liema mod hija kienet tkun tista' tiżgura d-difiża tagħha aħjar, u dan anki meta l-Qorti Ġenerali staqsietha espressament f'dan ir-rigward waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

195 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li, fis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2022, Qualcomm vs Il-Kummissjoni (Qualcomm — Pagamenti ta' Esklużività) (T-235/18, EU:T:2022:358), fejn il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni C(2018) 240 final, b'mod partikolari minħabba n-natura inkompleta tan-noti trażmessi mill-Kummissjoni dwar ċerti intervisti ma' terzi, ir-rikorrenti kienet ipproduċiet, sabiex issostni l-allegazzjonijiet ifformulati f'dan ir-rigward fir-rikors, anness intiż li jippreċiża l-aspetti li kienu jkunu jistgħu jiġu diskussi matul l-imsemmija intervisti u kif dawn l-elementi kienu jkunu jistgħu jgħinu d-difiża tagħha. Issa, f'dan il-każ, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma ppreżentat tali preċiżazzjonijiet.

196 Minn dan jirriżulta li l-irregolarità proċedurali marbuta man-natura qasira wisq ta' noti dwar konferenzi telefoniċi ma' terzi li ġiet ikkonstatata f'dan il-każ ma tistax twassal għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

197 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu, l-istess bħat-tieni parti tal-ewwel motiv, jiġi miċħud. Konsegwentement, peress li anki l-ewwel parti ta' dan l-aggravju ġiet miċħuda (ara l-punt 154 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-suq rilevanti u l-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti

198 It-tieni aggravju huwa msejjes fuq ħames partijiet. L-ewwel parti tirrigwarda lakuni fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq rilevanti. It-tieni parti tirrigwarda r-restrizzjonijiet kompetittivi, eżerċitati direttament permezz tal-parti tal-offerta li ma hijiex proprjetà tal-impriża iżda li tintuża mill-istess impriża biex timmassimizza l-profitt rispettivi

tagħha, ta' spiss a skaptu tal-proprjetarju attwali li ma jkunx konxju minn dan kollu (iktar 'il quddiem "captive supply"), fuq is-suq ħieles. It-tielet parti tirrigwarda r-restrizzjonijiet kompetittivi, eżerċitati indirettament permezz tal-captive supply, fuq is-suq ħieles. Ir-raba' parti tirrigwarda l-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti. Il-ħames parti tirrigwarda d-definizzjoni tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS li fuqu l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-lakuni tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq rilevanti

199 Din il-parti hija msejsa fuq tliet ilmenti. L-ewwel ilment huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha, sabiex tiddefinixxi s-suq rilevanti, fuq selezzjoni ta' tweġibiet vagi għal talbiet għal informazzjoni li ma tantx huma ċari. It-tieni lment huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ma eżaminatx l-eventwali eżistenza ta' katina ta' sostituzzjoni. It-tielet ilment huwa bbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li hija ma kellhiex tapplika t-test "small but significant and non-transitory increase in price" (żieda żgħira, iżda sinjifikattiva u mhux tranżitorja tal-prezzijiet) (iktar 'il quddiem it-"test SSNIP").

– L-osservazzjonijiet preliminari

200 Għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, l-għan tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni huwa li jiġi ddefinit il-perimetru li fi ħdanu għandha tiġi evalwata l-kwistjoni dwar jekk l-impriża inkwistjoni tistax taġixxi, b'mod sostanzjali, indipendentement mill-kompetituri tagħha, mill-klijenti tagħha u mill-konsumaturi (ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata).

201 Id-determinazzjoni tas-suq rilevanti għalhekk tikkostitwixxi, bħala prinċipju, prerekwiżit għall-evalwazzjoni tal-eventwali eżistenza ta' pożizzjoni dominanti tal-impriża kkonċernata li l-għan tiegħu huwa li jiġu ddefiniti, fl-ewwel lok, il-prodotti jew is-servizzi tal-imsemmi suq u wara dan, fit-tieni lok, id-dimensjoni ġeografika ta' dan is-suq (ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punti 127 u 128 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

202 F'dak li jirrigwarda s-suq tal-prodotti u tas-servizzi, il-kunċett ta' "suq rilevanti" jimplika li jista' jkun hemm kompetizzjoni effettiva bejn il-prodotti jew is-servizzi li jifformaw parti minnu, u dan jippreżupponi livell suffiċjenti ta' interkambjabbiltà jew ta' sostitwibbiltà bejn dawn il-prodotti u dawn is-servizzi. L-interkambjabbiltà jew is-sostitwibbiltà ma għandhomx jiġu evalwati biss fid-dawl tal-karatteristiċi oġġettivi tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u l-istruttura tad-domanda u tal-offerta f'dan is-suq (ara s-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

203 Tali evalwazzjoni tippreżupponi li jeżisti livell suffiċjenti ta' interkambjabbiltà bejn il-prodotti jew is-servizzi li jifformaw parti mis-suq rilevanti u dawk intiżi li jissodisfaw id-domanda f'dan is-suq. Dan ikun, b'mod partikolari, il-każ jekk l-awtur tal-offerta alternattiva huwa f'pożizzjoni li jissodisfa, b'saħħa suffiċjenti u fi żmien qasir, id-domanda b'tali mod li jikkostitwixxi kontrapiż serju għas-setgħa li l-impriża kkonċernata għandha f'dan is-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punti 132 u 133).

204 Fl-aħħar nett, skont ġurisprudenza stabbilita, id-definizzjoni tas-suq rilevanti, sa fejn din timplika evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi min-naħa tal-Kummissjoni, tista' tkun suġġetta biss għal stħarriġ limitat min-naħa tal-qorti tal-Unjoni (sentenzi tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 482; tas-7 ta' Mejju 2009, NVV *et* vs Il-Kummissjoni, T-151/05, EU:T:2009:144, punt 53, u tal-15 ta' Diċembru 2010, CEAHR vs Il-Kummissjoni, T-427/08, EU:T:2010:517, punt 66).

205 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat l-argument tar-rikorrenti dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti adottata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata.

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq selezzjoni ta' tweġibiet vagi għal mistoqsijiet li ma tantx huma ċari

206 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eskludiet l-eventwali sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra abbażi tal-analiżi ppreġudikata tat-tweġibiet magħżula għal mistoqsijiet ifformulati ħażin.

207 B'mod iktar partikolari, id-Deċiżjoni kkontestata hija bbażata, skont ir-rikorrenti, fuq tweġibiet li mhux ċari jew li huma ambigwi għal mistoqsijiet konfużi jew suġġetti għal interpretazzjoni magħmula f'talbiet għal informazzjoni trażmessi diversi snin wara l-ksur preżunt, bil-konsegwenza li diversi mill-persuni intervistati li wieġbu l-kwestjonarji tal-4 ta' Novembru 2014 u tat-30 ta' April 2015 kienu allegatament interpretaw il-mistoqsijiet magħmula bħala li jirrigwardaw is-suq kif kien fil-mument ta' meta ntbagħtu dawn it-talbiet għal informazzjoni, u mhux fil-mument tal-ksur preżunt. Barra minn hekk, il-formulazzjoni ta' ċerti mistoqsijiet dwar is-sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra wasslet sabiex l-impriżi intervistati jwieġbu l-mistoqsija dwar jekk huma kellhomx l-intenzjoni li jibdlu l-fornitur fir-rigward taċ-ċipep intiżi sabiex jiġu integrati f'apparat eżistenti, iktar milli f'apparat futur. Fl-aħħar nett, il-formulazzjoni tal-mistoqsijiet kienet tieħu bħala fatt stabbilit li kienu jeżistu żewġt iswieq separati, wieħed li jiġbor taħtu ċ-ċipep UMTS u l-ieħor li jiġbor taħtu ċ-ċipep li jiġġestixxu l-LTE, peress li l-persuni intervistati ġew mistoqsija jekk kinux ser jgħaddu minn tip ta' ċippa għall-oħra.

208 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

209 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra billi bbażat ruħha fuq volum kbir ta' data. Dan jirriżulta min-noti ta' qiegħ il-paġna 245, 246 u 248 sa 251 tal-imsemmija deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċipep oħra li jsostnu l-istandard GSM, min-noti ta' qiegħ il-paġna 254 sa 258 ta' din l-istess deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep l-oħra li jsostnu l-istandard CDMA, min-noti ta' qiegħ il-paġna 260 u 264 tal-imsemmija deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS fil-varjant tagħhom "Frequency-division-duplexing" (FDD) u l-istess ċipep fil-varjant tagħhom "Time-division-duplex" (TDD) li ma jsostnux il-mod FDD kif ukoll min-noti ta' qiegħ il-paġna 271 sa 273 tal-istess deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep l-oħra li jsostnu l-istandard WiFi/WiMAX. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta min-noti ta' qiegħ il-paġna 277 u 279 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq diversi dokumenti sabiex tiddeċiedi li ċ-ċipep UMTS li jiġġestixxu diversi verżjonijiet ta' din it-teknoloġija huma sostitwibbli.

210 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma bbażatx ruħha biss fuq it-tweġibiet għall-kwestjonarji mibgħuta fl-2014 u fl-2015, iżda wkoll fuq it-tweġibiet għal żewġ kwestjonarji mibgħuta fl-2010 u li ukoll kienu jirrigwardaw id-definizzjoni tas-suq rilevanti, punt li l-Kummissjoni kkonfermat espliċitament, b'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura fil-forma ta' mistoqsija bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, kif ukoll fuq rapporti tal-industrija, hekk kif jirriżulta min-noti ta' qiegħ il-paġna 244, 261 u 270 tad-Deċiżjoni kkontestata.

211 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li bbażat ruħha biss fuq selezzjoni ta' tweġibiet meta hija ddefinixxiet is-suq rilevanti.

212 Barra minn hekk, anki jekk jitqies li wħud mill-impriżi intervistati setgħu jwieġbu l-kwestjonarji tal-2014 u tal-2015 billi jirreferu għal kuntest *ratione temporis* żbaljat, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li l-persuni intervistati kollha li għalihom tirreferi l-Kummissjoni fin-noti ta' qiegħ il-paġna 244, 261 u 270 tad-Deċiżjoni kkontestata ma wettqux tali żball, punt li r-rikorrenti ma tikkontestax, peress li hija sempliċement tiċċita xi eżempji ta' impriżi li t-tweġiba tagħhom ma hijiex, fil-fehma tagħha, relatata mal-perijodu rilevanti.

213 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-kwestjonarju tat-30 ta' April 2015, għandu jiġi osservat li dan jippreċiża fl-introduzzjoni li t-tweġibiet għandhom jiġu pprovduti f'dak li jirrigwarda l-perijodu 2010 sa 2014. Fir-rigward tar-raġunijiet li għalihom dan il-kwestjonarju ma kienx relatat mas-sena 2009, filwaqt li t-tieni trimestru ta' dik is-sena huwa inkluż fil-perijodu rilevanti, il-Kummissjoni indikat, wara mistoqsija bil-miktub li saritilha f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali, li diversi mill-persuni intervistati li wieġbu għal dan il-kwestjonarju kienu għamlu espliċitament riferiment għal kuntest *ratione temporis* preċedenti għall-2010 jew kienu għamlu dikjarazzjonijiet li japplikaw b'mod ġenerali, indipendentement mill-perijodu ta' riferiment u, għaldaqstant, validi wkoll fir-rigward tas-sena 2009.

214 Minn dan jirriżulta li, anki jekk uħud mill-persuni intervistati li wieġbu għall-kwestjonarji tal-4 ta' Novembru 2014 u tat-30 ta' April 2015 li għalihom tagħmel riferiment ir-rikorrenti kienu wieġbu b'mod vag, kif hija ssostni, billi għamlu riferiment għal kuntest *ratione temporis* differenti minn dak tal-ksur, tali żball f'kull każ ma huwiex ta' natura tali li jikkonfuta l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tat-tweġibiet kollha dwar l-assenza ta' sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra, fid-dawl tal-volum kbir ħafna ta' data konkordanti li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

215 Barra minn hekk, billi ssostni li l-formulazzjoni ta' ċerti mistoqsijiet dwar is-sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra wasslet sabiex l-impriżi intervistati jwieġbu l-mistoqsija dwar jekk huma kellhomx l-intenzjoni li jibdlu l-fornitur fir-rigward taċ-ċipep intiżi sabiex jiġu integrati f'apparat eżistenti, iktar milli f'apparat futur, ir-rikorrenti tqis, essenzjalment, li l-Kummissjoni kellha teżamina l-eżistenza ipotetika ta' restrizzjoni kompetittiva eżerċitata mill-fornituri taċ-ċipep intiżi li jiġu integrati f'apparat futur, jiġifieri prodotti li kienu għadhom ma jeżistux.

216 Madankollu, tali argument ma jistax jintlaqa'.

217 Fil-fatt, mill-punt 7 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-għanijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 155) (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq"), jirriżulta li suq ta' prodotti inkwistjoni jinkludi l-prodotti jew is-servizzi kollha li l-konsumatur

jikkunsidra bħala interkambjabbli jew sostitwibbli minħabba l-karatteristiċi tagħhom, il-prezz tagħhom u l-użu li għalih huma intiżi, li jimplika li l-evalwazzjoni ssir abbażi tat-tip ta' prodotti li l-impriżi inkwistjoni jbigħu f'dak il-mument, u mhux fir-rigward ta' prodotti ipotetiċi futuri, li l-karatteristiċi, il-prezz u l-użu tagħhom għadhom ma humiex magħrufa mill-konsumaturi.

218 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat ukoll li r-rikorrenti fi kwalunkwe każ ma tispjegax kif ir-restrizzjoni kompetittiva ipotetika eżerċitata minn ċipep intiżi għal apparat li għadhom ma jeżistux seta' kellha l-iċken influwenza fuq ir-riżultat tal-analiżi mwettqa mill-Kummissjoni, li bbażat ruħha, kif ġie indikat fil-punti 209 u 210 iktar 'il fuq, fuq ħafna data konkordanti.

219 Fl-aħħar nett, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li, billi staqsiet lil persuni intervistati jekk setgħux jgħaddu minn tip ta' ċippa għal tip ieħor ta' ċippa, il-Kummissjoni ddeċidiet minn qabel li kienu jeżistu żewġt iswieq distinti, jiġifieri suq taċ-ċipep UMTS u suq taċ-ċipep li jiġġestixxu l-LTE, għandu jiġi miċħud bħala infondat.

220 Fil-fatt, il-mistoqsijiet magħmula mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward jirreferu biss għal teknoloġiji speċifiċi, b'mod partikolari l-istandards GSM, UMTS u LTE, li kull waħda minnhom għandha karatteristiċi rispettivi, u huma speċifikament intiżi sabiex isir magħruf jekk ix-xerrejja taċ-ċipep li jiġġestixxu dawn it-teknoloġiji jqisux jew le li dawn huma sostitwibbli u, għaldaqstant, jekk dawn iċ-ċipep jagħmlux potenzjalment parti mill-istess suq ta' prodotti.

221 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ma eżaminatx l-eżistenza ta' katina ta' sostituzzjoni

222 Ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi meta naqset milli teżamina l-eżistenza ta' katina ta' sostituzzjoni bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji preċedenti jew sussegwenti.

223 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha teżamina jekk, fil-mument tat-tranżizzjoni bejn żewġ teknoloġiji, kienx jeżisti dak li hija tikklassifika bħala "katina ta' sostituzzjoni", jiġifieri, skont kliemha stess, "kontinwità tal-prodotti proposti jew, fin-nuqqas ta' dan, 'punt ta' falliment' strutturali manifest bejn iż-żewġ normi". Hija tikkontesta b'mod partikolari d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tgħid li ma kienx hemm katina ta' sostituzzjoni bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li kienu preċedentement isostnu l-istandard estiż GSM/EDGE.

224 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

225 Għandu jiġi rrilevat li, fil-punt 57 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tispjega li l-eżistenza ta' katini ta' sostituzzjoni tista' twassal, f'ċerti każijiet, sabiex jiġu inklużi f'suq ċerti prodotti li ma humiex direttament sostitwibbli, meta prodott B huwa sostitut, min-naħa tad-domanda, għall-Prodotti A u Ċ. F'dan il-każ, anki jekk il-prodotti A u C ma humiex direttament sostitwibbli reċiprokament f'dak li jirrigwarda d-domanda, dawn jistgħu jkunu kklassifikati fl-istess suq ta' prodotti inkwistjoni, għaliex l-eżistenza tal-prodott ta' sostituzzjoni B tinfluwenza l-prezzijiet rispettivi tagħhom.

226 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti essenzjalment tikkritika lill-Kummissjoni talli kkunsidrat, minn naħa, li ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġija preċedenti u ċ-ċipep UMTS ma kinux sostitwibbli u, min-naħa l-oħra, li dawn tal-aħħar u ċ-ċipep li

jiġġestixxu teknoloġija sussegwenti ma kinux sostitwibbli. Fi kliem ieħor, hija tikkritikaha talli wettqet żewġ eżamijiet ta' sostitwibbiltà "klassiċi" bejn żewġ prodotti, u mhux l-eżami ta' eventwali sostitwibbiltà f'katina bejn żewġ prodotti li ma humiex direttament sostitwibbli, iżda li jsiru sostitwibbli indirettament, bis-sostitwibbiltà komuni tagħhom mat-tielet prodott.

227 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li huwa billi bbażat ruħha fuq volum kunsiderevoli ta' data konkordanti li l-Kummissjoni eżaminat, fid-Deċiżjoni kkontestata, is-sostitwibbiltà bejn iċ-ċipep UMTS u ċ-ċipep li jiġġestixxu teknoloġiji oħra, preċedenti jew sussegwenti għat-teknoloġija UMTS, hekk kif dan jirriżulta mill-punti 209 u 210 iktar 'il fuq.

228 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li hija ma kellhiex tapplika t-test SSNIP*

229 Ir-rikorrenti tqis li, billi ma applikatx it-test SSNIP fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u żball ta' liġi. Skont ir-rikorrenti, għalkemm is-sentenza tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni (T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2), li għaliha tagħmel riferiment il-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni, tabilħaqq issemmi bħala riferiment għodod oħra minbarra dan it-test, li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, inklużi studji tas-suq jew l-evalwazzjoni tal-perspettivi tal-konsumaturi u tal-kompetituri, xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni tibqa' obbligata li tibbaża ruħha fuq provi xierqa, konvinċenti u affidabbli, ħaġa li hija ma għamlitx f'dan il-każ, peress li hija bbażat ruħha fuq selezzjoni ta' tweġibiet għal mistoqsijiet konfużi prodotti f'talbiet għal informazzjoni. Ir-rikorrenti tikkritika wkoll lill-Kummissjoni talli qieset, fil-premessa 248 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tali test fi kwalunkwe każ ma kienx xieraq minħabba l-fatt li l-prezz taċ-ċipep UMTS kien diġà ffissat f'livell suprakompetittiv.

230 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

231 Preliminarjament, għandu jitfakkar li t-test SSNIP jikkonsisti fl-eżami ta' jekk żieda żgħira fil-prezz ta' prodott, ta' madwar 5 sa 10 %, twassalx sabiex numru sinjifikattiv ta' klijenti jagħżlu prodott ieħor, li f'dan il-każ jitqies bħala sostitwibbli għall-ewwel prodott.

232 Għandu jiġi osservat ukoll li, għalkemm it-test SSNIP jikkostitwixxi metodu rikonoxxut sabiex jiġi ddefinit is-suq inkwistjoni, dan ma huwiex l-uniku metodu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Fil-fatt, hija tista' wkoll tieħu inkunsiderazzjoni għodod oħra sabiex tiddefinixxi s-suq rilevanti, bħal studji tas-suq jew evalwazzjoni tal-perspettivi tal-konsumaturi u tal-kompetituri (sentenzi tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 82, u tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 331, mhux ippubblikata), punt li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti.

233 Barra minn hekk, kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mill-punt 25 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq jirriżulta li ma teżisti ebda ordni ġerarkika riġida bejn id-diversi elementi ta' evalwazzjoni li jinsabu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Jannar 2017, Topps Europe vs Il-Kummissjoni, T-699/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:2, punt 82, u tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 331, mhux ippubblikata), punt li lanqas ma huwa kkontestat mir-rikorrenti.

234 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha ċertu marġni ta' evalwazzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq rilevanti, sa fejn din tal-aħħar timplika evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2010, CEAHR vs Il-Kummissjoni, T-427/08, EU:T:2010:517, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

235 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata, meta tiddefinixxi s-suq rilevanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, li twettaq test SSNIP.

236 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball ta' liġi meta indikat, fil-premessa 180 tad-Deċiżjoni kkontestata, li f'dan il-każ hija kienet kapaċi li tiddefinixxi s-suq rilevanti mingħajr ma jkollha twettaq test SSNIP.

237 Barra minn hekk, mill-analiżi tal-ewwel ilment invokat mir-rikorrenti insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħha jirriżulta li, meta ddefinixxiet is-suq rilevanti fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq provi xierqa, konvinċenti u affidabbli, u mhux, kif tallega r-rikorrenti, fuq selezzjoni ta' tweġibiet għal mistoqsijiet konfużi riprodotti fit-talbiet għal informazzjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma turix li l-Kummissjoni wettqet żball meta ma wettqitx test SSNIP f'dan il-każ.

238 Barra minn hekk, ir-rikorrenti lanqas biss ma pprovat turi li l-użu tat-test SSNIP kien ibiddel il-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2020, HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 331, mhux ippubblikata).

239 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar il-fondatezza ta' waħda mill-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni għan-nuqqas ta' użu f'dan il-każ tat-test SSNIP, li huwa kkontestat mir-rikorrenti, jiġifieri l-fatt li fi kwalunkwe każ tali test ma kienx xieraq f'dan il-każ minħabba l-fatt li l-prezz taċ-ċipep UMTS kien diġà ffissat f'livell suprakompetittiv.

240 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, dwar ir-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati direttament permezz tal-captive supply fuq is-suq ħieles

241 Insostenn tal-ewwel parti, ir-rikorrenti tinvoka erba' lmenti.

242 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tikkonkludi li ma hemmx restrizzjoni tal-kompetizzjoni eżerċitata direttament permezz tal-captive supply ta' ċerti manifatturi ta' tagħmir oriġinali vertikalment integrat fis-suq taċ-ċipep UMTS, il-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq id-dikjarazzjonijiet inkoerenti u irrilevanti ta' dawn il-manifatturi, iżda ma staqsietx lill-klijenti dwar jekk kinux disposti u kapaċi li jaqilbu għall-awtoprovvista jew li jkabbruha fil-każ fejn huma jkunu diġà integrati vertikalment, fil-każ ta' żieda fil-prezz taċ-ċipep f'dan is-suq.

243 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni eskludiet b'mod żbaljat mis-suq rilevanti l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali][1] minħabba n-natura minima tagħha matul il-perijodu rilevanti. F'dan ir-rigward hija tagħmel riferiment għat-tweġibiet tagħha għad-DO u għad-DOA, li fihom hija wriet li [kunfidenzjali] kienet teżerċita pressjoni kompetittiva qawwija.

244 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tikkritika ċ-ċaħda mill-Kummissjoni ta' ċerti provi dwar id-dinamika tas-suq u t-tendenzi tas-settur, filwaqt li, f'settur daqstant dinamiku daqs dak ikkonċernat mid-Deċiżjoni kkontestata, kien neċessarju li dawn l-iżviluppi u dawn it-tendenzi jittieħdu inkunsiderazzjoni. Dan kien iktar u iktar il-każ f'din il-kawża peress li, f'dak li jirrigwarda aspetti oħra tal-imsemmija deċiżjoni, b'mod partikolari sabiex issostni l-eżistenza ta' potenzjal qawwi ta' tkabbir tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni projezzjonijiet futuri.

245 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-realtajiet kummerċjali, b'mod partikolari l-fatt li hija kienet tilfet madwar 70 % tal-bejgħ tagħha taċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat MBB ta' Huawei għall-benefiċċju tal-captive supply tas-sussidjarja ta' din tal-aħħar.

246 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

247 Mill-punt 7 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq jirriżulta li suq rilevanti tal-prodotti jinkludi dawk il-prodotti u/jew servizzi kollha li huma meqjusa bħala interkambjabbli jew sostitwibbli mill-konsumatur, minħabba l-karatteristiċi tal-prodotti, il-prezzijiet tagħhom u l-użu intiż tagħhom.

248 Barra minn hekk, skont il-punt 13 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni tissuġġetta lill-impriżi għal tliet sorsi ta' restrizzjonijiet, jiġifieri s-sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda, is-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta u l-kompetizzjoni potenzjali, u, fil-kuntest tad-definizzjoni tas-suq, is-sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda hija l-fattur ta' dixxiplina l-iktar immedjat u l-iktar effikaċi fir-rigward tal-forniturі ta' prodott partikolari. Fil-fatt, impriża jista' jkollha influwenza determinanti fuq il-kundizzjonijiet ta' bejgħ eżistenti biss jekk il-klijentela tkun f'pożizzjoni li ddur mingħajr diffikultà għal prodotti ta' sostituzzjoni, li jwassal sabiex jiġu identifikati s-sorsi reali l-oħra ta' provvista li jistgħu jintużaw mill-klijenti tal-impriżi inkwistjoni.

249 Barra minn hekk, hekk kif huwa indikat fil-punt 20 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, is-sostitwibbiltà min-naħa tal-offerta tista' wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddefinit is-suq inkwistjoni fl-operazzjonijiet fejn din is-sostitwibbiltà għandha effetti ekwivalenti għal dawk tas-sostitwibbiltà min-naħa tad-domanda f'termini ta' immedjatezza u ta' effikaċja. Għal dan l-għan, jeħtieġ li l-forniturі jkunu jistgħu jorjentaw mill-ġdid il-produzzjoni tagħhom lejn il-prodotti inkwistjoni u jikkummerċjalizzawhom fi żmien qasir, mingħajr ma jsostnu spejjeż jew riskji addizzjonali sostanzjali, b'reazzjoni għal varjazzjonijiet żgħar, iżda dewwiema, tal-prezzijiet relatati (sentenzi tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 484, u tad-9 ta' Settembru 2009, Clearstream vs Il-Kummissjoni, T-301/04, EU:T:2009:317, punt 50).

[1] Informazzjoni kunfidenzjali redatta.

250 Barra minn hekk, mill-punt 24 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq jirriżulta li l-kompetizzjoni potenzjali ma titteħidx inkunsiderazzjoni għad-definizzjoni tas-swieq sa fejn il-kundizzjonijiet li fihom din tista' effettivament tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni jiddependu mill-analiżi ta' ċerti fatturi u ċirkustanzi relatati mal-kundizzjonijiet ta' dħul.

251 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li, b'mod partikolari, mill-punti 16, 20, 21 u 23 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq jirriżulta li s-sostitwibbiltà neċessarja għall-finijiet tad-definizzjoni tas-suq inkwistjoni għandha timmaterjalizza ruħha fi żmien qasir (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (T-336/07, EU:T:2012:172, punt 123).

252 F'dan il-każ, mill-premessa 215 tad-Deċiżjoni kkontestata, li essenzjalment ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti, jirriżulta li, matul il-perijodu rilevanti, mill-impriżi vertikalment integrati kienu biss tlieta li użaw l-awtoprovvista taċ-ċipep UMTS, [kunfidenzjali]. Fid-dawl tal-produzzjoni minima taċ-ċipep UMTS ta' [kunfidenzjali] matul l-imsemmi perijodu, fl-imsemmija premessa l-Kummissjoni indikat li hija ma kinitx ser teħodha inkunsiderazzjoni fl-analiżi tagħha.

253 F'dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq id-dikjarazzjonijiet inkoerenti u irrilevanti ta' ċerti manifatturi ta' tagħmir oriġinali vertikalment integrat fis-suq taċ-ċipep UMTS sabiex tiddeċiedi li ma kienx hemm restrizzjoni kompetittiva eżerċitata direttament permezz tal-captive supply ta' dawn il-manifatturi, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli, waqt l-eżami tagħha, staqsiet lil [kunfidenzjali] dwar id-destinazzjoni taċ-ċipep li huma stess jipproduċu u dwar l-intenzjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward. Fil-fatt, hekk kif dan jirriżulta mill-punt 13 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq, sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk il-klijentela tkunx f'pożizzjoni li ddur mingħajr diffikultà lejn prodotti ta' sostituzzjoni, għandhom jiġu identifikati s-sorsi reali l-oħra ta' provvista li jistgħu jintużaw minn dawn il-klijenti.

254 F'dan ir-rigward, it-tweġibiet ta' [kunfidenzjali] huma ċari ħafna, peress li mill-premessa 218 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li [kunfidenzjali] u peress li mill-premessa 219 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li [kunfidenzjali]. Barra minn hekk, mill-premessa 220 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li [kunfidenzjali]. Tali dikjarazzjonijiet bl-ebda mod ma jidher li huma inkoerenti jew infondati, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti b'mod ġenerali u mingħajr l-iċken spjegazzjoni.

255 Minn dan isegwi li l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] ma kinitx tikkostitwixxi sors reali ta' provvista li seta' jintuża mix-xerrejja terzi taċ-ċipep UMTS matul il-perijodu rilevanti, bil-konsegwenza li din il-klijentela ma kinitx f'pożizzjoni li ddur mingħajr diffikultà għal din il-produzzjoni għal użu intern fis-sens tal-punt 13 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq. Bi tweġiba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni barra minn hekk indikat li, konformement mal-punt 24 tal-imsemmija komunikazzjoni, meta hija tiddefinixxi s-suq rilevanti, hija ma kellhiex tieħu inkunsiderazzjoni prodotti potenzjalment (u mhux diġà) kompetituri, li kien il-każ taċ-ċipep awtoprodotti minn [kunfidenzjali], li kienu biss, matul l-imsemmi perijodu, fi stadju bikri ħafna tal-iżvilupp tagħhom. Għaldaqstant, kien mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u b'mod suffiċjentement motivat li l-Kummissjoni setgħet tqis, abbażi ta' dawn it-tweġibiet, li l-imsemmija produzzjoni għal użu intern ma kinitx ġeneralment disponibbli għall-provvista ta' klijenti terzi, u dan huwa biżżejjed sabiex jiġi eskluż li din l-istess produzzjoni għal użu intern setgħet eżerċitat direttament restrizzjoni tal-kompetizzjoni fuq il-produtturi taċ-ċipep UMTS matul dan il-perijodu.

256 Barra minn hekk, għandha tiġi miċħuda l-kritika tar-rikorrenti li tgħid li l-Kummissjoni kellha pjuttost tistaqsi lill-klijenti dwar kemm kienu disposti jew kapaċi li jgħaddu għall-awtoprovvista jew li jkabbruh fil-każ ta' klijenti diġà integrati vertikalment fil-każ ta' żieda fil-prezz taċ-ċipep UMTS fis-suq ħieles. Fil-fatt, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq taċ-ċipep UMTS u, b'mod partikolari, tal-ostakoli għolja għad-dħul li jikkostitwixxu, b'mod partikolari, l-ispejjeż sostanzjali ta' riċerka u ta' żvilupp (R&Ż) neċessarji għall-iżvilupp ta' tali ċipep (punt 11.4.1 tad-Deċiżjoni kkontestata), huwa diffiċilment konċepibbli li l-klijenti mhux vertikalment integrati setgħu, fi żmien qasir, jidħlu fil-produzzjoni ta' tali ċipep.

257 Fir-rigward tal-klijenti vertikalment integrati, mill-premessa 220 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li [kunfidenzjali]. Konsegwentement, ma kienx iktar konċepibbli li [kunfidenzjali] żżid l-awtoprovvista tagħha fi żmien qasir matul il-perijodu rilevanti. Fir-rigward ta' [kunfidenzjali], mill-premessa 230 tad-Deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq it-tweġibiet tagħha għal mistoqsijiet magħmula f'dan ir-rigward mill-Kummissjoni, jirriżulta li [kunfidenzjali]. Għalhekk huwa possibbli li minn dan jiġi raġonevolment dedott li, anki fil-każ ta' żieda fil-prezz taċ-ċipep UMTS fis-suq ħieles, dan il-manifattur ma kienx, fi kwalunkwe każ, iżid, fi żmien qasir, l-awtoproduzzjoni tiegħu, bil-konsegwenza li joħloq restrizzjoni diretta tal-kompetizzjoni fuq il-produtturi taċ-ċipep UMTS attivi f'dan is-suq.

258 Għalhekk, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

259 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni eskludiet b'mod żbaljat il-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali], għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tikkontestax in-natura minima tal-awtoproduzzjoni ta' [kunfidenzjali], li kienet tirrappreżenta, kif jirriżulta min-nota ta' qiegħ il-paġna 285 tad-Deċiżjoni kkontestata, biss 0.1 % tal-bejgħ totali ta' ċipep UMTS fis-suq ħieles fl-2010 u fl-2011.

260 Barra minn hekk, ir-rikorrenti lanqas ma tikkontesta li [kunfidenzjali] kienet tuża l-produzzjoni għal użu intern tagħha matul il-perijodu rilevanti esklużivament jew kważi esklużivament għal finijiet interni u li huwa biss b'effett minn [kunfidenzjali], jiġifieri sewwa ħafna wara l-imsemmi perijodu, li dan il-manifattur beda jipprovdi prodotti lil klijenti terzi fis-suq ħieles, hekk kif dan jirriżulta mill-premessa 225 tad-Deċiżjoni kkontestata.

261 Min-natura minima tal-awtoproduzzjoni ta' [kunfidenzjali] u mill-użu minn din tal-aħħar tal-produzzjoni għal użu intern tagħha esklużivament jew kważi esklużivament għal finijiet interni matul il-perijodu rilevanti, punti li ma humiex ikkontestati mir-rikorrenti, jirriżulta li huwa diffiċilment konċepibbli li [kunfidenzjali] kellha l-kapaċità, matul il-perijodu rilevanti, li tirregola l-prezzijiet proposti mir-rikorrenti fis-suq taċ-ċipep UMTS, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet ta' din tal-aħħar, u li huwa mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u b'mod suffiċjentement motivat li l-Kummissjoni eskludiet din il-produzzjoni għal użu intern mill-analiżi tagħha, u dan huwa biżżejjed sabiex dan l-ilment jiġi miċħud.

262 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li, anki li kieku l-Kummissjoni kellha tinkludi l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] fis-suq rilevanti, fid-dawl tan-natura minima tagħha, li ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, tali inklużjoni ma kien ikollha l-ebda influwenza fuq il-konklużjoni li għaliha waslet il-Kummissjoni fir-rigward tal-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti f'dan is-suq.

263 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni d-dinamika tas-suq u x-xejriet tas-settur, għandu jitfakkar li mill-punt 24 tal-Komunikazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq jirriżulta li l-kompetizzjoni potenzjali ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni għad-definizzjoni tas-swieq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni tali żviluppi sussegwenti għall-perijodu rilevanti.

264 Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, tali approċċ ma huwiex inkompatibbli mal-fatt li, fil-premessa 363 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-potenzjal kbir ta' tkabbir tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, peress li din il-premessa taqa' taħt l-punt 12 tal-imsemmija deċiżjoni, li jittratta l-abbuż, li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni projezzjonijiet, b'mod partikolari sabiex tevalwa l-effetti potenzjali tal-aġir ikkritikat, u mhux taħt il-punt 10 ta' din id-deċiżjoni, dwar id-definizzjoni tas-suq, li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni għandha tiddetermina liema prodotti kienu meqjusa, matul il-perijodu rilevanti u mill-klijenti, bħala sostitwibbli għall-finijiet tal-inklużjoni tagħhom fl-istess suq ta' prodotti. Peress li dawn huma żewġ analiżi differenti, li jsegwu għanijiet differenti, huwa normali li l-Kummissjoni, meta twettaq tali analiżi, tieħu inkunsiderazzjoni diversi elementi, mingħajr ma dan ma jagħti lok għal xi inkoerenza jew inkompatibbiltà.

265 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tillimita ruħha li tikkontesta b'mod ġenerali l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li hija tikklassifika bħala "provi relatati mad-dinamika tas-suq u max-xejriet tas-settur" u bl-ebda mod ma tispjega liema huma l-provi inkwistjoni, kif tali provi setgħu jinfluwenzaw l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni u, b'mod iktar partikolari, kif dawn il-provi kellhom iwasslu sabiex il-Kummissjoni tikkonkludi li kien hemm restrizzjoni diretta tal-kompetizzjoni eżerċitata permezz tal-produzzjoni għal użu intern tal-impriżi integrati vertikalment fuq il-produtturi attivi fis-suq taċ-ċipep UMTS.

266 Dan l-ilment għandu għalhekk jiġi miċħud.

267 Fir-rigward tar-raba' lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-realtajiet kummerċjali, ir-rikorrenti tinvoka biss il-fatt li hija kienet tilfet madwar 70 % tal-bejgħ tagħha taċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat MBB ta' Huawei favur il-captive supply tas-sussidjarja ta' din tal-aħħar. Issa, mit-tweġiba ta' Huawei għal-mistoqsija 25 tat-talba għal informazzjoni tad-19 ta' Lulju 2013, li għaliha tagħmel riferiment ir-rikorrenti, jirriżulta li kien biss fl-2013 li Huawei kellha awtoprovvista ta' 69 % mingħand HiSilicon, jiġifieri wara l-perijodu rilevanti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza, u dan huwa biżżejjed sabiex dan l-ilment jiġi miċħud.

268 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li kien mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u mingħajr ma naqset milli tosserva l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni li l-Kummissjoni ddeċidiet li ma kienx hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni eżerċitata direttament permezz tal-captive supply fuq is-suq taċ-ċipep UMTS. Għalhekk, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, dwar ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni eżerċitati direttament permezz tal-captive supply fuq is-suq ħieles

269 Insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka erba' lmenti.

270 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni llimitat b'mod żbaljat l-analiżi tagħha tal-eżistenza ta' restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni fis-suq downstream tat-telefons ċellulari li jintegraw ċippa UMTS bl-iskuża li, matul il-perijodu rilevanti, l-awtoprovvista taċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat l-ieħor, inkluż l-apparat MBB, kien negliġibbli. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, tali approċċ jikkontradixxi t-"teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni, li tiffoka fuq ċ-"ċipep bl-aktar teknoloġija avvanzata" użati fl-apparat MBB.

271 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li, fl-assenza ta' test SSNIP, id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 237 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tgħid li żieda ipotetika fil-prezz taċ-ċipep UMTS ma twassalx għal tnaqqis kbir fid-domanda għal tali ċipep fis-suq ħieles hija infondata u irrilevanti.

272 Fit-tielet lok, iċ-ċaħda tar-restrizzjonijiet indiretti li jirriżultaw mill-kompetizzjoni fis-suq downstream hija irrikonċiljabbli mat-"teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni, u dan għal żewġ raġunijiet.

273 Minn naħa, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma tikkontradixxi ruħha, tallega li żieda ipotetika fil-prezz minn 5 sa 10 % fis-suq upstream, jiġifieri dak taċ-ċipep UMTS, kien ikollha impatt negliġibbli fuq il-prezzijiet fis-suq downstream, jiġifieri dak tal-apparat li jintegra dawn iċ-ċipep (premessa 235 tad-Deċiżjoni kkontestata) u takkuża wkoll lir-rikorrenti bit-twettiq ta' predazzjoni indiretta.

274 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma tikkontradixxi ruħha, tallega li, anki li kieku l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] kellha tiġi inkluża fis-suq rilevanti, dan ma kien ikollu, fid-dawl tan-natura minima tagħha, ebda konsegwenza fuq is-sehem tas-suq tar-rikorrenti u, għaldaqstant, taċċetta l-fatt li l-produzzjoni għal użu intern kienet teżerċita ċerta restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ħieles (nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata) u tiddeċiedi wkoll li l-imsemmija produzzjoni għal użu intern ma kinitx teżerċita restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ħieles matul il-perijodu rilevanti.

275 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tallega li fin-nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, indikat li l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] tista' tiġi inkluża fis-suq rilevanti, iżda mhux dik ta' [kunfidenzjali], minħabba li din tal-aħħar kienet xtrat ċipep UMTS matul il-perijodu rilevanti għall-apparat MBB tagħha biss fis-suq ħieles.

276 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] minħabba l-fatt li din tal-aħħar ma kellhiex awtoprovvista ta' ċipep intiżi għall-apparat MBB tagħha, peress li d-definizzjoni tas-suq rilevanti adottata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata ma kinitx limitata għaċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat MBB, iżda kienet tinkludi wkoll iċ-ċipep UMTS intiżi għal apparat ieħor. Barra minn hekk, mill-premessa 220(b) tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li, għalkemm [kunfidenzjali] fl-2009 ħabbret li kienet sejra ttemm il-produzzjoni għal użu intern tagħha, fir-realtà hija kellha awtoprovvista sat-tielet trimestru tas-sena 2013.

277 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

278 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, fil-punt 10.2.9.2 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat ir-raġunijiet li kienu wassluha sabiex tiddeċiedi li l-produzzjoni għal użu intern tal-uniċi żewġ impriżi vertikalment integrati matul il-perijodu rilevanti ma kinitx eżerċitat restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni fis-suq taċ-ċipep UMTS, permezz ta' kompetizzjoni fis-suq downstream.

279 Sabiex waslet għal tali deċiżjoni, il-Kummissjoni qabelxejn spjegat li hija kienet wettqet l-analiżi tagħha ta' eventwali restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni billi ħadet inkunsiderazzjoni biss eventwali kompetizzjoni downstream bejn it-telefons ċellulari li jinkludu ċippa UMTS, bl-esklużjoni ta' apparat ieħor, fosthom l-apparat MBB. Fil-premessa 230 tad-Deċiżjoni kkontestata, hija indikat li hija kienet aġixxiet b'dan il-mod peress li din kienet l-unika restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni possibbli, peress li l-awtoproduzzjoni taċ-ċipep UMTS intiżi sabiex jiġu integrati f'apparat ieħor li ma huwiex telefons ċellulari kienet, fi kwalunkwe każ, negliġibbli matul il-perijodu rilevanti.

280 Barra minn hekk, il-Kummissjoni spjegat ukoll li hija kienet illimitat ruħha li teżamina r-restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni eżerċitata minn [kunfidenzjali], peress li, matul il-perijodu rilevanti, il-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] kienet minima u għalhekk ma setgħetx teżerċita restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni fis-suq ħieles.

281 Il-Kummissjoni sussegwentement spjegat, minn naħa, li, peress li l-fattur ta' dilwizzjoni tal-prodotti kkonċernati kien żgħir, inkwantu l-prezz ta' ċipep UMTS kien jirrappreżenta biss, matul il-perijodu rilevanti, madwar 6 % tal-prezz bl-imnut tat-telefon ċellulari li jintegra l-imsemmija ċippa, żieda ta' 5 sa 10 % tal-prezz ta' din iċ-ċippa jkollha biss impatt negliġibbli fuq il-prezz tal-prodott lest, bil-konsegwenza li tali żieda upstream tal-prezz taċ-ċipep UMTS fis-suq ħieles tibqa' profittabbli għall-produttur taċ-ċipep, li l-volum tal-bejgħ tiegħu ma jiġix affettwat b'mod negattiv minn tali żieda (premessa 235 tad-Deċiżjoni kkontestata).

282 Il-Kummissjoni wriet, min-naħa l-oħra, li, fid-dawl tal-fatt li t-telefons ċellulari huma prodotti differenti ħafna minn xulxin skont id-ditta, b'karatteristiċi speċifiċi ħafna, il-konsegwenza ta' żieda fil-prezz tat-telefons ċellulari wara żieda fil-prezz taċ-ċipep UMTS li huma jintegraw fis-suq ħieles ma tkunx li l-klijenti jduru għal ditta oħra ta' telefons ċellulari u, b'mod iktar partikolari, li huma jixtru pjuttost telefon ċellulari li jinkludi ċippa awtoprodotta, li ma tkunx suġġetta għal tali żieda fil-prezz. Dan jikkonferma li żieda upstream tal-prezz taċ-ċipep UMTS fis-suq ħieles tibqa' profittabbli għall-produttur taċ-ċipep, li l-volum tal-bejgħ tiegħu ma jiġix affettwat negattivament minn tali żieda (premessa 237 tad-Deċiżjoni kkontestata).

283 Minn dan il-Kummissjoni ddeduċiet li l-produzzjoni għal użu intern ma kinitx f'pożizzjoni li teżerċita, matul il-perijodu rilevanti, restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni fis-suq taċ-ċipep UMTS.

284 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, illimitat l-analiżi tagħha tal-eżistenza ta' restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni fis-suq downstream tat-telefons ċellulari li jintegraw ċippa UMTS, għandu jiġi osservat li dan kien preċiżament l-apparat li għalih l-awtoproduzzjoni taċ-ċipep UMTS, stmata pereżempju għal [kunfidenzjali], kienet l-ogħla, bil-konsegwenza li limitazzjoni tal-analiżi tal-Kummissjoni għal dan is-settur tas-suq kienet l-iktar ipoteżi li tista' turi l-eżistenza ta' restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni u, għaldaqstant, l-iktar favorevoli għar-rikorrenti.

285 Barra minn hekk, il-fatt li tali limitazzjoni allegatament tikkontrasta mat-"teorija tad-dannu" li ġiet żviluppata mill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha tiffoka fuq iċ-"ċipep bl-aktar teknoloġija avvanzata" użati fl-apparat MBB, ma jbiddel xejn min-natura iktar favorevoli ta' dan l-approċċ għar-rikorrenti u bl-ebda mod ma jaffettwa l-validità tiegħu. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-produzzjoni għal użu intern ta' "ċipep bl-aktar teknoloġija avvanzata" intiżi li jiġu integrati fl-imsemmi apparat kienet, skont il-Kummissjoni, ħafna iktar limitata mill-produzzjoni taċ-ċipep UMTS intiżi li jiġu integrati fit-telefons ċellulari, punt li barra minn hekk ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti.

286 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, ibbażat fuq in-natura infondata u irrilevanti tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 237 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tgħid li żieda ipotetika fil-prezz taċ-ċipep UMTS ma twassalx għal tnaqqis kbir fid-domanda għal tali ċipep fis-suq ħieles minħabba l-assenza ta' test SSNIP, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li twettaq tali test (ara l-punt 235 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tressaq ebda element ħlief l-assenza ta' test SSNIP f'dan il-każ sabiex tikkontesta din id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni.

287 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq il-fatt li ċ-ċaħda tar-restrizzjoni indiretta fis-suq ħieles li tirriżulta mill-kompetizzjoni downstream hija irrikonċiljabbli mat-"teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni, għandu jiġi osservat li l-predazzjoni indiretta li biha l-Kummissjoni takkuża lir-rikorrenti ma tistax, fiha nnifisha, tinvalida l-analiżi tal-eżistenza ta' restrizzjoni indiretta tal-kompetizzjoni, u dan għal żewġ raġunijiet.

288 Minn naħa, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball u ma kkontradixxietx lilha nnifisha meta qieset li żieda ipotetika fil-prezz ta' 5 sa 10 % fis-suq upstream, jiġifieri fis-suq taċ-ċipep UMTS, kien ikollha biss impatt negliġibbli fuq il-prezzijiet tal-apparat li jintegra dawn iċ-ċipep fis-suq downstream, jiġifieri dak tal-apparat li jintegra dawn iċ-ċipep, u meta fl-istess ħin akkużat ukoll lir-rikorrenti li wettqet predazzjoni indiretta. Il-fatt li żieda ġenerali fil-prezz taċ-ċipep UMTS fis-suq upstream ma għandux ikollha impatt jew ma għandu jkollha kważi l-ebda impatt downstream fuq il-prezz tal-apparat li jintegra dawn iċ-ċipep ma huwiex ir-raġuni għaliex tnaqqis selettiv tal-prezz taċ-ċipep UMTS offrut mir-rikorrenti lil Huawei biss ma tax vantaġġ lil din tal-aħħar, vantaġġ li ppremettielha tikkompeti aħjar mar-rivali tagħha ZTE fis-suq downstream.

289 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma ssuġġeriet li l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] kienet teżerċita ċerta restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq ħieles. F'din in-nota ta' qiegħ il-paġna, il-Kummissjoni sempliċement indikat li, fi kwalunkwe każ, anki li kieku l-produzzjoni għal użu intern sħiħa taċ-ċipep UMTS ta' [kunfidenzjali], jiġifieri ċ-ċipep intiżi għal telefons ċellulari u ċ-ċipep intiżi sabiex jiġu inkorporati f'apparat ieħor, kellha tiġi inkluża fis-suq rilevanti, is-sehem tas-suq tar-rikorrenti jibqa' l-istess għas-sena 2009 u jonqos biss b'mod marġinali għas-snin 2010 u 2011, filwaqt li f'kull każ jibqa' ogħla mil-limitu ta' 50 %. L-argument tar-rikorrenti huwa, għaldaqstant, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija nota ta' qiegħ il-paġna.

290 F'dak li jirrigwarda r-raba' lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, indikat, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata, li l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] tista' tiġi inkluża fis-suq rilevanti, iżda mhux dik ta' [kunfidenzjali], minħabba li din tal-aħħar kienet xtrat ċipep UMTS matul il-perijodu rilevanti għall-apparat MBB tagħha biss fis-suq ħieles, anki dan huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija nota ta' qiegħ

il-paġna. F'din tal-aħħar, il-Kummissjoni effettivament bl-ebda mod ma qieset li l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali] tista' tiġi inkluża fis-suq rilevanti, iżda mhux dik ta' [kunfidenzjali].

291 Qabelxejn għandu jiġi ppreċiżat li n-nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata hija relatata mal-premessa 240 tal-imsemmija deċiżjoni u, b'mod iktar partikolari, mal-kwistjoni dwar jekk, minn perspettiva ipotetika, analiżi tar-restrizzjoni indiretta ffokata fuq l-apparat MBB kinitx twassal għal riżultat differenti.

292 F'dan ir-rigward, f'dak li jirrigwarda [kunfidenzjali], il-Kummissjoni sempliċement indikat li l-produzzjoni għal użu intern ta' din tal-aħħar ta' ċipep intiżi kemm għal telefons ċellulari kif ukoll għal apparat ieħor tant kienet minima matul il-perijodu rilevanti li, anki li kieku din kellha tiġi inkluża fis-suq ikkonċernat (kemm jekk fil-kuntest ta' analiżi tar-restrizzjoni indiretta ffokata fuq it-telefons ċellulari kif ukoll jekk f'dak ta' analiżi tar-restrizzjoni indiretta ffokata fuq l-apparat MBB), dan ma kienx ikollu bħala konsegwenza li s-sehem mis-suq tar-rikorrenti jinżel taħt il-livell preżunt ta' dominanza ta' 50 %.

293 Bil-kontra ta' dan, f'dak li jirrigwarda [kunfidenzjali], il-Kummissjoni indikat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 311 tad-Deċiżjoni kkontestata li, fil-każ ipotetiku ta' analiżi tar-restrizzjoni indiretta ffokata fuq l-apparat MBB, din ma kinitx tieħu inkunsiderazzjoni l-produzzjoni għal użu intern ta' [kunfidenzjali], peress li din tal-aħħar kienet tixtri ċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat MBB tagħha fis-suq ħieles u peress li fl-2009 hija kienet ħabbret li kienet ser ittemm l-awtoproduzzjoni tagħha, kif jirriżulta mill-premessa 220(b) tal-imsemmija deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, fl-analiżi tal-eżistenza ta' eventwali restrizzjoni indiretta downstream iffokata fuq it-telefons ċellulari li hija effettivament wettqet, il-Kummissjoni effettivament ħadet inkunsiderazzjoni l-produzzjoni għal użu intern taċ-ċipep UMTS ta' [kunfidenzjali] intiżi għat-telefons ċellulari tagħha, peress li, f'dak li kien jirrigwarda dan l-apparat, din tal-aħħar kellha, effettivament, awtoprovvista.

294 Barra minn hekk, il-fatt li mill-premessa 220 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-aħħar ċipep UMTS ġew ikkunsinnati minn [kunfidenzjali] fl-2013 la jinvalida l-konstatazzjoni li [kunfidenzjali] kienet tixtri biss mis-suq ħieles f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep UMTS intiżi għall-apparat MBB tagħha u kienet tqis li l-awtoproduzzjoni tagħha kienet limitata għaċ-ċipep intiżi għat-telefons ċellulari tagħha, u lanqas ma jinvalida l-konstatazzjoni li [kunfidenzjali] kienet iddeċidiet sa mill-2009 li ttemm il-produzzjoni għal użu intern tagħha u f'Lulju 2010 kienet waqfet l-iżvilupp ta' ċipep UMTS ġodda, peress li setgħu jgħaddu diversi snin bejn, minn naħa, din id-deċiżjoni u t-tmiem tal-iżvilupp ta' ċipep UMTS ġodda u, min-naħa l-oħra, il-kunsinna tal-aħħar ċipep UMTS prodotti.

295 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li ebda wieħed mill-ilmenti fformulati insostenn ta' din il-parti ma jista' jikkonfuta l-analiżi magħmula mill-Kummissjoni fil-punt 10.2.9.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tikkonkludi li ma kienx hemm restrizzjoni indiretta eżerċitata, matul il-perijodu rilevanti, mill-produzzjoni għal użu intern ta' ċipep UMTS fis-suq ħieles.

296 Għaldaqstant, it-tielet parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq ir-raba' parti, dwar il-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti.

297 Insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka l-erba' lmenti li ġejjin.

298 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li, li kieku s-suq tal-prodotti ġie ddefinit b'mod korrett u li kieku fih ġie inkluż il-bejgħ għal użu intern tal-manifatturi integrati vertikalment, is-sehem tas-suq tagħha kien ikun ta' inqas minn 40 %, jiġifieri taħt il-livell ta' dominanza.

299 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta ssopravalutat l-importanza tas-sehem tagħha tas-suq. Fil-fehma tagħha, is-settur taċ-ċipep baseband huwa kkaratterizzat minn ċikli ta' innovazzjoni qosra, bil-konsegwenza li l-ishma tas-suq huma efemeri u ma jirriflettux korrettament ir-relazzjonijiet ta' saħħa fis-suq. Barra minn hekk, hija ssostni li, li kieku l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni b'mod korrett ir-restrizzjonijiet eżerċitati fuqha, hija kienet tasal għall-konklużjoni li hija ma kellhiex saħħa fis-suq li kienet sinjifikattiva u fit-tul.

300 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta kkunsidrat li s-suq rilevanti kien ikkaratterizzat minn ostakoli sinjifikattivi għad-dħul u għall-espansjoni. Fil-fehma tagħha, minħabba n-natura fil-parti l-kbira nnormalizzata tat-teknoloġija inkwistjoni, il-kompetituri l-ġodda kienu mħeġġa li jidħlu fis-suq mingħajr ma jkunu mxekkla min-neċessità li jagħmlu investimenti kunsiderevoli fir-R&Ż. Hija tiddikjara li lanqas in-network ta' retroċessjoni li minnu hija kienet tibbenefika ma kien jikkostitwixxi ostakolu għad-dħul, u dan huwa kkonfermat mill-fatt li, minn fost il-persuni intervistati li wieġbu għall-mistoqsija tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' ostakoli għad-dħul, kienet biss il-minoranza li kkwalifikat dan in-network bħala retroċessjoni.

301 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ma kkwantifikatx l-ostakoli l-oħra għad-dħul li hija identifikat, jiġifieri n-neċessità li ċ-ċipep baseband jiġu ċċertifikati mill-operaturi ta' networks mobbli u mill-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali, l-immaġni kummerċjali tagħha, ir-reputazzjoni tagħha u r-relazzjonijiet kummerċjali solidi tagħha.

302 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

303 Skont il-ġurisprudenza, il-pożizzjoni dominanti prevista fl-Artikolu 102 TFUE tikkonċerna sitwazzjoni ta' saħħa ekonomika ta' impriża, li tagħtiha s-setgħa li tostakola ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq inkwistjoni billi tagħtiha l-possibbiltà li tadotta aġiri sinjifikattivament indipendenti mill-kompetituri tagħha, mill-klijenti tagħha u, fl-aħħar nett, mill-konsumaturi (sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, punt 38).

304 Bħala regola ġenerali, l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti tista' tirriżulta minn diversi fatturi li, ikkunsidrati waħedhom, ma jkunux neċessarjament determinanti (sentenzi tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, 27/76, EU:C:1978:22, punt 66 u tal-15 ta' Diċembru 1994, DLG, C-250/92, EU:C:1994:413, punt 47). Fost dawn il-fatturi, l-eżistenza ta' sehem tas-suq ta' daqs kbir hija sinjifikattiva ħafna (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1991, Hilti vs Il-Kummissjoni, T-30/89, EU:T:1991:70, punt 90, u tal-25 ta' Ġunju 2010, Imperial Chemical Industries vs Il-Kummissjoni, T-66/01, EU:T:2010:255, punti 255 u 256).

305 Skont il-ġurisprudenza, sehem tas-suq estremament kbir effettivament jikkostitwixxi, fih innifsu, u ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, il-prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti (sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, punt 41). B'mod iktar partikolari, sehem mis-suq ta' 50 % jikkostitwixxi, fih innifsu, u ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali, pożizzjoni dominanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punt 60).

306 Fatturi oħra jistgħu wkoll jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-analiżi tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti, bħar-relazzjoni bejn l-ishma tas-suq miżmuma mill-impriża kkonċernata u mill-kompetituri immedjati tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, EU:C:1979:36, punt 48), jew l-eżistenza ta' ostakoli għad-dħul jew għall-espansjoni, li jirriżultaw, b'mod partikolari, mill-ħtieġa li jsiru investimenti kbar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continentaal vs Il-Kummissjoni, 27/76, EU:C:1978:22, punt 122), jew ukoll, f'ċerti ċirkustanzi, il-pussess ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, T-321/05, EU:T:2010:266, punt 270 u l-ġurisprudenza ċċitata).

307 F'dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, ibbażat fuq il-fatt li, li kieku s-suq ta' prodotti rilevanti ġie ddefinit b'mod korrett u li kieku fih ġie inkluż il-bejgħ għal użu intern tal-manifatturi integrati vertikalment, is-sehem tas-suq tar-rikorrenti kien ikun ta' inqas minn 40 %, huwa biżżejjed li jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel tliet partijiet tat-tieni motiv, il-Kummissjoni ma wettqitx żbalji meta ddefinixxiet is-suq tal-prodotti rilevanti bħala s-suq taċ-ċipep UMTS, u dan jippermetti li dan l-ilment jiġi miċħud.

308 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, ibbażat fuq il-fatt li, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur, id-daqs tas-sehem tas-suq tar-rikorrenti, li din tal-aħħar tikkunsidra bħala efemeru, ma kienx jirrifletti l-fatt li hija kellha saħħa fis-suq li kienet sinjifikattiva u fit-tul, għandu jiġi rrilevat li, anki jekk jitqies li s-suq rilevanti huwa kkaratterizzat minn ċikli qosra ta' innovazzjoni, dan ma jikkostitwixxix ċirkustanza eċċezzjonali, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 305 iktar 'il fuq, li tippermetti li ma jiġix ikkunsidrat li sehem tas-suq ta' tali daqs jikkostitwixxi, fih innifsu, il-prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti, speċjalment meta l-eqreb sehem tas-suq kompetitur ikun, min-naħa tiegħu, ħafna inqas, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża. Fi kwalunkwe każ, mid-data riprodotta fit-tabelli 3 u 5 tad-Deċiżjoni kkontestata, li essenzjalment ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti, jirriżulta li din tal-aħħar kellha sehem tas-suq ta' 61.2 % fl-2009, ta' 59.7 % fl-2010 u ta' 62.5 % fl-2011 f'dak li jirrigwarda d-dħul u ta' 58.9 % fl-2009, ta' 57.8 % fl-2010 u ta' 65.3 % fl-2011 f'dak li jirrigwarda l-volum. Tali sehem tas-suq, relattivament stabbli, ma jistax għalhekk jiġi kklassifikat bħala efemeru, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

309 Fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, mid-data riprodotta fit-tabelli 3 u 5 tad-Deċiżjoni kkontestata, li essenzjalment ma ġietx ikkontestata mir-rikorrenti, jirriżulta wkoll li l-eqreb żewġ kompetituri tagħha, f'dak li jirrigwarda d-dħul, kienu, fl-2009, ST-Ericsson b'sehem tas-suq ta' 15.1 % u Intel b'sehem tas-suq ta' 12.6 %, fl-2010, Intel b'sehem tas-suq ta' 18.9 % u ST Ericsson b'sehem tas-suq ta' 8.9 % u, fl-2011, Intel b'sehem tas-suq ta' 19.1 % u Broadcom b'sehem tas-suq ta' 4.4 %. F'dak li jirrigwarda l-volum, l-eqreb żewġ kompetituri tagħha kienu, fl-2009, ST Ericsson b'sehem tas-suq ta' bejn 20 u 30 % u Intel b'sehem tas-suq ta' bejn 10 u 20 %, fl-2010, Intel b'sehem tas-suq ta' bejn 10 u 20 % u ST Ericsson u Marvell b'sehem tas-suq ta' bejn 5 u 10 % u, fl-2011, Intel b'sehem tas-suq ta' bejn 20 u 30 % u Marvell b'sehem tas-suq ta' bejn 5 u 10 %. Issa, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, dawn it-tabelli tabilħaqq juru li, matul il-perijodu rilevanti, din tal-aħħar kienet qiegħda taffaċċja biss kompetituri skarsi li kellhom pożizzjoni ħafna iktar dgħajfa u ishma tas-suq relattivament instabbli, kuntrarjament għaliha nnifisha, li jikkonferma, f'dak li jirrigwardaha, l-eżistenza ta' saħħa fis-suq li kienet sinjifikattiva u fit-tul u tirrendi ftit kredibbli l-possibbiltà li l-kompetituri tagħha jeżerċitaw restrizzjoni reali fuqha. It-tieni lment għandu, konsegwentement, jiġi miċħud.

310 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat, essenzjalment, fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li l-investimenti neċessarji għall-ħolqien ta' ċippa UMTS, b'mod partikolari fir-R&Ż, huma ostakoli għad-dħul jew għall-espansjoni u r-raba' lment, ibbażat fuq

il-fatt li l-Kummissjoni ma kkwantifikatx l-ostakoli l-oħra għad-dħul identifikati, jiġifieri n-neċessità li ċ-ċipep baseband jiġu ċċertifikati mill-operaturi ta' networks mobbli u mill-fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali, l-immaġni kummerċjali, ir-reputazzjoni u r-relazzjonijiet kummerċjali solidi tar-rikorrenti, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dawn huma relatati ma' fatturi oħra li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni waqt l-analiżi tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti (ara l-punt 306 iktar 'il fuq), mingħajr ma jkunu jistgħu jikkonfutaw il-prova tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti, kif ġiet stabbilita konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 305 iktar 'il fuq.

311 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li r-raba' parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-ħames parti, dwar id-definizzjoni tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS li fuqu l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha

312 Insostenn tal-ħames parti, ir-rikorrenti tikkritika, essenzjalment, lill-Kummissjoni talli bbażat l-analiżi tagħha fuq is-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, minkejja li dan huwa kunċett ta' konvenjenza li qatt ma eżista u li ma jaqbilx mar-realtajiet tekniċi u kummerċjali matul il-perijodu rilevanti.

313 Issa, hemm lok li dan l-argument jitqies bħala ineffettiv jekk dan jiġi invokat għall-kontestazzjoni tad-definizzjoni tas-suq rilevanti jew tal-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti. Fil-fatt, la kien fil-punt 10 tad-Deċiżjoni kkontestata, dwar l-imsemmija definizzjoni, u lanqas fil-punt 11 ta' din id-deċiżjoni, dwar din il-pożizzjoni dominanti, li l-Kummissjoni ddefinixxiet is-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, iżda fil-punt 12 tal-imsemmija deċiżjoni, dwar l-abbuż u, b'mod iktar partikolari, fl-analiżi tagħha tal-istrateġija tar-rikorrenti intiża sabiex tostakola lil Icera f'dan is-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata (punt 12.4 tad-Deċiżjoni kkontestata).

314 Mistoqsija f'dan ir-rigward permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti indikat li r-raġuni għalfejn hija kienet żviluppat il-kritika tagħha tad-definizzjoni tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, li fuqu l-Kummissjoni kienet ibbażat l-analiżi tagħha, fil-kuntest tat-tieni motiv kien biss sabiex tqajjem dan il-punt fundamentali mill-iktar fis possibbli fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, għaliex tali kritika potenzjalment kellha influwenza fuq il-motivi l-oħra żviluppati sussegwentement u li hija xtaqet tenfasizza l-inkoerenzi fid-definizzjoni tas-suq rilevanti, inkluż f'dak li jirrigwarda dan is-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata, li kien jagħmel parti minnu.

315 Madankollu, tali risposta ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi evitata n-natura ineffettiva ta' din il-parti, peress li, anki fil-każ fejn l-ilment ifformulat insostenn tagħha kellu jintlaqa', dan ma jistax jikkonfuta l-konklużjoni li waslet għaliha l-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-suq rilevanti u l-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti.

316 Minn dan jirriżulta li l-ħames parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-partijiet l-oħra ta' dan il-motiv ġew miċħuda (ara l-punti 240, 268, 296 u 311 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Il-ħames motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda r-rikostruzzjoni tal-prezzijiet "effettivament imħallsa"

317 Il-ħames motiv huwa kompost minn żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq in-natura inutli tal-"ipproċessar mill-ġdid tal-prezzijiet" imwettaq fid-Deċiżjoni kkontestata. It-tieni parti hija bbażata fuq żbalji mwettqa fl-imsemmija deċiżjoni fir-rigward ta' dan l-"ipproċessar mill-ġdid".

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-natura inutli tal-"ipproċessar mill-ġdid tal-prezzijiet" imwettaq fid-Deċiżjoni kkontestata

318 Insostenn tal-ewwel parti, ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li, billi ma bbażatx ruħha fuq id-data tal-kontabbiltà ta' Qualcomm sabiex tiddetermina l-prezzijiet taċ-ċipep, il-Kummissjoni wettqet "ipproċessar mill-ġdid" inutli u mhux iġġustifikat tad-data tagħha fuq il-prezzijiet. Għalhekk hija tikkontesta r-rikostruzzjoni, imwettqa fid-Deċiżjoni kkontestata, tal-prezzijiet effettivament imħallsa lil Qualcomm minn Huawei u minn ZTE matul il-perijodu rilevanti.

319 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li, fil-kuntest tar-rikostruzzjoni tal-prezzijiet li twettqet fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod xieraq l-oġġezzjonijiet tagħha dwar l-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa fid-DO, li kienu jikkritikaw il-fatt, minn naħa, li din ir-rikostruzzjoni teskludi ċertu dħul billi b'mod żbaljat titratta ċerti każijiet limitati ta' volatilità tal-prezzijiet ta' bejgħ medji bħala żbalji ta' kontabbiltà u, min-naħa l-oħra, li l-istess rikostruzzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-effetti tal-kontabbiltà tardiva tad-dħul.

320 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat id-data tal-prezz ta' Qualcomm fil-kuntest tal-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha billi użat perijodu ta' riferiment trimestrali. Fil-fehma tagħha, l-iktar perijodu xieraq u l-iktar perijodu rilevanti mill-perspettiva kummerċjali għall-evalwazzjoni tad-data tariffarja kien ta' sitt xhur, jekk mhux saħansitra ta' sena. Hija tispeċifika li la tiftiehem prezzijiet mal-klijenti tagħha u lanqas ma tirrevedi l-prezzijiet fuq bażi trimestrali, iżda li ġeneralment hija tikkonkludi, mal-imsemmija klijenti, ftehimiet għal perijodi ħafna itwal.

321 Ir-rikorrenti tkompli tesponi li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta ċaħdet l-argument li jgħid li l-aggregazzjoni matul iż-żmien tista' tirrimedja l-problemi li jirriżultaw mis-sistema ta' kontabbiltà tardiva, inkwantu dan ir-riskju jikkonċerna biss ċifri minimi, peress li r-riskju li l-perijodi ta' prezzijiet predatorji jkunu diffiċili li jiġu identifikati minħabba l-medja tagħhom fuq perijodu ta' riferiment itwal jeżisti biss jekk l-analiżi prezzijiet-spejjeż ssir mhux biss fuq il-perijodu ta' predazzjoni, iżda wkoll fuq il-perijodu ta' rkupru kollu jew parti minnu. Fil-fehma tagħha, peress li l-predazzjoni allegata mill-Kummissjoni f'dan il-każ seħħet fuq sentejn, kien ikun possibbli li l-analiżi prezzijiet-spejjeż titwettaq abbażi ta' perijodi ta' riferiment ta' sitt xhur.

322 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-eżerċizzju ta' pproċessar mill-ġdid tal-prezzijiet medji ta' bejgħ imwettaq fid-Deċiżjoni kkontestata huwa inutli, peress li, f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet ta' bejgħ medji rreġistrati fid-data tal-kontabbiltà tagħha, id-differenza mar-riżultat tal-kalkoli tal-Kummissjoni hija, fi kwalunkwe każ, minima. Barra minn hekk, hija ssostni li l-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa mill-Kummissjoni fid-DO, li kienet ibbażata fuq id-data tagħha, żvelat biss li prezzijiet inqas mill-ispejjeż ġew applikati biss għal perijodu qasir ħafna u b'mod intermittenti, u dan huwa inkompatibbli ma' "teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni

bbażata fuq esklużjoni antikompetittiva. Skont ir-rikorrenti, dan jissuġġerixxi li l-Kummissjoni rriformulat il-prezzijiet ta' bejgħ medji biss sabiex tevita l-konstatazzjoni ta' predazzjoni intermittenti u, għaldaqstant, ta' assenza ta' ksur.

323 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

324 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-punt 12.5 tad-Deċiżjoni kkontestata jesponi l-metodu tal-Kummissjoni u l-kalkolu tal-prezzijiet medji ta' bejgħ trimestrali li Huawei u ZTE effettivament ħallsu għal kull unità għaċ-ċipep li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni matul il-perijodu rilevanti.

325 Fid-DO, il-Kummissjoni kienet ibbażat il-kalkoli tagħha prinċipalment fuq id-data tal-kontabbiltà ta' Qualcomm. Madankollu, minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati fl-Istati Uniti (iktar 'il quddiem l-"USA GAAP") u tal-argumenti mressqa fit-tweġiba għad-DO, il-Kummissjoni qieset li ma kienx xieraq li tibbaża l-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha fuq l-imsemmija data tal-kontabbiltà mingħajr ma twettaq aġġustamenti sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' kontabbiltà tad-dħul u sabiex tirrifletti b'mod iktar preċiż ir-realtà ekonomika matul il-perijodu rilevanti.

326 B'mod partikolari, skont il-Kummissjoni, minn naħa, id-dħul inizjalment irreġistrat matul trimestru partikolari potenzjalment issottovaluta l-prezz effettiv finali tal-unitajiet mibjugħa matul dan it-trimestru u, min-naħa l-oħra, il-kontabbiltà tardiva tar-riżervi akkumulati minn Qualcomm u li kienu għadhom ma tħallsux inkrimentat id-dħul tat-trimestru li matulu dawn ġew irreġistrati. Din il-kontabbiltà tardiva hija dovuta għall-USA GAAP applikati mir-rikorrenti, li skonthom, fil-mument tal-ispedizzjoni fiżika ta' ċippa, Qualcomm kellha tirreġistra fil-kontabbiltà biss id-dħul li kien ċert u li seta' jitkejjel. Huwa biss fil-mument tal-verifika tal-kwantità preċiża taċ-ċipep li għalihom japplika inċentiv finanzjarju li r-riżervi jerġgħu jidħlu fil-kontijiet ta' Qualcomm.

327 Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qieset li ma kienx xieraq li tibbaża ruħha fuq id-data tal-kontabbiltà ta' Qualcomm mingħajr ma twettaq aġġustamenti sabiex tieħu inkunsiderazzjoni d-differenza bejn it-trimestru li matulu kienu nbiegħu ċ-ċipep u t-trimestru li matulu d-dħul kien irreġistrat fil-kontabbiltà.

328 Konsegwentement, il-Kummissjoni evalwat il-prezzijiet "effettivament imħallsa" billi ħadet inkunsiderazzjoni r-riżervi li jerġgħu jidħlu fil-kontijiet ta' Qualcomm, b'mod li tikkalkola d-dħul gross miġbur fit-trimestru li matulu kien seħħ il-bejgħ.

329 Fil-punti 608 sa 610 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li hija kienet ibbażat ruħha fuq perijodi ta' riferiment trimestrali fid-dawl tal-fatt li, l-ewwel nett, minn ċerti dokumenti ta' [kunfidenzjali] kien jirriżulta li Qualcomm kienet tiddeċiedi dwar il-prezzijiet b'mod trimestrali, li, it-tieni nett, il-klijenti kienu jippreżentaw it-talbiet tagħhom għal inċentivi finanzjarji wkoll b'mod trimestrali u li, it-tielet nett, dan il-perijodu kien koerenti mad-data dwar l-AVC ipprovduti minn Qualcomm, li anki dawn kienu jiġu ppreżentati fuq bażi trimestrali.

330 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod korrett l-argumenti li r-rikorrenti kienet ifformulat fit-tweġiba għad-DO, għandu jiġi osservat li din tal-aħħar la tispjega kif il-Kummissjoni allegatament naqset

milli tieħu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq l-osservazzjonijiet tagħha u lanqas ma tispjega għal liema raġuni r-rikostruzzjoni tal-prezzijiet imwettqa fid-Deċiżjoni kkontestata ma kinitx neċessarja sabiex tingħata tweġiba għall-kritika magħmula fl-imsemmija tweġiba.

331 Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif ġie indikat fid-Deċiżjoni kkontestata, minħabba l-applikazzjoni tal-USA GAAP u minħabba l-argumenti mressqa fit-tweġiba għad-DO, il-Kummissjoni qieset li ma kienx xieraq li tibbaża l-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha fuq id-data tal-kontabbiltà ta' Qualcomm mingħajr ma twettaq aġġustamenti sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-prinċipju ta' kontabbiltà tad-dħul. Fil-kuntest tar-rikostruzzjoni tal-prezzijiet imwettqa fl-imsemmija deċiżjoni, il-Kummissjoni għalhekk ħadet inkunsiderazzjoni din iċ-ċirkustanza billi għamlet mod li l-aġġustamenti magħmula fil-kontijiet jaqblu mal-bejgħ ikkonċernati, b'tali mod li tiġi riflessa b'mod iktar preċiż ir-realtà ekonomika matul il-perijodu rilevanti. B'mod partikolari, hija aġġustat l-imsemmija data ta' kontabbiltà, abbażi ta' dokumenti miżmuma mir-rikorrenti, sabiex id-diversi ħlasijiet ta' inċentivi jiġu allokati mill-ġdid fl-unitajiet li jikkorrispondu għalihom u b'dan il-mod tikkalkola l-prezz effettivament imħallas minn Huawei u minn ZTE.

332 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni, li din tal-aħħar diġà wettqet, fl-imgħoddi, ċerti aġġustamenti, ibbażati kemm fuq id-dikjarazzjonijiet tal-prezzijiet u tal-ispejjeż tal-impriża dominanti kif ukoll fuq kull informazzjoni rilevanti oħra pprovduta minnha, u dan sabiex tirrifletti r-realtà ekonomika. Issa, dan l-approċċ ġie vvalidat mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, pereżempju fis-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni (T-340/03, EU:T:2007:22, punti 131 sa 137), tal-10 ta' April 2008, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni (T-271/03, EU:T:2008:101, punti 208 sa 211), u tat-13 ta' Diċembru 2018, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni (T-851/14, EU:T:2018:929, punti 220 sa 235).

333 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

334 F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, ibbażat fuq il-fatt li l-perijodu ta' riferiment trimestrali ma kienx l-iktar xieraq sabiex titwettaq l-analiżi prezzijiet-spejjeż, għandu jitfakkar li, fl-oqsma li jagħtu lok għal evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, il-qorti tal-Unjoni għandha mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk dawn humiex ta' natura li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom. F'dan ir-rigward, il-qorti tal-Unjoni għandha twettaq l-istħarriġ tal-legalità abbażi tal-provi prodotti mir-rikorrenti insostenn tal-motivi invokati (ara s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni C-295/12 P, EU:C:2014:2062, punti 54 u 56 u l-ġurisprudenza ċċitata.

335 F'dan il-każ, fil-premessi 609, 610 u 630 sa 633 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni esponiet il-provi li kienu wassluha sabiex tadotta perijodu ta' riferiment trimestrali u r-raġunament li hija segwiet sabiex tiċħad l-oġġezzjonijiet imqajma mir-rikorrenti.

336 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm huwa minnu li d-data riprodotta fit-tabelli 28 sa 30, 44 u 45 tad-Deċiżjoni kkontestata ma turix uniformità sħiħa fid-determinazzjoni tal-perijodi ta' xiri, xorta jibqa' l-fatt li minnha jirriżulta li l-perijodu li jintuża l-iktar ta' spiss huwa effettivament it-trimestru. Flimkien ma' dan, għandu jiġi espost ukoll, minn naħa, li l-perijodu applikabbli għall-klijenti sabiex jippreżentaw it-talbiet tagħhom għal inċentivi finanzjarji kien it-trimestru u, min-naħa l-oħra, li anki d-data dwar l-ispejjeż li jikkonċernaw l-AVC ipprovduta minn Qualcomm innifisha ġiet ipprovduta wkoll fuq bażi trimestrali. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ppreżentatx, la fin-noti bil-miktub tagħha u lanqas fit-tweġibiet

tagħha għad-DO u għad-DOA li għalihom hija għamlet riferiment, argument jew prova li jsostnu l-argument tagħha li jgħid li l-Kummissjoni kellha tuża perijodu ta' riferiment ta' sitt xhur jew ta' sena.

337 L-elementi l-oħra invokati mir-rikorrenti lanqas ma jippermettu li jitqies li l-Kummissjoni wettqet żball meta adottat perijodu ta' riferiment trimestrali sabiex twettaq l-analiżi prezzijiet-spejjeż.

338 Minn naħa, ir-rikorrenti ma jirnexxilhiex turi b'liema mod il-problema tal-kontabbiltà tardiva, li taffettwa l-perijodu rilevanti kollu, setgħet tiġi solvuta billi jinbidel il-perijodu ta' riferiment, kif hija tallega.

339 Min-naħa l-oħra, għalkemm huwa minnu, hekk kif issostni r-rikorrenti, li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodu itwal ta' riferiment jista' joħloq distorsjoni fl-analiżi biss fil-każ fejn jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prezzijiet relatati ma' perijodu li jmur lil hinn minn dak tal-predazzjoni, din iċ-ċirkustanza ma timplikax li l-għażla tal-perijodu ta' riferiment għandha neċessarjament tkun dik proposta mir-rikorrenti. Fil-fatt, f'dan il-każ il-Kummissjoni wettqet l-għażla bejn perijodu ta' riferiment trimestrali, semestrali jew annwali skont l-informazzjoni u ċ-ċirkustanzi l-iktar rilevanti li jikkonċernaw l-attività tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma rnexxilhiex turi li l-għażla ta' perijodu ta' riferiment trimestrali kienet ivvizzjata bi żball.

340 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

341 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq l-inutilità tal-ipproċessar mill-ġdid tal-prezzijiet ta' bejgħ medji mill-Kummissjoni, peress li, f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet ta' bejgħ medji rreġistrati fid-data tal-kontabbiltà tar-rikorrenti, id-differenza mar-riżultat tal-kalkoli tal-Kummissjoni hija, f'kull każ, minima, mill-premessi 614, 739, 740, 774, 775 u 922 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li d-differenza bejn il-prezzijiet ta' kontabbiltà tar-rikorrenti u l-prezzijiet irrikostitwiti mill-Kummissjoni kienet ta' spiss dgħajfa. Dan il-fatt ġie, essenzjalment, ikkonfermat mill-partijiet matul is-seduta.

342 Issa, ir-rikorrenti ma tistabbilixxix li dan il-fatt jaffettwa l-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, għalkemm id-differenza bejn il-prezzijiet ta' bejgħ medji rreġistrati fid-data tal-kontabbiltà tagħha u l-prezzijiet ta' bejgħ medji kif rikostitwiti mill-Kummissjoni hija biss minima, minn dan ma jistax madankollu jiġi dedott li l-Kummissjoni wettqet żball meta rrikostitwixxiet il-prezzijiet ta' bejgħ medji. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

343 Barra minn hekk, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma ssotni l-argument tagħha li jgħid li analiżi prezzijiet-spejjeż, li kienet ibbażata fuq id-data ta' kontabbiltà tagħha, żvelat biss li prezzijiet inqas mill-ispejjeż ġew applikati biss għal perijodu qasir ħafna u b'mod intermittenti u li, b'konsegwenza ta' dan, din hija inkompatibbli ma' kull konstatazzjoni ta' ksur. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma tispjegax dak li hija tikkunsidra bħala predazzjoni intermittenti u għal liema raġuni dan it-tip ta' predazzjoni ma jistax jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni.

344 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, kemm it-tielet ilment kif ukoll l-ewwel parti tal-ħames motiv għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji mwettqa fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-"ipproċessar mill-ġdid" imwettaq

345 Insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tinvoka ħames ilmenti.

346 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti ssostni li, sabiex tikkalkola l-prezzijiet "effettivament imħallsa", il-Kummissjoni ttrasferixxiet b'mod żbaljat ċerti inċentivi finanzjarji mit-trimestri fejn dawn kienu ġew irreġistrati fis-sistema ta' kontabbiltà ta' Qualcomm għat-trimestri fejn l-unitajiet ikkonċernati kienu ntbagħtu lill-klijent fuq il-bażi ta' manipulazzjoni żbaljata tat-talbiet ta' inċentivi mressqa lil Qualcomm minn Huawei u minn ZTE, li jidhru f'"pakketti ta' dokumenti" li ma kinux f'pożizzjoni li jiżguraw l-affidabbiltà tal-analiżi prezzijiet-spejjeż.

347 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tippreċiża li r-raġunijiet li għalihom il-"pakketti ta' dokumenti" inkwistjoni ma kinux affidabbli kienu ġew esposti fit-tweġiba għad-DOA, li fiha hija kienet spjegat li dawn kienu ppreparati b'mod iddettaljat ħafna mill-klijenti, li ma kinux iktar kapaċi jagħtu kjarifiki fir-rigward tagħhom fil-mument meta l-Kummissjoni talbithom jagħmlu dan, fl-2017. Barra minn hekk, dawn il-"pakketti ta' dokumenti" huma inkompleti u xi drabi vvizzjati b'inkoerenzi u bi żbalji.

348 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti takkuża lill-Kummissjoni li użat approċċ indebitament retrospettiv, sa fejn hija ttrasferixxiet ir-riżervi billi bbażat ruħha fuq l-ipoteżi li tgħid li Qualcomm setgħet tipprevedi b'ċertezza assoluta t-talbiet għal inċentivi fil-mument tal-bejgħ.

349 F'dan ir-rigward, il-konstatazzjoni, li tinsab fil-premessa 620 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tgħid li dak li huwa importanti huwa li Qualcomm kienet lesta li tinkoraġġixxi x-xiri tal-unitajiet kollha li, *a priori*, kienu jaqgħu taħt ċerti ftehimiet li jipprevedu miżuri ta' inċentivi, ma tagħmilx sens. L-applikazzjoni tal-USA GAAP timplika li, fil-mument li tirċievi u li tibgħat l-ordnijiet ta' ċipep, Qualcomm kienet obbligata li tippreżupponi li l-unitajiet kollha ta' ċipep ser ikunu eliġibbli għal kull inċentiv potenzjalment applikabbli, mingħajr ma jkun permessa li hija jkollha l-inqas inċertezza. Dan ma jfissirx li Qualcomm kienet aċċettat li l-unitajiet kollha kienu jibbenefikaw minn inċentiv massimu.

350 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tqis li l-approċċ segwit mill-Kummissjoni huwa vvizzjat b'inkoerenza, sa fejn din tal-aħħar, minn naħa, ċaħdet il-prezzijiet tal-kontabbiltà ta' Qualcomm bħala "inadegwati" u, min-naħa l-oħra, użat b'mod selettiv dawn l-istess prezzijiet f'żewġ kalkoli kruċjali, jiġifieri dak tal-prezz taċ-ċipep li għalihom ma kienx hemm "pakketti ta' dokumenti" u dak magħmul għall-finijiet li jiġu attribwiti l-ispejjeż ta' R&Ż addizzjonali fil-kuntest tal-analiżi prezzijiet-spejjeż.

351 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ssostni li l-approċċ segwit mill-Kummissjoni huwa f'kontradizzjoni mad-Deċiżjoni C(2014)7465 final, adottata fil-Każ tal-15 ta' Ottubru 2014, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39523. – Slovak Telekom), li fiha din tal-aħħar qieset li kien preferibbli, għall-finijiet ta' ċertezza legali, li jsiru evalwazzjonijiet abbażi tad-data tal-ispejjeż kif użata mill-impriża inkwistjoni, pjuttost milli abbażi ta' data li tirriżulta minn aġġustamenti u minn kalkoli kumplessi mwettqa *ex post*.

352 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti tosserva li l-metodu tal-Kummissjoni jwassal għal prezzijiet li, f'ċerti każijiet, ma humiex manifestament il-prezzijiet "effettivament imħallsa" mill-klijenti ta' Qualcomm. Pereżempju, ma teżisti l-ebda inċertezza dwar il-prezz reali mħallas minn Huawei għall-ordnijiet mhux mibgħuta ta' [kunfidenzjali] unitajiet taċ-ċippa MDM8200 mibjugħa minn

Qualcomm, li għalihom il-prezz finali u b'rata fissa miftiehem kien ta' [kunfidenzjali] (USD) għal kull ċippa, wara t-tnaqqis ta' kull inċentiv; min-naħa l-oħra, il-prezz rikostruwit mill-Kummissjoni wara l-manipulazzjonijiet tagħha jirriżulta li huwa ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa. Bl-istess mod, fl-ewwel trimestru tas-sena 2011, il-prezz imħallas minn Huawei għaċ-ċippa MDM8200 allegatament kien ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa, minkejja li l-Kummissjoni kkonkludiet, abbażi tal-metodu żbaljat tagħha, li l-prezz tal-bejgħ nett medju għall-imsemmija ċippa kien ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa.

353 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma hijiex f'pożizzjoni li tispjega għaliex il-prezz medju nett tal-bejgħ tal-inċentiv prinċipali fl-ewwel trimestru tas-sena 2011 kien inkompatibbli mal-prezz tal-bejgħ medju nett tal-inċentiv prinċipali msemmi fl-islajd ta' [kunfidenzjali]: iż-żewġ prezzijiet irriformulati li l-Kummissjoni tipprova tiġġustifika billi tibbaża ruħha fuq l-islajd tal-preżentazzjoni tal-[kunfidenzjali] tal-4 ta' Awwissu 2010 manifestament ma humiex prezzijiet "reali".

354 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

355 Fir-rigward tal-ewwel ilment, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li l-"pakketti ta' dokumenti" li jinkludu t-talbiet għal inċentivi magħmula lil Qualcomm minn Huawei u minn ZTE ma kinux f'pożizzjoni li jiżguraw l-affidabbiltà tal-analiżi prezzijiet-spejjeż, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, bi qbil mall-Kummissjoni, li r-rikorrenti stess kienet tuża d-dokumenti kkonċernati fil-kuntest tal-ħruġ tan-noti ta' kreditu u tal-istabbiliment tal-kontijiet tagħha, hekk kif huwa indikat fil-premessa 597 tad-Deċiżjoni kkontestata, u dan ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti. Konsegwentement, fl-assenza ta' elementi oħra mressqa mir-rikorrenti, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

356 Fir-rigward tat-tieni lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni użat approċċ indebitament retrospettiv, sa fejn hija ttrasferixxiet ir-riżervi billi bbażat ruħha fuq l-ipoteżi li Qualcomm setgħet tipprevedi b'ċertezza assoluta t-talbiet għal inċentivi fil-mument tal-bejgħ, għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-metodu tal-Kummissjoni ma huwiex ibbażat fuq parametri li Qualcomm ma kinitx f'pożizzjoni li tevalwa. Fil-fatt, il-prezzijiet ta' Qualcomm kienu strutturati bħala prezzijiet gross li għalihom kienu jiġu applikati l-inċentivi, jiġifieri t-tnaqqis. Għalhekk, meta Qualcomm kienet tieħu deċiżjonijiet dwar l-iffissar tal-prezzijiet, hija kienet taf x'seta' jkun l-iktar prezz għal kull unità baxx li kieku kellhom jiġu applikati l-inċentivi kollha. Dan il-kalkolu, kif issostni l-Kummissjoni, kellu sempliċement l-għan li jistabbilixxi, abbażi tal-informazzjoni li Qualcomm kellha u li fuqha din tal-aħħar kienet tibbaża ruħha sabiex tistabbilixxi l-kontijiet tagħha, il-prezz effettivament imħallas minn Huawei u minn ZTE. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma suffiċjenti sabiex dan l-ilment jiġi miċħud.

357 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-approċċ tal-Kummissjoni dwar il-prezzijiet ta' Qualcomm huwa vvizzjat b'inkoerenza, sabiex dan jiġi miċħud huwa biżżejjed li jiġi osservat li dan huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li fid-Deċiżjoni kkontestata ġie kkonstatat li l-prezzijiet tal-kontabbiltà ta' Qualcomm kienu "inadegwati". Fil-fatt, fil-premessi 603, 613 u 618 tal-imsemmija deċiżjoni, invokati mir-rikorrenti, il-Kummissjoni tidentifika b'mod ċar liema elementi f'dawn il-prezzijiet tal-kontabbiltà kienu inadegwati, mingħajr madankollu ma tiċħad il-possibbiltà li tużahom wara li tkun wettqet, abbażi ta' sorsi oħra ta' informazzjoni, l-aġġustamenti neċessarji.

358 F'dak li jirrigwarda r-raba' lment, ibbażat fuq kontradizzjoni mad-Deċiżjoni C(2014)7465 final, adottata fil-Każ tal-15 ta' Ottubru 2014, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39523 – Slovak Telekom), għandu jiġi osservat li, għalkemm huwa minnu li, f'ċerti każijiet, il-Kummissjoni inizjalment ibbażat ruħha fuq iċ-ċifri li jinsabu fil-kontijiet tal-impriża dominanti, li, xi drabi, kien suffiċjenti, meta dawn iċ-ċifri ma kinux disponibbli jew ma kinux jikkorrispondu għar-realtajiet tas-suq, hija bniet valuri rappreżentattivi xierqa, li kienu bbażati wkoll fuq kull informazzjoni rilevanti pprovduta mill-impriża dominanti. Issa, kif ġie rrilevat fil-punt 332 iktar 'il fuq, dan l-approċċ ġie vvalidat mill-Qorti Ġenerali. Dan l-ilment għandu għalhekk jiġi miċħud.

359 F'dak li jirrigwarda l-ħames ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-metodu tal-Kummissjoni jwassal għal prezzijiet li, f'ċerti każijiet, manifestament ma humiex il-prezzijiet "effettivament imħallsa" mill-klijenti ta' Qualcomm, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-ewwel eżempju invokat mir-rikorrenti, l-islajd li fuqha hija bbażata d-difiża tal-Kummissjoni (Anness A.2.2.19 tar-rikors) turi effettivament li l-prezz imħallas minn Huawei għaċ-ċippa MDM8200 wara l-applikazzjoni tal-inċentiv kien ta' USD [kunfidenzjali] (arrotondat għal USD [kunfidenzjali]) għal kull ċippa, li jikkorrispondi għall-prezz ikkalkolat mill-Kummissjoni u indikat fil-premessa 743 tad-Deċiżjoni kkontestata. Fir-rigward tat-tieni eżempju, għandu jiġi osservat li d-dokument imsemmi mill-Kummissjoni (Anness A.2.4.12 tar-rikors) sabiex turi li l-prezzijiet approvati mill-[kunfidenzjali] kienu ġew suġġetti għal varjazzjonijiet suċċessivi, kif ġie ċċarat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali, jikkonferma li l-prezz indirizzat lil Huawei għaċ-ċippa MDM8200 fl-ewwel trimestru tal-2011 kien inqas minn dak ippreżentat lil [kunfidenzjali] u kien jikkorrispondi għall-prezz effettiv ta' USD [kunfidenzjali] kif ikkalkolat mill-Kummissjoni.

360 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma wrietx l-eżistenza ta' żbalji fil-metodu użat mill-Kummissjoni u fir-riżultati li waslet għalihom din tal-aħħar fid-Deċiżjoni kkontestata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

361 Minn dan jirriżulta li t-tieni parti tal-ħames motiv għandha tiġi miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-ewwel parti ta' dan il-motiv ġiet miċħuda (ara l-punt 344 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq l-"allokazzjoni żbaljata tal-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti"

362 Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni tagħha tal-ħlasijiet NRE, il-Kummissjoni wettqet "żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi u kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, il-preżunzjoni tal-innoċenza u l-prinċipju *in dubio pro reo*". Barra minn hekk, id-Deċiżjoni kkontestata hija insuffiċjentement motivata, sa fejn din tonqos milli "tieħu inkunsiderazzjoni" diversi argumenti importanti mressqa minn Qualcomm matul il-proċedura amministrattiva. Il-Kummissjoni għalhekk naqset milli tosserva l-"obbligu [tagħha] ta' amministrazzjoni tajba".

363 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

364 Skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u skont l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, kull rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u jkun jinkludi sunt tal-motivi invokati u, sabiex rikors ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom dan ir-rikors ikun ibbażat jirriżultaw, minn tal-inqas fil-qosor, iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu.

365 Din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti li l-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar ir-rikors. L-istess japplika għat-talbiet kollha, li għandhom jinkludu motivi u argumenti li jippermettu li kemm il-konvenut kif ukoll il-qorti jevalwaw il-fondatezza tagħhom (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-851/14, EU:T:2018:929, punti 74 u 75 (mhux ippubblikata)).

366 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm l-argumenti tar-rikorrenti mqajma fil-kuntest ta' dan il-motiv jistgħu jiġu interpretati bħala intiżi sabiex jenfasizzaw allegati żbalji ta' evalwazzjoni, dwar, minn naħa, il-ħlas NRE lil ZTE (l-ewwel parti) u, min-naħa l-oħra, il-ħlas NRE lil Huawei (it-tieni parti), imwettqa mill-Kummissjoni, il-ksur invokat mir-rikorrenti ma huwa akkumpanjat minn ebda indikazzjoni li tippermetti li tiġi evalwata l-fondatezza tiegħu. Minn dan isegwi li l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq dan il-ksur, b'mod partikolari l-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali, il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza u l-ksur tal-prinċipju *in dubio pro reo*, għandhom jitqiesu li huma inammissibbli peress li ma humiex akkumpanjat minn preċiżazzjonijiet suffiċjenti li jippermettu evalwazzjoni tal-fondatezza tagħhom.

367 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, għalkemm l-Artikolu 296 TFUE jimponi fuq il-Kummissjoni, meta tieħu deċiżjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, l-obbligu li ssemmi l-punti ta' fatt li fuqhom tiddependi l-ġustifikazzjoni tad-deċiżjoni u l-kunsiderazzjonijiet legali li wassluha sabiex tieħu din id-deċiżjoni, din id-dispożizzjoni ma teħtieġx li l-Kummissjoni tiddiskuti l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi li jkunu ġew ittrattati matul il-proċedura amministrattiva. Il-motivazzjoni ta' deċiżjoni li tikkawża preġudizzju għandha tippermetti li l-Qorti tal-Ġustizzja teżerċita l-istħarriġ tagħha tal-legalità u għandha tipprovdi lill-persuna kkonċernata l-indikazzjonijiet neċessarji sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni hijiex fondata (sentenza tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni, 42/84, EU:C:1985:327, punt 26). Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, ir-rikorrenti għalhekk ma tistax ġustament tibbaża ruħha fuq il-fatt li fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma weġbitx speċifikament għall-osservazzjonijiet kollha ta' fatt jew ta' liġi li hija kienet qajmet matul il-proċedura amministrattiva.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-ħlas NRE lil ZTE

368 Insostenn tal-ewwel parti, wara li ddeskriviet mingħajr ma kkontestatha l-kronoloġija tal-fatti relatati, b'mod partikolari, mal-ftehim dwar l-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti konkluż ma' ZTE u mal-ħlas NRE lil din tal-aħħar, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li l-imsemmi ħlas kien ekwivalenti għal tnaqqis ta' USD [kunfidenzjali] għal kull unità għaċ-ċipep MDM6200 mixtrija minn ZTE fl-2010, minkejja li l-approvazzjoni ta' Diċembru 2009 qatt ma kienet ġiet ifformalizzata fi ftehim u lanqas ma kienet ġiet ikkomunikata lil ZTE.

369 Skont ir-rikorrenti, li kieku l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan it-tnaqqis għal kull unità fir-rigward ta' ZTE, hija ma kinitx tikkonstata predazzjoni fl-analiżi prezzijiet-spejjeż taċ-ċipep MDM6200.

370 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li l-approvazzjoni, fl-aħħar tal-2009 u ta' f'Mejju 2010, ta' grupp ta' inċentivi possibbli għal ZTE kienet tifforma parti minn sensiela usà ta' miżuri ta' inċentivi fir-rigward ta' din tal-aħħar, li ma kinux limitati għas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS.

371 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-ħlas NRE lil ZTE kien ekwivalenti għal tnaqqis għal kull unità għaċ-ċipep MDM6200 mixtrija minn ZTE fl-2010, ir-rikorrenti tqajjem l-argumenti li ġejjin.

372 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li l-kundizzjonijiet ta' approvazzjoni nbidlu bejn Diċembru 2009 u Mejju 2010, b'konsegwenza ta' evalwazzjoni mill-ġdid maħsuba, u l-konsegwenza ta' dan kienet li l-ħlas NRE lil ZTE ma setax iktar jiġi pperċepit bħala tnaqqis. Hija tkompli tesponi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-ħlas b'rata fissa ta' USD [kunfidenzjali] bħala tnaqqis ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa, jiġifieri bħala tnaqqis ferm ogħla minn dak ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa allegatament previst minn Qualcomm f'Diċembru 2009.

373 It-tieni nett, il-Kummissjoni ma pproduċiet l-ebda prova la dwar il-fatt li Qualcomm kellha l-intenzjoni li tagħti, jew li kienet konxja li kienet ser tagħti, lil ZTE inċentiv ekwivalenti għal tnaqqis ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa u lanqas dwar il-fatt li ZTE kienet taf b'tali tnaqqis għal kull unità. Minn dan jirriżulta li l-ħlas NRE lil ZTE ma setax jinċentiva lil din tal-aħħar sabiex tixtri ċipep MDM6200 fl-2010. Bil-kontra ta' dan, il-Kummissjoni stess tipproduċi l-prova li, f'għajnejn Qualcomm, il-prezz tal-imsemmija ċipep mibjugħa lil ZTE kien ogħla mill-prezz li kien jirriżulta mill-applikazzjoni ta' tnaqqis ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa.

374 It-tielet nett, billi titratta l-ħlas NRE lil ZTE bħala tnaqqis irċevut għal kull ċippa mixtrija minn din tal-aħħar, id-Deċiżjoni kkontestata tasal għal tnaqqis artifiċjalment minfuħ ta' USD [kunfidenzjali], preċiżament għaliex l-imsemmi ħlas huwa indipendenti min-numru ta' unitajiet mibjugħa u, fl-istess ħin, id-domanda ta' ZTE għal ċipep MDM6200 fl-2010 kienet tirrappreżenta frazzjoni żgħira minn dik antiċipata minn Qualcomm f'Diċembru 2009, u dan wassal sabiex il-Kummissjoni tqassam dan il-ħlas ta' USD [kunfidenzjali] fuq frazzjoni żgħira mill-1 250 000 unità msemmija fil-posta elettronika ta' Diċembru 2009. Li kieku l-ħlas inkwistjoni kien verament inċentiva lil ZTE sabiex tixtri iktar unitajiet taċ-ċippa MDM6200, it-tnaqqis impliċitu għal kull unità kien ikun iktar baxx u l-konstatazzjoni ta' prezz iktar baxx mill-"ispiża" inqas probabbli.

375 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti ssostni li, għalkemm, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tammetti li ċ-ċifra minfuħa hija r-riżultat tal-fatt li d-domanda ta' ZTE għaċ-ċippa MDM6200 kienet waħda dgħajfa, hija madankollu tispekula li din id-domanda iktar dgħajfa setgħet kienet waħda mir-raġunijiet li jispjegaw il-modifiki tal-kundizzjonijiet ta' ħlas konċessi minn Qualcomm waqt il-laqgħa ta' [kunfidenzjali] tal-24 ta' Mejju 2010. Issa, Qualcomm identifikat ittra ta' Mejju 2010 li minnha jirrizulta li ZTE kienet ipprevediet domanda ta' 475 000 unità taċ-ċippa MDM6200 għal dik l-istess sena. Skont Qualcomm, jekk din iċ-ċifra jkollha tiġi applikata għall-ħlas ta' USD [kunfidenzjali], jinkiseb tnaqqis ipotetiku ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa fil-mument tal-approvazzjoni ta' Mejju 2010 u tal-prezzijiet imħallsa minn ZTE għaċ-ċippa MDM6200 li jkun konsistentement għola mil-LRAIC tad-Deċiżjoni kkontestata.

376 Il-ħames nett, anki li kieku Qualcomm riedet li l-ħlas NRE jikkostitwixxi tnaqqis għal kull unità ta' USD [kunfidenzjali], fi kwalunkwe każ, dan ma kienx ikun rilevanti mill-perspettiva ekonomika, peress li dan il-ħlas qatt ma kien ser jinċita lil ZTE sabiex tixtri ċipep MDM6200 pjuttost milli ċipep ipprovduti minn kompetitur, peress li l-ammont tal-inċentiv kien fiss u ma kienx jiżdied skont in-numru ta' ċipep mixtrija.

377 Is-sitt nett, il-fatt li, fi Frar 2011, Qualcomm laqgħet it-talba ta' ZTE intiża sabiex it-terminu għall-ksib tal-klassifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM8200A jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2011, iżda rrifjutat talba ekwivalenti għall-apparat li jinkludu ċippa MDM6200 juri li l-ħlas b'rata fissa kien kuntrattwalment u effettivament marbut maċ-ċippa MDM8200A, u dan huwa kkonfermat ukoll mill-korrispondenza interna ta' Qualcomm.

378 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tikkritika inkoerenza fid-Deċiżjoni kkontestata bejn, minn naħa, il-konklużjonijiet dwar il-predazzjoni u, min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni ta' żieda fil-prezz u tal-marġni taċ-ċipep MDM6200 mibjugħa lil ZTE. Fil-fehma tagħha, teżisti wkoll anomalija fit-tqassim tal-allegati spejjeż ta' R&Ż bejn iċ-ċipep MDM6200 u MDM6600 fl-2010, peress li l-prezzijiet użati fil-kalkolu tal-Kummissjoni għaċ-ċipep MDM6200 mibjugħa lil ZTE ma jitnaqqsux skont it-tnaqqis li jirriżulta mill-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti.

379 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

380 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, b'mod partikolari fil-premessi 677 sa 693 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni wettqet il-kalkolu tal-prezzijiet imħallsa minn ZTE u minn Huawei u, konformement mal-kunsiderazzjonijiet żviluppati b'mod partikolari fil-punti 12.4.2.3, 12.4.2.4, 12.4.2.6 u 12.4.2.11 tal-imsemmija deċiżjoni, wettqet assenjazzjoni mill-ġdid ta' żewġ tnaqqis li jirriżultaw mill-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti mogħtija minn Qualcomm lil dawn iż-żewġ klijenti. Skont il-Kummissjoni, minkejja li kull tnaqqis ġie formalment irreġistrat bħala li japplika għaċ-ċipep MDM8200A mibjugħa lil dawn il-klijenti, minn provi kontemporanji jirriżulta li l-intenzjoni vera ta' Qualcomm kienet, minn naħa, li tagħti ħlas b'rata fissa ta' USD [kunfidenzjali] (inizjalment ta' USD [kunfidenzjali]) lil ZTE, li kellu japplika għall-bejgħ magħmul fl-2010, bl-għan li din tal-aħħar tiġi mħeġġa tixtri u tiżviluppa soluzzjonijiet ibbażati fuq iċ-ċippa MDM6200 u, min-naħa l-oħra, li tagħti tnaqqis retroattiv fil-forma ta' ħlas b'rata fissa ta' USD [kunfidenzjali] lil Huawei sabiex tnaqqas il-prezz tal-unitajiet taċ-ċippa MDM8200 li hija kienet kisbet mingħand Qualcomm, iżda li kienu rriżultaw għoljin wisq sabiex Huawei tkun tista' tirbaħ is-sejħiet għal offerti downstream.

381 F'dak li jirrigwarda l-ħlas NRE lil ZTE, sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha, il-Kummissjoni, fil-punti 12.4.2.4, 12.4.2.6 u 12.4.2.11 tad-Deċiżjoni kkontestata, tagħmel riferiment għal dokumenti interni ta' Qualcomm, li juru, fl-opinjoni tagħha, li din tal-aħħar ma kinitx f'pożizzjoni li tipproponi lil ZTE prezz inferjuri għal dak propost lil Huawei u kienet imħassba li kienet ser tnaqqas kmieni wisq il-prezz taċ-ċippa MDM6200, li, f'dak il-mument, kienet għadha ma nħarġitx għall-bejgħ. Konsegwentement, kien ġie propost, minn Diċembru 2009, li l-kwistjoni tal-iffissar tal-prezzijiet tiġi ttrattata fil-forma ta' tnaqqis ta' darba li jirriżulta mill-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti, fejn parti minnu kien marbuta mal-kundizzjoni li ZTE tikseb il-klassifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM8200A u fejn il-parti l-oħra kienet marbuta mal-kundizzjoni li ZTE tikseb il-klassifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM6200, u dan kollu qabel il-31 ta' Diċembru 2010 (terminu li sussegwentement kien ġie estiż, fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċippa MDM8200A, sat-30 ta' Ġunju 2011). Skont il-Kummissjoni, l-għan ta' dan il-ħlas kien, fir-realtà, li l-prezz taċ-ċipep MDM6200 jitnaqqas b'USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa li Qualcomm kellha l-intenzjoni li tbigħ lil ZTE fl-2010. Wara tnaqqis sinjifikattiv tal-ordnijiet ta' ZTE meta mqabbla mal-previżjonijiet ta' Qualcomm, l-ammont tat-tnaqqis effettivament mogħti kien ta' USD [kunfidenzjali] għal kull ċippa.

382 Fl-ewwel lok, għandu jiġi osservat li l-fatt li Qualcomm kienet implimentat, favur ZTE, sensiela ta' miżuri ta' inċentivi relatati ma' ċipep differenti, inklużi ċipep li ma kinux jintużaw għas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, ma jfissirx madankollu li wħud minnhom ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa għall-evalwazzjoni tal-predazzjoni.

383 Fit-tieni lok, mid-deskrizzjoni tar-rikorrenti jirriżulta li d-differenza bejn l-inċentiv approvat f'Diċembru 2009 u dak approvat f'Mejju 2010 tinsab fil-fatt li l-ewwel inċentiv kien jinvolvi ħlas ta' USD [kunfidenzjali], mogħti mal-iffirmar tal-ftehim, u ta' USD [kunfidenzjali], mogħti bil-kundizzjoni li ZTE tikseb il-klassifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM8200A, u li t-tieni inċentiv kien jinvolvi ħlas ta' USD [kunfidenzjali], pagabbli bil-kundizzjoni li ZTE tikseb il-klassifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM6200. Madankollu, ir-rikorrenti la tispjegax għal liema raġuni l-fatt li "it-termini tal-approvazzjoni [kienu] inbidlu minn Diċembru sa Mejju huwa xhieda ta' evalwazzjoni mill-ġdid maħsuba" u lanqas ma tispjega kif dan ikun favorevoli għaliha għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-predazzjoni.

384 Għall-kuntrarju, hekk kif ġie deskritt fil-premessi 501 u 502 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-komunikazzjonijiet interni ta' Diċembru 2009, bejn diretturi (bħad-direttur tal-ġestjoni tal-prodotti QCT u l-viċi presidenti tal-finanzi u tal-bejgħ), juru li, fl-ewwel lok, il-prezzijiet offerti lil ZTE għaċ-ċippa MDM6200 ma setgħux ikunu iktar baxxi minn dawk offruti lil Huawei u li Qualcomm ma riditx "varjazzjoni qawwija fil-prezz"; fit-tieni lok, li Qualcomm kienet imħassba li kien ser ikun hemm telf għaċ-ċippa MDM6200 b'konsegwenza tal-kollaborazzjoni bejn ZTE u Icera u, fit-tielet lok, li s-soluzzjoni prevista kienet ħlas NRE marbut maċ-ċipep MDM6200 jew MDM8200A "sabiex jiġi evitat li Icera tikseb ħafna negozju". Is-soluzzjoni għal dan it-tħassib kienet identifikata fil-proposta "ZTE MDM6200 Price Proposal" ta' Diċembru 2009 li, b'xi mod, ma kinitx "varjazzjoni qawwija fil-prezz" sa fejn kienet tinvolvi inċentiv u mhux varjazzjoni fil-prezz, u sa fejn kienet tinkludi ħlas marbut mal-kwalifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM8200A u max-xiri ta' ċertu numru ta' unitajiet taċ-ċippa MDM6200, bil-possibbiltà li dan il-ħlas ma jingħatax fil-każ fejn waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tiġix issodisfatta.

385 Barra minn hekk, mill-preżentazzjoni fil-laqgħa [kunfidenzjali] tat-8 ta' Frar 2010, li għalhekk inżammet wara l-approvazzjoni ta' Diċembru 2009, jirriżulta li l-uniku għan tal-ħlas li, dak iż-żmien, kien meqjus bħala intiż formalment kemm għaċ-ċippa MDM8200A kif ukoll għaċ-ċippa MDM6200, kien fir-realtà t-tnaqqis fil-prezz ta' din tal-aħħar.

386 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat, hekk kif għamlet il-Kummissjoni, li l-kundizzjoni inizjalment proposta intiża sabiex ZTE tixtri [kunfidenzjali] unitajiet taċ-ċippa MDM6200 fl-2010 (li kien jikkorrispondi għall-previżjonijiet tad-domanda ta' ZTE f'dak iż-żmien) ma ġietx ifformalizzata fl-approvazzjoni ta' [kunfidenzjali]. Madankollu, f'Mejju 2010, fid-dawl tal-fatt li l-previżjonijiet tad-domanda ta' ZTE kienu niżlu għal 475 000 unità, il-[kunfidenzjali] biddel l-istruttura tal-ħlasijiet NRE. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, xejn ma jindika li dawn il-bidliet kienu jikkorrispondu għal bidla fl-intenzjoni li fuqha kienu bbażati l-imsemmija ħlasijiet, li kienet dik li ZTE tiġi mħeġġa tixtri ċipep MDM6200. Fil-fatt, li kieku l-għan inizjali kien, f'Diċembru 2009, li tiġi promossa ċ-ċippa MDM8200A, jew li kieku dan kien l-għan f'Mejju 2010, ma kienx ikun neċessarju jew loġiku li l-ammont tat-tnaqqis fir-rigward taċ-ċipep MDM8200A jitnaqqas minn USD [kunfidenzjali] għal USD [kunfidenzjali] (jiġifieri tnaqqis ta' 60 %). Min-naħa l-oħra, sa fejn Qualcomm kienet irrevediet b'mod qawwi l-previżjonijiet tad-domanda ta' ZTE għal ċipep MDM6200, li kienet inbidlet minn

[kunfidenzjali] unitajiet għal inqas minn [kunfidenzjali] unitajiet, ma kienx iktar iġġustifikat, mill-perspettiva tal-istess Qualcomm, li tipproponi lil ZTE it-tnaqqis inizjalment previst ta' USD [kunfidenzjali].

387 Madankollu, il-modifika tal-istruttura tal-ħlasijiet NRE kienet tippermetti li jinżamm ħlas ekwivalenti għal tnaqqis ta' USD [kunfidenzjali] għal kull unità, formalment marbut maċ-ċipep MDM8200A (iżda, fir-realtà, intiż għaċ-ċipep MDM6200), filwaqt li fl-istess ħin tipproponi li l-ħlas jiġi rduppjat (li għalhekk jgħaddi għal USD [kunfidenzjali]) jekk il-klijent jikseb ċertifikazzjoni ta' operatur għaċ-ċippa MDM6200 qabel tmiem is-sena 2010, jiġifieri jekk ZTE tistimula l-iżvilupp ta' soluzzjoni MDM6200 matul is-sena 2010. Il-Kummissjoni tindika, ġustament, li r-rifjut ta' Qualcomm li testendi t-terminu għall-kwalifika bħala operatur għaċ-ċipep MDM6200 fi Frar 2011 huwa konformi ma' din l-istruttura u mal-konklużjoni ta' Qualcomm li ZTE ma kinitx għamlet biżżejjed sabiex tistimula ċ-ċippa MDM6200 fl-2010 sabiex ikun jistħoqqilha tirċievi l-bqija tat-tnaqqis li jirriżulta mill-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti.

388 F'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti li jgħid li, il-fatt li fi Frar 2011, Qualcomm irrifjutat li testendi t-terminu sabiex tikseb il-kwalifika ta' operatur ta' apparat li jinkludi ċippa MDM6200, juri li l-ħlas NRE lil ZTE kien kuntrattwalment u effettivament marbut maċ-ċippa MDM8200A, għandu jiġi enfasizzat li din iċ-ċirkustanza u, konsegwentement, il-fatt li Qualcomm ma ħallsitx lil ZTE s-somma ta' USD [kunfidenzjali] relatata ma din il-kwalifika, huma perfettament koerenti mal-intenzjoni inizjali ta' Qualcomm li tipprevedi mekkaniżmu ta' rkupru għal parti mill-ħlas NRE jekk ZTE ma tixtrix il-volumi previsti ta'ċipep MDM6200.

389 F'dak li jirrigwarda t-trattament tal-ħlas NRE lil ZTE bħala tnaqqis għal kull unità, għandu jiġi kkonstatat li ebda żball tal-Kummissjoni ma jista' jiġi kkonstatat la fir-rigward tal-kontabbiltà tal-imsemmi ħlas lill-unitajiet applikabbli, la fir-rigward tal-kalkolu tat-tnaqqis, u lanqas fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kuntest.

390 L-ewwel nett, sabiex l-importanza tal-ħlas NRE lil ZTE tkun tista' tiġi kkwantifikata, għandu jiddaħħal fil-kontabbiltà kull ħlas relatat maċ-ċipep MDM6200 ordnati u kkunsinnati, jiġifieri 145 775 unità, billi l-ammont totali tal-ħlasijiet jiġi diviż bl-ammont totali tal-unitajiet ordnati u mixtrija.

391 Il-fatt li l-ħlas NRE lil ZTE finalment jagħti lok għal tnaqqis għal kull unità tliet darbiet ogħla minn dak inizjalment previst huwa biss ir-riżultat ta' tnaqqis sinjifikattiv tal-kwantità ta' ċipep MDM6200 ordnati u mixtrija minn ZTE meta mqabbla mal-kwantità li kienet previst minn Qualcomm, jiġifieri [kunfidenzjali] unitajiet. Peress li l-ammont tal-inċentiv kien ġie stabbilit *a priori*, kull ċippa bbenefikat minn tnaqqis fil-prezz ħafna ogħla minn dak previst oriġinalment. Fi kliem ieħor, din iż-żieda fit-tnaqqis applikata għal kull ċippa tikkostitwixxi biss effett sekondarju ta' previżjoni żbaljata ta' bejgħ ta' Qualcomm f'dak li jirrigwarda ZTE.

392 F'dak li jirrigwarda l-fatt li ZTE ma kinitx konxja mill-fatt li l-ħlas NRE li kien intiż għaliha kellu jiġi ttrattat bħala tnaqqis għal kull unità, għandu jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza ma teħtieġx li l-klijent tal-impriża f'pożizzjoni dominanti jkun jaf bil-metodu użat sabiex jiġi applikat prezz inferjuri għall-ispiża. Fil-fatt, huwa biżżejjed, minn naħa, li l-analiżi prezzijiet-spejjeż turi prezz ogħla mill-kejl tal-ispiża magħżul u, min-naħa l-oħra, li teżisti intenzjoni ta' esklużjoni tal-kompetitur fil-mira (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 71 u 72).

393 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-argument ibbażat fuq il-fatt li l-ħlas ma kienx ħeġġeġ lil ZTE sabiex tixtri ammont ikbar ta' ċipep, għandu jiġi nnotat li, fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2022, Servizio Elettrico Nazionale *et* (C-377/20, EU:C:2022:379, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' prattika ta' impriża f'pożizzjoni dominanti bħala abbużiva ma teħtieġx li jintwera, fil-każ ta' prattika ta' tali impriża li hija intiża sabiex teskludi lill-kompetituri tagħha mis-suq ikkonċernat, li r-riżultat tagħha kien intlaħaq u, konsegwentement, ma teħtieġx it-turija ta' effett ta' esklużjoni konkret fis-suq. Fil-fatt, l-Artikolu 102 TFUE huwa intiż li jissanzjona l-fatt li impriża waħda jew iktar jużaw b'mod abbużiv pożizzjoni dominanti fis-suq intern jew f'parti sostanzjali minnu, irrispettivament minn jekk tali użu kienx suċċess jew le.

394 Fit-tielet lok, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-inkoerenzi tad-Deċiżjoni kkontestata bilkemm huwa deskritt, b'tali mod li huwa diffiċli li wieħed jifhem kif tali inkoerenzi jistgħu jaffettwaw il-legalità tal-imsemmija deċiżjoni, bil-konsegwenza li dan l-argument għandu jiġi ddikjarat inammissibbli. Fi kwalunkwe każ, l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, jiġifieri li ż-żieda fil-prezz u fil-marġni taċ-ċipep MDM6200 mibjugħa lil ZTE matul il-perijodu rilevanti hija konsegwenza tat-tnaqqis li jirriżulta mill-ħlasijiet NRE, hija kompletament koerenti mal-kumplament tar-raġunament tagħha. Fir-rigward tal-allegata anomalija fit-tqassim tal-allegati spejjeż ta' R&Ż bejn iċ-ċipep MDM6200 u MDM6600 fl-2010, huwa biżżejjed li jiġi nnotat li l-premessa 841 ta' din id-deċiżjoni tispjega b'mod iddettaljat u kredibbli r-raġunijiet li wasslu sabiex il-Kummissjoni taġixxi b'dan il-mod, raġunijiet li barra minn hekk huma kkontestati biss b'mod ġeneriku mir-rikorrenti.

395 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, l-ewwel parti tas-sitt motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, dwar il-ħlas NRE lil Huawei

396 Skont ir-rikorrenti, anki jekk jitqies li hija kkunsidrat il-ħlas NRE lil Huawei bħala "kumpens" għall-istokkijiet ta' ċipep MDM8200 li din tal-aħħar kienet akkumulat, l-imsemmi ħlas kien jikkonċerna ċipep diġà mixtrija u għalhekk ma setax iħeġġeġ lil Huawei tixtri iktar ċipep ta' dan it-tip. Barra minn hekk, hekk kif dan jirriżulta wkoll mit-tweġiba ta' Huawei għal talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni, it-termini tal-ftehim dwar l-ispejjeż tal-inġinerija mhux rikorrenti konkluż ma' Huawei u dwar dan il-ħlas, marbut mal-kwalifikazzjoni bħala operatur ta' apparat għaċ-ċippa MDM8200A, ma kinux iħeġġu lil Huawei sabiex tixtri dawn iċ-ċipep, iżda pjuttost ċipep MDM8200A, u dan għal perijodu indeterminat.

397 B'mod iktar ġenerali, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli neħħiet, fil-premessa 1142 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-frażi li fiha "kważi allegazzjoni" espliċita ta' "ħabi" introdotta fid-DOA f'dak li jirrigwarda l-ħlasijiet NRE lil ZTE u lil Huawei, li għaliha Qualcomm kienet irrispondiet matul il-proċedura amministrattiva, filwaqt li żammet mingħajr ebda bidla l-bqija tal-premessa dwar l-imsemmija ħlasijiet NRE. Fil-fehma tagħha, din it-tneħħija tikkostitwixxi nuqqas ta' motivazzjoni, li juri wkoll l-inkapaċità tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-intenzjoni ta' Qualcomm li teskludi lil Icera mis-suq.

398 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

399 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, f'dak li jikkonċerna l-ħlas NRE lil Huawei, il-Kummissjoni tagħmel riferiment, fil-punt 12.4.2.3 tad-Deċiżjoni kkontestata, għal dokumenti interni ta' Qualcomm li juru, fil-fehma tagħha, li diversi diretturi ta' Qualcomm kienu kontra

l-fatt li jċedu għall-pressjonijiet ta' Huawei, li kienet qiegħda titlob tnaqqis kunsiderevoli fil-prezz taċ-ċipep MDM8200, Qualcomm kien finalment irnexxielha tagħti tnaqqis retroattiv fil-prezz għall-kunsinni taċ-ċippa MDM8200 wara t-23 ta' Novembru 2009, kif ukoll "MDM8200A NRE", jiġifieri ħlas uffiċjalment intiż biex ikopri spejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti sostnuti għaċ-ċertifikazzjoni ta' terminal speċifiku li jintegra ċ-ċippa MDM8200A u li kien jammonta għal USD [kunfidenzjali] (imbagħad għal USD [kunfidenzjali]). Skont il-Kummissjoni l-ħlas NRE, għalkemm formalment assoċjat mal-kisba taċ-ċertifikazzjoni ta' operatur għaċ-ċippa msemmija l-aħħar, kellu rabta espliċita mal-istokk taċ-ċippa MDM8200 ta' Huawei u kien ippermetta li jiġi applikat tnaqqis retroattiv tal-prezz għal kull unità.

400 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li Huawei kienet diġà xtrat iċ-ċipep MDM8200 u li għalhekk il-ħlas NRE intiż għaliha ma setgħetx jinċentivaha li tixtri iktar minnhom, dan ma jistax jiġi milqugħ. Fil-fatt, mid-dokumenti u mill-korrispondenza msemmija, b'mod partikolari, fil-premessi 480 sa 486 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dan l-inċentiv ingħata lil Huawei sabiex tgħinha teħles minn stokk eċċessiv ta' dawn iċ-ċipep, f'kuntest fejn din kienet qiegħda tinvoka dejjem iktar il-pressjoni kompetittiva eżerċitata minn Icera, b'mod partikolari permezz taċ-ċippa ICE8042, sabiex tikseb kundizzjonijiet iktar favorevoli.

401 Barra minn hekk, mid-dokumenti u mill-korrispondenza msemmija, b'mod partikolari, fil-premessi 480 sa 486 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Qualcomm ma kinitx f'pożizzjoni li tinjora t-talbiet ta' Huawei, u dan juri li n-negozjati fuq il-prezzijiet kienu għadhom għaddejjin fil-mument meta Qualcomm iddeċidiet li tagħti l-ħlas NRE lil Huawei u li f'dak il-mument il-kundizzjonijiet ta' bejgħ taċ-ċipep MDM8200 kienu għadhom ma ġewx stabbiliti b'mod definittiv.

402 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li t-termini tal-ftehim dwar l-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti u dwar il-ħlas NRE lil Huawei ma kinux jinċentivaw lil din tal-aħħar sabiex tixtri ċ-ċipep MDM8200, iżda pjuttost iċ-ċipep MDM8200A, għandu jiġi osservat, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni, li t-tweġibiet ta' Huawei għall-mistoqsijiet tal-Kummissjoni ma jurux li din tal-aħħar kienet tqis li l-imsemmi ħlas kien jirrigwarda ċ-ċipep MDM8200A. Għall-kuntrarju, kif huwa indikat fil-premessa 681 tad-Deċiżjoni kkontestata, fit-tweġiba tagħha Huawei sempliċement tillimita ruħha li tirrepeti t-termini tal-imsemmi ftehim, li ma jikkorrispondux għall-provi dwar l-għan veru ta' dan il-ħlas. Issa, mill-provi msemmija fil-premessi 482 u 679 tal-imsemmija deċiżjoni u mill-ammissjoni stess ta' Qualcomm fit-tweġiba għad-DO jirriżulta li l-istess ħlas kellu jservi ta' tnaqqis retroattiv għaċ-ċipep MDM8200. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni ta' Qualcomm li tgħid li Huawei kienet tqis il-ħlas inkwistjoni bħala relatat maċ-ċipep MDM8200A hija kkontradetta mill-provi kontemporanji msemmija fil-premessi 491, 527 u 543 ta' din id-deċiżjoni, li fihom Huawei talbet lil Qualcomm taġġusta t-tnaqqis li jirriżulta mill-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni stokk addizzjonali ta' unitajiet għaċ-ċipep MDM8200 li hija kienet identifikat. Minn dawn il-provi jirriżulta li Huawei kienet perfettament konxja li l-intenzjoni vera tal-ħlas NRE kienet li dan isservi ta' tnaqqis għaċ-ċipep MDM8200, u mhux għaċ-ċipep MDM8200A.

403 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-"kważi allegazzjoni" espliċita ta' "ħabi" introdotta fid-DOA f'dak li jirrigwarda l-ħlasijiet NRE lil ZTE u lil Huawei, għalkemm huwa minnu, minn naħa, kemm li l-aħħar sentenza tal-punt 771 tad-DOA qajmet il-kwistjoni dwar jekk il-fatt li Qualcomm ma kinitx daħħlet korrettament fil-kontabbiltà l-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti għaċ-ċipep kienx tentattiv ta' ħabi tat-tnaqqis marbut mal-ħlas tal-imsemmija spejjeż, u, min-naħa l-oħra, li din il-kwistjoni ma ġietx riprodotta fid-Deċiżjoni kkontestata. Madankollu, il-kritika

tar-rikorrenti dwar it-tneħħija ta' din il-"kwaži allegazzjoni", li tgħid li l-imsemmija tneħħija tikkostitwixxi nuqqas ta' motivazzjoni u turi wkoll l-inkapaċità tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-intenzjoni ta' Qualcomm li teskludi lil Icera mis-suq, ma tistax tiġi milqugħa.

404 Fil-fatt, f'dan ir-rigward huwa biżżejjed li jiġi osservat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 307 iktar 'il fuq, fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li tirrispondi speċifikament għall-osservazzjonijiet kollha ta' fatt jew ta' liġi li hija kienet qajmet matul il-proċedura amministrattiva. Barra minn hekk, kif issostni l-Kummissjoni, it-tħassir, fid-Deċiżjoni kkontestata, tal-aħħar sentenza tal-punt 771 tad-DOA juri, kuntrarjament għal dak li tallega r-rikorrenti, li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni t-tweġiba ta' Qualcomm matul il-proċedura amministrattiva iżda li, madankollu, dan ma kellu ebda effett fuq il-prova tal-intenzjoni ta' Qualcomm li teskludi lil Icera mis-suq rilevanti.

405 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, it-tieni parti tas-sitt motiv għandha tiġi miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-ewwel parti ta' dan il-motiv ġiet miċħuda (ara l-punt 395 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq l-"assenza ta' riferiment xieraq fil-qasam tal-ispejjeż ta' riferiment"

406 Permezz tas-seba' motiv, li huwa maqsum fi tliet partijiet, fejn l-ewwel parti hija bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-prinċipju *in dubio pro reo*, fejn it-tieni parti hija bbażata fuq il-fatt li l-kriterju tal-LRAIC ma huwiex l-ispiża ta' riferiment xierqa u fejn it-tielet parti hija bbażata fuq il-fatt li l-LRAIC ikkalkolati mill-Kummissjoni ma jikkorrispondux mal-LRAIC "veri", ir-rikorrenti ssostni li t-trattament tal-ispejjeż fid-Deċiżjoni kkontestata huwa vvizzjat b'diversi żbalji u bi ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt.

Osservazzjonijiet preliminari

407 Fil-punt 12.6 tad-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni spjegat, f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep li huma s-suġġett tal-investigazzjoni, ir-raġunijiet li għalihom hija kienet qieset li l-iktar kejl tal-ispejjeż xierqa għall-analiżi prezzijiet-spejjeż kienu l-LRAIC. Fil-kuntest tal-kalkolu ta' dawn tal-aħħar, hija ħadet inkunsiderazzjoni, minn naħa, l-ispejjeż ta' manifattura, li jvarjaw skont il-kwantità ta' ċipep prodotti u li għalhekk jirrappreżentaw il-komponent varjabbli rilevanti tal-LRAIC (punt 12.6.2 tal-imsemmija deċiżjoni) u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż ta' R&Ż ta' Qualcomm, kif irreġistrati fid-database dwar l-ispejjeż ta' R&Ż ta' Qualcomm [kunfidenzjali], u li għalhekk jirrappreżentaw l-iktar parti fissa importanti tal-ispiża inkrementali tal-produzzjoni ta' ċippa (punt 12.6.3 ta' din id-deċiżjoni). Hija kompliet tispjega li tipi oħra ta' spejjeż fissi, bħall-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni, ma kinux inklużi, u li kien għal din ir-raġuni li l-LRAIC ikkalkolati minnha kienu inqas mill-ATC ta' Qualcomm.

408 Skont il-Kummissjoni, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-qorti tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-LRAIC kienu l-iktar kejl tal-ispejjeż xierqa f'dan il-każ sabiex tiġi kkalkolata r-rata minima ta' kopertura tal-ispejjeż sostnuti minn Qualcomm fir-rigward tal-prodotti inkwistjoni. Hija tqis li, peress li Qualcomm kienet impriża li tipproduċi diversi prodotti li tibbenefika minn ekonomiji ta' gamma, diversi prodotti setgħu jeħtieġu l-istess attivitajiet ta' produzzjoni, bil-konsegwenza li l-ispejjeż rilevanti ma kinux ivarjaw skont in-numru ta' prodotti pprovduti (iktar 'il quddiem l-"ispejjeż komuni"). Minn dan jirriżulta, skont il-Kummissjoni, li dawn l-ispejjeż ma kinux jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-LRAIC, peress li dawn jinkludu biss l-ispejjeż ta' produzzjoni

speċifiċi għall-prodotti li huma s-suġġett tal-investigazzjoni. Għaldaqstant, anki l-medja tal-ispejjeż varjabbli u fissi kollha li Qualcomm kienet issostni sabiex tipproduċi prodott speċifiku, jiġifieri l-LRAIC, hija inqas, għal kull prodott, mill-ATC.

409 Fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni tqis li l-kunsiderazzjoni li tgħid li l-LRAIC kienu inqas, għal kull prodott, mill-ATC ma hijiex ikkonfutata mill-fatt li kull ċippa setgħet twassal għal, jew kienet ibbenefikat minn, konsegwenzi fil-qasam ta' R&Ż favur ċipep futuri. Skont il-Kummissjoni, il-konsegwenzi li minnhom kienet tibbenefika ċippa partikolari setgħu jiġu kkumpensati approssimattivament mill-konsegwenzi ġġenerati, min-naħa tagħhom, minn din iċ-ċippa partikolari favur ċipep futuri. Hija indikat li l-ispejjeż ta' R&Ż sostnuti għal ċippa ma kinux, għaldaqstant, tnaqqsu skont il-konsegwenzi li setgħu ġew iġġenerati minn din l-istess ċippa favur ċippa futura. Madankollu, f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A, il-Kummissjoni aġġustat it-tqassim tagħha tal-ispejjeż tal-iżvilupp billi ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li mill-elementi tal-fajl kien jirriżulta li ċ-ċippa MDM8200 kienet iġġenerat ħafna iktar konsegwenzi favur iċ-ċippa MDM8200A minn dawk li hija stess kienet ibbenefikat minnhom.

410 Fil-prattika, biex tikkalkula l-AVC, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-parametru tal-"ispiża medja għal kull unità", kif din tirriżulta mid-data ta' Qualcomm, li setgħet titniżżel skont żewġ kriterji ta' kontabbiltà: l-ewwel kriterju li jirrifletti l-ispiża medja għal kull unità taċ-ċipep mibjugħa matul trimestru partikolari u t-tieni kriterju li jirrifletti l-ispiża għal kull unità taċ-ċipep akkwistati minn Qualcomm (mingħand fonderiji) matul trimestru speċifiku. Inizjalment, fid-DO, il-Kummissjoni segwiet l-ewwel kriterju. Sussegwentement, fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni ċerti osservazzjonijiet ta' Qualcomm, il-Kummissjoni iktar segwiet it-tieni kriterju, flimkien ma' ċerti aġġustamenti intiżi prinċipalment sabiex tiġi solvuta problema ta' kontabbiltà ta' inventarju.

411 Min-naħa l-oħra, sabiex tikkalkula l-ispejjeż ta' R&Ż ta' Qualcomm li għandhom jiġu attribwiti lil kull ċippa, il-Kummissjoni identifikat bħala "inkrementali" fir-rigward tagħha ċerti elementi tal-ispiża fil-[kunfidenzjali], li Qualcomm kienet tuża sabiex tirreġistra u tattribwixxi ċerti spejjeż fissi lil ċippa jew oħra. B'mod partikolari, l-identifikazzjoni tal-ispejjeż "inkrementali" twettqet abbażi ta' dokument intern ta' Qualcomm li fih intuża dan l-istess terminu, jiġifieri l-preżentazzjoni interna intitolata [kunfidenzjali], dwar il-[kunfidenzjali] (iktar 'il quddiem il-[kunfidenzjali]), u abbażi tal-ispjegazzjonijiet mogħtija minn Qualcomm matul il-proċedura amministrattiva dwar il-kategoriji ta' spejjeż ikkunsidrati bħala "inkrementali" f'dan id-dokument.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-prinċipju in dubio pro reo

412 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali, il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza u l-prinċipju *in dubio pro reo* billi użat żewġ approċċi differenti, wieħed "li jvarja 'l isfel", jew "top-down", u l-ieħor "li jvarja 'l fuq", jew "bottom-up" sabiex tikkwalifika l-investiment totali f'R&Ż ta' Qualcomm fid-DO, minn naħa, u fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, min-naħa l-oħra. B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni ammettiet, fid-DO, li l-[kunfidenzjali] ma kinitx xierqa għal analiżi prezzijiet-spejjeż. Min-naħa l-oħra, fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tuża data bbażata fuq din id-database u l-metodu użat fihom iwassal għal marġnijiet differenti ħafna, bejn ċipep u bejn trimestru u ieħor, minn dawk indikati fid-DO.

413 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li d-differenza bejn il-metodu użat fid-DO, minn naħa, u l-metodu użat fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, min-naħa l-oħra, ċaħħditha mill-possibbiltà li tanticipa kemm il-metodu li kien sejjer jintuża finalment mill-Kummissjoni kif ukoll ir-riżultati tiegħu meta hija adottat id-deċiżjonijiet rilevanti fil-qasam tat-tariffi taċ-ċipep jew, *a fortiori*, id-deċiżjonijiet ta' investiment fir-R&Ż. Fil-fehma tagħha, anki wara iktar minn ħames snin ta' investigazzjoni, il-Kummissjoni nnifisha la kienet f'pożizzjoni li tanticipa l-elementi fundamentali tal-metodu finalment użat fl-imsemmija deċiżjoni, u lanqas ma kienet f'pożizzjoni li tanticipa r-riżultati tiegħu.

414 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

415 Għandu preliminarjament jiġi kkonstatat, l-istess bħalma sar fil-punti 364 sa 366 iktar 'il fuq, li l-ilmenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u tal-prinċipju *in dubio pro reo* għandhom jitqiesu bħala inammissibbli sa fejn ma humiex akkumpanjati minn preċiżazzjonijiet suffiċjenti sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tagħhom.

416 Barra minn hekk, fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti bbażat, essenzjalment, fuq id-differenza bejn il-metodi ta' analiżi użati mill-Kummissjoni, minn naħa, fid-DO u, min-naħa l-oħra, fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, għandu jitfakkar li, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 146 iktar 'il fuq, sal-adozzjoni ta' deċiżjoni finali, il-Kummissjoni tista', fid-dawl, b'mod partikolari, tal-osservazzjonijiet bil-miktub jew orali tal-partijiet, tabbanduna xi wħud jew anki l-oġġezzjonijiet kollha inizjalment imqajma kontrihom u b'dan il-mod tbiddel il-pożizzjoni tagħha favurihom jew tiddeċiedi li żżid oġġezzjonijiet ġodda, sakemm tagħti lill-impriżi kkonċernati l-opportunità li jesprimu l-perspettiva tagħhom f'dan ir-rigward. L-istess japplika fir-rigward tal-metodu użat mill-Kummissjoni fl-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha.

417 Fil-fatt, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, għalkemm il-prinċipju ta' ċertezza legali jeżiġi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari u preċiżi u għalkemm l-għan tiegħu huwa li jiggarantixxi l-prevedibbiltà tas-sitwazzjonijiet u tar-relazzjonijiet ġuridiċi li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2005, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, C-199/03, EU:C:2005:548, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-398/07, EU:T:2012:173, punt 107), xorta jibqa' l-fatt li min-natura provviżorja tal-metodu adottat fid-DO sabiex jiġi ddeterminat l-iktar kejl tal-ispejjeż xierqa għall-analiżi prezzijiet-spejjeż jirriżulta li d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni ma tistax tiġi annullata għas-sempliċi raġuni li r-riżultati li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' metodu ieħor fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata ma jikkorrispondux b'mod identiku mar-riżultati li kienu rriżultaw mill-metodu inizjalment adottat fid-DO (ara s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, SNIA vs Il-Kummissjoni, C-448/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:801, punt 43).

418 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma tikkontestax li kellha l-possibbiltà li tispjega l-perspettiva tagħha matul il-proċedura amministrattiva u, b'mod partikolari, wara li ntbagħtet id-DOA, dwar il-metodu li għandu jintuża fid-Deċiżjoni kkontestata.

419 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tillimita ruħha li tinvoka n-natura "li tvarja 'l fuq" u "li tvarja 'l isfel" tal-metodi użati mill-Kummissjoni kif ukoll differenza bejn il-marġnijiet meħtieġa bejn iċ-ċipep u bejn trimestru u ieħor, mingħajr ma tispjega, ħlief permezz ta' riferiment għas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha ppreżentati matul il-proċedura amministrattiva u annessi mar-rikors, liema huma konkretament id-differenzi bejn l-approċċ "li jvarja 'l isfel" u l-approċċ "li jvarja 'l fuq" kif ukoll l-implikazzjonijiet prattiċi tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif tagħmel

il-Kummissjoni, li l-metodu adottat fid-Deċiżjoni kkontestata (u fid-DOA) huwa bbażat fuq l-ispejjeż ta' R&Ż reali li Qualcomm innifisha daħħlet fil-kontabbiltà għal kull ċippa. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni qieset li dan il-metodu kien jirrifletti l-ispejjeż ta' R&Ż realment sostnuti għall-iżvilupp ta' kull ċippa b'mod iktar fidil mill-metodu applikata fid-DO.

420 Għaldaqstant, anki jekk jitqies li l-metodi ta' analiżi użati mill-Kummissjoni fid-DO, minn naħa, u fid-DOA u fid-Deċiżjoni kkontestata, min-naħa l-oħra, jipproduċu riżultati differenti kif issostni r-rikorrenti, dan l-element ma jippermettix li f'dan il-każ jitqies li l-Kummissjoni wettqet żball meta adottat, fid-Deċiżjoni kkontestata, metodu bbażat fuq l-ispejjeż ta' R&Ż reali li Qualcomm innifisha daħħlet fil-kontabbiltà għal kull ċippa. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ.

421 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegazzjoni li ma kienx possibbli li hija tkun taf, fil-mument li tieħu d-deċiżjonijiet tagħha dwar il-prezzijiet taċ-ċipep u dwar l-investimenti fir-R&Ż, il-metodu li kellu jintuża mill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi d-daqs rilevanti tal-ispejjeż, imressaq biss insostenn tal-ksur allegat tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jitfakkar li, fid-DOA, il-Kummissjoni kienet indikat li l-modifika tal-kalkolu tal-LRAIC kienet saret sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-oġġezzjonijiet magħmula mir-rikorrenti fit-tweġiba għad-DO fir-rigward tal-kalkolu tal-LRAIC magħmul fid-DO.

422 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, għalkemm huwa minnu li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż tal-impriża dominanti jippermettilha, fid-dawl tar-responsabbiltà partikolari li hija għandha skont l-Artikolu 102 TFUE, tevalwa l-legalità tal-aġir tagħha stess u għalhekk huwa konformi mal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, C-280/08 P, EU:C:2010:603, punt 202, u tas-17 ta' Frar 2011, Teliasonera Sverige, C-52/09, EU:C:2011:83, punt 44), dan ma jfissirx li ma huwiex possibbli li l-Kummissjoni twettaq ċerti aġġustamenti, ibbażati kemm fuq id-dikjarazzjonijiet tal-prezzijiet u tal-ispejjeż tal-impriża dominanti kif ukoll fuq kull informazzjoni rilevanti oħra pprovduta minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/03, EU:T:2007:22, punti 131 sa 137; tal-10 ta' April 2008, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-271/03, EU:T:2008:101, punti 208 sa 211, u tat-13 ta' Diċembru 2018, Slovak Telekom vs Il-Kummissjoni, T-851/14, EU:T:2018:929, punti 220 sa 235).

423 Minn dan isegwi li l-prinċipju ta' ċertezza legali ma jeżiġix li l-impriża dominanti jkollha previżjonijiet iddettaljati dwar il-metodu eżatt li l-Kummissjoni għandha tuża sabiex tikkalkola l-ispejjeż tagħha. Fil-fatt, il-metodu adottat mill-Kummissjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u, b'mod partikolari, l-informazzjoni disponibbli pprovduta mill-impriża dominanti.

424 Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, l-ewwel parti tas-seba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-kriterju tal-LRAIC ma huwiex l-ispiża ta' riferiment xierqa

425 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tikkunsidra li l-iktar spiża ta' riferiment xierqa għall-finijiet tal-analiżi prezzijiet-spejjeż f'din il-kawża kienu l-AVC jew l-ispejjeż li setgħu jiġu evitati medji (iktar 'il quddiem l-"AAC"), u mhux il-LRAIC.

426 Fl-ewwel lok, id-deċiżjonijiet fil-qasam tal-prezzijiet huma bbażati fuq il-kundizzjonijiet kompetittivi meħuda f'mument meta l-ispejjeż ta' R&Ż ta' Qualcomm kienu diġà saru "irrekuperabbli", fis-sens li ma setgħux iktar jiġu evitati. Prezzijiet inqas mil-LRAIC ta' spiss jippermettu, skont ir-rikorrenti, li l-profitti jiġu mmassimizzati fuq żmien qasir u ma jinvolvux sagrifiċċju ta' profitt.

427 Fit-tieni lok, il-LRAIC huma maħsuba għal dinja statika, peress li dawn jikkonċentraw fuq prodott partikolari u ma jieħdux inkunsiderazzjoni prodotti konnessi passati u futuri. Issa, f'settur dinamiku bħalma huwa dak tas-semikondutturi, li għandu konsegwenzi intertemporali, l-użu tagħhom ma huwiex xieraq.

428 Fit-tielet lok, il-konsegwenza tan-natura estremament limitata tal-allegazzjonijiet ta' abbuż f'din il-kawża (li jirrigwardaw biss il-bejgħ ta' tliet ċipep lil żewġ klijenti għal xi trimestri) hija li, effettivament, il-LRAIC "veri" huma fir-realtà l-AAC jew l-AVC, jew saħansitra spejjeż estremament qrib.

429 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li l-prodotti li jifformaw parti mis-suq rilevanti kienu kkaratterizzati minn spejjeż marġinali jew varjabbli dgħajfa, filwaqt li hija stess iddikjarat f'diversi okkażjonijiet li l-AVC kienu parametru importanti tal-kompetizzjoni.

430 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti ssostni li l-għażla tal-Kummissjoni li tibbaża l-analiżi tagħha fuq il-LRAIC pjuttost milli fuq l-ATC ma hijiex, kuntrarjament għal dak li ssostni din tal-aħħar, iktar favorevoli għaliha. Skont ir-rikorrenti, ma huwiex probabbli li l-ATC, ikkalkolati korrettament, ikunu ogħla mil-LRAIC, peress li dawn tal-aħħar jinkludu wkoll spejjeż komuni, jonqsu milli jieħdu inkunsiderazzjoni d-dħul li jirriżulta mill-attività tagħha fil-qasam tal-liċenzji tal-privattivi u ġarrbu manipulazzjonijiet *post hoc*, bil-konsegwenza li l-LRAIC taċ-ċippa MDM8200A ġew minfuħa kunsiderevolment.

431 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

432 Qabelxejn, għandu jitfakkar li, meta tiġi adita, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, b'rikors għal annullament ta' deċiżjoni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, il-Qorti Ġenerali għandha b'mod ġenerali teżerċita, abbażi tal-elementi prodotti mir-rikorrent insostenn tal-motivi invokati, stħarriġ sħiħ dwar il-kwistjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni humiex issodisfatti jew le u li, waqt dan l-istħarriġ, il-Qorti Ġenerali ma tistax tibbaża ruħha fuq il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rwol mogħti lilha, fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, mit-Trattati UE u FUE, sabiex tirrinunzja milli teżerċita stħarriġ fil-fond kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punti 155 u 156).

433 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li l-użu mill-Kummissjoni ta' metodu bbażat fuq prezzijiet ogħla mill-AVC u inqas mill-ATC jirriżulta mill-ġurisprudenza. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, prezzijiet inqas mill-AVC li permezz tagħhom impriża dominanti tfittex li telimina kompetitur għandhom jitqiesu bħala abbużivi. Fil-fatt, l-uniku interess li impriża dominanti għandha li tapplika tali prezzijiet huwa biss sabiex telimina l-kompetituri tagħha sabiex tkun tista', sussegwentement, tgħolli l-prezzijiet tagħha billi tieħu vantaġġ mill-pożizzjoni monopolistika tagħha, minħabba li għaliha kull bejgħ jiġġenera telf, jiġifieri dak tat-totalità tal-ispejjeż fissi (jiġifieri dawk li jibqgħu konstanti irrispettivament mill-kwantitajiet prodotti) u ta' parti, minn tal-inqas, mill-ispejjeż varjabbli relatata mal-unit prodotta. Barra minn hekk, prezzijiet inqas mill-ATC, li jinkludu l-ispejjeż fissi u l-ispejjeż varjabbli, iżda ogħla mill-AVC għandhom jiġu

kkunsidrati bħala abbużivi meta jiġu ffissati fil-kuntest ta' pjan li għandu l-għan li jelimina kompetitur. Dawn il-prezzijiet jistgħu, effettivament, jeliminaw mis-suq impriżi li jista' jkun li huma daqstant effiċjenti daqs l-impriża dominanti, iżda li, minħabba r-riżorsi finanzjarji iżgħar tagħhom, ma humiex kapaċi li jirreżistu għall-kompetizzjoni li jaffaċċjaw (sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 71 u 72).

434 Din il-ġurisprudenza ġiet ikkonfermata f'diversi sentenzi sussegwenti fejn b'mod kostanti ġie kkonfermat li prezzijiet inqas mill-AVC għandhom jiġu kkunsidrati, bħala prinċipju, bħala abbużivi, sa fejn huwa preżunti li, billi tapplika tali prezzijiet, l-uniku għan ekonomiku segwit mill-impriża f'pożizzjoni dominanti huwa dak li telimina l-kompetituri tagħha. Min-naħa l-oħra, prezzijiet inqas mill-ATC iżda ogħla mill-AVC għandhom jitqiesu li huma abbużivi biss meta jiġu ffissati fil-kuntest ta' pjan li għandu l-għan li jelimina kompetitur (sentenzi tal-14 ta' Novembru 1996, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni, C-333/94 P, EU:C:1996:436, punt 41, u tat-2 ta' April 2009, France Télécom vs Il-Kummissjoni, C-202/07 P, EU:C:2009:214, punt 109).

435 Fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni (C-62/86, EU:C:1991:286, punti 71 u 72), il-Kummissjoni, sabiex tikkonstata abbuż minn pożizzjoni dominanti, kellha għalhekk, f'dan il-każ, l-obbligu, minn naħa, li tikkonstata li l-prezzijiet tar-rikorrenti kienu inqas mill-ATC u, min-naħa l-oħra, li tipprova l-intenzjoni tar-rikorrenti li teskludi kompetitur. Issa, fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni qieset, hekk kif ġie mfakkar fil-punti 408 u 409 iktar 'il fuq, li l-LRAIC ta' Qualcomm kienu inqas, għal kull prodott, mill-ATC tagħha.

436 F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti fil-kuntest tar-raba' lment tagħha, għandu jiġi kkunsidrat li, peress li l-ATC jinkludu, b'mod partikolari, l-ispejjeż komuni kollha, filwaqt li l-LRAIC jinkludu biss l-ispejjeż assoċjati mal-prodotti speċifiċi msemmija, huwa, essenzjalment, esklużi l-ATC jkunu inqas mil-LRAIC. Fil-fatt, anki fil-każ fejn kellu jitqies li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li ċerti spejjeż komuni kienu speċifiċi għall-prodotti inkwistjoni, ir-rikorrenti ma tistax validament issostni li l-LRAIC jistgħu jkunu ogħla mill-ATC.

437 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni kkalkolat l-ATC fil-punt 12.7.5.2 tad-Deċiżjoni kkontestata u kkonkludiet li dawn kienu ogħla mil-LRAIC. Issa, Qualcomm la kkontestat dan il-punt u lanqas ma pproponiet metodu ieħor ta' kalkolu. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li użat, għall-finijiet tal-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha, il-LRAIC minflok l-ATC peress li l-imsemmija LRAIC huma iktar favorevoli għar-rikorrenti mill-ATC. Barra minn hekk, kif ġustament tenfasizza l-intervenjenti, ma kienx neċessarju li l-Kummissjoni tiddetermina jekk il-prezzijiet tar-rikorrenti kinux ukoll inqas mill-AVC jew mil-LRAIC, peress li hija kienet għażlet li tivverifika l-intenzjoni ta' Qualcomm li teskludi kompetitur. Minn dan isegwi li r-raba' lment tar-rikorrenti ma jistax jiġi milqugħ.

438 Fir-rigward tat-tliet ilmenti l-oħra invokati mir-rikorrenti li jikkontestaw in-natura xierqa tal-LRAIC inkwantu spiża ta' riferiment, għandu jiġi osservat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li kalkolu tal-prezzijiet ibbażat biss fuq l-ispejjeż varjabbli ma huwiex xieraq sabiex tiġi identifikata l-eżistenza ta' prezzijiet predatorji f'settur fejn, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 109 sa 119 u 280 sa 284 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-attività ta' R&Ż u l-preżenza qawwija ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jiġġeneraw spejjeż għoljin fil-qasam ta' R&Ż, li ma jittiħdux inkunsiderazzjoni f'kalkolu bbażat biss fuq l-ispejjeż varjabbli.

439 B'mod partikolari, ma huwiex ikkontestat li, kif indikat il-Kummissjoni fil-premessa 787 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-industrija tas-semikondutturi hija kkaratterizzata minn spejjeż varjabbli baxxi (pereżempju dawk marbuta mal-manifattura taċ-ċipep) u spejjeż fissi għoljin (pereżempju dawk marbuta mal-investiment fir-R&Ż meħtieġ sabiex jiġu ddisinjati u żviluppati ċ-ċipep), li fil-parti l-kbira ma jistgħux jiġu rkuprati fil-mument tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti. Għalhekk, l-assenza ta' inklużjoni tal-ispejjeż li ma jistgħux jiġu rkuprati speċifiċi għall-prodott, bħall-investimenti fir-R&Ż, ma tirriflettix ir-realtà tas-suq għall-ispejjeż marbuta mad-dħul u mal-kompetizzjoni fis-suq, u għalhekk tagħmilha diffiċli ħafna, jekk mhux saħansitra impossibbli, li jiġi identifikat każ ta' predazzjoni bl-għan li jiġi eskluż kompetitur.

440 Issa, peress li l-LRAIC jinkludu l-ispejjeż fissi u varjabbli speċifiċi għal kull prodott sostnuti kemm qabel il-perijodu li matulu seħħet l-imġiba abbużiva kif ukoll matul dan il-perijodu, dawn jikkostitwixxu, għal din ir-raġuni, l-iktar spiża ta' riferiment xierqa f'dan il-każ sabiex tiġi kkalkolata r-rata minima ta' rkupru tal-ispejjeż meħtieġa għall-prodotti li huma s-suġġett tal-investigazzjoni (premessa 780 tad-Deċiżjoni kkontestata).

441 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-bejgħ bi prezz ogħla mill-AVC, iżda inqas mil-LRAIC jista' jikkostitwixxi massimizzazzjoni tal-profitt fuq żmien qasir ma jistax jiġi milqugħ. Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat, bħalma tagħmel il-Kummissjoni, li l-ġurisprudenza applikabbli tirrikonoxxi li tariffa ogħla mill-AVC, iżda inqas mill-ATC (li, f'dan il-każ, huma ogħla mil-LRAIC) tkun abbużiva biss jekk issir bl-intenzjoni li jiġi eskluż kompetitur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 71 u 72). Kif ġie mfakkar fil-premessa 785 tad-Deċiżjoni kkontestata, dan huwa eżattament dak li wriet il-Kummissjoni. Fil-fatt, minn naħa, ir-rikorrenti applikat prezzijiet inqas mil-LRAIC u, min-naħa l-oħra, hija għamlet dan fil-kuntest ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera. Konsegwentement, il-fatt li jiġi sostnut li prezzijiet ogħla mill-AVC jistgħu jservu għal skopijiet leġittimi jikkonsisti sempliċement fir-rikonoxximent tad-distinzjoni mwettqa fil-ġurisprudenza applikabbli u ma jurix li l-LRAIC ma jikkostitwixxux riferiment xierqa f'dan il-każ.

442 F'dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-LRAIC ma jikkostitwixxux riferiment xierqa f'dan il-każ minħabba l-portata limitata tal-ksur, għandu jiġi osservat li, meta mqabbla ma' prattika predatorja ta' tul ta' sentejn f'settur li, kif ġie kkonfermat mir-rikorrenti stess (ara, b'mod partikolari, il-punti 333 u 337 tat-tweġiba tar-rikorrenti għad-DOA, l-Annessi A.2.2 u A.2.4 tar-rikors u l-punti 715 sa 723 tat-tweġiba tar-rikorrenti għad-DO), huwa kkaratterizzat minn ċikli ta' innovazzjoni qosra li jeħtieġu investimenti kunsiderevoli f'R&Ż, il-fatt li tiġi injorata kull spiża marbuta mal-iżvilupp tal-prodotti li huma s-suġġett tal-allegata predazzjoni jkun ifisser li tiġi injorata parti sinjifikattiva mil-ispejjeż li jiddeterminaw kemm id-deċiżjonijiet dwar il-prezz tal-impriża dominanti kif ukoll dawk tar-rivali tagħha. Li kieku kien minnu li, hekk kif issostni r-rikorrenti, fis-setturi "fejn hemm R&Ż intensivi" l-impriżi jistgħu jistabbilixxu l-prezzijiet ottimali f'livelli li ma jippermettux l-irkupru tal-ispejjeż kollha ta' R&Ż li jistgħu jkunu assoċjati ma' ċertu prodott, allura l-profittabbiltà tal-attivitajiet tagħhom titqiegħed serjament fid-dubju. Min-naħa l-oħra, dawn l-ispejjeż għandhom rwol importanti fl-istrateġija ta' definizzjoni tal-prezzijiet, sa fejn inkwistjoni hemm fuq kollox swieq ikkaratterizzati mill-preżenza ta' suċċessjoni rapida ta' prodotti, fejn il-prodotti relattivament antiki jiġu ssostitwiti malajr bi prodotti iktar innovattivi, fi żmien relattivament qasir. Il-konsegwenza tal-fatt li attività ta' R&Ż tista' tibbenefika minn riżultati preċedenti jew tiffaċilita żviluppi jew skoperti futuri ma hijiex dik li dawn l-investimenti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni, iżda pjuttost dik li l-ispejjeż għandhom jitqassmu bir-reqqa bejn id-diversi prodotti.

443 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ilmenti tar-rikorrenti li jikkontestaw in-natura xierqa tal-LRAIC bħala spiża ta' riferiment għandhom jiġu miċħuda. Fil-fatt, għalkemm il-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, li huwa s-suġġett ta' stħarriġ fil-fond kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt min-naħa tal-Qorti Ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 156), xorta jibqa' l-fatt li l-elementi prodotti mir-rikorrenti ma jippermettux li jitqies li, billi għażlet li ma tużax l-AVC jew l-AAC bħala spiża ta' riferiment, il-Kummissjoni wettqet żball.

444 Fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost iktar 'il fuq, it-tieni parti tas-seba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-fatt li l-LRAIC ikkalkolati mill-Kummissjoni ma jikkorrispondux għal-LRAIC "veri"

445 Insostenn tat-tielet parti, ir-rikorrenti tinvoka tmien ilmenti.

446 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti takkuża lill-Kummissjoni li wettqet żball fid-definizzjoni tal-LRAIC, sa fejn hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, peress li ċippa kellha konsegwenzi fuq ċipep oħra, l-ispejjeż li jistgħu jiġu kklassifikati bħala tali ma setgħux, min-natura mhux speċifika tagħhom, jiġu assoċjati ma' ċippa partikolari u għalhekk dawn sempliċement ma setgħux jiġu inklużi fil-kalkolu tal-LRAIC.

447 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tikkritika li kien hemm nuqqas ta' koerenza bejn il-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kalkoli tagħha fid-DOA u dawk mogħtija fir-rigward tal-kalkoli tagħha fid-Deċiżjoni kkontestata. Skont ir-rikorrenti, fid-DOA, il-Kummissjoni tinvoka n-neċessità li jiġu solvuti "distorsjonijiet ikkawżati mis-sistema ta' kontabbiltà" identifikati fit-tweġiba għad-DO, filwaqt li, fid-Deċiżjoni kkontestata, hija tinvoka pjuttost in-neċessità li jiġu indirizzati l-kritiki mqajma. B'mod partikolari, ir-rikorrenti tikkritika kemm il-fatt li r-rikostruzzjoni tal-kejl tal-AVC mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni hija ta' kumplessità eċċessiva kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni ma adottatx il-parametru tal-ispejjeż medji għal kull unità (AUC) fil-kalkoli tagħha, kuntrarjament għall-metodu li hija kienet iddefendiet fit-tweġibiet tagħha għad-DO u għad-DOA.

448 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-[kunfidenzjali] ma hijiex adatta sabiex tidentifika l-ispejjeż inkrementali tagħha ta' R&Ż, sa fejn l-imsemmija [kunfidenzjali] tintuża biss għal finijiet ta' ġestjoni interna u ta' kontabbiltà, u la hija maħsuba u lanqas ma hija adatta għall-finijiet tal-analiżi tal-Kummissjoni.

449 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ttrattat ċerti spejjeż irreġistrati fil-[kunfidenzjali], jiġifieri l-ispejjeż li jaqgħu taħt il-kategoriji [kunfidenzjali] u [kunfidenzjali], bħala spejjeż "inkrementali", filwaqt li dawn ma kinux inkrimentali, peress li kienu assoċjati ma' ċippa partikolari biss minħabba imputazzjonijiet [kunfidenzjali], u mhux minħabba li kienu speċifikament marbuta ma' dan iċ-ċippa.

450 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li għandha ssir distinzjoni bejn l-ispejjeż imputati direttament lil ċippa u dawk imputati *ex post* permezz ta' allokazzjoni, jiġifieri mhux minħabba li dawn tqiesu li huma speċifikament marbuta ma' dan iċ-ċippa speċifika, iżda biss minħabba sempliċi mekkaniżmu ta' allokazzjoni interna. Skont ir-rikorrenti, l-impjegati ta' QCT [kunfidenzjali].

451 Għalhekk, l-ispejjeż marbuta mal-materjal li ma humiex direttament imputati lil ċippa, jiġifieri l-[kunfidenzjali] fil-kategorija [kunfidenzjali], il-[kunfidenzjali].

452 Bl-istess mod, l-ispejjeż marbuta mas-softwer jirriżultaw, b'effett minn Settembru 2009, [kunfidenzjali].

453 Fid-dawl tan-natura speċifika tar-R&Ż fis-settur tas-semikondutturi, anki l-ispejjeż imdaħħla fil-kontabbiltà fil-[kunfidenzjali] direttament fir-rigward ta' ċippa jistgħu, fir-realtà, ma jkunux għalkollox speċifiċi għal din iċ-ċippa. Fi kwalunkwe każ, li kieku l-Kummissjoni qieset li kienu biss l-ispejjeż ta' R&Ż attribwiti direttament lil ċippa li kienu "inkrementali" jew "speċifiċi għal prodott", hija ma kinitx tkun tista' tikkonstata predazzjoni.

454 Fil-prattika, il-Kummissjoni ma tagħti ebda ġustifikazzjoni solida fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-ispejjeż li jaqgħu taħt il-kategoriji [kunfidenzjali] u [kunfidenzjali] bħala "inkrementali" u sempliċement tibbaża ruħha, minn naħa, fuq l-użu tal-kelma Ingliża "incremental" f'dokument wieħed ta' Qualcomm li kien fil-pussess tagħha, jiġifieri l-[kunfidenzjali], u, min-naħa l-oħra, fuq l-ispjegazzjonijiet mogħtija minn din tal-aħħar matul il-proċedura amministrattiva, li juri li hija ma wettqet ebda evalwazzjoni indipendenti.

455 It-tieni nett, fir-rigward tal-[kunfidenzjali] użat mill-Kummissjoni sabiex tidentifika l-kategorija tal-ispejjeż inkrementali fost il-kategoriji ta' spejjeż sostnuti mir-rikorrenti, din tal-aħħar issostni li dan id-dokument kien jikkonċerna ċippa speċifika, il-[kunfidenzjali], mhux ikkonċernata mill-investigazzjoni, li ma kinitx żviluppata fl-istess ħin bħaċ-ċipep ikkonċernati minn din l-investigazzjoni u li ma kinitx, għall-kuntrarju tal-imsemmija ċipep, modem "slim". Min-naħa l-oħra, diversi dokumenti li kienu fil-pussess tal-Kummissjoni, inklużi dawk li jikkonċernaw iċ-ċipep ikkonċernati mill-investigazzjoni, ma jagħmlu ebda riferiment għall-ispejjeż inkrementali.

456 Barra minn hekk, il-[kunfidenzjali], bid-data ta' April 2011, huwa sussegwenti għad-deċiżjonijiet prinċipali ta' investiment fir-R&Ż meħuda fir-rigward taċ-ċipep inkwistjoni.

457 Barra minn hekk, fil-premessa 847 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tinjora u tinterpreta ħażin il-[kunfidenzjali], fil-parti fejn jinkludi riferiment għall-ispejjeż ta' R&Ż ikkwalifikati bħala "inkrementali". Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tieħu wkoll inkunsiderazzjoni r-riferiment, fl-istess dokument, għall-kunċett ta' "marġni ta' portafoll inkrementali", peress li, li kieku għamlet dan, hija kienet tkun tista' tifhem aħjar il-kelma Ingliża "incremental". Bl-istess mod, ir-rikorrenti tallega li qatt ma ddikjarat li, kif tistipula l-Kummissjoni fil-premessa 848 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-espressjoni [kunfidenzjali] hija ta' applikazzjoni iktar ġenerali fi ħdan Qualcomm milli f'dan id-dokument.

458 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li hija, diversi drabi, spjegat li iktar minn [kunfidenzjali] mill-USD [kunfidenzjali] żbaljatament imdaħħla fil-kontabbiltà bħala spejjeż [kunfidenzjali] u [kunfidenzjali] u li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala "inkrementali" għaċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A huma fir-realtà marbuta mal-iżvilupp ta' [kunfidenzjali], li bl-ebda mod ma huwa speċifiku għal ċippa waħda. F'dan ir-rigward, [kunfidenzjali], tindika li [kunfidenzjali], u dan juri li dawn l-USD [kunfidenzjali] ma humiex speċifiċi għal ċippa speċifika.

459 Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, il-ġustifikazzjonijiet mogħtija fid-Deċiżjoni kkontestata sabiex jiġu miċħuda l-argumenti tagħha dwar dan is-suġġett ma humiex plawżibbli.

460 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti takkuża lill-Kummissjoni li wettqet żball meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-dħul iġġenerat minn Qualcomm fil-kuntest tal-attività ta' għoti ta' liċenzja għal privattivi. Essenzjalment, hija tqis li l-Kummissjoni kellha teskludi l-ispejjeż ta' R&Ż assoċjati maċ-ċipep inkwistjoni sa fejn dawn l-ispejjeż kienu jirriżultaw mill-ksib ta' privattivi li Qualcomm kienet inkludiet fil-portafoll tagħha ta' privattivi mogħtija taħt liċenzja u li għalhekk ma setgħux jitqiesu bħala li huma speċifiċi għaċ-ċipep inkwistjoni. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset, minn naħa, [kunfidenzjali] u, min-naħa l-oħra, li d-dħul inkrementali kkawżat minn dawn il-liċenzji ma jistax ikollu l-iċken influwenza li tista' titkejjel fuq id-dħul iġġenerat mill-imsemmija attività.

461 Ir-rikorrenti tosserva li madankollu l-Kummissjoni nnifisha ddikjarat, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1238 tad-Deċiżjoni kkontestata, li [kunfidenzjali]. Hija tkompli tesponi li l-kwistjoni ta' jekk id-dħul iġġenerat mill-attività ta' għoti ta' liċenzja għal privattivi jistax ikollu impatt li jista', ftit jew wisq, jitkejjel fuq id-dħul iġġenerat mill-attività ta' għoti ta' liċenzja għal teknoloġiji ma hijiex il-kwistjoni t-tajba li għandha tiġi investigata. Fil-fehma tagħha, il-kwistjoni hija pjuttost li jiġi vverifikat jekk ir-R&Ż inkwistjoni humiex tabilħaqq "inkrementali" fir-rigward tat-tliet ċipep inkwistjoni u jekk dawn jagħtux lok għal privattivi li sussegwentement jiġu rreġistrati, bil-konsegwenza li l-imsemmija R&Ż ma humiex speċifika għal dawn iċ-ċipep.

462 Skont ir-rikorrenti, lanqas ma huwa possibbli li ċ-ċipep inkwistjoni jiġu konnessi direttament mal-privattivi fuq is-softwer, sa fejn l-ispejjeż marbuta ma' dawn tal-aħħar ma humiex direttament assoċjati ma' ċippa speċifika.

463 Fis-sitt lok, ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq estratt mill-[kunfidenzjali] li ma torbot l-ebda waħda mill-ispejjeż li jinsabu fiha ma' klijenti speċifiċi. Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-ispejjeż ta' R&Ż marbuta mal-iżvilupp taċ-ċipep ikkonċernati kienu spejjeż "inkrementali" għal Huawei u għal ZTE. Skont ir-rikorrenti, analiżi prezzijiet-spejjeż li tirrigwarda biss lil Huawei u lil ZTE għandha madankollu teskludi kull spiża ta' R&Ż, u dan juri iktar u iktar li kellhom jintużaw l-AVC jew l-AAC.

464 B'mod partikolari, l-ewwel nett, skont ir-rikorrenti, il-fatt li l-iżvilupp taċ-ċipep inkwistjoni ma kienx iġġustifikat mill-bejgħ lil klijenti oħra għajr ZTE u Huawei ma jfissirx li l-bejgħ lil Huawei u lil ZTE kien allegatament suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-iżvilupp ta' dawn iċ-ċipep. It-tieni nett, il-Kummissjoni nnifisha ammettiet, fil-premessi 131, 132 u 354 tad-Deċiżjoni kkontestata, li ċ-ċippa MDM8200 kienet ġiet żviluppata b'kollaborazzjoni ma' operaturi oħra minbarra ZTE u Huawei. It-tielet nett, id-data dwar il-bejgħ taċ-ċippa MDM8200A lil ZTE u lil Huawei, kif riprodotta fil-premessa 980 u fit-Tabella 58 tal-imsemmija deċiżjoni, ftit li xejn issostni l-affermazzjoni li tgħid li r-R&Ż assoċjati ma' din iċ-ċippa kellhom jitqiesu bħala li huma speċifiku għal dawn iż-żewġ klijenti. Ir-raba' nett, id-dokumenti msemmija mill-Kummissjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1277 ta' din l-istess deċiżjoni fl-ebda każ ma jsostnu t-teżi tal-Kummissjoni. Il-ħames nett, Qualcomm [kunfidenzjali].

465 Fis-seba' lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-kummissjoni talli wettqet manipulazzjonijiet *post hoc* billi allokat mill-ġdid l-ispejjeż irreġistrati fil-[kunfidenzjali] fuq diversi ċipep, b'mod partikolari billi allokat mill-ġdid l-ispejjeż taċ-ċippa MDM8200 għaċ-ċippa MDM8200A, li jwassal sabiex il-LRAIC għaċ-ċippa MDM8200A jvarjaw minn USD [kunfidenzjali] għal USD [kunfidenzjali]; fl-assenza ta' tali manipulazzjoni, il-prezzijiet ma jkunux inqas mill-ispejjeż f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa msemmija l-aħħar. Essenzjalment, l-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li huwa paċifiku li d-deċiżjoni ta' Qualcomm li tiżviluppa din iċ-ċipep ittieħdet wara, u indipendenti, mid-deċiżjoni

tagħha li tiżviluppa ċ-ċippa MDM8200 u li dawn iż-żewġ ċipep ma kinux jifformaw proġett komuni, hekk kif dan jirriżulta mit-tabella riprodotta fil-premessa 880(a) tad-Deċiżjoni kkontestata.

466 It-tieni nett, ir-rikorrenti tiddikjara li żviluppat diversi ċipep wara ċ-ċippa MDM8200 u ċ-ċippa MDM8200A, li kienu wkoll kompatibbli mat-teknoloġija HSPA + u ma' teknoloġiji iktar avvanzati. Iktar minn hekk, ma hemm xejn li jagħmel ir-relazzjoni bejn iċ-ċippa MDM8200 u ċ-ċippa MDM8200A "unika": l-eżistenza ta' relazzjoni teknika stretta bejn żewġ ċipep bl-ebda mod ma hija unika u lanqas ma hija inabitwali.

467 It-tielet nett, għalkemm huwa minnu li, sa ċertu mument, bejn l-2013 u l-2015, [kunfidenzjali], dan huwa dovut biss għal sempliċi żball tal-pinna li, dak iż-żmien, ma kienx partikolarment problematiku. Id-Deċiżjoni kkontestata barra minn hekk ma hijiex koerenti fir-rigward tat-trattament, minn naħa, taċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A u, min-naħa l-oħra, taċ-ċippa MDM6200, li wkoll hija ċippa allegatament "tal-aktar teknoloġija avvanzata" marbuta mill-qrib ma' ċipep oħra ta' Qualcomm, b'mod partikolari maċ-ċippa QSC6295, żviluppata preċedentement.

468 Ir-raba' nett, il-Kummissjoni la għamlet ebda sforz intiż sabiex tinvestiga t-teknoloġija u l-attivitajiet ta' R&Ż inkwistjoni u lanqas ma għamlet ebda sforz sabiex torbot il-manipulazzjonijiet tagħha ma' dħul jew ma' kategoriji ta' spejjeż speċifiċi fil-[kunfidenzjali].

469 Fit-tmien lok, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli b'mod żbaljat qassmet l-ispejjeż "inkrementali" fuq il-bażi tad-dħul, pjuttost milli fuq il-bażi tal-volumi ta' bejgħ.

470 Qabel kollox, il-metodu inkwistjoni ma huwiex imsejjes fuq bażi rilevanti li tirriżulta mil-letteratura ġuridika jew ekonomika. Barra minn hekk, dan iwassal sabiex spejjeż supplimentari jiġu attribwiti għall-bejgħ sempliċement minħabba l-fatt li l-prezzijiet matul perijodu speċifiku huma relattivament għoljin, u dan jiffavorixxi b'mod qawwi li jiġu kkonstatati prezzijiet predatorji fejn ma jkunx hemm tali prezzijiet predatorji. Fl-aħħar nett, test veru u proprju ta' esklużjoni jikkonsisti fil-verifika ta' jekk l-impriża żżidx il-prezzijiet tagħha sussegwentement (ħaġa li r-rikorrenti ma għamlitx), li, skont l-imsemmi metodu, ikun ifisser li inqas spejjeż ta' R&Ż jiġu imputati lill-bejgħ allegatament predatorju minħabba l-fatt li dawn jiġu pjuttost ittrasferiti fuq il-perijodu ta' rkupru. Dan ma jagħmel ebda sens fuq il-livell ekonomiku u ma huwiex kompatibbli mal-kunċett ta' "rkupru".

471 Il-Kummissjoni allegatament wettqet ukoll żball meta ddefinixxiet il-metodu inkwistjoni bħala "stima tal-iżvilupp tal-prezz ta' ċippa", u b'dan il-mod naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-LRAIC huma kejl tal-ispejjeż, u mhux tal-prezz.

472 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li l-metodu inkwistjoni għandu wkoll "għan varjabbli", li skontu, li kieku hija kienet żiedet il-prezzijiet tagħha sabiex tevita l-allegata predazzjoni, dan kien iwassal fl-istess ħin għal żieda fid-dħul tagħha, li kien iwassal għal allokazzjoni tal-ispejjeż ta' R&Ż ogħla għal kull trimestru, bir-riżultat li hija kienet dejjem tkun ħatja ta' predazzjoni. Ir-rikorrenti tikkritika wkoll ir-"riżultati imprevedibbli u paradossali" li għalihom iwassal il-metodu adattat mill-Kummissjoni. Ir-rikorrenti tkompli tesponi li l-adozzjoni ta' tqassim ibbażat fuq il-volum prattikament ma wasslet għal ebda tariffikazzjoni inferjuri għall-ispejjeż.

473 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

474 F'dak li jikkonċerna l-ewwel ilment, ibbażat fuq żball fid-definizzjoni tal-LRAIC, għandu jiġi kkonstatat li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li fl-industrija taċ-ċipep jista' jkun hemm konsegwenzi skont kif jitjieb il-prodotti. Madankollu, dan ma jipprekludix li r-rikorrenti sostniet spejjeż speċifikament għall-iżvilupp ta' ċippa partikolari u li hija ma setgħetx toħroġ din iċ-ċipep fis-suq mingħajr ma ssostni dawn l-ispejjeż. Minn dan isegwi li, anki jekk hemm konsegwenzi, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta għażlet li tieħu inkunsiderazzjoni spejjeż ta' żvilupp inkrementali marbuta speċifikament mal-prodott inkwistjoni.

475 Barra minn hekk, billi bbażat il-kejl tal-ispejjeż fuq [kunfidenzjali], il-Kummissjoni, hekk kif dan jirriżulta mill-premessa 835 tad-Deċiżjoni kkontestata, ħadet sempliċement inkunsiderazzjoni spejjeż li r-rikorrenti kienet sostniet direttament jew indirettament għall-iżvilupp taċ-ċipep inkwistjoni. Meta kien hemm provi speċifiċi ta' konsegwenzi, il-Kummissjoni ħadithom inkunsiderazzjoni, hekk kif jirriżulta, f'dak li jirrigwarda l-konsegwenzi fuq l-ispejjeż ta' R&Ż bejn iċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A, mill-punt 12.6.3.2 tal-imsemmija deċiżjoni.

476 F'dak li jirrigwarda l-eventwali konsegwenzi b'mod iktar ġenerali, fl-assenza ta' informazzjoni li kienet tippermetti li l-Kummissjoni tikkwantifika dawn il-konsegwenzi, hekk kif qieset il-Kummissjoni fil-premessa 783 tad-Deċiżjoni kkontestata, l-iktar approċċ raġonevoli kien li jiġi preżunt li l-konsegwenzi li minnhom ibbenefikat ċippa speċifika kienu bejn wieħed u ieħor ibbilanċjati mill-konsegwenzi li din iċ-ċippa speċifika pproduċiet fuq ċipep oħra. Konsegwentement, l-ispejjeż ta' żvilupp sostnuti għal dan iċ-ċipep ma ġewx esklużi minħabba l-konsegwenzi li hija probabbilment kellha.

477 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

478 Fir-rigward tat-tieni lment, ibbażat fuq nuqqas ta' koerenza bejn il-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kalkoli tagħha fid-DOA u dawk mogħtija fir-rigward tal-kalkoli tagħha fid-Deċiżjoni kkontestata, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-ilment, anki jekk jitqies fondat, bl-ebda mod ma jista' jwassal għall-illegalità tal-metodu inkwistjoni. Għaldaqstant, dan għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

479 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq in-natura inadegwata tal-[kunfidenzjali] sabiex jiġu identifikati l-ispejjeż inkrementali ta' R&Ż, għandu jitfakkar li, f'din id-database, ir-rikorrenti tirreġistra l-ispejjeż, għal kull ċippa individwali, u dan għal finijiet ta' ġestjoni interna u ta' kontabbiltà. Issa, fid-dawl ta' din l-allokazzjoni, għal kull ċippa individwali, tal-ispejjeż u tal-fatt li din id-database tintuża internament minn Qualcomm, din tal-aħħar ma rnexxilhiex tispjegax għal liema raġuni din għandha tiġi kkunsidrata bħala inadegwata għar-rikostruzzjoni tal-ispejjeż mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, hekk kif ġie indikat fil-premessa 845 tad-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti stess, sabiex twieġeb għat-talbiet għal informazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż, siltet informazzjoni mill-imsemmija database.

480 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' Qualcomm li tgħid li d-data kollha li tinsab fil-[kunfidenzjali] ma hijiex maħsuba sabiex jiġu kkalkolati l-LRAIC għall-finijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni, huwa biżżejjed li jiġi osservat li dan il-fatt ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tibbaża ruħha fuq tali database sa fejn din fiha informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni tagħha.

481 Fl-aħħar nett, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni inizjalment iddeċidiet li ma tużax il-[kunfidenzjali] fid-DO u ma tatx spjegazzjoni dwar il-bidla fl-opinjoni tagħha f'dan ir-rigward fid-DOA, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 367 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti

ma tistax ġustament tinvoka l-fatt li fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma weġbitx speċifikament għall-osservazzjonijiet kollha ta' fatt jew ta' liġi li hija qajmet matul il-proċedura amministrattiva. Minn dan jirriżulta li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

482 F'dak li jirrigwarda r-raba' lment, ibbażat fuq żball fit-trattament ta' ċerti spejjeż irreġistrati fil-[kunfidenzjali] bħala spejjeż "inkrementali", għandu, qabel kollox, jiġi mfakkar li d-Deċiżjoni kkontestata tippreżenta, fil-punt 12.6.3.1 tagħha, spjegazzjoni tal-kejl tal-parti fissa tal-ispejjeż ta' R&Ż sostnuti minn Qualcomm għall-produzzjoni ta' kull ċippa li ttieħdet inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-LRAIC. Il-premessa 835 tal-imsemmija deċiżjoni effettivament telenka d-diversi kategoriji ta' spejjeż ta' R&Ż li, fl-imsemmija database, huma attribwiti lil kull ċippa, kemm jekk direttament, b'rabta mal-iżvilupp ta' prodott speċifiku, kif ukoll jekk "ex post".

483 Barra minn hekk, hekk kif ġie espost fil-punt 411, id-Deċiżjoni kkontestata tippreċiża, fil-premessi 836 u 837 tagħha, li, fl-għażla tal-elementi li għandhom jiġu inklużi fl-analiżi tal-ispejjeż bħala spejjeż "inkrementali", il-Kummissjoni kienet iggwidata mill-użu tal-kelma Ingliża "incremental" fil-[kunfidenzjali], li fir-rigward tagħha hija talbet lil Qualcomm, fil-mistoqsija 8.3 tat-talba għal informazzjoni magħmula permezz tad-deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2017, sabiex tipprovdilha, għaċ-ċipep inkwistjoni, l-istess informazzjoni dwar ir-R&Ż inkrementali bħal dik ipprovduta għall-[kunfidenzjali]. L-informazzjoni pprovduta bi tweġiba hija riprodotta fl-Anness A.15.1 tar-rikors.

484 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni wettqet rikostruzzjoni tal-ispejjeż inkrementali bl-għadd tal-ispejjeż [kunfidenzjali] mal-ispejjeż [kunfidenzjali], jiġifieri l-komponenti kollha tal-ispejjeż li jinsabu fid-database riprodotta fl-Anness A.15.1 tar-rikors, bl-esklużjoni ta' dawk li kienu rreġistrati bħala spejjeż [kunfidenzjali], peress li dawn l-ispejjeż tal-aħħar, għalkemm riprodotti fl-imsemmija database, kienu tnaqqsu minn Qualcomm mit-total tal-ispejjeż "Incremental (jiġifieri skont l-istess [metodu] ta' [kunfidenzjali])" f'din l-istess database.

485 Għandu jitqies, f'dan ir-rigward, li l-elementi li huma inklużi fl-estratt mid-database li huwa s-suġġett tal-kritika tar-rikorrenti huma miġbura fil-qosor fil-premessa 835 tad-Deċiżjoni kkontestata u ġew identifikati mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Qualcomm.

486 Fil-fatt, ir-rikorrenti, fl-ewwel lok, fit-tweġiba tagħha għat-talba għal informazzjoni tal-10 ta' Lulju 2013, bid-data ta' Diċembru 2013, u, b'mod partikolari, fit-tweġiba tagħha għall-mistoqsija 19 dwar l-istadji prinċipali tal-iżvilupp tal-ewwel ċipep MDM u dwar l-ispejjeż assoċjati magħhom, fit-tieni lok, fit-tweġiba tagħha għal-mistoqsijiet 8 u 9 tat-talba għal informazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2014 (Anness A.4.8.b tar-rikors), fil-punti 38 *et seq*., u, fit-tielet lok, fit-tweġiba tagħha għal-mistoqsija 8.3 tat-talba għal informazzjoni permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2017 (Anness A.4.10.b tar-rikors), dejjem ipprovdiet l-istess elementi, kemm jekk dawn għandhom, kif ukoll jekk dawn ma għandhomx, jiġu kklassifikati skont [kunfidenzjali].

487 Fi kliem ieħor, fit-tweġibiet tar-rikorrenti, id-diversi kategoriji tal-ispejjeż huma identifikati u attribwiti lil ċippa partikolari b'mod regolari u, fl-assenza ta' inkoerenzi bejn it-tabelli riprodotti fid-diversi tweġibiet (ħlief f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż [kunfidenzjali]), dawn il-kategoriji jistgħu għalhekk jitqiesu bħala spejjeż "inkrementali" għal tali ċippa. Fil-fatt, l-unika differenza bejn it-teħid inkunsiderazzjoni jew le tal-metodu tirriżulta fl-inklużjoni jew le ta' dan l-aħħar element ta' spiża, li l-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, eskludiet mill-kalkoli tagħha.

488 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, sabiex ċerta spiża tkun tista' tiġi inkluża fil-kalkolu tal-LRAIC, is-sempliċi użu jew le tal-kelma Ingliża "incremental" fir-rigward tagħha fil-[kunfidenzjali] ma jistax jikkostitwixxi l-kriterju deċiżiv. Min-naħa l-oħra, huma pjuttost in-natura intrinsika tal-ispiża nnifisha (jiġifieri jekk tirriżulta minn waħda mill-kategoriji ta' spejjeż ġeneralment ikkunsidrati bħala spejjeż inkrementali), u l-metodu ta' klassifikazzjoni li r-rikorrenti nnifisha segwiet fit-tweġibiet tagħha li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

489 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, fuq il-bażi tat-tweġibiet u tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva, fid-Deċiżjoni kkontestata titwettaq riskostruzzjoni korretta tal-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tal-LRAIC. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, fit-tweġiba tagħha għall-mistoqsija 19 tat-talba għal informazzjoni tal-10 ta' Lulju 2013 (li hija l-ewwel waħda rilevanti f'dan ir-rigward, bid-data ta' Diċembru 2013) (Anness A.4.3 tar-rikors), ir-rikorrenti ma kienet għamlet ebda riferiment għall-allokazzjoni tal-ispejjeż jew għall-fatt li, fil-prattika, uħud minn dawn l-ispejjeż ma humiex attribwibbli għal ċipep speċifiċi.

490 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ispejjeż ta' żvilupp tas-softwer, ir-rikorrenti essenzjalment indikat, fil-punti 90 u 92 tat-tweġiba għal-mistoqsija 19 tat-talba għal informazzjoni tal-10 ta' Lulju 2013 (Anness A.4.3 tar-rikors), li l-ħajja ta' softwer kienet marbuta b'mod strett ma' dik ta' ċippa speċifika u li l-ispejjeż relatati miegħu kienu jsegwu l-ħajja kummerċjali ta' din iċ-ċippa, u għalhekk ikkonfermat il-konklużjoni li tinsab fil-premessa 860 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tgħid li din il-parti tal-[kunfidenzjali] tikkostitwixxi bażi solida sabiex jiġu ddeterminati l-ispejjeż ta' R&Ż marbuta mal-iżvilupp ta' softwer li għandu jiġi attribwit lil ċippa speċifika. Dan ma jeskludix, barra minn hekk, li parti minn softwer tista' sussegwentement tintuża għal ċipep ulterjuri.

491 Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li r-riżerva tar-rikorrenti dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż ġiet ifformulata b'mod relattivament impreċiż matul il-proċedura amministrattiva u fir-rikors.

492 Dan in-nuqqas ta' preċiżjoni fl-identifikazzjoni tal-kategoriji tal-ispejjeż li ma humiex inkrementali jdgħajjef il-kredibbiltà tal-argumenti tar-rikorrenti, iktar u iktar peress li, li kieku r-raġunament tagħha kellu jiġi segwit, kważi l-ebda spiża ta' R&Ż ma tkun tista' tiġi attribwita lil ċippa speċifika.

493 F'dak li jirrigwarda l-valur probatorju tal-elementi użati mill-Kummissjoni, għandu jitfakkar li l-kredibbiltà u, għaldaqstant, il-valur probatorju ta' dokument, jiddependu mill-oriġini tiegħu, miċ-ċirkustanzi li fih ikun ġie redatt, mid-destinatarju tiegħu u mill-kontenut tiegħu (sentenzi tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punti 1053 u 1838, u tat-12 ta' Lulju 2011, Hitachi *et* vs Il-Kummissjoni, T-112/07, EU:T:2011:342, punt 70).

494 F'dan il-każ, il-Kummissjoni bbażat ruħha, fir-rikostruzzjoni tal-prezzijiet tagħha, fuq it-tabelli u fuq it-tweġibiet ipprovduti mir-rikorrenti nnifisha, inklużi ċ-ċifri estratti mill-[kunfidenzjali] u, barra minn hekk, hija sempliċement applikat kriterji ta' klassifikazzjoni diġà użati minn din tal-aħħar. Peress li din id-data toriġina mir-rikorrenti nnifisha, din għandha tiġi kkunsidrata bħala suffiċjentement kredibbli sabiex issostni r-rikostruzzjoni tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni.

495 F'dan il-kuntest, ma huwiex biżżejjed li l-impriża kkonċernata ssemmi ċirkustanza li tista' taffettwa l-valur probatorju ta' dawn il-provi. Għall-kuntrarju, hija l-impriża kkonċernata li għandha tistabbilixxi b'mod suffiċjenti fid-dritt, minn naħa, l-eżistenza taċ-ċirkustanza li hija tinvoka u, min-naħa l-oħra, il-fatt li din iċ-ċirkustanza tikkonfuta l-valur probatorju tal-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punti 65 sa 67).

496 Issa, f'din il-kawża, ir-rikorrenti sempliċement tirrepeti l-argumenti mressqa matul il-proċedura amministrattiva, bi tluq mit-tweġiba tagħha għat-talba għal informazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2014, billi tinsisti fuq il-fatt li d-data pprovduta ma tistax tintuża għall-finijiet ta' analiżi antitrust, mingħajr ma żżid insostenn tat-teżi tagħha ebda dokument li juri li metodu ieħor ta' klassifikazzjoni kien iktar adattat minn dak użat mill-Kummissjoni. Fl-assenza ta' tali prova, għandu jiġi konkluż li, kemm fil-każ ta' kontabbiltà diretta kif ukoll fil-każ ta' kontabbiltà indiretta, l-ispejjeż li r-rikorrenti stess identifikat bi tweġiba għall-mistoqsija tal-Kummissjoni għandhom bħala prinċipju jitqiesu li huma inkrementali f'dak li jirrigwarda kull waħda miċ-ċipep inkwistjoni.

497 Barra minn hekk, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-għażla ta' metodu speċifiku ta' kontabbiltà (diretta jew indiretta, jiġifieri permezz ta' allokazzjoni) min-naħa tal-impriża dominanti tista' tikkundizzjona l-analiżi tal-ispejjeż tagħha. Fil-fatt, anki jekk, effettivament, ċertu element ta' spiża kien jirriżulta minn allokazzjoni, dan ma jistax, fih innifsu, jostakola l-inklużjoni tiegħu fil-kalkolu tal-LRAIC. Li kieku dan kien il-każ, impriża dominanti tkun dejjem tista' tevita kull analiżi prezzijiet-spejjeż billi tinvoka li ma huwiex possibbli li l-allokazzjonijiet jiġu marbuta ma' spejjeż speċifiċi. Barra minn hekk, fil-kawża preżenti, l-allokazzjonijiet jirriflettu l-evalwazzjonijiet li r-rikorrenti nnifisha għamlet tal-ispejjeż li għandhom jiġu konnessi ma' ċippa speċifika.

498 Fir-rigward tal-USD [kunfidenzjali] tal-ispejjeż ta' R&Ż, irreġistrati fil-kontabbiltà għaċ-ċippa MDM8200, iżda li fil-verità huma relatati mal-[kunfidenzjali], għandu jiġi osservat li r-rikorrenti qajmet dan l-aspett għall-ewwel darba fit-tweġiba għad-DOA. Preċedentement, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda raġuni sabiex tiddubita mill-eżattezza tad-data rċevuta, iktar u iktar peress li l-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 1/2003 jimponi fuq l-impriżi kkonċernati l-obbligu li jipprovdu informazzjoni kompleta, eżatta u mhux żnaturata.

499 Effettivament, il-fatt li dawn l-ispejjeż kienu ġew irreġistrati fil-kontabbiltà fir-rigward taċ-ċippa MDM8200 jirriżulta b'mod ċar mill-[kunfidenzjali] u mit-tweġibiet tar-rikorrenti, li għandhom jitqiesu bħala provi partikolarment affidabbli sa fejn dawn imorru kontra l-interessi tad-dikjarant (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Siemens vs Il-Kummissjoni, T-110/07, EU:T:2011:68, punti 54 u 75). Kontra dawn il-provi, l-unika prova prodotta mir-rikorrenti hija dokument tad-9 ta' Lulju 2009 intitolat [kunfidenzjali] (Anness A.18.1 tar-rikors), li jinkludi nota ta' qiegħ il-paġna 20 li tirrigwarda l-esklużjoni tas-somma ta' USD [kunfidenzjali], peress li tikkorrispondi għal [kunfidenzjali]. Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li dan id-dokument, hekk kif osservat il-Kummissjoni fil-premessa 851 tad-Deċiżjoni kkontestata, jippreżenta tabella ta' paragun tal-ispejjeż ta' R&Ż relatati maċ-ċippa MDM8200 meta mqabbla ma' dawk relatati maċ-ċippa MDM8200A, meqjusa bħala mhux kompetittiva minħabba l-ispejjeż ("not cost competitive"). Issa, l-unika ħaġa li din it-tabella donnha turi, huwa biss li, l-imsemmi ammont għall-[kunfidenzjali] ma jittiħidx inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-paragun tal-ispejjeż taż-żewġ ċipep fil-preżentazzjoni, iżda mhux li dawn l-ispejjeż speċifiċi ma ttieħdux inkunsiderazzjoni, jew ma kellhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-ispejjeż relatati maċ-ċippa MDM8200.

Mill-kumplament, l-argumenti tar-rikorrenti ma huma sostnuti minn ebda dokument u, fihom innifishom, ma jistgħux jikkonfutaw il-provi li r-rikorrenti nnifisha kienet ipprovdiet preċedentement. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn għandhom jiġu miċħuda. Minn dan jirriżulta li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

500 F'dak li jirrigwarda l-ħames ilment, ibbażat fuq żball dwar l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul iġġenerat minn Qualcomm fil-kuntest tal-attività ta' għoti ta' liċenzja għal privattivi, għandu jiġi osservat li, anki jekk jitqies li r-rikorrenti kienet biddlet il-politika tagħha ta' għoti ta' liċenzji, dan ma jfissirx li hija ma kinitx tagħti liċenzja li jirrigwardaw il-portafoll kollu ta' privattivi tagħha matul il-perijodu rilevanti. Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta min-nota ta' qiegħ il-paġna 1238 tad-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ma tikkontestax il-fatt li [kunfidenzjali].

501 Barra minn hekk, għandu jiġi rrimarkat li, minn naħa, ir-rikorrenti ssostni li identifikat approssimattivament [kunfidenzjali] privattivi u applikazzjonijiet għal privattiva li "ħafna" minnhom "x'aktarx" ġew "kompletament jew parzjalment" iġġenerati minn xogħlijiet li l-Kummissjoni tqis li huma speċifiċi għaċ-ċipep inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti la tidentifika dawn il-privattivi u dawn l-applikazzjonijiet għal privattivi u lanqas ma tikkwantifika d-dħul hekk prodott. Min-naħa l-oħra, hija tillimita ruħha li tallega li, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-privattivi marbuta mas-softwer, huwa impossibbli li jiġu identifikati dawk li huma marbuta maċ-ċipep inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumenti tar-rikorrenti ma humiex suffiċjenti sabiex jikkonfutaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Minn dan jirriżulta li dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

502 F'dak li jirrigwarda s-sitt ilment, ibbażat, essenzjalment, fuq żbalji relatati mat-teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż ta' R&Ż marbuta mal-iżvilupp taċ-ċipep ta' Qualcomm, għandu jitqies, hekk kif jirriżulta b'mod ċar mid-Deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari mill-premessa 862 tagħha u, b'mod iktar ġenerali, mill-punt 12.6.3 tagħha, li l-bejgħ lil Huawei u lil ZTE kien fundamentali għall-irkupru tal-ispejjeż ta' R&Ż.

503 Barra minn hekk, kif ġie indikat fil-premessa 888 tad-Deċiżjoni kkontestata, kien xieraq li l-ispejjeż inkrementali marbuta mar-R&Ż jiġu inklużi fil-kejl tal-ispiża sabiex jiġi evalwat jekk il-bejgħ lil Huawei u lil ZTE kienx sar bi prezzijiet inqas mill-ispiża, għaliex il-previżjonijiet ta' bejgħ lil Huawei u lil ZTE kienu jirrappreżentaw parti importanti mid-domanda mistennija li kienet tiġġustifika l-iżvilupp ta' dawn iċ-ċipep fl-ewwel lok. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, filwaqt li l-previżjonijiet ta' bejgħ tal-unitajiet taċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A lil klijenti oħra kkontribwixxew ukoll għall-irkupru tal-ispejjeż ta' żvilupp marġinali, dan il-bejgħ kien ta' daqs li ma kienx jiġġustifika l-iżvilupp ta' dawn il-prodotti. Din il-konklużjoni hija kkorroborata wkoll mid-dokumenti msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1277 tal-imsemmija deċiżjoni.

504 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

505 F'dak li jirrigwarda s-seba' lment, ibbażat fuq manipulazzjonijiet *post hoc* imwettqa mill-Kummissjoni billi allokat mill-ġdid l-ispejjeż irreġistrati fil-[kunfidenzjali] għal diversi ċipep, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti nnifisha rrikonoxxiet li, sa Diċembru 2013, l-ispejjeż marbuta mas-softwer użat għal ċipep MDM8200 u MDM8200A, kif irreġistrati fl-imsemmija [kunfidenzjali], ma kinux separati skont jekk kinux relatati ma' waħda jew ma oħra minn dawn iċ-ċipep (nota ta' qiegħ il-paġna 78 tat-tweġiba għat-talba għal informazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2014).

506 Għandu jiġi osservat ukoll li, fit-tabella estratta mill-[kunfidenzjali], li tinsab fl-Anness A.15.1 tar-rikors, minkejja li l-iżvilupp taċ-ċippa MDM8200A beda f'April 2009, ma hemm l-ebda spiża assoċjata magħha qabel l-aħħar trimestru tas-sena 2009 u li, anki minn dak il-mument, l-ispejjeż assoċjati ma' din iċ-ċippa baqgħu baxxi meta mqabbla ma' dawk taċ-ċippa MDM8200 u taċ-ċippa MDM6200. Dan il-fatt, fid-dawl tas-similarità teknika taż-żewġ ċipep u tal-kummerċjalizzazzjoni komuni tagħhom, jikkorrobora l-argumenti tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessa 880 tad-Deċiżjoni kkontestata, li juru l-eżistenza ta' relazzjoni unika bejn iċ-ċippa MDM8200 u ċ-ċippa MDM8200A, li ma hijiex paragunabbli ma' dik li setgħet teżisti bejn iċ-ċippa MDM8200 u kwalunkwe ċippa oħra li tiġġestixxi t-teknoloġija HSPA+.

507 L-intervenjenti tosserva wkoll, ġustament, li d-Deċiżjoni kkontestata tinkludi "analiżi tal-profittabbiltà għat-tul kollu tal-ħajja" li fil-kuntest tagħha hija eżaminata l-profittabbiltà tal-bejgħ kollu taċ-ċippa MDM8200 u taċ-ċippa MDM8200A, matul il-ħajja kollha tagħhom u li tirrigwarda l-klijenti kollha, u li minn din l-analiżi jirriżulta li d-dħul għat-tul kollu tal-ħajja ta' dawn iż-żewġ ċipep ma kienx suffiċjenti sabiex ikopri l-ispejjeż ta' R&Ż għall-manifattura u għall-iżvilupp tagħhom. Konsegwentement, it-tariffi ta' Qualcomm relatati ma' dawn iż-żewġ ċipep fl-ebda każ ma kienu jippermettu li fornitur daqstant effiċjenti jkopri l-ispejjeż tiegħu għal ċippa kompetitriċi.

508 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

509 F'dak li jirrigwarda t-tmien ilment, ibbażat fuq tqassim żbaljat tal-ispejjeż "inkrementali" fuq il-bażi tad-dħul, iktar milli fuq il-volumi ta' bejgħ, l-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Kummissjoni tiċċita biss sors favur il-metodu adottat, jiġifieri l-Prinċipji tal-OCDE applikabbli fil-qasam tal-prezzijiet ta' trasferiment imfassla għall-attenzjoni tal-impriżi multinazzjonali u tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa 2017, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1293 tad-Deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti, min-naħa tagħha, la tagħmel riferiment għal xi studju u lanqas għal xi prinċipju insostenn tal-metodu ta' sostituzzjoni li hija tipproponi. Barra minn hekk, għalkemm, permezz tal-argument tagħha li jgħid li l-metodu adottat mill-Kummissjoni jiffavorixxi b'mod qawwi li jiġu kkonstatati prezzijiet predatorji fejn ma jkunx hemm tali prezzijiet predatorji, ir-rikorrenti tallega li l-imsemmi metodu jwassal sabiex b'mod artifiċjali jiġu identifikati prezzijiet predatorji, hija ma tipproduċi ebda element li jista' jsostni l-allegazzjoni tagħha.

510 It-tieni nett, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, hekk kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-metodu adottat mill-Kummissjoni jwassal sabiex inqas spejjeż ta' R&Ż jiġu imputati lill-bejgħ allegatament predatorju minħabba l-fatt li dawn jiġu pjuttost ittrasferiti fuq il-perijodu ta' rkupru ma jirrendix, madankollu, l-imsemmi metodu inadegwat. Fil-fatt, għandu jiġi nnotat li l-konsegwenza tal-metodu adottat mill-Kummissjoni hija li l-attribuzzjoni ta' dawn l-ispejjeż issir minħabba l-fatt li l-prezzijiet matul perijodu partikolari, b'mod partikolari l-ewwel perijodu ta' kummerċjalizzazzjoni taċ-ċipep, huma relattivament għoljin, u għalhekk anki d-dħul huwa għoli. Min-naħa l-oħra, il-konsegwenza tal-metodu propost mir-rikorrenti tkun li l-ispejjeż jiġu allokati b'mod uniformi, bi *pro rata*, b'tali mod li kull unità (irrispettivament mill-mument ta' meta tinbiegħ matul iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċippa) għandha tirkupra l-istess ammont ta' spejjeż. Kif tindika ġustament il-Kummissjoni fil-premessa 917 tad-Deċiżjoni kkontestata, fid-dawl tal-iżvilupp tal-prezzijiet taċ-ċipep, tali approċċ ma kienx xieraq f'dan il-każ, għaliex kien iwassal sabiex parti importanti mill-ispejjeż ta' żvilupp tiġi ttrasferita lejn tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, fejn il-prezzijiet u l-marġni għandhom it-tendenza li jkunu dgħajfa, u b'dan il-mod jipproduċi numru kbir ta' pożittivi foloz fil-kriterju prezzijiet-spejjeż.

511 It-tielet nett, fir-rigward tal-użu mill-Kummissjoni tal-espressjoni "proxy for the price evolution of a chipset" sabiex tiddefinixxi l-metodu adottat, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li b'dan il-mod il-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra li l-LRAIC kienu kejl tal-ispejjeż, u mhux tal-prezz, ma jistax jiġi milqugħ, sa fejn l-imsemmija espressjoni sempliċement tagħmel riferiment għall-fatt li l-imsemmi metodu jfittex li jieħu inkunsiderazzjoni l-profil tal-prezzijiet matul iż-żmien, b'tali mod li l-perijodi li matulhom iċ-ċipep huma mistennija li jiġġeneraw dħul ogħla jsostnu wkoll parti ikbar mill-ispejjeż.

512 Ir-raba' nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-metodu adottat mill-Kummissjoni jikkostitwixxi "għan varjabbli ", għandu jiġi rrilevat li, kif huwa indikat fil-premessa 935 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-metodu propost mir-rikorrenti jikkondividi l-istess dgħjufija sa fejn, kull darba li l-prezzijiet jiżdiedu matul uħud mit-tirmestri jew matul it-trimestri kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, il-volumi mibjugħa ta' dan il-prodott jonqsu, b'tali mod li kull unità mibjugħa jkollha ssostni parti ikbar mill-ispiża fissa tal-iżvilupp tal-prodott. Għalhekk, jista' jkun li prezzijiet ogħla jkunu għadhom ma humiex għoljin biżżejjed biex jaqbżu l-ispiża ta' riferiment miksuba permezz ta' allokazzjoni tal-ispejjeż tal-iżvilupp ibbażata fuq il-volum.

513 Il-ħames nett, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-adozzjoni ta' tqassim ibbażat fuq il-volum prattikament ma twassal għal ebda tariffikazzjoni inferjuri għall-ispejjeż ma huwiex fondat. Fil-fatt, kif tenfasizza l-Kummissjoni, it-tabella 13 li tinsab fl-Anness A.2.4.5 tar-rikors turi li dan huwa l-każ għaċ-ċipep MDM8200A, iżda mhux għaċ-ċipep MDM8200 u lanqas għaċ-ċipep MDM6200. Fil-fatt, il-prezz tal-bejgħ predatorju ta' ċipep MDM6200 minn Qualcomm lil ZTE tant kien dgħajjef, inqas mill-AVC, li sempliċi tqassim tal-ispejjeż abbażi ta' volum pjuttost milli abbażi tad-dħul ma jbiddel xejn mill-fatt li Qualcomm kienet għadha tapplika prezzijiet iktar baxxi mill-ispejjeż (premessa 891 tad-Deċiżjoni kkontestata). L-istess jgħodd f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep MDM8200. It-tqassim tal-ispejjeż skont il-volum minflok skond id-dħul ma twassalx għal riżultati kunsiderevolment differenti għal Qualcomm. Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

514 Fid-dawl ta' dak kollu li ġie espost iktar 'il fuq, it-tielet parti tas-seba' motiv għandha tiġi miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-partijiet l-oħra ta' dan il-motiv ġew miċħuda (ara l-punti 424 u 444 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni li tgħid li l-prezzijiet li r-rikorrenti pprattikat eskludew lil Icera u kkawżaw dannu lill-konsumaturi

515 Dan il-motiv huwa bbażat fuq erba' partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-assenza ta' analiżi mill-Kummissjoni tal-kompetitur imsejjaħ "daqstant effiċjenti". It-tieni parti hija bbażata fuq kontradizzjoni bejn, minn naħa, il-konstatazzjoni ta' esklużjoni stabbilita fid-Deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, ir-riżultati reali ta' Icera matul il-perijodu rilevanti. It-tielet parti hija bbażata fuq l-assenza ta' prova ta' allegata predazzjoni finanzjarja, fid-dawl tal-fatt li, matul l-imsemmi perijodu, Icera ġabret fondi addizzjonali, inxtrat minn NVidia u baqgħet attiva fis-suq. Ir-raba' parti hija bbażata fuq l-argument li ma huwiex possibbli li r-rikorrenti telimina l-kompetizzjoni eżerċitata mit-teknoloġija ta' Icera.

516 Peress li t-tieni, it-tielet u r-raba' parti kollha kemm huma jikkonċernaw, essenzjalment, l-allegazzjoni li l-aġir inkriminat ma kellux effetti, dawn ser jiġu eżaminati flimkien.

Fuq l-ewwel parti bbażata fuq l-assenza ta' analiżi mill-Kummissjoni tal-kompetitur imsejjaħ "daqstant effiċjenti"

517 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma wettqitx analiżi tal-kompetitur imsejjaħ "daqstant effiċjenti" kemm fis-suq rilevanti kif ukoll fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata ta' dan is-suq u, għal din ir-raġuni, ma osservatx ir-regola legali applikabbli, hekk kif dan jirriżulta mill-argumenti żviluppati insostenn tat-tielet motiv. B'dan il-mod, il-Kummissjoni barra minn hekk ma eżaminatx jekk ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-aġir ikkontestat kinitx ta' portata suffiċjenti sabiex tkun tista' tipproduċi effetti antikompetittivi, kif stabbilixxiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632).

518 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tqis li Icera f'kull każ ma kinitx kompetitur "daqstant effiċjenti", peress li, sa fejn hija ma kinitx kompetittiva barra mis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS, hija ma kinitx kapaċi tissodisfa parti importanti mid-domanda fis-suq ikkonċernat. Fil-fehma tagħha, kompetitur "daqstant effiċjenti" għandu, minn tal-inqas, ikun jista' jirriproduċi l-offerta kollha tal-impriża dominanti.

519 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

520 Skont il-ġurisprudenza fil-qasam tal-prezzijiet predatorji, prezzijiet inqas mill-AVC għandhom jiġu kkunsidrati bħala abbużivi, peress li l-uniku interess li impriża dominanti għandha li tapplika tali prezzijiet huwa biss sabiex telimina l-kompetituri tagħha. Barra minn hekk, prezzijiet inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC għandhom jitqiesu bħala abbużivi meta jiġu ffissati fil-kuntest ta' pjan li l-għan tiegħu huwa li kompetitur jiġi eliminat, peress li tali prezzijiet jistgħu jeskludu mis-suq impriżi li jista' jkun li huma daqstant effiċjenti daqs l-impriża dominanti, iżda li, minħabba r-riżorsi finanzjarji iżgħar tagħhom, ma humiex kapaċi li jirreżistu għall-kompetizzjoni li jaffaċċjaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 70 sa 72).

521 Minn dan jirriżulta, minn naħa, li teżisti preżunzjoni ta' abbuż meta impriża f'pożizzjoni dominanti tapplika prezzijiet inqas mill-AVC, mingħajr ma jkun neċessarju li l-Kummissjoni twettaq analiżi oħra minbarra tali paragun tal-prezzijiet applikati mill-impriża dominanti u ta' wħud mill-ispejjeż tagħha. Min-naħa l-oħra, meta impriża f'pożizzjoni dominanti tapplika prezzijiet inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC, il-Kummissjoni hija obbligata, sabiex turi l-eżistenza ta' abbuż, li twettaq paragun tal-prezzijiet applikati mill-impriża dominanti u ta' wħud mill-ispejjeż tagħha u li tipprova l-eżistenza ta' pjan li għandu l-għan li jelimina kompetitur, peress li tali prezzijiet jistgħu, essenzjalment, bħala tali jeskludu mis-suq kompetituri daqstant effiċjenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma hija obbligata li twettaq analiżi oħra minbarra tali turija, bl-għan, b'mod partikolari, li tipproduċi l-prova ta' effetti antikompetittivi prodotti mill-prattika kkontestata.

522 Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ma hijiex, għaldaqstant, obbligata, waqt l-eżami tagħha tal-eventwali eżistenza ta' prezzijiet predatorji applikati minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti, li teżamina jekk ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata hijiex ta' daqs suffiċjenti sabiex din il-prattika tipproduċi effetti antikompetittivi. F'dan il-każ, għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi ġustament ikkritikata talli ma wettqitx tali eżami.

523 F'dan ir-rigward, barra minn hekk, mill-punti 72 u 73 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida dwar il-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu [102 TFUE] għal imġiba esklużjonarja abbużiva minn impriżi dominanti (ĠU 2009, C 45, p. 7) (iktar 'il quddiem il-"Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet"), jirriżulta li jista' jkun iktar faċli għall-impriża dominanti li tadotta aġir predatorju billi timmira selettivament lil ċerti klijenti permezz ta' prezzijiet baxxi, għaliex dan jippermettilha tillimita t-telf tagħha, u li huwa inqas probabbli li hija tadotta tali aġir billi tipprattika prezz baxx b'mod ġenerali fuq perijodu twil. Minn dan jirriżulta li, fil-qasam tal-prezzijiet predatorji, ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-aġir inkriminat hija ġeneralment dgħajfa u li, li kieku jkun biss l-aġir predatorju li jirrigwarda parti suffiċjentement wiesgħa tas-suq li jkun jista' jiġi ssanzjonat, kull prattika predatorja selettiva tirriskja li tevita l-projbizzjoni tal-Artikolu 102 TFUE, u dan minkejja li din tista' twassal għall-esklużjoni ta' kompetitur daqstant effiċjenti. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li prattika ta' prezzijiet predatorji għandha tkun tista' tiġi ssanzjonata malli jkun hemm riskju ta' eliminazzjoni tal-kompetituri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 1996, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni, C-333/94 P, EU:C:1996:436, punt 44).

524 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" tikkonsisti fl-eżami ta' jekk hemmx ir-riskju li l-prattiki tariffarji ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jeskludu mis-suq kompetitur daqstant effiċjenti daqs din l-impriża u li dan il-kriterju huwa bbażat fuq paragun tal-prezzijiet applikati minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti u ta' ċerti spejjeż sostnuti minn din l-impriża kif ukoll fuq l-analiżi tal-istrateġija tagħha (sentenzi tas-27 ta' Marzu 2012, Post Danmark, C-209/10, EU:C:2012:172, punt 28, u tas-6 ta' Ottubru 2015, Post Danmark, C-23/14, EU:C:2015:651, punti 53 u 54).

525 Minn dan jirriżulta li, fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar prezzijiet predatorji potenzjali, l-analiżi li permezz tagħha l-Kummissjoni tqabbel il-prezzijiet ipprattikati minn impriża f'sitwazzjoni ta' pożizzjoni dominanti ma' ċerti spejjeż tagħha sabiex tevalwa jekk din tal-aħħar applikatx prezzijiet inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC, diġà tinkludi analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti".

526 Fil-fatt, sa fejn l-impriża li għandha pożizzjoni dominanti tiffissa l-prezzijiet tagħha f'livell inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC, kompetitur "daqstant effiċjenti" daqs din l-impriża bħala prinċipju ma jkollux il-possibbiltà, minħabba l-kapaċità finanzjarja inqas tiegħu, li jikkompeti ma' dawn il-prezzijiet mingħajr ma jsostni telf li ma jistax jiġi sostnut fuq perijodu twil. Tali prezzijiet jistgħu għalhekk jeskludu kompetitur "daqstant effiċjenti", u dan huwa dak li l-Kummissjoni għandha turi fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" sabiex tipprova l-potenzjal ta' esklużjoni ta' prattika antikompetittiva.

527 Konsegwentement, peress li l-Kummissjoni validament ipprovat, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, li l-impriża li għandha pożizzjoni dominanti pprattikat prezzijiet inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC, hija, għal din ir-raġuni, impliċitament applikat il-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti", u dan huwa biżżejjed sabiex l-ewwel parti tad-disa' motiv tiġi miċħuda.

Fuq il-partijiet l-oħra, ibbażati, essenzjalment, fuq l-assenza ta' effetti tal-aġir inkriminat

528 Insostenn tat-tieni parti, ir-rikorrenti tallega li Icera fir-realtà pprosperat matul il-perijodu rilevanti, u dan idgħajjef l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-aġir inkriminat kellu l-effett li jimpedixxi lil Icera, fi stadju kruċjali tal-iżvilupp tagħha, milli jkollha aċċess għal Huawei jew għal ZTE, li minnha kienu jiddependu l-prospetti tagħha ta' żvilupp fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS.

529 Insostenn tat-tielet parti, ir-rikorrenti ssostni li, matul il-perijodu rilevanti, Icera ġabret fondi addizzjonali, b'mod partikolari bis-saħħa tax-xiri tagħha minn Nvidia, u dan idgħajjef l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-aġir inkriminat kellu l-effett li jġiegħel lil Icera twettaq bejgħ b'telf u li teżawrixxi l-kapital ta' riskju tagħha.

530 Insostenn tar-raba' parti, ir-rikorrenti tallega li l-aġir inkriminat ma setax ikollu l-effett li jelimina l-kompetizzjoni eżerċitata mit-teknoloġija ta' Icera. Fil-fehma tagħha, l-irtirar mis-suq ta' Icera kien ikollu impatt limitat, jew saħansitra ma kien ikollu l-ebda impatt, fuq il-prezzijiet li hija kienet tiffattura għaċ-ċipep UMTS "tal-ogħla livell" tagħha jew għal kull ċippa UMTS oħra, b'mod partikolari għaliex it-teknoloġija u l-għarfien espert ta' Icera kienu trasferibbli, b'tali mod li l-kompetizzjoni ma kinitx tkun affettwata mill-għajbien ta' din tal-aħħar mis-suq.

531 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

532 Għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, hekk kif tosserva l-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, huwa biss għall-finijiet ta' kompletezza li din tal-aħħar, fil-punt 12.7.4 tad-Deċiżjoni kkontestata, uriet li l-aġir inkriminat kien ipproduċa effetti antikompetittivi, li huwa dak li r-rikorrenti tikkontesta fil-kuntest ta' dawn il-partijiet. Issa, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li lmenti kontra motivi superfluwi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu mill-ewwel miċħuda bħala ineffettivi, peress li ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' dan l-att (sentenzi tat-8 ta' Mejju 2003, T. Port vs Il-Kummissjoni, C-122/01 P, EU:C:2003:259, punt 17, u tat-8 ta' Lulju 2004, Dalmine vs Il-Kummissjoni, T-50/00, EU:T:2004:220, punt 146), u dan irrendi, fi kwalunkwe każ, dawn il-partijiet ineffettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (T-336/07, EU:T:2012:172, punt 283).

533 Minn dan jirriżulta li l-partijiet tnejn sa erba' tad-disa' motiv tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-ewwel parti ta' dan il-motiv ġiet miċħuda (ara l-punt 527 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, fuq nuqqas ta' motivazzjoni kif ukoll fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tar-rikorrenti kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera

534 L-għaxar motiv huwa msejjes fuq tliet partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq in-natura inkoerenti tat-"teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni abbażi tad-dokumenti msemmija fid-Deċiżjoni kkontestata. It-tieni parti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata u fuq preżentazzjoni żbaljata ta' ċerti dokumenti interni li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni sabiex turi l-intenzjoni li jiġi eliminat kompetitur. It-tielet parti hija bbażata fuq l-argument li impjegat tar-rikorrenti, awtur ta' diversi dokumenti interni msemmija mill-Kummissjoni sabiex turi l-eżistenza ta' strateġija predatorja, kellu livell subordinat fi ħdan l-impriża u ma kellux setgħa ta' deċiżjoni fir-rigward tal-prezzijiet.

535 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

536 Fil-premessa 1118 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat li, sabiex tistabbilixxi l-intenzjoni tar-rikorrenti li telimina kompetitur, hija ma kinitx ibbażat ruħha biss fuq id-dokumenti espliċitament imsemmija fil-kuntest tal-punt 12.8 tal-imsemmija deċiżjoni, speċifikament iddedikat għal tali intenzjoni, iżda wkoll fuq il-provi l-oħra esposti fil-punt 12.4.2

ta' din id-deċiżjoni u fuq ir-rabtiet li hija setgħet tistabbilixxi bejn dawn l-elementi u l-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha fi ħdan l-istess deċiżjoni f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM8200 (premessi 954 sa 956 tad-Deċiżjoni kkontestata), f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM6200 (premessi 968 sa 971 tad-Deċiżjoni kkontestata) u f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM8200A (premessi 977 u 978 tad-Deċiżjoni kkontestata). F'dan ir-rigward, hija indikat, fil-premessa 1118 tad-Deċiżjoni kkontestata, mingħajr ma ġiet ikkontradetta fuq dan il-punt mir-rikorrenti, li dawn l-elementi u l-premessi kollha kienu jagħmlu parti integrali mill-analiżi tagħha intiża li turi li r-rikorrenti kellha intenzjoni ta' esklużjoni.

537 Il-Kummissjoni sussegwentement uriet li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li telimina kompetitur, intenzjoni li kienet il-bażi tal-applikazzjoni ta' prezzijiet predatorji fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE, għaċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A, fuq il-bażi ta' provi kemm diretti, jiġifieri dokumenti interni tar-rikorrenti (punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata), kif ukoll indiretti, jiġifieri elementi kuntestwali (punt 12.8.2 tad-Deċiżjoni kkontestata).

538 F'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari l-provi diretti, mill-premessa 1120 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni għażlet, minn fost il-provi miġbura fil-qosor fil-punt 12.4.2 tal-imsemmija deċiżjoni, disa' skambji interni b'posta elettronika li, fil-fehma tagħha huma l-iktar illustrattivi tal-eżistenza ta' pjan għall-esklużjoni ta' Icera li joriġina mid-Diretturi għoljin tar-rikorrenti, li hija esponiet fil-premessi 1121 sa 1137 ta' din id-deċiżjoni.

539 Dawn huma b'mod partikolari l-iskambji b'posta elettronika li ġejjin:

– skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2008 li jinkludi, b'mod partikolari, l-indikazzjonijiet "strateġikament ma għandna nagħtu lil Icera ebda opportunità ma' Huawei", "[f] il-każ fejn Icera [jkollha] tikseb lil ZTE, nistgħu nirreaġixxu kontra ZTE billi naħdmu ma' Huawei fis-suq" u "[j]ekk jogħġbok ikkunsidra l-għoti [ta' tnaqqis fil-prezz ta'] 2-3 % addizzjonali sabiex inkunu ċerti li jkollna sehem ta' 100 % ma' Huawei" (premessa 1121 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Frar 2009 li jagħmel riferiment għal azzjonijiet preventivi sabiex jiġi evitat li Icera tkun kapaċi tilħaq livell ta' volum suffiċjenti, għal gwerra tal-prezzijiet, għat-theddida ta' Icera u għall-fatt li Icera għandha tiġi pprevenuta milli tagħmel avvanzi ma' wieħed mill-manifatturi l-kbar tat-tagħmir oriġinali, u għall-fatt li l-preżenza ta' Icera fi ħdan ZTE għandha tiġi mħassra (premessa 1122 tal-imsemmija deċiżjoni);

– skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 li s-suġġett tiegħu kien it-tnaqqis tal-prezz taċ-ċipep MDM6200 għal ZTE u l-fatt li r-rikorrenti ma setgħetx tħalli lil Icera tikseb numru kbir ta' kuntratti, li kellu jgħinha sabiex tissaħħaħ (premessa 1124 ta' din id-deċiżjoni);

– skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 li s-suġġett tiegħu kien li l-prezz għandu jsir suġġett bla importanza sabiex iċ-ċippa MDM8200 titħalla "timla l-vojt" (premessa 1125 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Jannar 2010 li fil-kuntest tiegħu ċ-ċippa 8042 ta' Icera hija ppreżentata bħala t-theddida prinċipali għar-rikorrenti u li fih ġiet, b'mod partikolari, proposta kollaborazzjoni ma' Huawei biex Icera tiġi megħluba permezz taċ-ċippa MDM6200, li l-fondi limitati ta' Icera mill-kapital ta' riskju tagħha jiġu eżawriti u li l-preżenza taċ-ċippa ICE8042 fi ħdan ZTE fis-suq għandha tiġi mħassra (premessa 1127 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Jannar 2010 li jinkludi l-indikazzjonijiet "irridu nipproteġu dak li diġà ksibna mal-klijenti importanti", "ZTE u Huawei huma l-prijoritajiet prinċipali u t-tim Ċiniż jaħdem fuq problemi li jqumu għand dawn il-klijenti" u, "[f]uq żmien qasir, għandu jkun hemm aġġustament tat-tariffi taċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A sabiex jiġi kkontrollat it-tkabbir tal-volum fi ħdan Icera fl-2010", kif ukoll preżentazzjoni mehmuża, li fiha huwa ssuġġerit li ssir pressjoni fuq Icera għal madwar sitt xhur sabiex din teżawrixxi l-fondi limitati ħafna li ġejjin mill-kapital ta' riskju [Venture Capital] (premessa 1128 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Ġunju 2010 li jinkludi l-indikazzjoni "l-istrateġija li tikkonsisti f'li ssir pressjoni fuq iċ-ċippa ICE8042 permezz taż-żewġ ċipep MDM6200 u MDM8200A pproduċiet l-effett mixtieq" (premessa 1132 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2010 dwar l-istrateġija li tirrigwarda ċ-ċippa MDM8200A ma' Huawei u ma' ZTE, li fil-kuntest tiegħu ssir stima tal-volum tal-bejgħ ta' Icera ma ZTE, fil-każ fejn ir-rikorrenti ma tagħmel xejn u ma tagħtix lil ZTE appoġġ speċjali ieħor għajr aġġustamenti normali tal-prezz (premessa 1134 tad-Deċiżjoni kkontestata);

– skambju b'posta elettronika ta' Mejju 2011 li fil-kuntest tiegħu impjegat imlaħħaq tar-rikorrenti jesprimi l-eżitazzjoni tiegħu, fid-dawl tad-diffikultajiet finanzjarji ta' Icera, dwar il-fatt li jingħata tnaqqis tal-prezz addizzjonali għaċ-ċippa MDM8200A (premessa 1136 tad-Deċiżjoni kkontestata).

540 F'dak li jirrigwarda l-provi indiretti, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-ħames elementi kuntestwali segwenti, jiġifieri n-natura mmirata ħafna tal-aġir inkriminat, id-daqs sinjifikattiv tal-bejgħ b'telf magħmul mir-rikorrenti fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata, li huwa strateġiku ħafna, tas-suq taċ-ċipep UMTS, in-natura kontinwa tal-aġir inkriminat matul il-perijodu rilevanti, iż-żewġ pagamenti NRE intiżi sabiex jiżguraw tnaqqis moħbi fil-prezz taċ-ċipep MDM8200 u MDM6200 u s-sagrifiċċji finanzjarji tar-rikorrenti fil-qasam tal-prezzijiet u tal-provvista. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreċiżat, fil-premessa 1138 tad-Deċiżjoni kkontestata, li dawn il-provi indiretti kienu, fihom innifishom, suffiċjenti sabiex jintwera li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li telimina lil Icera mis-suq rilevanti.

541 Skont ġurisprudenza tabilħaqq stabbilita, sa fejn ċerti motivi ta' deċiżjoni huma ta' natura li, waħedhom, jiġġustifikawha b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-vizzji li bihom jistgħu jkunu vvizzjati motivi oħra tal-att, fi kwalunkwe każ, ma jaffettwawx id-dispożittiv tagħha (sentenzi tal-21 ta' Settembru 2005, EDP vs Il-Kummissjoni, T-87/05, EU:T:2005:333, punt 144, u tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, T-336/07, EU:T:2012:172, punt 283).

542 F'dan il-każ, għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk dan il-motiv huwiex ineffettiv sa fejn ir-rikorrenti tinvoka li l-Kummissjoni wettqet żbalji meta kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tar-rikorrenti kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż għall-esklużjoni ta' Icera.

543 Qabel kollox, f'dak li jirrigwarda l-provi diretti għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tikkontesta espliċitament biss, fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan il-motiv, l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat ta' erbgħa mid-disa' skambji b' posta elettronika li ġew ikkunsidrati, fid-Deċiżjoni kkontestata, bħala li huma l-iktar illustrattivi tal-eżistenza ta' intenzjoni li Icera tiġi eskluża, jiġifieri l-iskambju ta' Frar 2009 (jew it-tieni prova diretta), l-iskambji ta' Jannar 2010 (jew il-ħames u s-sitt prova diretta) u l-iskambju ta' Ġunju 2010 (jiġifieri s-seba' prova diretta).

544 Fir-rigward tal-impjegat li kien allegatament ta' livell subordinat li huwa s-suġġett tat-tielet parti ta' dan il-motiv, huwa pparteċipa biss fl-iskambji b'posta elettronika ta' Frar 2009 (jiġifieri t-tieni prova diretta), fit-tieni skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri r-raba' prova diretta) u fiż-żewġ skambji b'posta elettronika ta' Jannar 2010 (jiġifieri l-ħames u s-sitt prova diretta), iżda ma pparteċipax fil-kuntest tal-posta elettronika skambjata f'Diċembru 2008 (jiġifieri l-ewwel prova diretta), fl-ewwel skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri t-tielet prova diretta), fl-iskambju b'posta elettronika ta' Ġunju 2010 (jiġifieri s-seba' prova diretta), fl-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2010 (jiġifieri t-tmien prova diretta) u fl-iskambju b'posta elettronika ta' Mejju 2011 (jiġifieri d-disa' prova diretta).

545 Minn dan jirriżulta li, insostenn ta' dan il-motiv, fir-rikors, ir-rikorrenti ma tagħmel ebda kritika fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat, fid-Deċiżjoni kkontestata, tal-posta elettronika skambjata f'Diċembru 2008 (jiġifieri l-ewwel prova diretta), tal-ewwel skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri t-tielet prova diretta), tal-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2010 (jiġifieri t-tmien prova diretta) u tal-iskambju b'posta elettronika ta' Mejju 2011 (jiġifieri d-disa' prova diretta).

546 Issa, l-iskambji b'posta elettronika msemmija iktar 'il fuq juru, fihom innifishom, li r-rikorrenti kellha strateġija intiża għall-esklużjoni ta' Icera.

547 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 539 iktar 'il fuq, l-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2008 (jiġifieri l-ewwel prova diretta) jagħmel riferiment għall-fatt li Icera ma għandha tingħata l-ebda "opportunità" ma' Huawei, li għandu jkun hemm ħidma ma' Huawei bħala reazzjoni kontra ZTE fil-każ li Icera tikseb lil ZTE u li Huawei għandha tingħata tnaqqis addizzjonali fil-prezz ta' 2 jew ta' 3 % lil sabiex tiżgura li jkollha sehem ta' 100 % ma dan il-klijent. Minn dan jirriżulta li Icera hija identifikata b'mod ċar f'dan l-iskambju, tirriżulta wkoll il-ħtieġa li r-rikorrenti taġixxi fir-rigward tagħha, b'kollaborazzjoni ma' Huawei u bl-għoti, lil din tal-aħħar, ta' tnaqqis addizzjonali fil-prezz sabiex ma tħalli l-ebda "opportunità" lil Icera ma' din il-klijent.

548 Għandu jiġi osservat ukoll li l-Kummissjoni kellha d-dritt li tibbaża ruħha fuq l-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2008, anki jekk dan seħħ ftit xhur qabel il-bidu tal-perijodu rilevanti. Mill-ġurisprudenza effettivament jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni elementi stabbiliti lil hinn mill-perijodu tal-ksur jekk dawn l-elementi jagħmlu parti minn sensiela ta' indizji invokati mill-Kummissjoni sabiex tipprova l-imsemmi ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Frar 2012, Denki Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-83/08, mhux ippubblikata, EU:T:2012:48, punt 193, u tas-16 ta' Ġunju 2015, FSL *et* vs Il-Kummissjoni, T-655/11, EU:T:2015:383, punt 178). Barra minn hekk, jidher li huwa kompletament konċepibbli li l-implimentazzjoni konkreta ta' strateġija ta' esklużjoni ta' kompetitur tista' tkun teħtieġ ċertu żmien u, għaldaqstant, isseħħ ftit xhur wara t-tfassil tagħha.

549 L-ewwel skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri t-tielet prova diretta) jagħmel riferiment għal tnaqqis tal-prezz taċ-ċippa MDM6200 għal ZTE u għall-fatt li r-rikorrenti ma tistax tħalli lil Icera tikseb numru kbir ta' kuntratti, li jgħinha sabiex tissaħħaħ. Minn dan jirriżulta li Icera hija identifikata b'mod ċar f'dan l-iskambju, tirriżulta wkoll il-ħtieġa li r-rikorrenti taġixxi fir-rigward tagħha, billi tagħti tnaqqis fil-prezz lil ZTE sabiex jiġi evitat li Icera tissaħħaħ billi tirbaħ kuntratti ma, b'mod partikolari, din il-klijent.

550 L-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2010 (jiġifieri t-tmien prova diretta) isemmi appoġġ speċjali għal ZTE għajr l-aġġustamenti normali tal-prezz. Bl-istess mod, minn dan l-iskambju jirriżulta li Icera hija identifikata b'mod ċar, jirriżultaw ukoll il-previżjonijiet ta' kunsinni ta' Icera lil ZTE fl-eventwalità li ZTE ma tingħatax appoġġ speċjali ieħor għajr l-aġġustamenti normali tal-prezzijiet.

551 L-iskambju b'posta elettronika ta' Mejju 2011 (jiġifieri d-disa' prova diretta) jagħmel riferiment għad-diffikultajiet finanzjarji ta' Icera, li ħolqu dubju f'moħħ impjegat imlaħħaq tar-rikorrenti fir-rigward tal-għoti ta' tnaqqis addizzjonali fil-prezz għaċ-ċippa MDM8200A, li juri li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Icera kienet influwenzat il-politika tal-prezzijiet tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti.

552 Il-fatt li r-rikorrenti ma tikkontestax l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat, fid-Deċiżjoni kkontestata, għall-iskambji b'posta elettronika msemmija fil-punt 545 iktar 'il fuq, għalhekk, jagħmel dan il-motiv ineffettiv sa fejn ir-rikorrenti tinvoka li l-Kummissjoni wettqet żbalji meta kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tagħha kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż għall-esklużjoni ta' Icera. Fil-fatt, anki li kieku l-kritika tar-rikorrenti fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat għal ċerti skambji b'posta elettronika li fuqhom din tal-aħħar tibbaża ruħha bħala provi diretti, kellha tiġi aċċettata, xorta jibqa' l-fatt li l-provi li hija ma tikkontestax jippermettu, waħedhom, li tintwera l-intenzjoni tagħha li teskludi lil Icera.

553 Fi kwalunkwe każ, sabiex turi l-intenzjoni tar-rikorrenti li teskludi kompetitur, il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll, fid-Deċiżjoni kkontestata, fuq provi indiretti.

554 Issa, kif jirriżulta mill-premessa 1138 tad-Deċiżjoni kkontestata, li ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, il-provi indiretti huma suffiċjenti sabiex juru l-intenzjoni tar-rikorrenti li teskludi lil Icera.

555 Barra minn hekk, insostenn ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tqajjem tliet partijiet, li l-ebda waħda minnhom ma tikkritika s-serje ta' provi indiretti msemmija fil-punt 12.8.2 tad-Deċiżjoni kkontestata, peress li l-ewwel waħda tirrigwarda t-"teorija tad-dannu" żviluppata mill-Kummissjoni, it-tieni waħda tikkontesta l-interpretazzjoni u l-preżentazzjoni magħmula mill-Kummissjoni ta' ċerti provi diretti, jiġifieri ċerti dokumenti interni tar-rikorrenti, u t-tielet waħda ssostni l-livell subordinat ta' impjegat li huwa l-awtur ta' xi dokumenti msemmija mill-Kummissjoni bħala provi diretti.

556 Għaldaqstant, peress li s-serje ta' provi indiretti li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni fil-punt 12.8.2 tad-Deċiżjoni kkontestata hija biżżejjed, fiha nnifisha, sabiex turi li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera, il-konsegwenza tal-fatt li r-rikorrenti ma tikkontestax dawn il-provi fil-kuntest ta' dan il-motiv huwa li l-imsemmi motiv isir ineffettiv sa fejn ir-rikorrenti tinvoka żbalji mwettqa mill-Kummissjoni meta hija kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tagħha kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera.

557 Fi kwalunkwe każ, skont il-ġurisprudenza, fil-każ ta' applikazzjoni minn impriża li tinsab f'pożizzjoni dominanti ta' prezzijiet inqas mill-ATC, sabiex turi l-eżistenza ta' abbuż, il-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fuq sensiela ta' indizji serji u konkordanti li tippermetti li jiġi stabbilit li din l-impriża kellha l-intenzjoni li teskludi kompetitur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1994, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni, T-83/91, EU:T:1994:246, punt 151, u tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/03, EU:T:2007:22, punt 197). L-imsemmija turija għandha tkun intiża sabiex tistabbilixxi, abbażi ta' analiżi u ta' provi preċiżi u

konkreti, li l-imsemmi aġir kellu, minn tal-inqas, il-kapaċità li jipproduċi effetti ta' esklużjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 130).

558 Jekk ikun hemm serje ta' indizji li *prima facie* huma suffiċjenti, hija r-rikorrenti li għandha tipproponi, fir-rikors, spjegazzjoni oħra, kompleta u koerenti, li tista' tagħti sens ieħor lid-diversi elementi invokati fid-Deċiżjoni kkontestata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Almamet vs Il-Kummissjoni, T-410/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:676, punt 145).

559 F'dan il-każ, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, akkużat lir-rikorrenti bl-applikazzjoni ta' prezzijiet inqas mil-LRAIC, iżda ogħla mill-AVC. Sabiex tistabbilixxi ksur f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet għalhekk obbligata li tipprovdi, b'mod partikolari, indizji serji li juru li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera, hija pprovdiet dawn l-indizji fil-punt 12.8 tad-Deċiżjoni kkontestata.

560 Kif jirriżulta mill-punt 538 iktar 'il fuq, fil-punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ssemmi diversi dokumenti interni tar-rikorrenti, jiġifieri disa' skambji ta' posta elettronika, li, fil-fehma tagħha, juru b'mod partikolarment illustrattiv l-eżistenza ta' strateġija ta' esklużjoni ta' Icera mis-suq rilevanti.

561 Hekk kif ġie osservat fil-punt 545 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ma tagħmel, insostenn ta' dan il-motiv, ebda kritika fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat, fid-Deċiżjoni kkontestata, tal-posta elettronika skambjata f'Diċembru 2008 (jiġifieri l-ewwel prova diretta), tal-ewwel skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri t-tielet prova diretta), tal-iskambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2010 (jiġifieri t-tmien prova diretta) u tal-iskambju b'posta elettronika ta' Mejju 2011 (jiġifieri d-disa' prova diretta). Issa, kif ġie deċiż fil-punt 546 iktar 'il fuq, dawn l-iskambji b'posta elettronika juru, fihom innifishom, li kienet teżisti strateġija ta' esklużjoni ta' Icera, u dan b'mod partikolari fid-dawl tad-dokumenti msemmija fil-punt 12.4.2 tal-imsemmija deċiżjoni.

562 Fir-rigward tal-ħames skambji l-oħra b'posta elettronika, li l-interpretazzjoni tagħhom mogħtija mill-Kummissjoni hija din id-darba espliċitament ikkontestata fir-rikors, dawn jikkostitwixxu sensiela ta' indizji serji u konkordanti li jippermettu li tiġi stabbilita l-intenzjoni tar-rikorrenti li teskludi lil Icera.

563 Qabel kollox, f'dan ir-rigward għandu jitfakkar li, meta bbażat ruħha fuq dawn il-provi diretti fil-punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet qiegħda tipprova turi li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera, u mhux li tipprova l-elementi kostituttivi l-oħra tal-ksur, bħal, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' prezzijiet predatorji f'dak li jirrigwarda t-tliet ċipep inkwistjoni, elementi kostituttivi li huma s-suġġett ta' punti oħra tal-imsemmija deċiżjoni. Konsegwentement, f'dan il-każ dak li għandu jiġi vverifikat huwa jekk id-dokumenti interni li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni jikkostitwixxux tabilħaqq sensiela ta' indizji serji u konkordanti li jippermettu, meta kkunsidrati flimkien, li jiġi stabbilit li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera, peress li kull kunsiderazzjoni oħra ma hijiex rilevanti għal dan l-għan.

564 F'dan ir-rigward, il-kliem użat f'kull wieħed mill-iskambji b'posta elettronika juri b'mod partikolari li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera.

565 Fl-ewwel lok, l-iskambju b'posta elettronika ta' Frar 2009 jikklassifika espliċitament lil Icera bħala "theddida" u jindika l-miżuri preventivi li għandhom jiġu adottati sabiex jiġi evitat li din tal-aħħar tilħaq livell ta' volum suffiċjenti u li hija tagħmel avvanzi ma' wieħed mill-manifatturi l-kbar tat-tagħmir oriġinali. Barra minn hekk, d'dan l-iskambju b'posta elettronika huwa ssuġġerit li l-preżenza ta' Icera fi ħdan ZTE għandha tiġi "mħassra" u li Icera ma għandha tingħata l-ebda "opportunità" ma' Huawei. Minn dan jirriżulta li Icera hija identifikata b'mod ċar f'dan l-iskambju, tirriżulta wkoll il-ħtieġa li r-rikorrenti tadotta miżuri sabiex tipprekludiha milli tilħaq volumi suffiċjenti u sabiex teskludiha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda ż-żewġ klijenti Huawei u ZTE.

566 Ir-rikorrenti tikkontesta l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet mill-iskambju b'posta elettronika ta' Frar 2009, billi ssostni li dan seħħ tliet xhur qabel il-bidu tal-ksur, li dan ma jinkludi ebda riferiment għat-tariffikazzjoni tat-tliet ċipep inkwistjoni u li dan idgħajjef it-"teorija tal-predazzjoni indiretta".

567 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 548 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni elementi stabbiliti barra mill-perijodu tal-ksur jekk dawn l-elementi jagħmlu parti mis-sensiela ta' indizji invokati mill-Kummissjoni sabiex tipprova l-imsemmi ksur. Barra minn hekk, l-intenzjoni ta' esklużjoni ta' kompetitur tista' tiġi espressa ħafna xhur qabel l-implimentazzjoni konkreta tal-istrateġija li għandha bħala għan tali esklużjoni. Barra minn hekk, il-fatt li l-iskambju b'posta elettronika ta' Frar 2009 ma jinkludi ebda riferiment għat-tariffikazzjoni tat-tliet ċipep inkwistjoni jew li dan l-iskambju allegatament imur kontra t-"teorija tal-predazzjoni indiretta" ma huwiex rilevanti, peress li dawn l-elementi ma humiex ta' natura li jikkonfutaw li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera. Barra minn hekk, minkejja li dan l-iskambju ma jesponix id-dettalji tal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra Icera, xorta jibqa' l-fatt li fih ġie espliċitament issuġġerit li jiġu adottati miżuri preventivi kontra Icera.

568 Fit-tieni lok, l-ewwel skambju b'posta elettronika ta' Jannar 2010 (jiġifieri l-ħames prova diretta) għal darba oħra jidentifika lil Icera u, b'mod iktar partikolari ċ-ċippa ICE8042 tagħha, bħala t-theddida prinċipali tar-rikorrenti u jsemmi wkoll l-azzjonijiet li r-rikorrenti għandha tieħu sabiex din tiġi eskluża, jiġifieri kollaborazzjoni ma' Huawei u l-eżawriment tal-fondi limitati ta' Icera. Minn dan jirriżulta li Icera hija identifikata b'mod ċar f'dan l-iskambju, tirriżulta wkoll il-ħtieġa li r-rikorrenti taġixxi sabiex teskludiha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda Huawei.

569 F'dak li jirrigwarda t-tieni skambju b'posta elettronika ta' Jannar 2010 (jiġifieri s-sitt prova diretta), dan isemmi l-miżuri, b'mod partikolari aġġustament tal-prezz taċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A, li għandhom jittieħdu sabiex it-tkabbir fil-qasam tal-volum ta' Icera jiġi kkontrollat u sabiex dak li r-rikorrenti kisbet mal-klijenti importanti tagħha jiġi protett, fejn Huawei u ZTE huma kkwalifikati, f'dan ir-rigward, bħala "prijoritarji". Isir ukoll riferiment, fi preżentazzjoni mehmuża ma' dan l-iskambju, għall-fatt li "ssir pressjoni" fuq Icera għal sitt xhur biex teżawrixxi l-fondi limitati tagħha. Minn dan jirriżulta li Icera hija għal darba oħra identifikata b'mod ċar f'dan l-iskambju, tirriżulta wkoll il-ħtieġa li r-rikorrenti taġixxi sabiex teskludiha f'dak li jirrigwarda Huawei u ZTE, b'mod partikolari permezz ta' aġġustament tal-prezz taċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A.

570 Ir-rikorrenti tipprova tikkonfuta l-konklużjonijiet li l-Kummissjoni siltet f'dak li jirrigwarda, l-iskambji b'posta elettronika ta' Jannar 2010 billi tibbaża ruħha fuq sensiela twila ta' allegazzjonijiet differenti, fosthom: in-nuqqas tal-Kummissjoni li tieħu inkunsiderazzjoni, fit-"teorija tad-dannu" li hija żviluppat, il-kompetizzjoni eżerċitata minn HiSilicon; minkejja li jsir

riferiment għaliha fil-posta elettronika tal-1 ta' Jannar 2010; l-assenza ta' riferiment għaċ-ċippa MDM8200 jew il-fatt li s-suġġett prinċipali ta' din il-posta elettronika kienet il-kompetizzjoni ta' Vodafone. Madankollu, tali allegazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala irrilevanti, peress li ma jistgħux jikkonfutaw li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera.

571 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-iskambji b'posta elettronika ta' Jannar 2010 isemmu azzjonijiet, b'mod partikolari tariffarji, li għandhom jiġu implimentati fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE sabiex it-tkabbir ta' Icera jiġi llimitat u sabiex din tiġi obbligata teżawrixxi l-fondi limitati tagħha. F'dan ir-rigward, għalkemm ir-rikorrenti tikkontesta l-interpretazzjoni li l-Kummissjoni tat lit-terminu "ssir pressjoni" li, fil-fehma tagħha, ma jfissirx "qtugħ tal-fondi", xorta jibqa' l-fatt li l-frażi li fiha tinsab din il-kelma, jiġifieri "li ssir pressjoni fuq Icera għal madwar [sitt] xhur sabiex din teżawrixxi l-fondi limitati ħafna li ġejjin mill-kapital ta' riskju [Venture Capital]", tagħmel riferiment, b'mod inekwivoku, għal strateġija intiża għall-eżawriment finanzjarjament ta' Icera. Għandu wkoll jiġi osservat li r-rikorrenti ma tinvoka ebda interpretazzjoni oħra li għandha tingħata lit-terminu "ssir pressjoni" li tippermetti li tiġi kkontestata n-natura dannuża fir-rigward ta' Icera ta' tali strateġija.

572 Fit-tielet lok, l-iskambju b'posta elettronika ta' Ġunju 2010 (jiġifieri s-seba' prova diretta) jagħmel espliċitament riferiment għall-fatt li Huawei u ZTE ma kinux qegħdin jużaw ċ-ċippa ICE8042 ta' Icera daqs kemm kienu qegħdin jużaw preċedentement u għall-fatt li l-"istrateġija li tikkonsisti f'li ssir pressjoni fuq iċ-ċippa ICE8042 permezz taż-żewġ ċipep MDM6200 u MDM8200A" kienet "ipproduċiet l-effett mixtieq". Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti kienet effettivament implimentat strateġija, fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE, li kienet ibbażata fuq iċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A u li kienet tirrigwarda lil Icera.

573 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq sensiela ta' allegazzjonijiet differenti mhux rilevanti; peress li ma jikkonfutawx il-fatt innifsu li l-istess rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera; bħalma hija l-assenza ta' riferiment għaċ-ċippa MDM8200, għall-ftehim dwar l-ispejjeż tal-inġinerija mhux rikorrenti konkluż ma' ZTE jew għall-finanzjament addizzjonali f'fondi rispettivi mħabbar minn Icera f'Mejju 2010. Issa, billi tagħmel dan, ir-rikorrenti ma tikkontestax li l-iskambju b'posta elettronika ta' Ġunju 2010 jsemmi strateġija fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE, kontra Icera, permezz taċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A, li kienet effettivament ġiet implimentata, peress li kienet ipproduċiet l-effett mixtieq.

574 Fir-raba' lok, insostenn, b'mod iktar partikolari, tat-tielet parti ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq dokumenti redatti minn impjegat ta' livell subordinat, li la għandu awtorità u lanqas influwenza fuq il-prezzijiet u li, għaldaqstant, ma għandux il-kapaċità li jkollu rwol essenzjali fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' esklużjoni ta' Icera. F'dan ir-rigward, mill-punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li dan l-impjegat huwa involut fil-kuntest tal-iskambji b'posta elettronika ta' Frar 2009, ta' Diċembru 2009 u ta' Jannar 2010.

575 Fir-rigward tal-iskambju ta' posta elettronika ta' Frar 2009 (jiġifieri t-tieni prova diretta), mill-premessa 1122 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-impjegat ikkonċernat ittrażmetta l-"analiżi tat-theddida ta' Icera" tiegħu lil Direttur għoli tar-rikorrenti, li approva l-imsemmija analiżi u li bagħatha lil Diretturi għoljin oħra.

576 F'dak li jirrigwarda t-tieni skambju b'posta elettronika ta' Diċembru 2009 (jiġifieri r-raba' prova diretta), ir-rikorrenti ma tikkontestax li kien Direttur għoli tagħha li ppropona li l-prezz isir kwistjoni mingħajr importanza sabiex MDM8200 titħalla "timla l-vojt".

577 F'dak li jirrigwarda, fl-aħħar nett, l-iskambji b'posta elettronika ta' Jannar 2010 (jiġifieri l-ħames u s-sitt prova diretta), li jinkludu l-proposta tal-impjegat ikkonċernat li "issir pressjoni" fuq Icera sabiex din teżawrixxi l-fondi limitati tagħha, huwa paċifiku li diversi Diretturi għoljin tar-rikorrenti kienu destinatarji ta' dawn l-iskambji. Barra minn hekk, din il-proposta ġiet repetuta fi preżentazzjoni ppreparata minn dan l-impjegat, mehmuża ma' rapport dwar l-"eżami ta' Icera" mibgħut minn Direttur għoli lill-maniġment superjuri tar-rikorrenti.

578 Minn dan jirriżulta li Diretturi għoljin tar-rikorrenti, li għandhom awtorità u li jistgħu jinfluwenzaw il-prezzijiet, tabilħaqq kienu involuti f'dawn l-iskambji ta' posta elettronika, li minnhom tirriżulta intenzjoni ta' esklużjoni ta' Icera.

579 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt, fil-punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, permezz ta' provi diretti li jikkostitwixxu sensiela ta' indizji serji u konkordanti, li r-rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera u, għal din ir-raġuni, li l-Kummissjoni ma naqsitx mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

580 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti lanqas ma tressaq l-iċken element sabiex turi li l-Kummissjoni kisret id-dritt għal smigħ u l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tagħha kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż għall-esklużjoni ta' Icera.

581 Konsegwentement, dan il-motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-ġustifikazzjoni oġġettiva mressqa mir-rikorrenti

582 Insostenn tal-ħdax-il motiv, ir-rikorrenti tressaq l-argumenti;li ġejjin.

583 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni la ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, meta tat it-tnaqqis tal-prezzijiet inkriminat, hija sempliċement allinjat ruħha mal-prezzijiet "aggressivi" pprattikati mill-kompetitriċi tagħha Icera u lanqas il-fatt li l-prezzijiet li hija kienet tapplika kienu ogħla mill-AVC tagħha u, għaldaqstant, profittabbli u ġġustifikati. Filwaqt li tagħmel riferiment għar-raba' u għat-tmien sal-għaxar motiv, ir-rikorrenti tirrepeti li billi għamlet dan u fi kwalunkwe każ hija ma implimentatx "pjan" sabiex teskludi lil Icera.

584 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li t-tnaqqis fil-prezzijiet mogħti lil Huawei għaċ-ċippa MDM8200 kien ingħata bħala risposta għal pressjoni kbira eżerċitata minn din tal-aħħar fuqha u kellu l-għan, minn naħa, li jgħin lil Huawei sabiex toħroġ l-ordnijiet tagħha mhux eżegwiti u l-ħażniet żejda u obsoleti tagħha u, min-naħa l-oħra, li tikkompeti fir-rigward tal-prezzijiet mad-dispożittivi ta' ZTE li jinkludu ċippa Icera.

585 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tiddikjara li, matul il-proċedura amministrattiva, hija spjegat b'mod iddettaljat lill-Kummissjoni li hija kienet tqis li l-ħażniet rispettivi tagħha ta' ċipep MDM8200 kienu żejda u obsoleti. Fil-fehma tagħha, huwa għal din ir-raġuni li hija naqqset il-prezz ta' din iċ-ċippa għall-klijenti importanti kollha tagħha, tnaqqis li kien ta' żvantaġġ għal Huawei u li finalment wassalha sabiex tagħti lil din tal-aħħar tnaqqis fil-prezz għall-ordnijiet li kienu saru preċedentement. Hija ssostni li l-fatt li fl-2010 u fl-2011 kienu saru ordnijiet għall-imsemmija ċipep bl-ebda mod ma jostakola n-natura oġġettivament iġġustifikata tad-deċiżjoni tagħha li tnaqqas il-prezz ta' din iċ-ċippa sabiex tistimula domanda ġdida. Fl-aħħar nett, hija tenfasizza li,

kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, hija tabilħaqq tat tnaqqis fil-prezz lill-klijenti importanti l-oħra kollha tagħha, li fir-realtà bbenefikaw minn prezzijiet konformi mal-prezzijiet tal-bejgħ medji mogħtija lil Huawei.

586 Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, ir-rikorrenti ssostni li l-aġir inkriminat kien oġġettivament iġġustifikat u li kien b'mod żbaljat u mingħajr motivazzjoni valida li l-Kummissjoni kkonkludiet l-oppost fid-Deċiżjoni kkontestata.

587 Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

588 Essenzjalment, mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li, fil-proċeduri kollha għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, hija l-parti jew l-awtorità li tallega ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet li għandha l-oneru li tipproduċi l-prova tiegħu, iżda li hija l-impriża li tinvoka ġustifikazzjoni oġġettiva li għandha tipproduċi l-prova tagħha.

589 Barra minn hekk, mill-premessa 5 tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta, essenzjalment, li, għalkemm hija tabilħaqq il-parti jew l-awtorità li tallega ksur tal-Artikoli 101 jew 102 TFUE li għandha tipproduċi l-prova ta' tali ksur, hija, bil-kontra ta' dan, l-impriża li tinvoka l-benefiċċju ta' motiv ta' difiża kontra konstatazzjoni ta' ksur li għandha tipproduċi l-prova meħtieġa mil-liġi li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-motiv ta' difiża huma ssodisfatti.

590 Minn dan jirriżulta li impriża, bħar-rikorrenti, li tinvoka ġustifikazzjoni oġġettiva, inkluża żieda fl-effiċjenza, għal aġir li *a priori* jmur kontra l-Artikolu 102 TFUE għandha tipproduċi hija stess il-prova b'mod suffiċjenti fid-dritt.

591 F'dan il-każ, konsegwentement, hija r-rikorrenti li għandha tipproduċi l-prova b'mod suffiċjenti fid-dritt li tali aġir għandu madankollu jitqies li huwa oġġettivament iġġustifikat.

592 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li aġir ma jkunx abbużiv jekk ikun iġġustifikat minn vantaġġi favur il-kompetizzjoni jew jekk jaqdi interessi leġittimi. B'mod partikolari, l-impriża li għandha pożizzjoni dominanti tista' turi, għal dan il-għan, jew li l-aġir tagħha huwa oġġettivament neċessarju, jew li l-effett ta' esklużjoni li dan l-aġir joħloq jista' jiġi kkumpensat, jekk mhux ukoll issuperat, permezz ta' vantaġġi fil-qasam ta' effiċjenza li minnhom jibbenefikaw ukoll il-konsumaturi. Għal dan il-għan, hija l-impriża dominanti kkonċernata li għandha turi, l-ewwel nett, li l-aġir tagħha jista' jippermetti li jkun hemm żieda fl-effiċjenza, billi tistabbilixxi r-realtà u l-portata tagħha, it-tieni nett, li tali żieda fl-effiċjenza tinnewtralizza l-effetti dannużi probabbli li dan l-aġir għandu fuq il-kompetizzjoni u fuq l-interessi tal-konsumaturi fis-suq jew fis-swieq ikkonċernati, it-tielet nett, li l-imsemmi aġir huwa indispensabbli sabiex tinkiseb din iż-żieda fl-effiċjenza u, ir-raba' nett, li l-imsemmi aġir ma jeliminax kompetizzjoni effettiva billi jneħħi t-totalità jew il-parti l-kbira tas-sorsi eżistenti tal-kompetizzjoni attwali jew potenzjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Marzu 2012, Post Danmark, C-209/10, EU:C:2012:172, punti 40 sa 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandhom jiġu evalwati l-ġustifikazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti.

593 Qabel kollox, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif l-aġir predatorju li bih hija akkużata kien "oġġettivament neċessarju" jew liema vantaġġi setgħu jisiltu l-konsumaturi minn tali aġir li jkunu ta' natura li jikkumpensaw għall-effett ta' esklużjoni effettiv jew potenzjali ta' Icera mis-suq, hija lanqas ma tispjega n-natura "indispensabbli" ta' dan l-aġir sabiex tinkiseb l-allegata żieda fl-effiċjenza għall-konsumaturi, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 592 iktar 'il fuq.

594 It-tliet ġustifikazzjonijiet proposti mir-rikorrenti għall-aġir predatorju tagħha, jiġifieri, l-ewwel nett, allinjament mal-prezzijiet "aggressivi" ta' Icera u l-applikazzjoni ta' prezzijiet ogħla mill-AVC, it-tieni nett, tnaqqis fil-prezz taċ-ċippa MDM8200 mogħti lil Huawei sabiex tiġi megħjuna toħroġ il-ħażniet żejda u obsoleti tagħha ta' din iċ-ċippa u, it-tielet nett, tnaqqis fil-prezz tal-imsemmija ċippa mogħti lil Huawei sabiex toħroġ il-ħażniet żejda u obsoleti rispettivi tagħha ta' din iċ-ċippa, la juru n-natura oġġettivament neċessarja tal-aġir inkriminat u lanqas li l-effett ta' esklużjoni li dan l-aġir joħloq fir-rigward ta' Icera jista' jiġi kkumpensat, jekk mhux ukoll issuperat, permezz ta' vantaġġi fil-qasam ta' effiċjenza li minnhom jibbenefikaw ukoll il-konsumaturi.

595 Mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti llimitat ruħha li tagħmel riferiment għall-pressjoni eżerċitata minn Huawei sabiex tikseb prezzijiet iktar baxxi għaċ-ċippa MDM8200 u għar-riskju li din tal-aħħar tannulla ċerti ordnijiet, jekk ikun neċessarju permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. Issa, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 592 iktar 'il fuq, tali elementi ma jippermettux li jiġi ġġustifikat oġġettivament abbuż li jaqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 102 TFUE.

596 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma pproduċietx il-prova suffiċjenti, fis-sens tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 u tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 592 iktar 'il fuq, li l-aġir inkriminat kien oġġettivament iġġustifikat, u dan huwa biżżejjed sabiex il-ħdax-il motiv jiġi miċħud mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni wettqitx żbalji ta' fatt, ta' liġi kif ukoll ta' evalwazzjoni u jekk kisritx l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni billi ċaħdet il-ġustifikazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva.

597 Fi kwalunkwe każ, il-motivi li jinsabu fil-punt 12.9 tad-Deċiżjoni kkontestata huma suffiċjentement motivati u ma humiex ivvizzjati bi żbalji ta' evalwazzjoni jew ta' fatt.

598 F'dak li jirrigwarda l-allinjament mal-prezzijiet "aggressivi" ta' Icera, huwa biżżejjed li jiġi osservat li l-ġurisprudenza ma tagħti lill-impriża f'pożizzjoni dominanti ebda dritt ta' allinjament assolut mal-prezzijiet tal-kompetituri, u dan speċjalment meta dan id-dritt iwassal sabiex jiġi ġġustifikat l-użu ta' prezzijiet predatorji li huma, barra minn hekk, ipprojbiti mit-Trattat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/03, EU:T:2007:22, punt 182).

599 Barra minn hekk, il-fatt li kien allegatament "razzjonali" li r-rikorrenti tallinja ruħha mal-prezzijiet ta' Icera sa fejn dan jipproduċi żieda fl-effiċjenza ma jfissirx li tali aġir huwa "ġġustifikat" oġġettivament fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 592 iktar 'il fuq. Is-sempliċi fatt li aġir jista' jiġi kklassifikat bħala "razzjonali" ekonomikament f'għajnejn l-impriża li timplimentah ma huwiex biżżejjed sabiex dan l-aġir ikun iġġustifikat oġġettivament fis-sens tad-dritt tal-kompetizzjoni.

600 F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' prezzijiet ogħla mill-AVC, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, (C-62/86, EU:C:1991:286, punti 71 u 72), impriża f'pożizzjoni dominanti, anki jekk tapplika prezzijiet inqas mill-ATC, iżda ogħla mill-AVC, twettaq abbuż minn pożizzjoni dominanti jekk taġixxi b'dan il-mod fil-kuntest ta' pjan li għandu l-għan li jelimina kompetitur. Fil-preżenza ta' tali strateġija ta' esklużjoni, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, ma tantx huwa rilevanti li l-prezzijiet applikati kienu allegatament "profittabbli u ġġustifikati" peress li kienu ogħla mill-AVC.

601 F'dak li jirrigwarda t-tnaqqis fil-prezz taċ-ċippa MDM8200 mogħti lil Huawei sabiex din tiġi megħjuna toħroġ il-ħażniet żejda u obsoleti ta' din iċ-ċippa, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li dawn jikkonċernaw biss il-prezzijiet offerti lil Huawei u għaċ-ċippa MDM8200. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tipprovax tiġġustifika, permezz tal-ispjegazzjonijiet mogħtija, il-prezzijiet predatorji mogħtija lil ZTE jew il-prezzijiet predatorji konċessi għaċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A.

602 Għandu jiġi osservat ukoll, f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis fil-prezz taċ-ċippa MDM8200 mogħti lil Huawei sabiex tiġi megħjuna toħroġ il-ħażniet żejda u obsoleti tagħha ta' din iċ-ċipep, li, hekk kif tindika l-Kummissjoni fil-premessa 1185 tad-Deċiżjoni kkontestata, Huawei għamlet ordnijiet ġodda għal din iċ-ċippa mingħand Qualcomm fl-2010 u fl-2011, ċirkustanza li r-rikorrenti ikkonfermat fil-kuntest ta' mistoqsija li saritilha f'dan ir-rigward waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali. Għalhekk, il-Kummissjoni ma wettqet ebda żball meta qieset li kien diffiċilment kredibbli li l-imsemmi tnaqqis fil-prezz seta' ingħata sabiex Huawei tiġi megħjuna toħroġ il-ħażniet żejda tagħha ta' ċippa obsoleta.

603 Bl-istess mod, fir-rigward tat-tnaqqis fil-prezz taċ-ċippa MDM8200 li r-rikorrenti tat lil Huawei sabiex hija tkun tista' toħroġ il-ħażniet żejda u obsoleti rispettivi tagħha ta' din iċ-ċippa, huwa diffiċilment kredibbli li dan kien il-veru għan tal-imsemmi tnaqqis. Fil-fatt, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, li kieku dan kien il-każ, ir-rikorrenti kienet tagħti tnaqqis fil-prezz għall-imsemmija ċippa lill-klijenti kollha tagħha. Issa, mit-tabella 74 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li Huawei biss ibbenefikat minn tali tnaqqis u ngħatat prezzijiet sostanzjalment inqas minn dawk li r-rikorrenti applikat lill-klijenti prinċipali l-oħra tagħha. Barra minn hekk, mill-premessa 1185 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li r-rikorrenti kellha, f'Awwissu 2010, tipproduċi unitajiet ġodda taċ-ċippa MDM8200 sabiex tkun tista' tkopri d-domanda ta' Huawei, ċirkustanza li wkoll ġiet ikkonfermata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' mistoqsija li saritilha f'dan ir-rigward waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali. Fl-aħħar nett, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li t-tnaqqis tal-prezzijiet mogħti lil Huawei ngħata wkoll b'reazzjoni għall-apparat ta' ZTE li juża ċippa ta' Icera sempliċement jikkonferma l-predazzjoni indiretta rrilevata mill-Kummissjoni.

604 Għaldaqstant, fi kwalunkwe każ il-ħdax-il motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq "żball ta' liġi li jirriżulta min-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni legali t-tajba"

605 It-tielet motiv huwa bbażat fuq tliet partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq "żball manifest ta' liġi" u fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, minħabba li l-Kummissjoni ma applikatx id-"dispożizzjoni legali t-tajba" kif iddefinita fil-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet. It-tieni parti hija bbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza dwar il-prezzijiet predatorji u, b'mod iktar ġenerali, dwar il-prattiki tariffarji. It-tielet parti hija bbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-"dispożizzjoni legali t-tajba" kif iddefinita fil-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet

606 Skont ir-rikorrenti, mill-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet jirriżulta li l-kwistjoni rilevanti fil-kuntest tal-eżami ta' prattika potenzjalment predatorja implimentata minn impriża f'pożizzjoni dominanti hija li jsir magħruf jekk tali prattika setgħetx twassal għall-esklużjoni tal-kompetitur "daqstant effiċjenti". Skont l-imsemmija komunikazzjoni, il-Kummissjoni

għandha barra minn hekk, waqt tali eżami, tipproduċi l-prova, minn naħa, li l-impriża f'pożizzjoni dominanti, billi adottat din il-prattika, deliberatament sostniet telf jew irrinunzjat għal profitti għal żmien qasir u, min-naħa l-oħra, li hija setgħet tistenna li tirkupra tali telf wara l-perijodu ta' predazzjoni preżunt. Issa, peress li l-Kummissjoni impenjat pubblikament ruħha li tosserva din il-komunikazzjoni, din tal-aħħar ħolqot aspettattivi leġittimi mal-impriżi kkonċernati.

607 Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet ma tippermettix li l-Kummissjoni tissanzjona impriża li *in bona fide* implimentat aġir li, finalment, irriżulta li kien inqas profittabbli minn dak li hija kienet inizjalment ipprevediet. Fl-aħħar nett, mill-punt 66 tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet jirriżulta li huwa biss b'mod eċċezzjonali li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq provi dokumentarji, bil-kundizzjoni li dawn juru b'mod suffiċjentement ċar l-eżistenza ta' strateġija predatorja.

608 Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma applikatx il-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, u dan huwa kkonfermat mill-assenza ta' riferiment għal dan id-dokument kemm fid-DO kif ukoll fid-DOA u fl-IeF. Filwaqt li tirreferi għar-raba' u għat-tmien sal-għaxar motiv, ir-rikorrenti barra minn hekk issostni li l-Kummissjoni bl-ebda mod ma wriet, fid-Deċiżjoni kkontestata, xi sagrifiċċju ta' profitt min-naħa tagħha, ma wettqitx analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u ma ħaditx inkunsiderazzjoni provi li juru li, fl-assenza tal-aġir inkriminat, Huawei u ZTE xorta waħda ma kinux, fi kwalunkwe każ, ser jixtru mingħand Icera. Barra minn hekk, filwaqt li tirreferi għall-ħdax-il motiv, ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' fatt meta ċaħdet il-ġustifikazzjoni oġġettiva li hija kienet ressqet. Fl-aħħar nett, filwaqt li tirreferi għall-għaxar u għall-ħdax-il motiv, hija ssostni li huwa *in bona fide* li hija implimentat l-aġir inkriminat, peress li hija ma setgħetx tipprevedi l-metodu ta' tqassim tal-ispejjeż ta' R&Ż applikat mill-Kummissjoni fl-imsemmija deċiżjoni u peress li hija setgħet raġonevolment tistenna li l-prattiki tariffarji tagħha jkunu profittabbli.

609 Għaldaqstant, il-Kummissjoni allegatament wettqet "żball manifest ta' liġi" u kisret kemm il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi, kif ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-obbligu ta' motivazzjoni.

610 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

611 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet tillimita ruħha li tirrestrinġi l-approċċ tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla tal-każijiet li hija għandha l-intenzjoni li ssegwi b'mod prijoritarju, b'tali mod li l-prassi amministrattiva segwita minn din tal-aħħar la hija vinkolanti fuq l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u lanqas fuq il-qrati nazzjonali (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Post Danmark, C-23/14, EU:C:2015:651, punt 52), u l-għan tagħha ma huwiex dak li tistabbilixxi d-dritt applikabbli (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni, T-827/14, EU:T:2018:930, punt 114).

612 Minn dan jirriżulta li, bħal kull dokument ieħor li, għalkemm ma huwiex vinkolanti, jiddefinixxi l-kuntest ġenerali ta' analiżi li l-Kummissjoni tuża sabiex tiddetermina jekk hemmx lok li tintervjeni, il-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet tillimita s-setgħa ta' evalwazzjoni ta' din tal-aħħar. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni ma tistax, f'każ partikolari, ma timxix magħha mingħajr ma tagħti raġunijiet. Fil-fatt, f'tali każ, l-osservanza mill-Kummissjoni tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi, fosthom l-obbligu ta' motivazzjoni, għandha importanza saħansitra iktar fundamentali (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni, T-180/15, EU:T:2017:795, punt 289 u l-ġurisprudenza ċċitata).

613 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, hekk kif tallega r-rikorrenti, f'dan il-każ il-Kummissjoni għażlitx li ma timxix mal-kuntest ġenerali ta' analiżi stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, u dan mingħajr ġustifikazzjoni.

614 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li, essenzjalment, il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk il-prattika inkriminata setgħetx twassal għall-esklużjoni tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" konformement mal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, mill-eżami tal-ewwel parti tad-disa' motiv u, b'mod iktar partikolari, mill-punti 524 sa 527 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-analiżi li permezz tagħha l-Kummissjoni tqabbel il-prezzijiet applikati minn impriża f'pożizzjoni dominanti ma' wħud mill-ispejjeż tagħha sabiex tevalwa jekk din tal-aħħar applikatx prezzijiet predatorji tinkludi analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u li, peress li l-Kummissjoni pprovat, kif huwa l-każ f'din il-kawża, li l-impriża f'pożizzjoni dominanti kienet applikat tali prezzijiet, hija, għal din ir-raġuni, impliċitament għamlet tali analiżi, u dan huwa suffiċjenti sabiex dan l-argument jiġi miċħud.

615 Barra minn hekk, mill-punt 26 tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet jirriżulta li l-fatt li l-LRAIC ma humiex koperti, kif il-Kummissjoni wriet f'dan il-każ fid-Deċiżjoni kkontestata, jindika li l-impriża dominanti ma tkoprix l-ispejjeż fissi kollha (imputabbli) tal-produzzjoni tal-oġġett jew tas-servizz inkwistjoni u li kompetitur "daqstant effiċjenti" jista' jiġi eskluż mis-suq, u dan jikkonferma li, fil-kuntest tat-tqabbil tal-prezzijiet u tal-ispejjeż tal-impriża dominanti, il-Kummissjoni impliċitament, iżda neċessarjament, wettqet analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti".

616 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni kienet obbligata, b'applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, li tipproduċi l-prova li l-impriża f'pożizzjoni dominanti kienet intenzjonalment sostniet telf jew irrinunzjat għal profitti għal żmien qasir, mill-punt 66 tal-imsemmija komunikazzjoni jirriżulta li f'ċerti każijiet huwa possibbli li l-Kummissjoni, sabiex turi l-eżistenza ta' tali sagrifiċċju, tibbaża ruħha fuq provi diretti, li jikkonsistu f'dokumenti tal-impriża dominanti li juru b'mod ċar strateġija predatorja, bħal pjan iddettaljat li jipprevedi, b'mod partikolari, sagrifiċċju bl-għan li kompetitur jiġi eskluż.

617 Issa, kif jirriżulta mill-eżami tal-għaxar motiv, il-Kummissjoni effettivament ibbażat ruħha, fil-punt 12.8.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, fuq dokumenti tar-rikorrenti li juru b'mod ċar li din tal-aħħar kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera, intenzjoni li ġiet implimentata permezz ta' tnaqqis fil-prezzijiet mogħti lil Huawei u lil ZTE, u dan huwa suffiċjenti sabiex dan l-argument, ibbażat, essenzjalment, fuq l-assenza ta' prova tas-sagrifiċċju fid-Deċiżjoni kkontestata, jiġi miċħud. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, mill-punt 66 tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet bl-ebda mod ma jirriżulta li huwa biss b'mod eċċezzjonali li l-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq provi dokumentarji li juru l-eżistenza ta' strateġija predatorja. Għall-kuntrarju, f'dan il-punt, il-Kummissjoni tuża l-espressjoni "f'xi każijiet", u mhux l-espressjoni "f'xi każijiet eċċezzjonali" jew "eċċezzjonalment", jew saħansitra l-espressjoni "f'ċirkustanzi eċċezzjonali", użata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 50 tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet. Fin-nota ta' qiegħ il-paġna 44 ta' din il-komunikazzjoni, marbuta mal-punt 66 tal-istess komunikazzjoni, il-Kummissjoni barra minn hekk tagħmel riferiment għal żewġ sentenzi li fihom il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Kummissjoni kellha dritt li tibbaża ruħha fuq tali provi dokumentarji, jiġifieri s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1994, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni (T-83/91, EU:T:1994:246, punti 151 u 171), u tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni (T-340/03, EU:T:2007:22, punti 198 sa 215).

618 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni kienet obbligata, b'applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, li tipproduċi l-prova li l-impriża f'pożizzjoni dominanti setgħet tittama li tirkupra t-telf konċess matul il-perijodu ta' predazzjoni wara dan il-perijodu, huwa biss mill-punt 70 ta' din il-komunikazzjoni li jirriżulta li l-impriża dominanti tista' raġonevolment tistenna li s-setgħa tagħha fis-suq tkun, ladarba hija ttemm l-aġir predatorju tagħha, ikbar milli din kienet tkun li kieku hija ma adottatx tali aġir u li għalhekk hija tista' tikseb vantaġġ mis-sagrifiċċju tagħha. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza, aġir jista' jkun ta' natura abbużiva mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi stabbilit, b'mod speċifiku, li l-impriża inkwistjoni setgħet raġonevolment tistenna li tirkupra t-telf li hija ġarrbet b'mod intenzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1994, Tetra Pak vs Il-Kummissjoni, T-83/91, EU:T:1994:246, punt 150), u dan huwa suffiċjenti sabiex dan l-argument jiġi miċħud.

619 F'dak li jirrigwarda, fir-raba' lok, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li, peress li ma setgħetx tipprevedi l-metodu ta' tqassim tal-ispejjeż ta' R&Ż applikat mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata u, għaldaqstant, peress li aġixxiet *in bona fide*, hija ma tistax, konformement mal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, tiġi ssanzjonata mill-Kummissjoni, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest tal-eżami tal-għaxar motiv, ġie kkonstatat li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tar-rikorrenti kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż sabiex Icera tiġi eskluża, u dan huwa suffiċjenti sabiex dan l-argument jiġi miċħud.

620 F'dak li jirrigwarda, fil-ħames lok, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' riferiment għall-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet fid-DO, fid-DOA u fl-IeF, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif dan ifisser li l-Kummissjoni ma mxietx mal-kuntest ġenerali ta' analiżi li hija tuża sabiex tiddetermina jekk hemmx lok li tintervjeni, hekk kif espost fl-imsemmija komunikazzjoni. L-istess komunikazzjoni, barra minn hekk, lanqas ma timponi fuq il-Kummissjoni l-obbligu li tagħmel riferiment espliċitu għaliha fid-deċiżjonijiet tagħha fil-qasam tal-abbuż minn pożizzjoni dominanti. Għaldaqstant, dan l-argument għandu jiġi miċħud.

621 F'dak li jirrigwarda, fis-sitt lok, l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li, fl-assenza tal-aġir inkriminat, Huawei u ZTE xorta waħda ma kinux, fi kwalunkwe każ, jixtru ammonti ikbar mingħand Icera u li kienet b'mod żbaljat ċaħdet ir-raġunijiet oġġettivi li r-rikorrenti invokat sabiex tiġġustifika l-aġir tagħha, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tispjegax kif il-Kummissjoni, għal din ir-raġuni, ma mxietx mal-kuntest ġenerali ta' analiżi li hija tuża sabiex tiddetermina jekk hemmx lok li tintervjeni, hekk kif espost fil-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet.

622 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza dwar il-prezzijiet predatorji u, b'mod iktar ġenerali, dwar il-prattiki tariffarji.

623 Ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza fil-qasam ta' prezzijiet predatorji u, b'mod iktar ġenerali, ta' prattiki tariffarji, jiġifieri dik li tistabbilixxi r-regola legali applikabbli. Insostenn ta' tali allegazzjoni, hija tirriproduċi diversi estratti mis-sentenzi li hija tqis rilevanti u tikkritika lill-Kummissjoni talli ma wettqitx, fid-Deċiżjoni kkontestata, analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti", meta din l-analiżi hija imposta mill-ġurisprudenza.

624 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

625 Għandu jiġi osservat li r-rikorrenti tillimita ruħha li tirriproduċi estratti mill-ġurisprudenza, mingħajr ma tispjega b'liema mod id-Deċiżjoni kkontestata titbiegħed mir-regola legali li hija stabbilita fiha, ħlief f'dak li jirrigwarda l-analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" fejn, wara li ċċitat is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EUC: 2017: 632), f'dan il-każ, hija tikkritika lill-Kummissjoni, minn naħa, talli ma wettqitx tali analiżi u, min-naħa l-oħra, talli ma vverifikatx l-importanza tar-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata.

626 Issa, minn naħa, mill-eżami tal-ewwel parti tad-disa' motiv u, b'mod iktar partikolari, mill-punti 524 sa 527 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-analiżi li permezz tagħha l-Kummissjoni tqabbel il-prezzijiet applikati minn impriża f'pożizzjoni dominanti ma' wħud mill-ispejjeż tagħha sabiex tevalwa jekk din tal-aħħar applikatx prezzijiet predatorji diġà tinkludi analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u li, peress li l-Kummissjoni pprovat, f'dan il-każ, li l-impriża f'pożizzjoni dominanti kienet applikat tali prezzijiet, hija, għal din ir-raġuni, impliċitament għamlet l-imsemmija analiżi, u dan huwa suffiċjenti sabiex l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' tali analiżi fid-Deċiżjoni kkontestata jiġi miċħud.

627 Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 521 sa 523 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 520 iktar 'il fuq, obbligata, waqt l-eżami tagħha tal-eventwali eżistenza ta' prezzijiet predatorji applikati minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti, li tivverifika wkoll jekk ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata hijiex ta' portata suffiċjenti sabiex din il-prattika tipproduċi effetti antikompetittivi, u dan huwa suffiċjenti sabiex l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' tali verifika jiġi miċħud.

628 Konsegwentement it-tieni parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà.

629 Filwaqt li tagħmel riferimenti għas-seba' u għat-tmien motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, fid-Deċiżjoni kkontestata, wettqet analiżi prezzijiet-spejjeż artifiċjali u mingħajr preċedent, differenti minn dik żviluppata fid-DO f'dak li jirrigwarda tnejn miċ-ċipep ikkonċernati u imprevedibbli f'dak li jirrigwarda t-tielet ċippa. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni, għal din ir-raġuni, kisret il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà.

630 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

631 Għandu jiġi osservat li, insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti tillimita ruħha li tirrepeti b'mod ġeneriku l-allegazzjonijiet magħmula fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan il-motiv u tas-seba' u tat-tmien motiv, li għalihom hija tagħmel espliċitament riferiment, mingħajr ma tiżviluppa l-iċken argument speċifiku.

632 Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

633 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq jirriżulta li t-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq in-"natura illoġika u mhux sostnuta minn provi tat-'teorija tal-predazzjoni'";

634 Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq tlettax-il parti. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni, li hija "immirata u selettiva", ma hijiex konnessa mad-definizzjoni tas-suq u ġiet adattata sabiex tintlaħaq konklużjoni predeterminata. It-tieni parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-imsemmija teorija hija ta' natura intrinsikament inkoerenti u ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti. It-tielet parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi n-natura irrazzjonali tal-aġir tar-rikorrenti u tal-istrateġija tagħha ta' predazzjoni. Ir-raba' parti hija bbażata fuq in-natura ogħla tal-prezzijiet tar-rikorrenti meta mqabbla ma' dawk ta' Icera u, għaldaqstant, fuq l-assenza ta' esklużjoni mis-suq. Il-ħames parti hija bbażata fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ta' provi li jiskaġunaw kruċjali. Is-sitt parti hija bbażata fuq l-assenza ta' prova ta' predazzjoni finanzjarja. Is-seba' parti hija bbażata fuq in-natura ġdida, żbaljata u infondata tat-"teorija tal-predazzjoni". It-tmien parti hija bbażata fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" fir-rigward tal-predazzjoni diretta bejn it-tielet trimestru tal-2010 u t-tieni trimestru tal-2011. Id-disa' parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni injorat ir-realtà kummerċjali taċ-ċippa MDM8200. L-għaxar parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-imsemmija teorija hija ta' natura illoġika u tmur kontra r-regoli elementari tal-ekonomija. Il-ħdax-il parti hija bbażata kemm fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi rkupru tat-telf imġarrab matul il-perijodu rilevanti, kif ukoll fuq l-assenza ta' indikazzjoni tal-mument li fih intemmet il-predazzjoni. It-tnax-il parti hija bbażata fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u fuq il-prestazzjonijiet tajbin ta' Icera matul l-imsemmi perijodu, li tirrifjuta l-istess teorija. It-tlettax-il parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball li jikkundanna l-kompetizzjoni reali.

Osservazzjonijiet preliminari

635 Għandu jiġi osservat li, fil-punt 12 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tippreżenta l-analiżi tagħha tal-abbuż imwettaq mir-rikorrenti.

636 B'mod iktar partikolari, fil-punt 12.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tibda billi tfakkar il-prinċipji ġenerali applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-prezzijiet predatorji. Sussegwentement, fil-punt 12.2 tal-imsemmija deċiżjoni, hija tispjega fil-qosor l-applikazzjoni li hija għamlet ta' dawn il-prinċipji ġenerali fil-punti 12.3 sa 12.11 ta' din id-deċiżjoni, li r-rikorrenti tikklassifika bħala "teorija tal-predazzjoni".

637 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tispjega fil-premessa 334 tad-Deċiżjoni kkontestata li hija waslet għall-konklużjoni li, bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti kienet biegħet ċerti kwantitajiet ta' tlieta miċ-ċipep UMTS tagħha, jiġifieri ċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A, lil tnejn mill-klijenti prinċipali tagħha, jiġifieri Huawei u ZTE, bi prezzijiet inqas mill-ispejjeż tagħha, u dan bl-intenzjoni li telimina lil Icera, il-kompetitriċi prinċipali tagħha fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS. Fil-fehma tagħha, meta aġixxiet b'dan il-mod, ir-rikorrenti riedet twaqqaf lil Icera, start-up limitata finanzjarjament, milli tikseb reputazzjoni u daqs suffiċjenti sabiex tkun tista' tisfida l-pożizzjoni dominanti tagħha fl-imsemmi suq. Hija tindika li kkonkludiet, fid-dawl tal-assenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva valida għal tali aġir imressqa mir-rikorrenti, li din tal-aħħar kienet għalhekk, matul dan il-perijodu, wettqet abbuż minn pożizzjoni dominanti li jmur kontra l-Artikolu 102 TFUE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni, li hija "immirata u selettiva", ma hijiex konnessa mad-definizzjoni tas-suq u ġiet adattata sabiex tintlaħaq konklużjoni predeterminata

638 Ir-rikorrenti, filwaqt li tagħmel riferiment għall-għaxar motiv, tallega li l-aġir inkriminat la kien immirat u lanqas ma kien selettiv u li t-"teorija ta' predazzjoni" tal-Kummissjoni ma hijiex konnessa mad-definizzjoni tas-suq rilevanti, peress li, sa fejn din hija relatata biss mas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata ta' dan is-suq, li barra minn hekk huwa ddefinit b'mod żbaljat, ċerti ċipep li r-rikorrenti bħala "tal-aktar teknoloġija avvanzata" ġew eskluży minn dan is-segment.

639 Ir-rikorrenti ssostni wkoll li t-"teorija tal-predazzjoni" ġiet żviluppata għall-konvenjenza mill-Kummissjoni, peress li l-imsemmija teorija ma kellha ebda rabta mal-ilment. Hija ssostni li ċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A nbiegħu lil klijenti oħra għajr Huawei u ZTE qabel u wara l-perijodu rilevanti, bi prezzijiet inqas mil-LRAIC ikkalkolati mill-Kummissjoni, u dan iqiegħed f'dubju l-imsemmija teorija.

640 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

641 Qabel kollox, f'dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-aġir inkriminat la kien immirat u lanqas ma kien selettiv, għandu jitfakkar li mill-provi diretti li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni, eżaminati f'iktar dettall fil-punti 538 u 539 iktar 'il fuq fil-kuntest tal-eżami tal-għaxar motiv, jirriżulta li r-rikorrenti tat tnaqqis fil-prezzijiet lil Huawei u lil ZTE, identifikati b'mod ċar f'dawn id-dokumenti, bl-għan li tipprekludi lil Icera milli tilħaq dawn iż-żewġ klijenti kruċjali u bil-għan, b'dan il-mod, li teskludiha mis-suq. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax ġustament tallega li l-aġir tagħha la kien immirat u lanqas ma kien selettiv.

642 Sussegwentement, lanqas l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni, li hija relatata biss mas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata, ma hijiex konnessa mad-definizzjoni tas-suq ma tista' tintlaqa'. Fil-fatt, mill-punt 64 tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet jirriżulta li, fil-qasam tal-predazzjoni, aġir jinvolvi sagrifiċċju jekk l-impriża dominanti tiffissa prezz inferjuri għat-totalità jew għal parti speċifika tal-produzzjoni tagħha. Minn dan jirriżulta li l-aġir predatorju jista' tabilħaqq ikun jirrigwarda segment limitat tas-suq ikkonċernat, u mhux it-totalità ta' dan is-suq. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-aġir predatorju jista' saħansitra jseħħ f'suq ieħor għajr is-suq ikkonċernat, li min-naħa tiegħu ma jkunx is-suġġett ta' definizzjoni stretta (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 35 sa 45).

643 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni, minn naħa, kellha d-dritt li tissanzjona, fid-Deċiżjoni kkontestata, aġir limitat għal segment tas-suq rilevanti u li, min-naħa l-oħra, hija ma kinitx obbligata tiddefinixxi b'eżattezza l-kontorni ta' dan is-segment, kif hija għandha l-obbligu li tagħmel f'dak li jirrigwarda s-suq rilevanti sabiex tivverifika l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti.

644 Barra minn hekk, fir-rigward tal-allegata assenza ta' rabta bejn it-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni u l-ilment, għandu jiġi rrilevat li mill-punt 55 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament mill-Kummissjoni tal-ilmenti mressqa skont l-Artikoli [101] u [102] TFUE (ĠU 2004, C 101, p. 65) jirriżulta li, matul l-ewwel fażi wara l-preżentata tal-ilment, il-Kummissjoni għandha teżaminaha u eventwalment tikseb informazzjoni addizzjonali sabiex tiddeċiedi dwar l-azzjoni li għandha tittieħed, li din il-fażi tista' tinkludi skambju informali ta' opinjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-lanjant sabiex jiġu ppreċiżati l-punti ta' fatt u ta' liġi koperti

mill-ilment u li jista' jiġri li, matul din il-fażi, il-Kummissjoni tikkomunika l-ewwel reazzjoni tagħha lil-lanjant, u b'hekk tagħtih l-opportunità li jiżviluppa l-allegazzjonijiet tiegħu fid-dawl ta' din l-ewwel reazzjoni.

645 F'dan il-każ, mill-premessi 11 sa 13 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, wara l-aġġornament u r-reviżjoni tal-ilment, saru diversi skambji bejn Icera u l-Kummissjoni, li finalment wassal, f'Ġunju 2012, għal allegazzjonijiet ta' predazzjoni magħmula minn Icera, fatt li r-rikorrenti stess tirrikonoxxi. Fid-dawl tal-punt 55 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-trattament mill-Kummissjoni tal-ilmenti mressqa skont l-Artikoli [101] u [102] TFUE, għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi prattika abitwali l-fatt li persuna li tilmenta, kif kien il-każ hawnhekk, tiżviluppa l-allegazzjonijiet li saru fl-ilment sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-ewwel reazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, mill-ħtieġa li tiġi żgurata b'mod effettiv l-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-kompetizzjoni jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tkun marbuta mill-kuntest u l-evalwazzjonijiet legali magħmula minn lanjant. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti ma tispjegax kif il-fatt li Icera żviluppat biss b'mod relattivament tardiv l-allegazzjonijiet tagħha ta' predazzjoni jista' jikkontesta dak li hija tikklassifika bħala "teorija tal-predazzjoni" fl-imsemmija deċiżjoni, wara investigazzjoni fil-fond imwettqa mill-Kummissjoni.

646 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li hija applikat prezzijiet inqas mil-LRAIC f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep MDM8200 u MDM8200A fir-rigward ta' klijenti oħra minbarra Huawei u ZTE, qabel u wara l-perijodu rilevanti, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti bl-ebda mod ma tispjega kif dan jista' jqiegħed inkwistjoni dak li hija tikklassifika bħala "teorija tal-predazzjoni" fid-Deċiżjoni kkontestata. Għall-kuntrarju, jidher pjuttost li, kieku l-Kummissjoni skopriet provi tal-applikazzjoni mir-rikorrenti ta' prezzijiet predatorji fir-rigward ta' klijenti oħra barra mill-imsemmi perijodu, hija kienet tkun tista' teħodhom inkunsiderazzjoni sabiex issaħħaħ jew testendi fiż-żmien l-imsemmija teorija.

647 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni hija ta' natura intrinsikament inkoerenti u ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti

648 Ir-rikorrenti tinvoka diversi kontradizzjonijiet u inkoerenzi li jivvizzjaw id-Deċiżjoni kkontestata.

649 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tqis li t-"teorija tal-predazzjoni", li tirriżulta wkoll mill-premessa 993 tad-Deċiżjoni kkontestata, li tgħid li hija l-ewwel nett użat iċ-ċipep MDM8200 sabiex hija tgħaddi lill-klijenti tagħha Huawei u ZTE minn dawn iċ-ċipep lejn iċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A, iktar avvanzati, imbagħad ikkonċentrat l-istrateġija tariffarja tagħha fuq iċ-ċippa MDM8200A, fid-dawl tan-nuqqas ta' suċċess inizjali taċ-ċippa MDM6200, ma hijiex kompatibbli ma' "teorija tad-dannu" bbażata fuq il-prezzijiet predatorji, peress li tali konstatazzjoni tirrifletti biss l-eżistenza ta' kompetizzjoni rigoruża eżerċitata mir-rikorrenti permezz tat-tnedija ta' prodotti ġodda.

650 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tenfasizza li fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni takkużaha li implimentat l-aġir kontenzjuż bil-għan li tipprekludi lil Icera milli tibni reputazzjoni, minkejja li minn dokument intern, imsemmi fl-istess deċiżjoni, jirriżulta li hija kienet tqis li, diversi xhur qabel il-perijodu rilevanti, Icera kien irnexxielha tegħleb l-ostakoli marbuta mar-reputazzjoni, u dan jixħet dubju fuq t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni.

651 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma tikkontradixxi lilha nnifisha, minn naħa, tindika, fil-premessi 411 sa 419 tad-Deċiżjoni kkontestata, li ċ-ċippa MDM6200 ma kellhiex suċċess kummerċjali matul il-perijodu rilevanti u, min-naħa l-oħra, tallega, fil-premessa 420 tal-istess deċiżjoni, li hija bbażat ruħha fuq din iċ-ċippa fl-istrateġija tagħha fir-rigward ta' ZTE. Bl-istess mod, hija tqis li l-Kummissjoni ma tistax, minn naħa, issostni, fil-premessa 959 tal-imsemmija deċiżjoni, li ċ-ċippa MDM8200 żammet l-importanza kompetittiva tagħha anki wara t-tqegħid fis-suq taċ-ċippa MDM8200A u, min-naħa l-oħra, tiddikjara, fil-premessa 420 tal-istess deċiżjoni, li ċ-ċippa msemmija l-aħħar kienet saret il-prodott kruċjali li fuqu hija bbażat ruħha sabiex timplimenta l-istrateġija tagħha fl-2010 u fl-2011.

652 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

653 Qabel kollox, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva, peress li, anki li kieku t-tliet argumenti mressqa insostenn ta' din il-parti kellhom jitqiesu fondati, dan ma jaffettwax il-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata.

654 Fil-fatt, il-fatt li r-rikorrenti allegatament eżerċitat kompetizzjoni rigoruża permezz tal-introduzzjoni ta' prodotti ġodda, li Icera rnexxielha tibni reputazzjoni jew li r-rikorrenti ma setgħetx tibbaża l-istrateġija predatorja tagħha la fuq iċ-ċippa MDM6200, minħabba n-nuqqas ta' suċċess kummerċjali tagħha, u lanqas fuq iċ-ċippa MDM8200 wara t-tnedija taċ-ċipep MDM8200A ma jippermettix li tiġi miċħuda l-konstatazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-applikazzjoni mir-rikorrenti ta' prezzijiet predatorji bl-intenzjoni li telimina l-kompetitriċi tagħha Icera, li huwa biżżejjed sabiex tintwera l-eżistenza ta' abbuż imwettaq mir-rikorrenti (sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 70 u 71).

655 Għaldaqstant, it-tieni parti tar-raba motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tielet parti, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi n-natura irrazzjonali tal-aġir tar-rikorrenti u tal-istrateġija tagħha ta' predazzjoni.

656 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma wrietx li l-aġir tagħha kien irrazzjonali, ħlief għar-rieda tagħha li teskludi lil Icera, jew li l-prezzijiet tagħha kienu jikkostitwixxu l-implimentazzjoni ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera. Fil-fehma tagħha, il-ftit dokumenti li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni sabiex tipprova turi l-eżistenza ta' tali pjan joriġinaw minn impjegati ta' livell subordinat li ma għandhomx setgħa ta' deċiżjoni fuq il-prezzijiet. Hija tkompli tesponi li l-Kummissjoni ma tipproduċi ebda prova ta' sagrifiċċju min-naħa tagħha, minkejja li l-istess Kummissjoni kienet obbligata turi l-eżistenza ta' tali sagrifiċċju, b'applikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet.

657 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

658 Għandu jiġi rrilevat li, insostenn ta' din il-parti, ir-rikorrenti sempliċement tirrepeti argumenti li hija invokat fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet motiv, fir-rigward tal-allegata assenza ta' prova tal-eżistenza ta' sagrifiċċju, jew fil-kuntest tal-għaxar motiv, fir-rigward tal-allegata assenza ta' prova tal-eżistenza ta' strateġija ta' esklużjoni ta' Icera.

659 Issa, dawn l-argumenti, li ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel parti tat-tielet motiv u fil-kuntest tal-għaxar motiv, għandhom jiġu miċħuda għall-istess raġunijiet sa fejn dawn tqajmu insostenn tat-tielet parti tar-raba' motiv, u dan huwa biżżejjed sabiex din it-tielet parti tiġi miċħuda.

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq in-natura ogħla tal-prezzijiet tar-rikorrenti meta mqabbla ma' dawk ta' Icera

660 Ir-rikorrenti ssostni li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tirrikonoxxi, minn naħa, li l-prezzijiet tar-rikorrenti kienu ogħla minn dawk ta' Icera u tiddikjara, min-naħa l-oħra, li ċ-ċipep ta' din tal-aħħar kienu ta' kwalità superjuri. Fil-fehma tagħha, li kieku dan kien minnu, kien ikun, għaldaqstant, loġiku li hija tnaqqas il-prezz taċ-ċipep tagħha sabiex tikkumpensa l-kwalità iktar baxxa tal-prodotti tagħha, fatt li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni.

661 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

662 Għandu jitfakkar li impriża f'pożizzjoni dominanti tabbuża minn din il-pożizzjoni jekk hija tapplika prezzijiet inqas mill-AVC jew prezzijiet inqas mill-ATC iżda ogħla mill-AVC meta tali prezzijiet ikunu ffissati fil-kuntest ta' strateġija ta' esklużjoni ta' kompetitur (sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 70 sa 72).

663 F'dan il-każ, mill-eżami tal-motivi ħamsa sa tmienja u tal-għaxar motiv jirriżulta li l-Kummissjoni debitament wriet li r-rikorrenti kienet applikat prezzijiet predatorji bl-intenzjoni li telimina lill-kompetitriċi tagħha Icera, u dan huwa biżżejjed sabiex tintwera l-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti mwettaq mir-rikorrenti.

664 Barra minn hekk, mill-eżami tal-ħdax-il motiv jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żbalji u ma naqsitx milli tosserva l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta ċaħdet il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi mressqa mir-rikorrenti, inkluża l-allegazzjoni ta' din tal-aħħar li tgħid li l-prezzijiet predatorji tagħha kienu ġew applikati b'reazzjoni għall-prezzijiet aggressivi ta' Icera.

665 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi ġustament akkużata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prezzijiet predatorji pprattikati mir-rikorrenti kienu ġġustifikati mill-prezzijiet iktar baxxi ta' Icera jew mill-kwalità inqas tal-prodotti tagħha. Barra minn hekk, il-kriterju ta' riferiment sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' prattiki tariffarji predatorji ma huwiex ibbażat fuq il-prezzijiet u fuq l-ispejjeż tal-impriża li kontriha tali prattiki huma implimentati jew fuq il-kwalità tal-prodotti kkonċernati, iżda pjuttost fuq il-prezzijiet u fuq l-ispejjeż tal-impriża f'pożizzjoni dominanti.

666 Għalhekk, hemm lok li r-raba' parti tar-raba' motiv tiġi miċħuda.

Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ta' provi li jiskaġunaw kruċjali.

667 Ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni diversi provi li jiskaġunaw "kruċjali", jiġifieri, fl-ewwel lok, il-fatt li Huawei u ZTE kienu ddikjaraw li anki fl-assenza tal-aġir inkriminat, huma xorta waħda ma kinux ser jixtru mingħand Icera, fit-tieni lok, il-fatt li ċ-ċipep ta' Icera kienu teknikament skaduti u li Icera fi kwalunkwe każ ma kinitx kapaċi tiżviluppa ċippa

LTE qabilha u, fit-tielet lok, il-fatt li Icera ma kinitx ġiet eskluża mis-suq matul il-perijodu rilevanti, peress li din kienet irnexxielha tiġbed investimenti esterni kbar u kienet ġiet akkwistata minn Nvidia.

668 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

669 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, impriża f'pożizzjoni dominanti tabbuża minn din il-pożizzjoni jekk hija tapplika prezzijiet inqas mill-AVC jew prezzijiet inqas mill-ATC iżda ogħla mill-AVC meta tali prezzijiet ikunu ffissati fil-kuntest ta' strateġija ta' esklużjoni ta' kompetitur (sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni, C-62/86, EU:C:1991:286, punti 70 sa 72). Issa, f'dan il-każ, mill-eżami, b'mod partikolari, tal-motivi ħamsa sa tmienja u tal-għaxar motiv jirriżulta li l-Kummissjoni debitament uriet li r-rikorrenti kienet applikat tali prezzijiet predatorji bl-intenzjoni li telimina l-kompetitriċi tagħha Icera, u dan huwa biżżejjed sabiex tintwera l-eżistenza ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti mwettaq mir-rikorrenti.

670 Konsegwentement, il-fatt li anki fl-assenza tal-aġir inkriminat iż-żewġ klijenti kkonċernati mill-aġir inkriminat xorta waħda ma kinux ser jixtru mingħand Icera, il-fatt li t-teknoloġija ta' din tal-aħħar kienet skaduta jew il-fatt li Icera kienet attirat finanzjamenti esterni u kienet inxtrat matul il-perijodu rilevanti, anki jekk jitqiesu li huma minnhom, ma setgħux jinfluwenzaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' abbuż, ibbażata fuq il-konstatazzjoni li r-rikorrenti applikat prezzijiet inqas mill-ispejjeż tagħha bl-intenzjoni li teskludi lill-kompetitriċi tagħha Icera. Dan huwa iktar u iktar minnu peress li dawn it-tliet elementi invokati mir-rikorrenti huma elementi esterni għaliha, li fuqhom hija ma kellha ebda influwenza u li ma jistgħux, għaldaqstant, jeħilsuha minn kull sanzjoni għall-ksur li hija wettqet.

671 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat ukoll li r-rikorrenti tillimita ruħha li tikklassifika t-tliet elementi inkwistjoni bħala "kruċjali" mingħajr madankollu ma tispjega kif dawn setgħu, li kieku l-Kummissjoni ħadithom inkunsiderazzjoni, jikkontestaw dak li hija tikklassifika bħala "teorija tal-predazzjoni".

672 Għaldaqstant, il-ħames parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq is-sitt parti, ibbażata fuq l-assenza ta' prova ta' predazzjoni finanzjarja.

673 Ir-rikorrenti ssostni li l-predazzjoni invokata fid-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex sostnuta minn provi kredibbli u hija kkontradetta mill-fatt li Icera nxtrat minn Nvidia matul il-perijodu rilevanti. Hija tkompli tesponi li hija kienet ikkontestat l-eżistenza ta' "predazzjoni finanzjarja" matul il-proċedura amministrattiva, u dan wassal sabiex il-Kummissjoni ma tinkludihiex fl-imsemmija deċiżjoni u sabiex hija tillimita ruħha li tinvoka "predazzjoni tradizzjonali".

674 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

675 Sabiex tiġi miċħuda din il-parti, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, skont kif ammettiet ir-rikorrenti stess, il-Kummissjoni ma bbażatx id-Deċiżjoni kkontestata fuq każ ta' predazzjoni finanzjarja, iżda pjuttost fuq predazzjoni tradizzjonali, jiġifieri każ ta' applikazzjoni minn impriża f'pożizzjoni dominanti ta' prezzijiet inqas mill-ispejjeż tagħha bl-intenzjoni li teskludi kompetitur.

676 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' prova tal-eżistenza ta' predazzjoni finanzjarja għandu jiġi ddikjarat ineffettiv u s-sitt parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq is-seba' parti, ibbażata fuq in-natura ġdida, żbaljata u infondata tat-"teorija tal-predazzjoni".

677 Ir-rikorrenti tispjega li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni, li tgħid li hija pprovdiet lil Huawei ċipep MDM8200 bi prezzijiet predatorji sabiex din tal-aħħar tkun tista' tikkonvinċi lill-operaturi tan-networks mobbli jagħtu preferenza lill-apparat tagħha mgħammar biċ-ċipep tagħha, iktar milli l-apparat ta' ZTE mgħammar b'ċipep ta' Icera, ma tistax tiġi difiża.

678 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni immaġinat it-"teorija tal-predazzjoni" biss minħabba l-fatt li, għall-perijodu minn Lulju 2009 sa Ġunju 2010, hija kienet skopriet provi ta' prezzijiet predatorji fuq iċ-ċipep MDM8200 biss fir-rigward ta' Huawei, u mhux fir-rigward ta' ZTE.

679 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

680 Għandu jitfakkar li mill-eżami, b'mod partikolari, tal-motivi ħamsa sa tmienja u tal-għaxar motiv jirriżulta li l-Kummissjoni debitament uriet li r-rikorrenti kienet applikat prezzijiet predatorji, b'mod partikolari fir-rigward ta' Huawei f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM8200, bl-intenzjoni li telimina l-kompetitriċi tagħha Icera, punt li r-rikorrenti ma tikkontestax fil-kuntest ta' din il-parti.

681 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti invokat kontra l-konstatazzjoni, proposta mill-Kummissjoni, li tgħid li hija kienet, inizjalment, offriet prezzijiet predatorji biss lil Huawei, u kienet għadha ma offrithomx lil ZTE, sabiex l-apparat ta' Huawei mgħammar b'waħda miċ-ċipep tagħha jingħata preferenza fuq l-apparat ta' ZTE mgħammar b'ċippa ta' Icera għandu jiġi ddikjarat ineffettiv, peress li dan ma jippermettix il-konfutazzjoni ta' dak li hija tikklassifika bħala "teorija tal-predazzjoni".

682 Ir-rikorrenti tallega, barra minn hekk, li l-Kummissjoni żviluppat it-"teorija tal-predazzjoni" minħabba li kien biss fir-rigward ta' Huawei, u mhux fir-rigward ta' ZTE, li hija kienet skopriet, għall-perijodu minn Lulju 2009 sa Ġunju 2010, provi ta' prezzijiet predatorji fuq iċ-ċipep MDM8200. Issa, il-prova tal-applikazzjoni, mir-rikorrenti, ta' prezzijiet predatorji fir-rigward ta' Huawei bl-intenzjoni li teskludi lil Icera kienet biżżejjed sabiex turi l-eżistenza ta' abbuż. Għaldaqstant, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma kienet obbligata li turi wkoll l-eżistenza ta' prezzijiet predatorji fir-rigward ta' ZTE sabiex tissanzjona lir-rikorrenti.

683 Għalhekk, is-seba' parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tmien parti, ibbażata fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" fir-rigward tal-predazzjoni diretta bejn it-tielet trimestru tal-2010 u t-tieni trimestru tal-2011

684 Filwaqt li tagħmel riferiment għas-sitt u s-seba' motiv, ir-rikorrenti tinvoka tliet żbalji mwettqa mill-Kummissjoni, li tnejn minnhom jikkonċernaw l-allokazzjoni tal-ispejjeż ta' R&Ż u l-ieħor jirrigwarda l-allokazzjoni tal-pagament NRE lil ZTE.

685 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

686 Għandu jitfakkar li dawn l-argumenti ġew eżaminati u miċħuda fil-kuntest tal-eżami tas-sitt u s-seba' motiv, u dan huwa biżżejjed sabiex it-tmien parti tar-raba' motiv tiġi miċħuda.

Fuq id-disa' parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni injorat ir-realtà kummerċjali taċ-ċippa MDM8200

687 Ir-rikorrenti ssostni li ċ-ċippa MDM8200 iltaqgħet ma' problemi tekniċi, bil-konsegwenza li Huawei akkumulat ħażniet żejda ta' din iċ-ċippa u li għaldaqstant kien għalkollox razzjonali min-naħa tagħha li tagħti, għal din ir-raġuni, tnaqqis fil-prezzijiet għall-imsemmija ċippa. Fil-fehma tagħha, tali tnaqqis fil-prezzijiet ma ngħatax b'intenzjoni ta' esklużjoni.

688 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

689 Kif jirriżulta, mill-eżami, b'mod partikolari, tal-motivi ħamsa sa tmienja u tal-għaxar motiv, il-Kummissjoni debitament uriet li r-rikorrenti kienet applikat prezzijiet predatorji bl-intenzjoni li telimina lill-kompetitriċi tagħha Icera. Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-eżami tal-ħdax-il motiv, il-Kummissjoni ma wettqitx żbalji u ma naqsitx milli tosserva l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni meta ċaħdet il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi mressqa mir-rikorrenti, inkluża l-allegazzjoni ta' din tal-aħħar li tgħid li l-prezzijiet predatorji tagħha kienu ġew applikati sabiex Huawei tiġi megħjuna tassorbi l-ħażna żejda tagħha taċ-ċippa MDM8200. Barra minn hekk, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, il-fatt li aġir predatorju huwa potenzjalment razzjonali xorta waħda ma jirrendix dan l-aġir legali.

690 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi ġustament akkużata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-realtà kummerċjali taċ-ċippa MDM8200, jiġifieri l-problemi tekniċi li ltaqa' magħhom dan il-prodott.

691 Għaldaqstant, id-disa' parti tar-raba motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq l-għaxar parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" hija ta' natura illoġika u tmur kontra r-regoli elementari tal-ekonomija

692 Sabiex turi li t-"teorija tal-predazzjoni" hija ta' natura illoġika u tmur kontra r-regoli tal-ekonomija, ir-rikorrenti ssostni li l-prezzijiet tagħha kienu ogħla minn dawk ta' Icera u li l-volumi ta' ċipep ikkummerċjalizzati bi prezzijiet predatorji kienu, matul il-perijodu rilevanti, negliġibbli meta mqabbla mal-volumi ta' ċipep ikkummerċjalizzati fis-suq rilevanti u fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata ta' dan is-suq.

693 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

694 Kif jirriżulta, mill-eżami, b'mod partikolari, tal-motivi ħamsa sa tmienja u tal-għaxar motiv iktar 'il fuq, il-Kummissjoni debitament uriet li r-rikorrenti kienet applikat prezzijiet predatorji fis-sens tas-sentenza tat-3 ta' Lulju 1991, AKZO vs Il-Kummissjoni (C-62/86, EU:C:1991:286), bl-intenzjoni li telimina lill-kompetitriċi tagħha Icera, u dan huwa biżżejjed sabiex tintwera l-eżistenza ta' abbuż imwettaq mir-rikorrenti. Għaldaqstant, kif ġie osservat fil-kuntest tal-eżami tar-raba' parti ta' dan il-motiv, il-Kummissjoni ma tistax tiġi ġustament akkużata li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prezzijiet predatorji pprattikati mir-rikorrenti kienu ogħla mill-prezzijiet ta' Icera.

695 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-analiżi tal-ewwel parti tad-disa' motiv u, b'mod iktar partikolari, mill-punti 521 sa 523 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata, waqt l-eżami tagħha tal-eventwali eżistenza ta' prezzijiet predatorji applikati minn impriża li għandha pożizzjoni dominanti, li tivverifika jekk ir-rata ta' kopertura tas-suq mill-prattika kkontestata hijiex ta' portata suffiċjenti sabiex din il-prattika tipproduċi effetti antikompetittivi.

696 Minn dan jirriżulta li l-għaxar parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-ħdax-il parti, ibbażata kemm fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi rkupru tat-telf imġarrab matul il-perijodu rilevanti, kif ukoll fuq l-assenza ta' indikazzjoni tal-mument li fih intemmet il-predazzjoni.

697 Filwaqt li tagħmel riferiment għat-tielet motiv, ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-prova ta' rkupru, min-naħa tagħha, tat-telf imġarrab matul il-perijodu sussegwenti għall-perijodu tal-ksur, meta hija kienet obbligata li tipproduċi tali prova, konformament mal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet. Fit-tieni lok, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma pproduċietx il-prova, fid-Deċiżjoni kkontestata, tad-data ta' meta ntemmet l-intenzjoni allegatament predatorja tagħha.

698 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

699 Kif jirriżulta mill-eżami tat-tielet motiv u, b'mod iktar partikolari, mill-punt 618 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata, b'applikazzjoni, b'mod partikolari, tal-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet, li turi rkupru mill-impriża f'pożizzjoni dominanti tat-telf imġarrab matul il-perijodu predatorju.

700 Barra minn hekk, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li ma hemm xejn li jobbliga lill-Kummissjoni tidentifika stadju finali li jimmarka t-tmiem tal-predazzjoni u li l-fatt li, fid-Deċiżjoni kkontestata, hija ma twettaq l-ebda analiżi għall-perijodu wara t-30 ta' Ġunju 2011 ifisser sempliċement li, minn din id-data, hija ma sabitx iktar provi suffiċjenti tal-eżistenza ta' aġir predatorju implimentat mir-rikorrenti.

701 Għaldaqstant, il-ħdax-il parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tnax-il parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u fuq il-prestazzjonijiet tajbin ta' Icera matul il-perijodu rilevanti, li jirrifjutaw it-"teorija tal-predazzjoni"

702 Filwaqt li tagħmel riferiment għad-disa' motiv, ir-rikorrenti l-ewwel nett issostni li l-Kummissjoni ma implimentatx l-analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti". Hija tispjega sussegwentement li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi li juru li Icera ma kinitx ġiet eskluża mis-suq matul il-perijodu rilevanti u kienet saħansitra kisbet riżultati tajbin ħafna, u dan iqiegħed f'dubju t-"teorija tal-predazzjoni".

703 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

704 Qabel kollox għandu jitfakkar li mill-eżami tal-ewwel parti tad-disa' motiv u, b'mod iktar partikolari, mill-punti 524 sa 527 iktar 'il fuq, jirriżulta li l-analiżi li permezz tagħha l-Kummissjoni tqabbel il-prezzijiet applikati minn impriża f'pożizzjoni dominanti ma' wħud

mill-ispejjeż tagħha sabiex tevalwa jekk din tal-aħħar applikatx prezzijiet predatorji tinkludi analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u li, peress li l-Kummissjoni pprovat, f'dan il-każ, li l-impriża f'pożizzjoni dominanti kienet applikat tali prezzijiet, hija, għal din ir-raġuni, impliċitament għamlet tali analiżi, u dan huwa suffiċjenti sabiex l-ilment tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" fid-Deċiżjoni kkontestata jiġi miċħud.

705 Sussegwentement, għandu jitfakkar li hekk kif jirriżulta mill-punti 520 u 521 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tipprova li aġir predatorju effettivament ipproduċa effetti antikompetittivi, u dan huwa biżżejjed sabiex l-ilment ibbażat fuq l-assenza ta' esklużjoni effettiva ta' Icera matul il-perijodu rilevanti jiġi miċħud.

706 Għaldaqstant, it-tnax-il parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tlettax-il parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball li jikkundanna l-kompetizzjoni reali

707 Ir-rikorrenti ssostni li hija sempliċement applikat "kompetizzjoni fuq il-merti" intensiva, iżda ordinarja, u li l-applikazzjoni ta' prezzijiet baxxi, issanzjonata f'dan il-każ, fir-realtà hija favur il-kompetizzjoni. Fil-fehma tagħha, dan huwa l-ewwel każ fejn il-Kummissjoni tikkonstata predazzjoni minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-ispejjeż ta' R&Ż.

708 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

709 Kif jirriżulta mill-eżami tal-għaxar motiv, il-Kummissjoni debitament uriet, fid-Deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti kienet applikat prezzijiet predatorji fir-rigward ta' Huawei u ta' ZTE għaċ-ċipep MDM8200, MDM6200 u MDM8200A bl-intenzjoni li teskludi lil Icera, billi bbażat ruħha kemm fuq provi diretti, jiġifieri fuq dokumenti interni tar-rikorrenti, kif ukoll fuq provi indiretti, jiġifieri provi kuntestwali. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma tistax ġustament tallega li hija, b'dan il-mod, fir-realtà aġixxiet b'mod favorevoli għall-kompetizzjoni.

710 F'dak li jirrigwarda, barra minn hekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li tgħid li l-Kummissjoni tikkonstata f'dan il-każ, għall-ewwel darba, predazzjoni minħabba n-nuqqas ta' kopertura tal-ispejjeż ta' R&Ż, għandu jiġi kkonstatat li tali argument ġie eżaminat u miċħud fil-kuntest tal-eżami tas-seba' motiv u għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet sa fejn dan tqajjem insostenn ta' din il-parti.

711 Għaldaqstant, it-tlettax-il parti tar-raba' aggravju għandha tiġi miċħuda. Konsegwentement, peress li anki t-tnax-il partijiet l-oħra ta' dan il-motiv ġew miċħuda, l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq in-"natura manifestament żbaljata tal-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa"

712 It-tmien motiv huwa bbażat fuq tliet partijiet. L-ewwel parti tirrigwarda l-perijodu tal-bidu tal-analiżi prezzijiet-spejjeż. It-tieni parti tirrigwarda l-iktar żbalji fundamentali mwettqa fl-analiżi prezzijiet-spejjeż. It-tielet parti tirrigwarda l-allegazzjoni li l-imsemmija żbalji ma ġewx korretti fid-Deċiżjoni kkontestata.

713 Peress li kemm it-tieni kif ukoll it-tielet parti ta' dan il-motiv jirrigwardaw, essenzjalment, żbalji allegatament imwettqa mill-Kummissjoni fl-analiżi prezzijiet-spejjeż li din tal-aħħar ma kinitx ikkoreġiet fid-Deċiżjoni kkontestata, dawn ser jiġu eżaminati flimkien.

Osservazzjonijiet preliminari

714 Fil-punt 12.7.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni wettqet analiżi prezzijiet-spejjeż trimestrali fir-rigward tat-tliet ċipep ikkonċernati u fir-rigward taż-żewġ klijenti inkwistjoni, sabiex tivverifika jekk ir-rikorrenti kinitx applikat prezzijiet inqas mill-AVC jew mil-LRAIC.

715 Fil-punt 12.7.1.1 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bdiet billi spjegat li, fil-bidu taċ-ċiklu kummerċjali ta' ċippa, l-AVC tagħha jkunu partikolarment għolja u huwa biss ladarba din tilħaq produzzjoni fuq skala kbira li dawn l-AVC jistabilizzaw ruħhom. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni sussegwentement ippreċiżat li hija ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni, fl-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha, trimestri preċedenti għall-istadju tal-produzzjoni fuq skala kbira u li dan l-approċċ jiffavorixxi lir-rikorrenti, peress li l-imsemmija analiżi kienet, għal dawn it-trimestri, twassal għall-konstatazzjoni ta' prezzijiet predatorji, fid-dawl ta' dawn l-ispejjeż ta' produzzjoni artifiċjalment għolja fil-bidu taċ-ċiklu (premessa 940 tad-Deċiżjoni kkontestata). Finalment hija ddeterminat it-trimestru li matulu kull waħda mit-tliet ċipep ikkonċernati kienet laħqet, fil-fehma tagħha, tali produzzjoni fuq skala kbira u li kellu jikkostitwixxi l-punt ta' tluq tal-analiżi tagħha, jiġifieri t-tielet trimestru tas-sena 2009 f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM8200 u t-tielet trimestru tas-sena 2010 f'dak li jirrigwarda ċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A (premessi 941 sa 943 tad-Deċiżjoni kkontestata).

716 Il-Kummissjoni sussegwentement wettqet l-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha u kkonkludiet li r-rikorrenti kienet ipprattikat prezzijiet predatorji, għat-tliet ċipep ikkonċernati u fir-rigward taż-żewġ klijenti inkwistjoni, bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Ġunju 2011, hekk kif dan jirriżulta, b'mod partikolari, mit-tabelli 55 sa 57 tad-Deċiżjoni kkontestata.

Fuq l-ewwel parti, dwar il-perijodu tal-bidu tal-analiżi prezzijiet-spejjeż

717 Ir-rikorrenti ssostni li d-determinazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-perijodu tal-bidu tal-analiżi prezzijiet-spejjeż hija żbaljata u ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti.

718 B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni, b'mod arbitrarju u mingħajr motivazzjoni adegwata, qieset li ċippa tilħaq produzzjoni fuq skala kbira fil-mument meta tiġi osservata żieda sinjifikattiva fil-volum ta' produzzjoni tagħha. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni kellha pjuttost tieħu inkunsiderazzjoni l-mument meta jiġi osservat tnaqqis sinjifikattiv u fit-tul tal-AVC ta' din iċ-ċippa, peress li kien biss ladarba dawn l-AVC jkunu stabbilizzaw ruħhom li l-imsemmija ċippa tilħaq il-kapaċità sħiħa tagħha ta' produzzjoni.

719 B'applikazzjoni tal-approċċ tagħha bbażat fuq tnaqqis sinjifikattiv tal-AVC, ir-rikorrenti ssostni li ċ-ċippa MDM8200 laħaq produzzjoni fuq skala kbira biss fit-tieni trimestru tas-sena 2010, filwaqt li ċ-ċipep MDM8200A u MDM6200 laħqu tali produzzjoni biss fl-ewwel trimestru tas-sena 2011.

720 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

721 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-partijiet ma jikkontestawx li l-AVC ta' ċippa huma, b'mod ġenerali, għolja ħafna fil-bidu taċ-ċiklu kummerċjali tagħha, li sussegwentement dawn jonqsu b'mod sinjifikattiv iktar ma tiżdied il-produzzjoni u li dawn jistabilizzaw ruħhom matul l-aħħar parti taċ-ċiklu tagħha. Madankollu, il-pożizzjoni tal-partijiet hija differenti f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar minn liema mument taċ-ċiklu kummerċjali ta' ċippa l-Kummissjoni tista' validament twettaq l-analiżi prezzijiet-spejjeż tagħha sabiex tivverifika jekk ġewx applikati prezzijiet predatorji.

722 F'dan ir-rigward, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li r-rikorrenti tillimita ruħha li tipproponi approċċ ieħor, iżda la tispjega kif l-approċċ segwit mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata huwa żbaljat u lanqas ma tispjega għal liema raġunijiet il-punt ta' tluq tal-analiżi prezzijiet-spejjeż għandu jikkorrispondi għall-mument meta jiġi osservat tnaqqis sinjifikattiv u fit-tul tal-AVC ta' ċippa. Barra minn hekk, il-konsegwenza tal-fatt li l-approċċ adottat mill-Kummissjoni ma huwiex iktar favorevoli għar-rikorrenti minn dak li din tal-aħħar tipproponi jew tal-fatt li ż-żewġ approċċi ma humiex simili, ma hijiex li l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni huma żbaljati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, T-336/07, EU:T:2012:172, punt 225), u dan huwa biżżejjed sabiex din l-ewwel parti tiġi miċħuda.

723 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel parti għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-partijiet l-oħra, relatati mal-iżbalji l-iktar fundamentali mwettqa fl-analiżi prezzijiet-spejjeż mhux ikkoreġuti fid-Deċiżjoni kkontestata

724 Insostenn tat-tieni parti, ir-rikorrenti tallega li, jekk l-iktar żbalji fundamentali li jaffettwaw l-analiżi prezzijiet-spejjeż jiġu kkoreġuti, din l-analiżi twassal biss għal konstatazzjoni ta' prezzijiet inqas mil-LRAIC f'dak li jirrigwarda ċ-ċippa MDM8200, matul tliet trimestri fir-rigward ta' Huawei u ta' trimestru wieħed fir-rigward ta' ZTE. Filwaqt li tagħmel riferiment, rispettivament, għar-raba', għas-sitt u għas-seba' motiv, hija tispjega li dawn l-iżbalji l-iktar fundamentali jikkonċernaw it-"teorija tal-predazzjoni", il-kalkolu tal-prezzijiet u l-kalkolu tal-ispejjeż.

725 Insostenn tat-tielet parti, ir-rikorrenti ssostni li ċ-ċaħda, mill-Kummissjoni, tal-korrezzjonijiet li hija pproponiet għal dawn l-iżbalji l-iktar fundamentali li jaffettwaw l-analiżi prezzijiet-spejjeż, kienet żbaljata u ma kinitx immotivata b'mod suffiċjenti. B'mod iktar partikolari, filwaqt li tagħmel riferiment, minn naħa, għad-disa' motiv, hija tikkritika lill-Kummissjoni talli ma wettqitx analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti", u dan jippreġudika l-imparzjalità tal-analiżi prezzijiet-spejjeż u filwaqt li tagħmel riferiment, min-naħa l-oħra, għas-sitt u għas-seba' motiv, hija tikkontesta d-dikjarazzjonijiet magħmula fil-premessi 994 *et seq*. tad-Deċiżjoni kkontestata.

726 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

727 Għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tipproduċi ebda element ġdid insostenn tat-tieni u tat-tielet parti tat-tmien motiv u tillimita ruħha li tagħmel riferiment, b'mod li huwa, barra minn hekk, relattivament vag, għal ċerti motivi oħra, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' żbalji li jaffettwaw it-"teorija tal-predazzjoni" żviluppata fid-Deċiżjoni kkontestata, il-kalkolu tal-prezzijiet u tal-ispejjeż imwettaq mill-Kummissjoni u l-assenza ta' analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti". Issa, dawn l-elementi ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tar-raba' motiv f'dak li jirrigwarda l-allegati żbalji li jaffettwaw it-"teorija tal-predazzjoni" żviluppata fl-imsemmija deċiżjoni, fil-kuntest tal-eżami tas-sitt u tas-seba' motiv f'dak li jirrigwarda l-allegati żbalji li jaffettwaw il-kalkolu tal-prezzijiet u tal-ispejjeż imwettaq mill-Kummissjoni u fil-kuntest

tal-ewwel parti tad-disa' motiv f'dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' analiżi tal-kompetitur "daqstant effiċjenti", u dan huwa biżżejjed sabiex it-tieni u t-tielet partijiet tat-tmien motiv jiġu miċħuda.

728 Konsegwentement it-tieni u t-tielet parti tat-tmien motiv għandhom jiġu miċħuda. Konsegwentement, peress li anki l-ewwel parti ta' dan il-motiv ġiet miċħuda (ara l-punt 723 iktar 'il fuq), l-imsemmi motiv għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

Fuq it-tnax-il motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti

729 Ir-rikorrenti tinvoka ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta u tal-Artikolu 296 TFUE, minħabba li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti.

730 B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li d-Deċiżjoni kkontestata fiha kontradizzjonijiet, evalwazzjonijiet inkompleti u dikjarazzjonijiet vagi, billi tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għall-Anness A.12 tar-rikors li fih hija stabbilixxiet lista ta' dawn l-inkoerenzi.

731 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni għamlet dikjarazzjonijiet infondati u tirriproduċi, mingħajr ma tagħmel kritika, id-dikjarazzjonijiet tal-lanjanti.

732 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tinvoka każijiet li fihom il-Kummissjoni la ttrattat, u wisq inqas lanqas ma eżaminat serjament, ċerti argumenti mqajma matul il-proċedura amministrattiva, jiġifieri, l-ewwel nett, l-argument dwar in-natura mhux xierqa tal-mistoqsijiet magħmula fil-kuntest tat-talbiet għal informazzjoni sabiex jiġi ddefinit is-suq ikkonċernat, it-tieni nett, l-argument dwar in-natura marġinali għal Huawei u ZTE tal-ispejjeż tal-iżvilupp taċ-ċipep inkwistjoni, it-tielet nett, l-argument dwar il-fatt li ebda wieħed mid-dokumenti użati mill-Kummissjoni sabiex turi li rikorrenti kellha l-intenzjoni li teskludi lil Icera ma jinkludi xi riferiment għaċ-ċippa MDM8200, ir-raba' nett, l-argument dwar il-predazzjoni indiretta u, il-ħames nett, l-argument li hija sempliċement allinjat il-prezzijiet tagħha ma' dawk ta' Icera.

733 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni ma semmietx il-metodu ta' kalkolu tal-ispiża ta' riferiment li hija kienet ipproponiet matul il-proċedura amministrattiva u, mingħajr spjegazzjonijiet, ma ħaditux inkunsiderazzjoni fid-Deċiżjoni kkontestata.

734 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

735 Għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 41(1)(ċ) tal-Karta jimponi fuq l-amministrazzjoni l-obbligu li timmotiva d-deċiżjonijiet tagħha. Bl-istess mod, l-Artikolu 296 TFUE jistipula li l-atti tal-Unjoni għandhom ikunu mmotivati.

736 Skont ġurisprudenza tabilħaqq stabbilita, il-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u minnha għandu jirriżulta, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'tali mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u li l-qorti kompetenti tkun tista' twettaq l-istħarriġ tagħha. Ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u l-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħra kkonċernati direttament u individwalment minn dan l-att jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li

l-motivazzjoni tispeċifika l-fatti u l-punti ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE ma għandhiex tiġi evalwata biss fid-dawl tal-formulazzjoni tagħha iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha u tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenza tal-10 ta' Marzu 2016, HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni, C-247/14 P, EU:C:2016:149, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

737 Għandu jitfakkar ukoll li l-eżistenza ta' motivazzjoni għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza ta' din il-motivazzjoni. Minn dan isegwi li, fil-kuntest ta' motiv ibbażat fuq nuqqas jew fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni, l-ilmenti u l-argumenti intiżi li jikkontestaw il-fondatezza tad-Deċiżjoni kkontestata huma ineffettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (T-449/14, EU:T:2018:456, punt 164).

738 F'dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, ibbażat fuq kontradizzjonijiet, fuq evalwazzjonijiet inkompleti u fuq dikjarazzjonijiet vagi li jinsabu fid-Deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi osservat li, kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, id-Deċiżjoni kkontestata ma hija vvizzjata b'ebda mill-kontradizzjonijiet, mill-evalwazzjonijiet inkompleti u mid-dikjarazzjonijiet vagi elenkati fl-Anness A.12 tar-rikors, u dan huwa biżżejjed sabiex dan l-ilment jiġi miċħud.

739 Għal dak li jikkonċerna t-tieni lment, ibbażat fuq dikjarazzjonijiet infondati u fuq ir-riproduzzjoni, mingħajr kritika, ta' dikjarazzjonijiet tal-lanjanti li jidhru fid-Deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi osservat li dan l-ilment huwa intiż sabiex jikkontesta l-mertu tad-Deċiżjoni kkontestata u huwa, għaldaqstant, ineffettiv fil-kuntest ta' dan il-motiv.

740 F'dak li jirrigwarda t-tielet ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li fid-Deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni ma indirizzatx ċerti argumenti mqajma matul il-proċedura amministrattiva, għandu jiġi osservat li r-rikorrenti qajmet, fil-kuntest tat-tieni motiv (fir-rigward tal-mistoqsijiet magħmula fil-kuntest ta' talbiet għal informazzjoni sabiex jiġi ddefinit is-suq ikkonċernat), tar-raba' motiv (fir-rigward tal-predazzjoni indiretta), tas-seba' motiv (fir-rigward tal-ispejjeż ta' żvilupp), tal-għaxar motiv (fir-rigward tal-intenzjoni ta' esklużjoni) u tal-ħdax-il motiv (fir-rigward tal-allinjament mal-prezzijiet ta' Icera), kull wieħed minn dawn l-argumenti, li kienu s-suġġett ta' eżami speċifiku mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest tal-eżami tal-imsemmija motivi li wassal għaċ-ċaħda tagħhom, u dan huwa biżżejjed sabiex dan l-ilment jiġi miċħud.

741 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni talli ma eżaminatx serjament l-argumenti inkwistjoni, din il-kritika hija intiża sabiex tikkontesta l-fondatezza tad-Deċiżjoni kkontestata u hija, għaldaqstant, ineffettiva fil-kuntest ta' dan il-motiv.

742 F'dak li jirrigwarda r-raba' lment, ibbażat fuq l-assenza ta' riferiment fid-Deċiżjoni kkontestata għall-metodu ta' kalkolu tal-ispiża ta' riferiment li l-Kummissjoni kienet ippproponiet matul il-proċedura amministrattiva u fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-metodu, għandu jiġi osservat li l-fatt li l-Kummissjoni applikat, f'dan il-każ, il-metodu rispettiv tagħha sabiex tikkalkola l-ispiża ta' riferiment, mingħajr, allegatament, ma ħadet inkunsiderazzjoni l-metodu propost mir-rikorrenti, ma jfissirx li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni. Barra minn hekk, għandu neċessarjament jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, fil-punt 12.6 tal-imsemmija deċiżjoni l-Kummissjoni spjegat fid-dettall, b'mod ċar u inekwivoku, kemm il-metodu tagħha għall-kalkolu tal-ispiża ta' riferiment kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom dan il-metodu kien jidhrilha li huwa l-iktar xieraq. Dan l-ilment għandu għalhekk jiġi miċħud.

743 Għaldaqstant, it-tnax-il motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-tlettax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", fuq assenza ta' bażi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda t-tul tal-ksur

744 Fil-kuntest tat-tlettax-il motiv, ir-rikorrenti tikkritika kemm id-data tal-bidu tal-ksur kif ukoll id-data tat-tmiem tal-ksur li ġew stabbiliti mill-Kummissjoni.

745 F'dak li jirrigwarda d-data tal-bidu tal-ksur, filwaqt li tagħmel riferiment għall-argumenti żviluppati insostenn tat-tmien motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma setgħetx tiffissa din id-data għall-1 ta' Lulju 2009, peress li kien biss matul it-tieni trimestru tas-sena 2010 li ċ-ċippa MDM8200 kienet laħqet produzzjoni fuq skala kbira u peress li ċ-ċipep MDM6200 u MDM8200A kienu laħqu din il-produzzjoni biss matul l-ewwel trimestru tas-sena 2011.

746 Fir-rigward tad-data tat-tmiem tal-ksur, filwaqt li tagħmel riferiment għall-argumenti żviluppati insostenn tar-raba' u tal-għaxar motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi din id-data għat-30 ta' Ġunju 2011.

747 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

748 Għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti tillimita ruħha li tagħmel riferiment għall-argumenti żviluppati insostenn tar-raba', tat-tmien u tal-għaxar motiv. Mistoqsija f'dan ir-rigward matul is-seduta, ir-rikorrenti espliċitament ikkonfermat li dan il-motiv ma kien ibbażat fuq ebda argument speċifiku li ma kienx ġie żviluppat insostenn ta' motiv ieħor.

749 Issa, l-argumenti żviluppati insostenn tar-raba', tat-tmien u tal-għaxar motiv li għalihom tagħmel riferiment ir-rikorrenti fil-kuntest ta' dan il-motiv kollha ġew miċħuda, u dan huwa biżżejjed sabiex it-tlettax-il motiv jiġi miċħud.

Fuq l-erbatax-il motiv, ibbażat fuq in-natura "manifestament żbaljata" tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-impożizzjoni u l-kalkolu tal-multa

750 Dan il-motiv huwa magħmul minn seba' partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-ksur ma twettaqx intenzjonalment jew b'negliġenza. It-tieni parti hija bbażata fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi, fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ. It-tielet parti hija bbażata fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u ta' liġi marbuta mal-assenza ta' evalwazzjoni tal-effetti tal-ksur. Ir-raba' parti hija bbażata kemm fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-gravità tal-ksur. Il-ħames parti hija bbażata kemm fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u ta' liġi kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda l-ammont addizzjonali tal-ksur. Is-sitt parti hija bbażata kemm fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-assenza ta' ċirkustanzi attenwanti b'applikazzjoni tal-Linji gwida tal-2006 kif ukoll fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tal-intenzjoni jew tan-negliġenza. Is-seba' parti hija bbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Osservazzjonijiet preliminari

751 Fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet li timponi multa fuq ir-rikorrenti, ikkalkolata abbażi tal-prinċipji previsti fil-Linji gwida tal-2006.

752 Qabel kollox, il-Kummissjoni ddeterminat, billi bbażat ruħha fuq data pprovduta mir-rikorrenti, l-ammont tal-valur tal-bejgħ dirett u indirett taċ-ċipep UMTS, jiġifieri l-prodotti kkonċernati mill-ksur, magħmul minn din tal-aħħar fiż-ŻEE. F'dan il-kuntest, hija bbażat ruħha fuq il-valur effettiv tal-bejgħ magħmul, billi għaddet flimkien il-valur tal-bejgħ taċ-ċipep UMTS magħmul mir-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti, jiġifieri t-tieni trimestru tas-sena 2009, is-sena 2010 kollha kemm hija u l-ewwel trimestru tas-sena 2011. Sabiex tasal għall-ammont bażiku tal-multa, hija applikat fattur ta' gravità ta' [kunfidenzjali], filwaqt li esponiet, fid-Deċiżjoni kkontestata, l-elementi li hija kienet ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tasal għal tali perċentwali.

753 Sussegwentement, il-Kummissjoni żiedet, mal-ammont bażiku tal-multa, ammont addizzjonali ta' dissważjoni stabbilit għal [kunfidenzjali] tal-medja tal-valur tal-bejgħ taċ-ċipep UMTS magħmul mir-rikorrenti fiż-ŻEE matul il-perijodu rilevanti, jiġifieri [kunfidenzjali] ta' nofs il-valur effettiv tal-bejgħ magħmul, kif iddeterminat preċedentement. Hija spjegat ukoll, fil-premessi 1274 sa 1278 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tintlaħaq din il-perċentwali.

754 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qieset li, fl-assenza ta' ċirkustanza aggravanti jew attenwanti, l-ammont tal-multa ma kellux jiġi aġġustat.

755 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni stabbilixxiet l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti għal EUR 242 042 000, filwaqt li speċifikat li, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ ta' EUR 19.105 miljuni magħmul minn din tal-aħħar matul l-aħħar sena finanzjarja ta' qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, tali ammont jibqa' taħt il-limitu massimu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003.

756 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li l-ewwel tiġi eżaminata t-tieni parti ta' dan il-motiv.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi, fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ

757 Insostenn tat-tieni parti, ir-rikorrenti tressaq tliet argumenti. Fl-ewwel lok, hija ssostni li l-Kummissjoni, matul l-evalwazzjoni tal-valur tal-bejgħ indirett tagħha ta' ċipep UMTS fiż-ŻEE, idderogat mill-punt 15 tal-Linji gwida tal-2006 billi użat id-data relatata mas-sena kalendarja, iktar milli d-data dwar l-aħħar sena fiskali.

758 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tallega li l-Kummissjoni dderogat mill-punti 13 u 24 tal-Linji gwida tal-2006 billi użat il-bejgħ imwettaq matul il-perijodu rilevanti kollu, u mhux il-bejgħ imwettaq matul l-aħħar sena fiskali sħiħa, u dan mingħajr l-iċken spjegazzjoni.

759 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tilmenta li ma kellhiex il-possibbiltà li tinforma lill-Kummissjoni bil-kummenti tagħha dwar il-metodu ta' stima tal-valur tal-bejgħ tagħha li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tapplika.

760 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Hija tirribatti, fl-ewwel lok, li, sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ tar-rikorrenti, hija kellha tuża d-data relatata mas-sena kalendarja pprovduta mir-rikorrenti fl-2015, jiġifieri *in tempore non suspecto*, f'mument meta kien għadu ma hemmx kwistjoni li tiġi kkalkolata l-multa, iktar milli d-data dwar l-aħħar sena fiskali, ipprovduta fl-2019 mir-rikorrenti u li sussegwentement ġiet ikkoreġuta diversi drabi minħabba li kien fiha ħafna żbalji u meqjusa, għal din ir-raġuni, bħala ftit li xejn affidabbli. Hija tkompli tesponi li hija

ma setgħetx tistma l-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena fiskali abbażi tad-data pprovduta għal kull sena kalendarja, peress li r-rikorrenti qatt ma bagħtitilha data mqassma fuq kull tliet xhur dwar dan il-bejgħ, li kien jippermettilha tasal għal tali stima.

761 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-użu tal-valur tal-bejgħ relatat mal-perijodu rilevanti kollu, il-Kummissjoni tispjega, fl-istadju tal-kontroreplika, li hija ma setgħetx tibbaża l-kalkoli tagħha fuq l-aħħar sena sħiħa tal-ksur, peress li d-data ta' rikostruzzjoni tas-suq trażmessa mir-rikorrenti kellha ċifri aggregati għas-sena kalendarja. F'dan ir-rigward hija tkompli tesponi li, wara l-ewwel talba għal informazzjoni tal-5 ta' Frar 2019, hija talbet lir-rikorrenti tikkomunikalha l-valur tal-bejgħ taċ-ċipep UMTS għal kull sena finanzjarja sħiħa, mill-2009 sal-2011, jiġifieri għall-imsemmi perijodu kollu, u li, għaldaqstant, ir-rikorrenti kellha tifhem li hija kellha l-intenzjoni li tuża t-totalità ta' dan il-perijodu, u mhux biss l-aħħar sena finanzjarja.

762 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ssostni li r-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tifformula osservazzjonijiet dwar il-metodu li hija kienet ser tapplika, peress li hija informatha dwar dan fit-13 ta' Ġunju 2019, b'tali mod li din setgħet tikkondividi l-kummenti tagħha magħha.

763 F'dak li jirrigwarda l-ewwel argument tar-rikorrenti, dwar l-użu mill-Kummissjoni ta' data dwar is-sena kalendarja minflok id-data dwar l-aħħar sena fiskali, mill-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni għandha tuża l-valur tal-bejgħ tal-oġġetti jew tas-servizzi, magħmul mill-impriża, relatat diretta jew indiretta mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat fit-territorju taż-ŻEE u li għal dan il-għan hija għandha normalment tuża l-bejgħ li l-impriża għamlet matul l-aħħar sena sħiħa tal-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur.

764 Il-punt 15 tal-Linji gwida tal-2006 jippreċiża li, sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ ta' impriża, il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar data disponibbli ta' din l-impriża u l-punt 16 ta' dawn il-linji gwida jipprevedi li, meta d-data pprovduta minn impriża tkun inkompleta jew mhux affidabbli, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-valur tal-bejgħ ta' din l-impriża abbażi ta' data parzjali li hija kisbet jew abbażi ta' kull informazzjoni oħra li hija tqis rilevanti jew xierqa.

765 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tuża l-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena fiskali, peress li din hija biss possibbiltà għaliha, peress li l-użu tat-terminu "normalment" fil-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 jikkonferma l-eżistenza ta' possibbiltà, u mhux ta' obbligu. Barra minn hekk, fil-każ ta' dubju dwar l-affidabbiltà tad-data pprovduta mill-impriża kkonċernata, il-punt 16 ta' dawn il-linji gwida jippermetti li l-Kummissjoni tuża kull informazzjoni oħra li hija tqis rilevanti jew xierqa sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ tal-impriża kkonċernata.

766 F'dan il-każ, huwa paċifiku li l-Kummissjoni użat, sabiex tikkalkola l-ammont bażiku tal-multa, id-data tal-bejgħ magħmul mir-rikorrenti għal kull sena kalendarja, pjuttost milli d-data dwar il-bejgħ magħmul għal kull sena fiskali, u li hija spjegat b'mod iddettaljat fil-premessi 1246 sa 1266 tad-Deċiżjoni kkontestata r-raġunijiet li kienu mmotivawha taġixxi b'dan il-mod, jiġifieri, b'mod partikolari, problema ta' affidabbiltà tad-data pprovduta mir-rikorrenti dwar il-bejgħ tagħha għal kull sena fiskali.

767 Għandu jiġi osservat ukoll li, meta l-Kummissjoni informat lir-rikorrenti, fit-13 ta' Ġunju 2019, bl-intenzjoni tagħha li tuża d-data dwar il-bejgħ li hija għamlet għal kull sena kalendarja, din tal-aħħar setgħet tabilħaqq tipprovdilha d-data dwar il-bejgħ magħmul għal kull sena kalendarja, imqassma, din id-darba, fuq kull trimestru, u dan kien jippermetti li l-Kummissjoni tikkalkola,

abbażi ta' din l-informazzjoni, il-valur tal-bejgħ magħmul mir-rikorrenti matul is-sena fiskali 2010. Ir-rikorrenti naqset milli tagħmel dan u għalhekk hija ma tistax ġustament tikkritika lill-Kummissjoni talli ma użatx data li hija ma kellhiex.

768 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u ma wettqitx żball meta ddeċidiet li tuża d-data pprovduta mir-rikorrenti dwar il-valur tal-bejgħ tagħha ppreżentat għal kull sena kalendarja, u mhux għal kull sena fiskali.

769 F'dak li jirrigwarda t-tieni argument tar-rikorrenti, dwar l-użu mill-Kummissjoni tal-bejgħ magħmul matul it-tul kollu tal-ksur, minflok tal-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena fiskali, mill-punt 24 tal-Linji gwida tal-2006 jirriżulta li, sabiex jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni t-tul tal-parteċipazzjoni ta' kull impriża fil-ksur, l-ammont iddeterminat skont il-valur tal-bejgħ għandu jiġi mmultiplikat bin-numru ta' snin ta' parteċipazzjoni fil-ksur.

770 F'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat li l-Kummissjoni kkalkolat l-ammont bażiku tal-multa billi għaddet flimkien il-valur tal-bejgħ magħmul mir-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti, jiġifieri matul it-tieni semestru tas-sena 2009, matul is-sena 2010 kif ukoll matul l-ewwel semestru tas-sena 2011, minflok ma kkalkolatu billi mmultiplikat il-valur tal-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena kalendarja bin-numru ta' snin ta' parteċipazzjoni fil-ksur, jiġifieri sentejn.

771 Issa, kuntrarjament għall-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006, li jagħti lill-Kummissjoni l-possibbiltà li tuża valur tal-bejgħ differenti minn dak relatat mal-aħħar sena fiskali, il-punt 24 ta' dawn il-linji gwida ma jipprevedix il-possibbiltà ta' deroga.

772 Għalkemm huwa minnu li l-punt 37 tal-Linji gwida tal-2006 jippermetti li l-Kummissjoni, b'mod ġenerali, ma tapplikax il-metodu previst minn dawn il-linji gwida, xorta jibqa' l-fatt li, f'każ bħal dan, il-Kummissjoni hija obbligata timmotiva b'mod partikolari r-raġunijiet li wassluha sabiex ma tapplikax l-imsemmi metodu.

773 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza jirriżulta, minn naħa, li, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tapplikax il-metodu ġenerali espost fil-Linji gwida tal-2006, li permezz tagħhom hija llimitat ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fir-rigward tal-iffissar tal-ammont tal-multi, billi tibbaża ruħha fuq il-punt 37 tal-imsemmija linji gwida, dan ir-rekwiżit ta' motivazzjoni huwa iktar u iktar neċessarju u, min-naħa l-oħra, li l-linji gwida jipprevedu regola ta' kondotta indikattiva tal-prattika li għandha tiġi segwita li l-Kummissjoni ma tistax ma tapplikax, f'każ partikolari, mingħajr ma tagħti raġunijiet li jkunu kompatibbli, b'mod partikolari, mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Din il-motivazzjoni għandha tkun saħansitra iktar speċifika peress li dan il-punt jagħmel biss riferiment vag għall-"aspetti partikolari ta' każ speċifiku" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u għalhekk iħalli marġni ta' evalwazzjoni wiesa' lill-Kummissjoni biex tagħmel aġġustament eċċezzjonali tal-ammonti bażiċi tal-multi tal-impriżi kkonċernati. Fil-fatt, f'tali każ, l-osservanza mill-Kummissjoni tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi, fosthom l-obbligu ta' motivazzjoni, għandha importanza saħansitra iktar fundamentali (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

774 Madankollu, għalkemm il-Kummissjoni effettivament tispjega għaliex hija użat il-valur tal-bejgħ relatat mas-sena kalendarja 2010, u mhux dik relatata mal-aħħar sena fiskali, hija ma jirnexxilhiex tiġġustifika l-użu tal-valur tal-bejgħ relatat mat-tul totali tal-ksur (u mhux dak tal-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena tal-ksur, sussegwentement immultiplikat bi tnejn, fid-dawl tal-perijodu ta' ksur ta' sentejn), peress li hija tillimita ruħha li ssostni li hija ma setgħetx

tibbaża l-kalkoli tagħha fuq l-aħħar sena sħiħa tal-ksur, peress li hija kellha biss ċifri aggregati għas-sena kalendarja. Fil-fatt, il-Kummissjoni setgħet tabilħaqq tuża l-valur tal-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena kalendarja tal-ksur, li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha u li hija kienet tikkunsidra bħala affidabbli, u timmultiplika dan il-valur bit-tul fi snin tal-ksur, jiġifieri bi tnejn.

775 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-motivazzjoni għandha, bħala prinċipju, tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin bħad-deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju. L-assenza ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata bil-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf bir-raġunijiet tad-deċiżjoni matul il-proċedura quddiem l-istanzi tal-Unjoni (sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 149; tad-19 ta' Lulju 2012, Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Alliance One International *et*, C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 74, u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 46). Minn dan jirriżulta li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' din il-proċedura u, b'mod iktar partikolari, fl-istadju tal-kontroreplika, fir-rigward tar-raġunijiet li wassluha sabiex ma tapplikax il-punt 24 tal-Linji gwida tal-2006, anki jekk kellu jitqies li din hija konvinċenti, fi kwalunkwe każ ma tistax tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward tad-Deċiżjoni kkontestata.

776 Minn dan jirriżulta li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma applikatx, mingħajr ġustifikazzjoni, il-metodu stabbilit mil-Linji gwida tal-2006 billi bbażat ruħha, fil-kuntest ta' din il-proċedura u fl-istadju tal-kontroreplika, fuq ġustifikazzjoni insuffiċjenti.

777 F'dak li jirrigwarda t-tielet argument tar-rikorrenti, dwar l-assenza ta' possibbiltà li ssostni l-perspettiva tagħha fir-rigward tal-metodu li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tapplika sabiex tiffissa l-ammont bażiku tal-multa, huwa paċifiku li r-rikorrenti ġiet informata fit-13 ta' Ġunju 2019 b'dan il-metodu u, b'mod iktar partikolari, bil-fatt li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tuża l-informazzjoni relatata mal-bejgħ imwettaq għal kull sena kalendarja. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tikkondividi l-kummenti eventwali tagħha f'dan ir-rigward.

778 Madankollu, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma setgħetx validament tistenna li hija tikkalkola l-ammont bażiku tal-multa abbażi tal-valur tal-bejgħ magħmul matul il-perijodu rilevanti kollu, sempliċement għaliex il-Kummissjoni kienet talbitha tikkomunikalha l-valur tal-bejgħ taċ-ċipep UMTS għal kull sena finanzjarja sħiħa, mill-2009 sal-2011, jiġifieri għall-imsemmi perijodu kollu.

779 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq jirriżulta li din il-parti u, għaldaqstant, l-erbatax-il motiv, għandhom jintlaqgħu parzjalment. Konsegwentement, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni kkontestata għandu jiġi annullat, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-partijiet l-oħra ta' dan il-motiv, li huma kollha intiżi għall-annullament tal-imsemmija dispożizzjoni.

Fuq il-ħmistax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tirrikonoxxi l-kompetenza tal-Kummissjoni u l-effett fuq il-kummerċ

780 Dan il-motiv huwa bbażat fuq żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE. It-tieni parti hija bbażata fuq l-eżistenza ta' effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri kkawżati mill-aġir inkriminat.

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE

781 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta ddikjarat li hija għandha l-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE fid-Deċiżjoni kkontestata, u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

782 Fl-ewwel lok, l-aġir inkriminat ma ġiex implimentat fiż-ŻEE, fid-dawl tal-assenza ta' bejgħ dirett taċ-ċipep ikkonċernati fi jew lejn iż-ŻEE.

783 Fit-tieni lok, għar-raġunijiet esposti insostenn tad-disa' motiv, l-aġir inkriminat ma setax jipproduċi effetti ta' esklużjoni antikompetittivi fi ħdan iż-ŻEE. Anki li kieku dan kien il-każ, fi kwalunkwe każ dawn l-effetti ma kinux ikunu sostanzjali, immedjati u prevedibbli.

784 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

785 Għandu jitfakkar li, f'dak li jirrigwarda l-aġir adottat barra mit-territorju taż-ŻEE, il-kompetenza tal-Kummissjoni fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 102 TFUE tista' tiġi stabbilita jew fid-dawl tal-kriterju tal-implimentazzjoni, jew inkella fid-dawl tal-kriterju tal-effetti kklassifikati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 40 sa 47; ara wkoll, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Lulju 2018, Brugg Kabel u Kabelwerke Brugg vs Il-Kummissjoni, T-441/14, EU:T:2018:453, punti 95 sa 97).

786 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat ukoll li l-kriterji tal-implimentazzjoni u tal-effetti kklassifikati huma alternattivi u mhux kumulattivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni, C-413/14 P, EU:C:2017:632, punti 62 sa 64, u tat-12 ta' Lulju 2018, Brugg Kabel u Kabelwerke Brugg vs Il-Kummissjoni, T-441/14, EU:T:2018:453, punt 98).

787 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li, fil-punt 13 tad-Deċiżjoni kkontestata, sabiex tistabbilixxi l-kompetenza tagħha fid-dawl tad-dritt internazzjonali pubbliku sabiex tikkonstata u tissanzjona ksur tal-Artikolu 102 TFUE, il-Kummissjoni bbażat ruħha kemm fuq il-kriterju tal-implimentazzjoni kif ukoll fuq il-kriterju tal-effetti kklassifikati (premessi 1204 sa 1210 tad-Deċiżjoni kkontestata).

788 F'dak li jirrigwarda l-kriterju ta' implimentazzjoni, fil-premessa 1203 tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat li dan kien issodisfatt, peress li r-rikorrenti kienet taf jew kellha tkun taf li l-apparat assemblat minn Huawei u minn ZTE, li jinkorpora waħda miċ-ċipep baseband tagħha, kien ser jiġi kkummerċjalizzat ukoll fiż-ŻEE, u dan huwa kkonfermat minn diversi provi kontemporanji għall-fatti allegati u, b'mod iktar partikolari, minn tweġiba tar-rikorrenti fformulata matul il-proċedura amministrattiva kif ukoll minn diversi dokumenti interni tar-rikorrenti.

789 Issa, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma tikkontesta l-fatt li Huawei u ZTE, li lilhom hija biegħet ċipep bi prezzijiet predatorji, integrawhom f'apparat ikkummerċjalizzat fiż-ŻEE u lanqas il-fatt li hija kienet taf jew kellha tkun taf dan, u huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni qieset, fid-Deċiżjoni kkontestata, li l-kriterju tal-implimentazzjoni kien issodisfatt.

790 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tistax utilment issostni l-assenza ta' bejgħ dirett fiż-ŻEE, peress li l-Kummissjoni ma tinvokax dan l-element fid-Deċiżjoni kkontestata sabiex turi li l-kriterju tal-implimentazzjoni huwa sodisfatt.

791 Konsegwentement, il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta ddeċidiet li l-kriterju tal-implimentazzjoni kien issodisfatt f'dan il-każ.

792 Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura alternattiva tal-kriterju tal-implimentazzjoni u tal-kriterju tal-effetti kklassifikati, hekk kif dan jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 786 iktar 'il fuq, peress li r-rikorrenti ma rnexxilhiex tikkonfuta l-konklużjoni tal-Kummissjoni li tgħid li l-kriterju tal-implimentazzjoni kien issodisfatt, ma huwiex neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni qisitx b'mod korrett li anki l-kriterju l-ieħor, jiġifieri dak tal-effetti kklassifikati, kien issodisfatt, peress li l-kriterju tal-implimentazzjoni, ikkunsidrat waħdu, jippermetti li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni kellha l-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE.

793 Minn dak li ġie espost iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel parti tal-ħmistax-il motiv għandha tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-eżistenza ta' effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri kkawżati mill-aġir inkriminat

794 Ir-rikorrenti ssostni, filwaqt li tagħmel riferiment għall-argumenti tagħha żviluppati insostenn tad-disa' motiv, li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet, fil-premessa 1216 tad-Deċiżjoni kkontestata, li l-aġir inkriminat kellu effett kunsiderevoli fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

795 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

796 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat jekk il-kummerċ bejn Stati Membri jistax jiġi affettwat mill-abbuż ta' pożizzjoni dominanti, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-konsegwenzi li dan jinvolvi għall-istruttura tal-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern (ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 1988, Bodson, 30/87, EU:C:1988:225, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

797 F'dawn iċ-ċirkustanzi, prattiki li l-għan tagħhom huwa li l-kompetitur prinċipali stabbilit fis-suq intern jiġi eliminat mis-suq jistgħu, min-natura tagħhom stess, jaffettwaw l-istruttura tal-kompetizzjoni fis-suq intern u għalhekk jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens tal-Artikolu 102 TFUE (sentenza tat-8 ta' Ottubru 1996, Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni, T-24/93 sa T-26/93 u T-28/93, EU:T:1996:139, punt 203).

798 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li prattika antikompetittiva li tirrigwarda prodott nofsu lest tista' taffettwa l-kummerċ fi ħdan is-suq intern, anki jekk dan il-prodott nofsu lest ma huwiex minnu nnifsu s-suġġett ta' kummerċ bejn l-Istati Membri, meta tali prodott jikkostitwixxi l-materja prima ta' prodott ieħor ikkummerċjalizzat xi mkien ieħor fl-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Jannar 1985, Clair, 123/83, EU:C:1985:33, punt 29).

799 F'dan il-każ, mill-eżami tal-għaxar motiv jirriżulta li l-Kummissjoni wriet b'mod suffiċjenti fid-dritt li l-aġir inkriminat kellu l-għan li jelimina lil Icera, il-kompetitriċi prinċipali tar-rikorrenti, li fil-mument ta' meta seħħew il-fatti kienet stabbilita fi ħdan l-Unjoni, u dan ġie espliċitament ikkonfermat mill-intervenjenti waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali. Barra

minn hekk, dan l-aġir kien jirrigwarda ċipep UMTS, jiġifieri prodotti nofshom lesti, intiżi għall-apparat MBB ikkummerċjalizzat, b'mod partikolari, fl-Unjoni, u dan ma huwiex ikkontestat b'mod validu mir-rikorrenti.

800 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kisritx l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha u ma wettqitx żbalji meta kkunsidrat, fid-Deċiżjoni kkontestata, li l-aġir inkriminat seta' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ħmistax-il motiv għandha tiġi miċħuda.

801 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq jirriżulta li l-ħmistax-il motiv għandu jiġi miċħud.

Fuq it-talba għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-multa

802 Il-ġurisdizzjoni sħiħa tippermetti li l-Qorti Ġenerali, lil hinn mis-sempliċi stħarriġ tal-legalità tas-sanzjoni, li jippermetti biss li r-rikors għal annullament jiġi miċħud jew li l-att ikkontestat jiġi annullat, tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni bl-evalwazzjoni tagħha u, konsegwentement, li tbiddel l-att ikkontestat, anki fl-assenza ta' annullament, fid-dawl taċ-ċirkustanzi fattwali kollha, sabiex, b'mod partikolari, tibdel l-ammont tal-multa, kemm sabiex tnaqqas dan l-ammont kif ukoll sabiex żżidu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Frar 2007, Groupe Danone vs Il-Kummissjoni, C-3/06 P, EU:C:2007:88, punti 61 u 62, u tat-3 ta' Settembru 2009, Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni, C-534/07 P, EU:C:2009:505, punt 86).

803 Fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tiddetermina l-ammont tal-multa billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. Dan l-eżerċizzju jinvolvi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, it-teħid inkunsiderazzjoni kemm tal-gravità tal-ksur imwettaq kif ukoll tat-tul tiegħu, fl-osservanza tal-prinċipji, b'mod partikolari, ta' proporzjonalità u ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjonijiet (ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata).

804 Fil-kuntest tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali għandha tesponi wkoll b'mod iddettaljat il-fatturi li hija tieħu inkunsiderazzjoni meta tiffissa l-ammont tal-multa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Trafilerie Meridionali vs Il-Kummissjoni, C-519/15 P, EU:C:2016:682, punt 52).

805 F'dan il-każ, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa intiża li tissanzjona lir-rikorrenti talli applikat, matul sentejn, prezzijiet predatorji selettivi bl-għan li telimina lill-kompetitriċi prinċipali tagħha, il-Qorti Ġenerali tqis li għandha, sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-eżami li hija għamlet tat-tieni parti tal-erbatax-il motiv, tipproċedi kif ġej.

Osservazzjoni preliminari

806 Għalkemm ma hijiex marbuta bil-linji gwida tal-Kummissjoni għall-kalkolu tal-multi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Trafilerie Meridionali vs Il-Kummissjoni, C-519/15 P, EU:C:2016:682, punti 52 sa 55), il-Qorti Ġenerali tqis li f'dan il-każ għandu jiġi applikat il-metodu stabbilit mil-Linji gwida tal-2006, li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti.

Iffissar tal-ammont bażiku tal-multa

807 Fid-dawl tal-fatt li l-punt 13 tal-Linji gwida tal-2006 ma jimponix l-obbligu li jintuża l-valur tal-bejgħ magħmul matul l-aħħar sena fiskali, hekk kif dan jirriżulta mill-punti 763 sa 765 iktar 'il fuq, f'dan il-każ għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ fis-suq taċ-ċipep UMTS li r-rikorrenti għamlet fiż-ŻEE matul l-aħħar sena kalendarja tal-ksur, jiġifieri s-sena kalendarja 2010. Fil-fatt, din l-għażla hija ġġustifikata mill-fatt li, f'dan il-każ, id-data ppreżentata mir-rikorrenti għal kull sena fiskali ma hijiex affidabbli, għar-raġunijiet esposti fil-premessi 1246 sa 1266 tad-Deċiżjoni kkontestata.

808 F'dan ir-rigward, mit-tabella 75 tad-Deċiżjoni kkontestata, li ma hijiex ikkontestata mill-partijiet, jirriżulta li, matul is-sena kalendarja 2010, il-valur tal-bejgħ taċ-ċipep UMTS li r-rikorrenti għamlet fiż-ŻEE kien ta' [kunfidenzjali].

Il-livell ta' gravità tal-ksur

809 F'dak li jirrigwarda l-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ u, b'mod partikolari, l-importanza ekonomika tas-suq taċ-ċipep UMTS fuq livell dinji, in-natura tal-ksur imwettaq mir-rikorrenti, il-fatt li l-prattika kkontestata kienet tikkonċerna l-unika kompetitriċi li kellha l-kapaċità li tisfida lir-rikorrenti fis-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata ta' dan is-suq, il-fatt li dan l-aġir seta' wkoll jiddiswadi kompetituri potenzjali oħra u l-kopertura ġeografika tal-ksur, ta' portata mondjali u li jinkludi ż-ŻEE kollha.

810 Għaldaqstant, għandu jiġi applikat fattur ta' gravità ta' 11 %, li jagħti lok għal ammont ta' [kunfidenzjali].

Numru ta' snin ta' ksur

811 Mil-punt 24 tal-Linji gwida tal-2006 jirriżulta li sabiex jittieħed kompletament inkunsiderazzjoni t-tul tal-parteċipazzjoni ta' kull impriża fil-ksur, l-ammont iddeterminat skont il-valur tal-bejgħ għandu jiġi mmultiplikat bin-numru ta' snin ta' parteċipazzjoni fil-ksur.

812 F'dan il-każ, sa fejn il-ksur dam sentejn (premessa 1295 tad-Deċiżjoni kkontestata), l-ammont iddeterminat skont il-valur tal-bejgħ għandu jiġi mmultiplikat bi tnejn, li jagħti lok għal ammont ta' [kunfidenzjali].

Ammont addizzjonali

813 Mill-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006 jirriżulta li, sabiex impriżi tal-istess daqs u li għandhom riżorsi identiċi jiġu dissważiv milli jwettqu prattiki antikompetittivi simili għal dawk issanzjonati f'dan il-każ, somma ta' bejn 15 % u 25 % tal-valur tal-bejgħ tista' tiġi inkluża fl-ammont bażiku tal-multa.

814 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li l-għan ta' dissważjoni jista' jiġi ggarantit bl-applikazzjoni ta' rata inqas minn dik, purament indikattiva, prevista fil-punt 25 tal-Linji gwida tal-2006.

815 Għal dawn ir-raġunijiet, fl-ammont bażiku tal-multa għandha tiġi inkluża somma li tikkorrispondi għal 11 % tal-valur tal-bejgħ ta' ċipep UMTS li r-rikorrenti għamlet fiż-ŻEE matul is-sena kalendarja 2010, kif jirriżulta mit-tabella 75 tad-Deċiżjoni kkontestata, mhux ikkontestat mill-partijiet, li jagħti lok għal ammont ta' [kunfidenzjali].

Iċ-ċirkustanzi attenwanti jew aggravanti

816 F'dan il-każ, l-ebda wieħed mill-elementi li għalihom tagħmel b'mod ġenerali riferiment ir-rikorrenti ma jista' jwassal għal tnaqqis tal-ammont tal-multa skont il-punt 29 tal-imsemmija linji gwida u, meqjusa ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, ebda aġġustament tal-ammont bażiku tal-multa ma huwa xieraq.

817 Barra minn hekk il-Qorti Ġenerali tqis, l-istess bħalma tagħmel il-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata, li f'dan il-każ ma hijiex indikata żieda fl-ammont tal-multa minħabba ċirkustanzi aggravanti.

818 Minn dan jirriżulta li l-ammont tal-multa ma għandux jiġi adattat minħabba ċirkustanzi attenwanti jew aggravanti.

Id-deċiżjoni fir-rigward tal-ammont tal-multa

819 Mill-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq jirriżulta li l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti huwa ffissat għal EUR 238 732 659.33.

Fuq l-ispejjeż

820 Skont kliem l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Barra minn hekk, skont kliem l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża jkun jidher iġġustifikat, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li waħda mill-partijiet għandha, minbarra l-ispejjeż tagħha, tbati parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

821 F'dan il-każ, kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-Kummissjoni tilfu parzjalment.

822 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li r-rikorrenti tiġi kkundannata tbati kemm disgħa minn għaxra mill-ispejjeż rispettivi tagħha, kif ukoll disgħa minn għaxra mill-ispejjeż tal-Kummissjoni u l-ispejjeż kollha tal-intervenjenti. Il-Kummissjoni għandha tbati kemm waħda minn għaxra mill-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll waħda minn għaxra mill-ispejjeż tar-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5361 final tat-18 ta' Lulju 2019 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39711 – Qualcomm (predazzjoni [prezzijiet predatorji]) hija annullata.**

2) **L-ammont tal-multa imposta fuq Qualcomm Inc. fl-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni huwa stabbilit, għall-ksur li hija wettqet hekk kif dan jirriżulta mill-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni, għal EUR 238 732 659.33.**

3) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

4) **Qualcomm għandha tbati kemm disgħa minn għaxra mill-ispejjeż rispettivi tagħha, kif ukoll disgħa minn għaxra mill-ispejjeż tal-Kummissjoni u l-ispejjeż kollha ta' Nvidia Corp.**

5) **Il-Kummissjoni għandha tbati kemm waħda minn għaxra mill-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll waħda minn għaxra mill-ispejjeż ta' Qualcomm.**

Spielmann Mastroianni Gâlea

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-18 ta' Settembru 2024.

Ir-Reġistratur
V. Di Bucci

Il-President
D. Spielmann

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

Il-kuntest tal-kawża . . . 2

Il-proċedura amministrattiva . . . 4

Il-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata . . . 6

Il-prodotti konċernati . . . 6

Is-suq rilevanti . . . 7

Il-pożizzjoni dominanti . . . 7

L-abbuż minn pożizzjoni dominanti . . . 8

– L-assenza ta' ġustifikazzjoni . . . 9

– Il-ksur uniku u kontinwu . . . 9

– Il-kompetenza tal-Kummissjoni . . . 9

– Is-sanzjoni . . . 9

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet . . . 9

Il-proċedura . . . 9

It-talbiet tal-partijiet . . . 12

Id-dritt . . . 13

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq irregolaritajiet proċedurali . . . 15

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba . . . 15

– Osservazzjonijiet preliminari . . . 15

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq it-tul eċċessiv tal-investigazzjoni . . . 16

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-natura insuffiċjentement kompleta u preċiża tal-fajl 19

– Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq investigazzjoni di parte . . . 21

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet . . . 24

– Osservazzjonijiet preliminari . . . 24

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-aċċess insuffiċjenti għall-fajl 25

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq il-kontenut insuffiċjenti tal-fajl trażmess 26

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tas-suq rilevanti u l-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti 29

Fuq l-ewwel parti, dwar il-lakuni tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq rilevanti 30

– L-osservazzjonijiet preliminari 30

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq selezzjoni ta' tweġibiet vagi għal mistoqsijiet li ma tantx huma ċari 31

– Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ma eżaminatx l-eżistenza ta' katina ta' sostituzzjoni 33

– Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u ta' liġi sa fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li hija ma kellhiex tapplika t-test SSNIP 34

Fuq it-tielet parti, dwar ir-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati direttament permezz tal-captive supply fuq is-suq ħieles 35

Fuq it-tielet parti, dwar ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni eżerċitati direttament permezz tal-captive supply fuq is-suq ħieles 39

Fuq ir-raba' parti, dwar il-pożizzjoni dominanti tar-rikorrenti matul il-perijodu rilevanti . . . 43

Fuq il-ħames parti, dwar id-definizzjoni tas-segment tal-aktar teknoloġija avvanzata tas-suq taċ-ċipep UMTS li fuqu l-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha 46

Il-ħames motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u fuq nuqqas ta' osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda r-rikostruzzjoni tal-prezzijiet "effettivament imħallsa" 47

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-natura inutli tal-"ipproċessar mill-ġdid tal-prezzijiet" imwettaq fid-Deċiżjoni kkontestata 47

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji mwettqa fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-"ipproċessar mill-ġdid" imwettaq 51

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq l-"allokazzjoni żbaljata tal-ispejjeż ta' inġinerija mhux rikorrenti" . 53

Fuq l-ewwel parti, dwar il-ħlas NRE lil ZTE 54

Fuq it-tieni parti, dwar il-ħlas NRE lil Huawei 59

Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq l-"assenza ta' riferiment xieraq fil-qasam tal-ispejjeż ta' riferiment" 61

Osservazzjonijiet preliminari 61

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u tal-prinċipju in dubio pro reo 62

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-kriterju tal-LRAIC ma huwiex l-ispiża ta' riferiment xierqa 64

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq il-fatt li l-LRAIC ikkalkolati mill-Kummissjoni ma jikkorrispondux għal-LRAIC "veri" 68

Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" u ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni li tgħid li l-prezzijiet li r-rikorrenti pprattikat eskludew lil Icera u kkawżaw dannu lill-konsumaturi 78

Fuq l-ewwel parti bbażata fuq l-assenza ta' analiżi mill-Kummissjoni tal-kompetitur imsejjaħ "daqstant effiċjenti" 79

Fuq il-partijiet l-oħra, ibbażati, essenzjalment, fuq l-assenza ta' effetti tal-aġir inkriminat . . . 80

Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, fuq nuqqas ta' motivazzjoni kif ukoll fuq ksur tad-dritt għal smigħ u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, sa fejn il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prattiki tariffarji tar-rikorrenti kienu jiżguraw l-implimentazzjoni ta' pjan intiż li jeskludi lil Icera 81

Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni f'dak li jirrigwarda ċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-ġustifikazzjoni oġġettiva mressqa mir-rikorrenti 89

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq "żball ta' liġi li jirriżulta min-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni legali t-tajba" 92

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-"dispożizzjoni legali t-tajba" kif iddefinita fil-Komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet 92

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza dwar il-prezzijiet predatorji u, b'mod iktar ġenerali, dwar il-prattiki tariffarji 95

Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' prevedibbiltà 96

Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq in-"natura illoġika u mhux sostnuta minn provi tat-'teorija tal-predazzjoni'"; 97

Osservazzjonijiet preliminari 97

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni, li hija "immirata u selettiva", ma hijiex konnessa mad-definizzjoni tas-suq u ġiet adattata sabiex tintlaħaq konklużjoni predeterminata 98

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" tal-Kummissjoni hija ta' natura intrinsikament inkoerenti u ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti 99

Fuq it-tielet parti, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi n-natura irrazzjonali tal-aġir tar-rikorrenti u tal-istrateġija tagħha ta' predazzjoni 100

Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq in-natura ogħla tal-prezzijiet tar-rikorrenti meta mqabbla ma' dawk ta' Icera 101

Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni ta' provi li jiskaġunaw kruċjali 101

Fuq is-sitt parti, ibbażata fuq l-assenza ta' prova ta' predazzjoni finanzjarja 102

Fuq is-seba' parti, ibbażata fuq in-natura ġdida, żbaljata u infondata tat-"teorija tal-predazzjoni" 103

Fuq it-tmien parti, ibbażata fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni" fir-rigward tal-predazzjoni diretta bejn it-tielet trimestru tal-2010 u t-tieni trimestru tal-2011 103

Fuq id-disa' parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni injorat ir-realtà kummerċjali taċ-ċippa MDM8200 104

Fuq l-għaxar parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li t-"teorija tal-predazzjoni" hija ta' natura illoġika u tmur kontra r-regoli elementari tal-ekonomija 104

Fuq il-ħdax-il parti, ibbażata kemm fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli turi rkupru tat-telf imġarrab matul il-perijodu rilevanti, kif ukoll fuq l-assenza ta' indikazzjoni tal-mument li fih intemmet il-predazzjoni 105

Fuq it-tnax-il parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterju tal-kompetitur "daqstant effiċjenti" u fuq il-prestazzjonijiet tajbin ta' Icera matul il-perijodu rilevanti, li jirrifjutaw it-"teorija tal-predazzjoni" 105

Fuq it-tlettax-il parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball li jikkundanna l-kompetizzjoni reali 106

Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq in-"natura manifestament żbaljata tal-analiżi prezzijiet-spejjeż imwettqa" 106

Osservazzjonijiet preliminari 107

Fuq l-ewwel parti, dwar il-perijodu tal-bidu tal-analiżi prezzijiet-spejjeż 107

Fuq il-partijiet l-oħra, relatati mal-iżbalji l-iktar fundamentali mwettqa fl-analiżi prezzijiet-spejjeż mhux ikkoreġuti fid-Deċiżjoni kkontestata 108

Fuq it-tnax-il motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex immotivata b'mod suffiċjenti 109

Fuq it-tlettax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", fuq assenza ta' bażi u fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda t-tul tal-ksur 111

Fuq l-erbatax-il motiv, ibbażat fuq in-natura "manifestament żbaljata" tad-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-impożizzjoni u l-kalkolu tal-multa 111

Osservazzjonijiet preliminari 111

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq żbalji ta' evalwazzjoni u ta' liġi, fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ 112

Fuq il-ħmistax-il motiv, ibbażat fuq "żbalji manifesti ta' evalwazzjoni", ta' fatt u ta' liġi, kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tirrikonoxxi l-kompetenza tal-Kummissjoni u l-effett fuq il-kummerċ 115

Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma għandhiex il-kompetenza sabiex tapplika l-Artikolu 102 TFUE 116

Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-eżistenza ta' effetti fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri kkawżati mill-aġir inkriminat 117

Fuq it-talba għat-tneħħija jew għat-tnaqqis tal-multa 118

Osservazzjoni preliminari 118

Iffissar tal-ammont bażiku tal-multa 119

Il-livell ta' gravità tal-ksur 119

Numru ta' snin ta' ksur 119

Ammont addizzjonali 119

Iċ-ċirkustanzi attenwanti jew aggravanti 120

Id-deċiżjoni fir-rigward tal-ammont tal-multa 120

Fuq l-ispejjeż 120